# Gourgion

Ġunju 2016

Għadd 58



Ħarġa Speċjali


J&D
SOLID WOOD WORK
Għal kull xorta ta'
għamara u bibien
JOHN DEBRINCAT
6, Light House Str
Ghasri - Gozo
Mob:79703297
Tel:21563819
debrincatjohn@onvol.net

## GOURGION 2016

Editur: Mario Xerri
Disinn tal-Qoxra: Joseph Xuereb
Reklami: Tania Attard, Anna Cassar, Sally Cefai, Marjohn Hili, Mary Xerri.
Fili tal-Kitba: Irene Attard, Anette Azzopardi, Josette Cardona, Moira Caruana, Leanne Cini, Josette Gauci, Felicienne Xerri.
Mitbugħ: BCD Printing, Victoria - 21551050

## WERREJ

Il-Messaġġ tal-Arċipriet 2
Il-Messaġġ tas-Sindku 3
L-Ispirtu s-Santu fid-dar ta' Żakkarija 5
L-Ikonografija ta' Ġwanni l-Battista 9
Il-Magħmudija ta' Sidna Ġesù Kristu minn Ġwanni l-Għammiedi. 14
Monitoraġġ tal-Arja fil-Mediterran ko-ordinat mix-Xewkija 17
Għaqdiet Reliġjużi fix-Xewkija
- Għaqda Abbatini Xewkija 23
- Azzjoni Kattolika 25
- Leġjun ta' Marija 27
- Museum - Sezzjoni Bniet 29
- Museum - Sezzjoni Subien 31

Esperjenza fil-Vatikan 33
Programm tal-festa 2016 40
The Rotuna 43
Bosta Jifirħu fi Twelidu 46
Rajtek tinbidel 47
Ringrazzjament lill-Arċ. Emeritu Mons Carmelo Mercieca 49
Merħba fostna Arċ. Mons. Daniel Xerri 61
Lil San Ġwann l-Għammiedi 74
Il-Kappillani u l-Arċiprieti tax-Xewkija 75
Ħidmet l-Għaqdiet Xewkin
- St John the Baptist Association in Australia 81
- Mill-Għaqda Armar Xewkija 82
- Mill-Kummissjoni Armar tal-Ħamrija 84
- Sena mpenjattiva għal Radju Prekursur 85
- Soċjeta Filarmonka Prekursur 86
- Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin 87
- Xewkija Tigers F.C. 88
- Xewkija Tigers F.C. Football Nursery 89

L-Iskola ta' raħalna 90
Emanuel Benjamin (E.B.) Vella: Mosti ta'nisel Għawdxi 95
Aġġornament dwar il-*pipe organ* tar-Rotunda 99
Mid-Djarju tal-Parroċċa 103
Leħen Missjunarji Xewkin 108
Mir-Reġistru tal-Parroċċa 111
Nifirħu u Nawguraw 114
Minn Fuq Spallejn Missieri 116

Il-fehmiet li jistqarru l-awturi u l-kontributuri mhumiex neċessarjament dawk tal-Bord Editorjali.

**Korrispondenza:**
Uffiċċju Parrokkjali, Pjazza San Ġwann Battista, Xewkija.

**Tel:** 21556793 **www.xewkijaparish.org**

# Editorjal

## ALLA ĦANIN

Ninsabu fil-qalba tal-Ġublew straordinarju tal-ħniena, ġublew imniedi mill-Papa Franġisku bil-għan li jressaqna dejjem aktar lejn il-persuna ta' Ġesù, li kif jgħidilna l-istess Papa fil-Bolla tal-Indizzjoni, Ġesù hu l-wiċċ tal-ħniena tal-Missier.

Huma bosta wlied il-parroċċa tagħna (u jalla jkomplu jiżdiedu) li jġorru f'isimhom stess il-messaġġ li qed iwasslilna dan il-Ġublew straordinarju. Infatti dawk li jġibu l-isem tal-maħbub patrun tagħna Ġwanni (bl-Ebrajk *Johanann),* isem magħżul minn Alla innifsu, qed jistqarru li 'l-Mulej ħanin'. Ma nkunux niżbaljaw jekk inqisu lil Ġwanni bħala l-profeta tal-ħniena li għadu jistedinna nħejju t-triq tal-Ħaruf t'Alla li jneħħi d-dnubiet tad-dinja. Misjuqin mit-tagħlim u mill-eżempju tal-Battista, ejjew inkunu lesti li naqsmu mal-proxxmu l-ħniena li rċivejna. Fih x'tifhem kliem San Ġorġ Preca li jistqarr li jekk trid tgħaddi xi ħaġa lil Alla, għaddihielu mal-proxxmu.

Bħalma Żakkarija fit-twelid ta' ibnu jdur lejn Alla u jfaħħru li wera ħniena ma' Iżrael u ftakar fil-patt qaddis tiegħu, hekk ukoll għandha tħossha l-parroċċa tagħna din is-sena. Alla kompla juri ħnientu mal-komunità tagħna billi matul din is-sena laqgħet fi ħdanha l-ħmistax -il ragħaj tagħha fil-persuna ta' Mons. Daniel Xerri.

M' għandniex kliem biex inroddu ħajr lil Alla tal-ħidma bla ma taqta' tal-Arċipriet emeritus Mons. Carmelo Mercieca. Ħabb il-parroċċa, ħass il-polz tagħha, magħha qasam il-ferħ u n-niket, kien ħabrieki, maħbub, umli u bla tlaqliq nistgħu ngħidu li ta ħajtu għall-parroċċa li tagħha kien binha. Ġenerazzjonijiet sħaħ huma midjuna lejh. Iżda wara tlieta u erbgħin sena ta' servizz kien wasal iż-żmien li r-riedni tal-parroċċa tgħaddi f'idejn Mons. Daniel.

F'isem il-qarrejja kollha ta' din ir-rivista li tant kienet għal qalbu u li ħolom biha hu stess, nirringrazzjaw lil Mons. Carmelo Mercieca u nawgurawlu ħidma fejjieda fir-rwoli ġodda li lilu ġew assenjati. Nilqgħu b'idejn miftuħa lil Mons. Daniel, nawgurawlu ħidma fejjieda fl-għalqa tal-Mulej afdata f'idejh. Inwegħduh l-għajnuna tagħna u nitolbu lil Alla u lil San Ġwann iżommu idejhom fuqu matul il-parrokat tiegħu.

Bħala parroċċa waħda u magħquda bħalma dejjem kienet, inkomplu niġbdu ħabel wieħed u f'direzzjoni waħda. Inkomplu nimxu lejn id-direzzjoni li qed jurina s-saba' l-werrej ta' Ġwanni l-Battista, jiġifieri lejn il-maħbub Ġesù.

Waqt li nirringrazzjaw lill-kontributuri kollha, nawguraw il-festa t-tajba lil kulħadd.

## MESSAĠĠ TAL-ARĊIPRIET MONS. DANIEL XERRI



# FIT-TWELID TA' ĠWANNI
# *"Alla wera ħniena magħna"*

Għeżież,

Inqisha bħala grazzja partikulari li proprju din l-ewwel sena tal-ministeru tiegħi fostkom, bħala Arċipriet tal-Parroċċa tal-Battista, kellha taħbat mas-sena tal-Ġublew tal-Ħniena mnedija mill-Papa Franġisku. Fl-ittra li biha nieda din is-sena ta' grazzja, il-Papa qalilna: "Bil-ħarsa tagħna msammra fuq Ġesù u l-wiċċ ħanin tiegħu, nistgħu nilqgħu l-imħabba tat-Trinità Qaddisa. Il-missjoni li Ġesù rċieva mingħand il-Missier kienet dik li juri l-misteru tal-imħabba divina fil-milja kollha tiegħu. 'Alla huwa Mħabba' (1 Ġw 4:8,16), jistqarr għall-ewwel u l-unika darba fl-Iskrittura Mqaddsa kollha l-evanġelista Ġwanni. Din l-imħabba issa dehret u nistgħu mmissuha b'idejna fil-ħajja kollha ta' Ġesù. Il-persuna tiegħu mhix ħlief imħabba, imħabba li tingħata b'xejn. Ir-relazzjonijiet tiegħu mal-persuni li jersqu lejh jikxfu xi ħaġa unika u irripetibbli. Is-sinjali li jwettaq, fuq kollox mal-midinbin, mal-foqra, mal-imwarrbin, mal-morda u mal-imġarrbin, huma kollha f'isem il-ħniena tiegħu. Fih kollox jitkellem dwar il-ħniena. M'hemm xejn fiH li m'għandux ħniena." (*Misericordiae vultus*, 8).

Dan Ġesù, li ġie biex jurina l-wiċċ kollu ħniena tal-Missier, kellu bħala Prekursur tiegħu lil Ġwanni. Nistgħu ngħidu li fil-ħajja tal-Battista dehret diġà dik il-ħniena li kellha tidher f'Ġesù. Fil-fatt, meta Eliżabetta welldet lil Ġwanni, "il-ġirien u qrabatha semgħu li l-Mulej wera ħniena kbira magħha u marru jifirħu magħha" (Lq 1,58). Kien għalhekk li hi riedet issemmih Ġwanni, u bħalha wkoll żewġha Żakkarija (ara Lq 1,61 u 63), għax l-isem "Ġwanni" jfisser "Alla huwa ħniena" jew, aktar preċiżament, "Alla wera ħniena magħna". It-twelid tal-Battista, mela, huwa frott il-ħniena ta' Alla.

Iżda din il-ħniena Alla wrieha mhux biss ma' Eliżabetta u Żakkarija imma wkoll mal-poplu kollu. Fil-fatt, malli tah l-isem ta' "Ġwanni" u nfetaħlu fommu, Żakkarija mtela bl-Ispirtu s-Santu u beda jfaħħar lil Alla u jgħid: "Imbierek il-Mulej Alla ta' Iżrael għax ġie jżur u jifdi l-poplu tiegħu, u waqqaf għalina qawwa ta' salvazzjoni f'dar David qaddej tiegħu... B'hekk juri ħniena ma' missirijietna u jiftakar fil-patt qaddis tiegħu." Imbagħad idur fuq iċ-ċkejken ibnu u b'mod profetiku jgħidlu: "U inti, tfajjel, tissejjaħ profeta tal-aktar Għoli għax tmur qabel il-Mulej biex tħejjilu triqatu, u tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni, permezz tal-maħfra ta' dnubiethom, ħierġa mill-qalb ħanina ta' Alla tagħna..." (Lq 1,67-79).

Mela Ġwanni huwa frott il-ħniena t' Alla, u l-missjoni tiegħu kellha tkun li jgħarraf din il-ħniena lill-poplu kollu. B'dan il-mod huwa kellu jħejji t-triq għal dak li kellu jkun "il-wiċċ tal-ħniena tal-Missier", jiġifieri Ġesù (ara *Misericordiae vultus*, 1).

Għeżież, f'din is-Sena tal-Ħniena ejjew niftakru fil-ħniena li Alla wera magħna fit-twelid ta' Ġwanni, il-Prekursur tal-Mulej, u bħalu nfittxu li nagħmlu esperjenza tagħha fil-ħajja tagħna. Min minna m'għandux bżonn iduq il-qalb ħanina t' Alla tagħna? Jalla l-festa ta' din is-sena tkun għalina lkoll esperjenza tal-ħniena divina. B'dan il-ħsieb f'moħħi, nixtiqilkom minn qalbi l-festa t-tajba.

Dun Daniel

*Mons. Daniel Xerri*

## MESSAĠĠ MIS-SINDKU PAUL AZZOPARDI

# ĦIDMET IL-KUNSILL LOKALI



Għeżież Xewkin,

Ġunju reġa' magħna u għalhekk bdew il-preparamenti għall-festa tal-maħbub tagħna San Ġwann Battista. Bħal dejjem, il-Kunsill Lokali flimkien mal-Arċipriet u l-kleru kif ukoll mal-għaqdiet volontarji, jagħti s-sehem tiegħu sabiex il-festa ta' din is-sena tkun ukoll waħda ta' suċċess. Nieħdu din l-okkażjoni biex nilqa' lil Mons. Daniel bħala r-ragħaj il-ġdid tal-parroċċa u nirringrazzja lil Mons Carmelo Mercieca tas-servizz li ta lir-raħal tagħna matul l-aħħar tlieta u erbgħin sena bħala Arċipriet.

Il-Kunsill Lokali għal darb'oħra kellu sena mimlija daqs bajda b'xogħol li ma waqaf qatt speċjalment fejn tidħol l-infrastruttura. Fost ix-xogħlijiet li saru f'dawn l-aħħar tliet snin, insibu tmien toroq ġodda bit-tarmak u s-servizzi. Dawn huma Triq il-Mitħna, La Vallette, Sant'Elija, San Żakkarija, Torri Tingi, San Bert, Sant'Indrija u Gruwa. Ta' min isemmi wkoll li f'San Bert, wara ħafna snin li r-residenti kien ilhom ibatu mill-ilmijiet, sar *culvert* matul it-triq kollha fejn solva din il-problema darba għal dejjem. Sar *culvert* ieħor fi triq Torri Tingi peress li kien hemm ukoll, uħud kellhom l-istess problemi kawża tal-ilmijiet. Grazzi tmur għall-għajnuna li sibna mingħand il-Ministru għal Għawdex Dr Anton Refalo.

Ta'min jinnota wkoll li l-proġett tal-*public convenience* wasal fi tmiemu wkoll. Dan kien jinkludi *lift* apposta għal nies vulnerabli. Barra minn hekk, 'il quddiem ħa jservi wkoll sabiex ikun ta' aċċess għat-turisti biex ikunu jistgħu jaraw ix-xelters ta' żmien l- imgħoddi. Dan il-proġett sewa €100,000.

Il-Kunsill Lokali għandu ppjanati bosta proġetti oħra fosthom: post ġdid għall-Kunsill Lokali, faċċata tal-każin tal-banda Prekursur, l-*embellishment* tal-pjazza kif ukoll tender għal triq Santa Elizabetta sabiex issir bit-tarmak.

Barra minn hekk, il-Kunsill jgħin ħafna fejn tidħol l-edukazzjoni speċjalment lill-iskola tar-raħal tagħna. Joffri servizz ta' trasport lill-istudenti mid-djar tagħhom lejn u lura mill-iskola. Dan qed nagħmluh sabiex naġevolaw lill-ġenituri u nagħmluha aktar possibbli li l-ġenituri Xewkin jibagħtu lil uliedhom fl-iskola tar-raħal tagħna. Nixtieq nagħmel appell lill-ġenituri kollha li hu importantissmu li lit-tfal jibagħtuhom fl-iskola tar-raħal tagħna. Kulħadd jaf li sar tibdil radikali biex inkomplu ngħollu l-livell tal-iskola.

Il-Kunsill bħal dejjem jibqa' għaddej b'ħafna attivitajiet biex kemm jista' jkun iżomm kuntatt kontinwu mar-residenti. Ta'min isemmi wkoll li tajna s-sehem tagħna lill- anzjani tagħna fid-*day centre* li jinsab fil-każin tal-banda bil-għan li nżommuhom attivi. Grazzi tmur għal Onor. Dr Justyne Caruna.

Nixtieq fl-aħħarnett inħabbar ukoll li fil-ġranet li ġejjin, il-Kunsill tagħna ser jiffirma ftehim ta' ġemelleġġ ma' dak ta' Ragusa fi Sqallija. Nagħlaq dan il-messaġġ billi minn qalbi nawguralkom il-festa it-tajba. Ingawduha kif jixraq iżda noqogħdu attenti ħalli tgħaddi b'wiċċ il-ġid bla ma jweġġa' ħadd. F'ismi bħala sindku tax-Xewkija u f'isem sħabi l-kunsilliera nawguralkom il- festa it-tajba. Viva San Ġwann Battista.



Paul Azzopardi

## Francis Caruana Ltd.

*Jistednuk tasal wasla sa l-ikbar hardware*
*Store fix-Xewkija, Għawdex*

**The - One Stop Shop**

għall-mastrudaxxi, bajjada,
kaħħala u electricians ta' gżiritna

Fejn issibu dak kollu li teħtieġu għad-dar
f'Ambjent spazjuż
Bi Prezzijiet tassew moderati

Issibuna fi Triq Taflija, Victoria
**Tel: 2155 6248 jew 2155 2993**
**Mob: 9982 1650**

**BUBBLES BATHROOMS**

**Fortunato Mizzi Street, Victoria**
**21554213 E-mail: fel@maltanet.net**

## *QALFAT*

## Motor Mechanics

General Repairs &
Importers of
* Engines * Vehicles
* Agricultural Machinery
'Sunrise', Tal-Ħniena Road
Xewkija Gozo, Malta
**Tel: 21 551400**
**Mob: 7906 9479 (George)**
**7955 8594 (Michael)**



# L-ISPIRTU S-SANTU FID-DAR TA' ŻAKKARIJA

MONS. LAWRENZ SCIBERRAS

Il-qaddis Papa San Ġwann Pawlu II fl-ittra Appostolika "Tertio Millennio Adveniente" li fih tkellem dwar it-tħejjijiet għall-Ġublew il-Kbir tas-sena 2000, ried li t-tieni sena ta' tħejjija tkun iddedikata għall-Ispirtu s-Santu. Mhux biss, imma wkoll li l-preżenza tiegħu fi ħdan il-Knisja tkompli ssaħħaħ u tqaddes il-membri tagħha. Dawn il-membri li ġew issiġillati għal ewwel darba bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu, kien meta rċevew is-sagrament tal-Magħmudija.

Wieħed mill-evanġelisti li sa mill-bidunett tal-Vanġelu tiegħu jagħti importanza kbira lill-Ispirtu s-Santu huwa San Luqa. Anzi ta' min iżid jgħid, li din il-preżenza tal-Ispirtu Santu Luqa jimmarkaha sew mhux biss fil-Vanġelu tiegħu imma wkoll fil-ktieb l-ieħor tiegħu stess, jiġifieri l-Atti tal-Appostli. F'dan l-artiklu se nipprova nuri kemm Luqa iqabbeż din it-tielet persuna u jurina kemm ħadmet fis-sħiħ fit-tlitt personaġġi li ffurmaw il-familja li kienet tgħix Għajn Karim, ħdejn l-għajn ta' ilma safi, liema ilma għadu ħiereġ sal-lum. It-tlitt persunaġġi kienu l-qassis Żakkarija, martu Eliżabetta u binhom Ġwanni l-Battista, il-Prekursur u l-Għarus ta' Ġesù.

fil-perfezzjonijiet tiegħu. Fil-Testment il-Ġdid hemm tliet okkażjonijiet fejn l-Ispirtu Santu ħa tliet forom materjali differenti biex in-nies setgħu jarawh u jintebħu bil-preżenza tiegħu. Fil-magħmudija ta' Ġesù hemm fil-Ġordan, deher taħt forma ta' ħamiema (Mt 3,16), fit-Trasfigurazzjoni fuq it-Tabor tidher is-sħaba (Mk 9,7) u nhar Għid il-Ħamsin deher taħt ilsna tan-nar. (Atti 2,3).

Issa fil-Vanġelu ta' Luqa din il-qawwa *dynamis* tas-sema ssir azzjoni konkreta fl-istorja tas-Salvazzjoni. Għalhekk din il-qawwa tqanqal u taħdem fl-individwi partikulari biex dawn isiru profeti ta' Alla, ħabbara u messaġġiera tal-għeġubijiet tiegħu. Ħalli naraw kemm dan huwa veru f'kull personaġġ tal-familja ta' Għajn Karim. Ibda biex Luqa jikteb hekk għal Żakkarija u martu Eliżabetta: "It-tnejn kienu nies ġusti quddiem Alla u jimxu bla nuqqas ta' xejn skont il-preċetti u l-kmandamenti kollha tal-Mulej" (Lq 1,6). Dan il-kliem isaħħaħ kemm dawn iż-żewġ persunaġġi kellhom tħejjija u dispożizzjoni miftuħa beraħ għall-Ispirtu s-Santu. Kienu nies li jipprattikaw it-Torà, u jħarsu l-liġijiet l-oħra kollha tagħhom il-Lhud.





## IL-ĦIDMA TAL-ISPIRTU

L-Ispirtu s-Santu huwa t-tielet persuna tat-Trinità Mqaddsa. Huwa ġej mill-Missier u mill-Iben u għandu l-istess u l-unika natura divina tagħhom. Għalhekk huwa daqs u ugwali mal-Missier u mal-Iben, daqshom f'kollox, etern, omnipotenti u nfinit

## ŻAKKARIJA IMWIEŻEN MILL-ISPIRTU

Luqa jikteb ċar u dettaljat dwar din l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu. Fl-ewwel xena nsibu t-tħabbira lill-qassis Żakkarija waqt il-ħin tant mixtieq tal-inċens 'l Alla. Żakkarija xiħ u martu Eliżabetta kienet fl-istess kundizzjoni tiegħu. Biss meta Żakkarija

sema' bit-tħabbira minn Gabriel moħħu mar fuq erbat itfal oħra li kollha ġew imħabbrin mill-Mulej. Dawn huma Iżakk, Gideon, Sansun u Samwel. Iżda b'mod partikulari, ħsieb il-qassis xiħ tagħna mar fl-istorja ta' Abraham u martu Sara, it-tnejn xjuħ u madankollu Alla sema' t-talba ħerqana tagħhom u tahom lil Iżakk.

Wara li twieled Ġwanni, missieru kiteb x'kellu jkun ismu, u n-nies marru jifirħulhom, dan Żakkarija "**mtela bl-Ispirtu s-Santu u beda jħabbar u jgħid**" (Lq 1,67). Kemm huwa kliem ta' ferħ, konsolazzjoni, inkuraġġiment din tal-Ispirtu s-Santu issa f'Żakkarija. Tistgħaġeb, l-effett ta' din it-tielet persuna kien li Żakkarija għanna dak l-innu tant profond u teoloġikament mimli b'ħarsa 'l quddiem lejn il-ġejjieni x'kellha tkun il-missjoni nobbli tat-tarbija tiegħu Ġwanni. F'kelma waħda dan l-ispirtu Santu lil Żakkarija kompla wessagħlu qalbu u kabbarlu r-ringrazzjament tiegħu lejn Alla t' Iżrael. Dan l-innu jissejjaħ il-Benedictus, liema innu ta' kuljum jingħad minn tant u tant erwieħ li jirreċitaw l-Uffiċċju tat-talb tagħhom.



## MARTU ELIŻABETTA

Elizabetta wkoll gawdiet mill-frott tal-Ispirtu s-Santu. Difatti naraw fiha konklużjonijiet li huma frott biss ta' din it-tielet persuna. Hawn ukoll Luqa jikteb ċar: "**Eliżabetta mtliet bl-Ispirtu s-Santu** u nfexxet f'għajta kbira u qalet" (Lq 1,41). L-effett tal-Ispirtu fuq din il-mara twajba u xiħa kienu kbar tassew. Luqa jikteb li Eliżabetta "nfexxet f'għajta kbira", bil-Lhudi *teruaħ*. Din hija tassew għajta ta' stagħġib qaddis, għajta ta' merħba, għajta ta' inkoraġġiment. Din l-għajta l-Lhud għajtuha meta l-Arka tal-Patt marret fil-kamp tal-battalja f'Afek. Kienet is-sena 1050 qabel Kristu. (1 Sam 4,5). Issa l-Ispirtu s-Santu lil Eliżabetta għarrafha li quddiemha hemm il-vera Arka tat-Testment il-Ġdid, Marija u li diġà kienet omm u li f'ġufha kellha l-Iben t' Alla. Misteru tant kbir li issa qiegħed proprju f'dar Eliżabetta stess!

Huwa kollu għalhekk li Eliżabetta għajtet u laqgħet lil Marija f'darha b'imħabba l-aktar kbira. Kollox kien frott tal-Ispirtu s-Santu. Mela kien l-aktar loġiku li f'dar Żakkarija u Eliżabetta issa li kien hemm l-Ispirtu s-Santu f'din id-dar kien hemm tassew il-ferħ, l-għaqda, l-armonija u l-paċenzja. Għaliex fejn ikun hemm l-Ispirtu s-Santu tirrenja tassew ix-Shalom li dan l-Ispirtu qaddis biss jaf u jista' jagħti u jwassal f'qalb il-bnedmin ta' rieda tajba. Fuq kollox minkejja l-istat ta' faqar li kienet tgħix din il-familja, imma grazzi għall-Ispirtu s-Santu kienet familja li għandha l-ferħ tassew.

## IT-TFAJJEL ĠWANNI

Jekk Żakkarija u martu Eliżabbetta mtlew bl-Ispirtu s-Santu fl-ambjent tat-tħabbira u t-twelid ta' binhom, xejn anqas imtela Ġwanni bis-seba' doni tal-Ispirtu s-Santu. Ħalli naraw dan kemm huwa veru. L-aqwa konferma ssiġillata b'siġill tas-sema jiġifieri li Ġwanni kellu l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu jagħtihilna l-Vanġelu. Ara x'ħabbarlu l-anġlu tal-Mulej lil Żakkarija missieru ġewwa fit-tempju ħdejn in-naħa tal-lemin tal-altar tal-inċens: "**Hu jimtela bi spirtu qaddis sa minn ġuf** ommu" (Lq 1,15). Grazzi għal dan id-don il-Battista seta faċilment jagħraf il-miġja tal-Mulej biex imbagħad aktar 'l quddiem ikun jista' jwasslu fost il-poplu ta' Alla. Hekk ħabbarlu missieru Żakkarija: "Inti profeta ta' Alla l-Għoli biex "tgħarraf lill-poplu tiegħu bis-salvazzjoni" (Lq 1,77). Preċiżament din kienet il-missjoni ta' Ġwanni bħal din tal-profeti ta' qablu, jiġifieri li iwassal, jgħarraf u iressaq il Ġesù fost u għand in-nies.

Interessanti kif Ġwanni l-Battista irċieva l-Ispirtu s-Santu bis-seba' doni tiegħu mingħand dak stess li sawru fil-ġuf safi t' ommu Marija jiġifieri l-Ispirtu s-Santu. Dan kollu ġara hemm f'Għajn Karim bejn iż-żewġ ommijiet magħżula u maħbuba ferm minn Alla, żewġ ommijiet li kienu jiffurmaw parti mill Anawim, il-fqar ta' Jahweh, żewġ ommijiet li waħda għalqet it-Testment il-Qadim u l-oħra fetħitu tassew! Eliżabetta issa mimlija bl-Ispirtu s-Santu stqarret forma ta' barka: "Iva, ħienja dik li emmnet li jseħħ kulma bagħat jgħidilha l-Mulej". Hawnhekk Marija hija dik li temmen il-kelma tal-Mulej b'differenza ta' Żakkarija li kien tqil biex jemmen.

U għaliex Marija emmnet, ġarret magħha lil binha

bi ħdanha Għajn Karim fejn fl-ewwel laqgħa tiegħu ma' Ġwanni li kien għadu wkoll magħluq fi ħdan Eliżabetta, wieħed qaddes lil ieħor, wieħed mela bl-Ispirtu qaddis lil ieħor. It-tqanqil tal-Battista f'ġuf ommu, diġà kien juri sew kemm din it-tarbija kien se jkollha missjoni kbira, għolja u ta' responsabiltà quddiem il-Messija.



## IL-QAWWA TAL-ISPIRTU FI ĠWANNI

Din l-għajnuna tal-Ispirtu s-Santu Ġwanni kien jeħtieġha ħafna fil-missjoni iebsa li kellu. Li kieku Ġwanni ma kellux l-għajnuna u l-qawwa ta' din it-tielet persuna tat-Trinità huwa ma kien jasal qatt biex juri daqhekk kuraġġ mas-semmieha tiegħu, uħud minnhom addirittura għedewwa tiegħu. "In-nies kienu jmorru bi ħġarhom għand Ġwanni biex jgħammidhom" (Lq 3,7). Issa fost dawn in-nies kien hemm dawk is-sinjuri, il-pubblikani, is-suldati Rumani li xejn ma kien ħafif li huma joqogħdu għat-tagħlim iebes ta' Ġwanni. U Ġwanni mingħajr ma kien juri ebda sinjal ta' biża' fil-predikazzjoni tiegħu, kien jgħallem dejjem il-verità mingħajr ebda rispett uman lejn ħadd.

Iżda forsi l-aktar mument qawwi fejn dehret l-għajnuna bla limiti tal-Ispirtu s-Santu ma' Ġwanni kienet waqt il-konfront li kien ikollu ma' Erodi Antipa. Dan saltan fuq il-Galilija u l-Perija bħala tetrarka mis-sena 4 qabel Kristu sas-sena 39 wara Kristu. Is-suġġett kien dwar l-istat ħażin li kien qed jgħix fih Erodi meta kien qiegħed mal-mara ta' ħuħ Filippu. Il-ħlas ta' din it-twissija kien il-qtugħ ir-ras ta' Ġwanni fil-fortizza Makeronte, ċarċir ta' demmu stess.

Kienet tassew ix-xhieda fl-ogħla grad li l-Prekursur ta għal Ġesù. Hekk għallem Ġesù nnifsu: "Kunu xhieda tiegħi". Iżda dak kollu li dik il-familja li kienet toqgħod f'Għajn Karim, mela Żakkarija, martu Eliżabetta u binhom Ġwanni l-Għammiedi waslet għalih, grazzi għad-doni tal-Ispirtu s-Santu li kien jgħammar kontinwament magħhom u fihom .






Sonia
HAIRDRESSING
Sonia Xerri
"Mt.Carmel" Mgarr Road, Xewkija, Gozo.
Tel: 21553090, 21563031

mobydick
RESTAURANT
Xlendi Seafront, Gozo - Malta.
Tel: (00356) 2156 1518
Mob: (00356) 7925 3255
Email: mobydickxlendi@gmail.com
Free WiFi spot

Debono Upholstery
Seat covers, loose covers, car carpeting, new and old sofas, Pvc work, Canopes etc.
"John-Joyce"
Majmuna Street,
Xewkija - Gozo
Tel: 2156 1116
Mob: 9948 6972

Il-Kċina tar-Ramla
Ramla Bay - Gozo
Tel: 2156 1806 • Mob: 9944 8079

# L-IKONOGRAFIJA TA’ ĠWANNI L-BATTISTA

VINCENT MANGANI

*”It-tifel kiber u ssaħħaħ f’ruħu, u baqa’ jgħix fid-deżert sa dakinhar li ħareġ quddiem Iżrael.“*

(Luqa 1, 80)

Din hija l-unika sentenza li nsibu fil-Vanġeli li tkellimna dwar it-tfulija u l-irġulija ta’ Ġwanni l-Battista, apparti l-mod kif kien jilbes, dak li kien jiekol u l-fatt li ħafna kienu qed imorru biex jisimgħuh u jitgħammdu minnu. Niltaqgħu wkoll mat-twelid mirakoluż tiegħu fil-Vanġelu ta’ San Luqa.

Barra l-Vanġeli, għandna tagħrif ieħor li nsibu f’dik li hi msejħa: *Il-Leġġenda tad-Deheb*.[1] Aktarx ġiet miġbura minn Jacobus de Voragine, patri Dumnikan, qrib is-sena 1260, għalkemm fis-snin li ġew wara ġew miżjuda dettalji oħra. Fiha ħafna dettalji dwar il-qaddisin li ma nsibux fil-kotba tal-Ġdid Testment. Kif jgħid l-isem, hi ġabra ta’ leġġendi, uħud minnhom biex jimlew il-vojt ta’ dettalji li ma nsibu mkien ieħor.

*Il-Leġġenda tad-Deheb* titkellem dwar it-twelid u l-mewt tal-Battista. Għalkemm dawn iż-żewġ ġrajjiet insibuhom it-tnejn li huma rrakkuntati fl-Evanġelji, fil-leġġenda nsibuhom ovvjament b’ħafna dettalji u żieda.

Fis-snin bejn it-twelid u d-dehra tiegħu fid-deżert qrib ix-xmara Ġordan ma nsibu xejn fl-erba’ Vanġeli li nsibu fil-Ġdid Testment. Dan il-vojt hu mimli leġġendi li nsibu f’dawk li nsejħulhom kotba apokrafi[2]. Fost l-oħrajn jissemma' l-Vanġelu ta’ San Ġakbu. Din il-kitba kienet xorta meqjusa importanti għaliex ħafna dettalji marbuta ma’ ħajjet il-Qaddisin li nsibu fih kienu ta’ ispirazzjoni għall-ikonografi, jiġifieri dawk li *jiktbu* l-ikoni.[3]



***X’inhi l-Ikona?***

Il-kelma **IKONA** ġejja mill-Grieg **eikon** (eikon) li tfisser xbieha. Fil-fatt l-arti tal-Ikonografija tfisser *“tikteb (mhux tpingi) ikona”*.[4] L-ikona mhix sempliċi stampa jew arti qaddisa ta’ ċertu żmien jew epoka. Almenu għall-Ortodossi tfisser ħafna aktar minn hekk. Hija xbieha li tgħin lill-individwu jgħaddi minn dak li jidher għal dak li ma jidhirx, għax l-ikona *“hija ntenzjonata li tkun xbieha ta’ dak li ma jidhirx. Hi wkoll preżenza ta’ Dak li ma jidhirx”*[5], għax *“ikona xxandar u turi lil Alla. L-ikona hija l-viżjoni t’ Alla u ta’ dinja mibdula. Hija lingwa li ma tistax tiġi mitkellma mingħajr Fidi u mingħajr għaqda intima mal-Knisja”*[6]. Sa mis-Santi Padri raw l-importanza tagħhom minħabba l-fatt li *“l-ikoni huma, għal dawk li ma jafux jaqraw, dak li l-Kotba Mqaddsa huma għal min hu mgħallem”*.[7]

***L-Ikonografija ta’ Ġwanni l-Battista***

Ġwanni l-Battista hu l-aħħar ***profeta*** tal-Antik Testment li kellu jħejji lill-poplu t’Alla għall-miġja tal-Messija. Minħabba f’hekk, insejħulu wkoll ***prekursur***.

Il-qima lejn il-Battista kienet mill-bidu tal-Knisja u l-ikonografija tiegħu hija diversa. Dan hu frott id-diversi fatti li nsibu fuq ħajtu fil-kotba tal-Ġdid Testment speċjalment l-erba’Vanġeli. Fil-fatt, għall-bidu niltaqgħu l-aktar ma’ ikonografija li kienet turi l-martirju tiegħu. Għandna eżempji sa mir-4 seklu. L-ikonografija ta’ qtugħ ir-ras ħadet spinta ‘l quddiem mid-9 seklu ‘l quddiem.

# Angelo Auto Dealer

*(Tal-Majru)*



**ANGELO SPITERI**

**Mgarr Road,**
**Xewkija, Gozo.**

**Tel: 21 558 956, 21 560 703**
**Mobile: 9949 9394**

# MARIO'S RENT-ACAR

TAXI & MINI-BUS SERVICE

70, Mannar Street, Xaghra
XRA 104, Gozo, Malta

**Tel: 21557242 Fax: 21561827**

**Mob: 9943 5778, 9949 5778**



# TROPICAL FOREST

aquarium, pet & garden centre

**Mġarr Road, Xewkija,**
**Gozo - Malta.**

**Tel: 2156 3805**
**Mob: 9986 4255**



# Salvu Cassar

Auto Parts
Commercial Sales
Engines and Parts

Kull tip ta' Magna
tal-Ġappun u tal-Ingilterra

Fortunato Mizzi Str
Għajnsielem, Gozo

**Tel: 21556674**
**Mob: 79475746, 79710384**



F'dan l-artiklu m'aħniex ser nitkellmu fuq l-ikoni kollha marbuta ma' Ġwanni l-Battista. Fl-ikonografija niltaqgħu ma' diversi mumenti minn ħajjet il-qaddisin, mit-twelid sal-mewt. Ġieli wkoll jiġu rappreżentati l-qima lejhom wara mewthom. Dan narawh b'mod speċjali fl-ikonografija tal-Battista minħabba r-relazzjoni mill-qrib li kellu ma' Ġesu' u l-missjoni tiegħu. Għalhekk, ser nitkellmu biss minn tip wieħed: dawk l-ikoni li jippreżentaw lil Ġwanni l-Battista waħdu, bħala persuna adulta.

L-ikonografija ta' San Ġwann il-Battista fiha ċerti karatteristiċi interessanti li jgħinuna nagħrfu li ikona tkun qed tirrappreżenta lill-qaddis tagħna, anke jekk ma jkunx hemm l-isem tiegħu jidher ċar.

- *L-ewwel karatteristika:* F'idejh naraw parċmina li ġeneralment tkun miftuħa. Fuqha jkun hemm espressjoni profetika li nsibu li qal fil-vanġelu, bħal: "Araw il-Ħaruf t'Alla, li jneħħi d-dnubiet tad-dinja",[8] jew "Indmu, għax is-Saltna t'Alla hi fil-qrib".[9]

- *It-tieni karatteristika:* Ħafna drabi, Ġwanni hu ppreżentat bil-ġwienaħ. Dan id-dettall hu mibni fuq il-profezija tal-profeta Malakija li tirreferi għal Ġwanni: *"Araw, jiena se nibgħat il-messaġġier tiegħi biex iħejji t-triq quddiemi, u minnufih jidħol fit-tempju tiegħu s-Sid li intom qegħdin tfittxu; u l-anġlu tal-patt, li intom tixtiequ, arawh, ġej," jgħid il-Mulej tal-eżerċti.*[10]

- *It-tielet karatteristika:* Bħala sinjal tal-martirju tiegħu, insibu ikoni li fejn saqajh jew f'idejh ikun hemm rasu fi platt. Naturalment, din hija referenza għall-martirju tiegħu: nafuha l-ġrajja tal-qtugħ ir-ras ta' Ġwanni minn Erodi.[11]

  *Ir-raba' karatteristika:* F'xi ikoni naraw ukoll siġra żgħira ħdejn sieq Ġwanni u ħdejha mannara. Dan id-dettal niltaqgħu miegħu f'diskors ta' Ġwanni stess: *"U taħsbux li tistgħu tgħidu fikom infuskom, 'Għandna b'missier lil Abraham,' għax ngħidilkom li Alla, minn dan l-istess ġebel, jista' jqajjem ulied lil Abraham. Il-mannara ġa tressqet m' għerq is-siġra; u għalhekk, kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb titqaċċat u tinxteħet fin-nar."*[12]

- *Il-ħames karatteristika:* Ġeneralment, ix-xagħar u d-daqna ta' Ġwanni huma dejjem kbar u mqanfdin. Dan biex niftakru li kien jgħix fid-deżert.

- *Is-sitt karatteristika:* Mill-Vanġelu nafu li Ġwanni kien jilbes ġild tal-ġemel. Fl-ikonografija jiġi rappreżentat jew b'ilbies jew ġilda bil-pil. Fl-ikonografija Russa, Ġwanni jidher liebes dik li jsejħulha *vlasyanitsa*, jiġifieri libsa bil-pil, bl-Ingliż "hair shirt." Għalhekk ħafna drabi l-kulur hu ikħal.

Meta jidher b'mantell, ġeneralment ikun aħdar, il-kulur tal-ħajja u dak li hu tad-dinja. Fil-każ tagħna, ma ninsewx li Ġwanni għex fid-deżert, qrib ix-xmara. L-insara li kienu ddeċidew li jgħixu fid-deżert kienu jirreferu għalihom bħala "l-martri l-ħodor". Il-kelma martri hija kelma Griega li tfisser xhud. Mela bil-ħajja axxetika tagħhom, dawn li kienu jgħixu fid-deżert kienu qed jixhdu l-ġlieda axxetika mal-qawwiet tal-ħażen, speċjalment ix-xitan. Ġwanni, barra li



# TA' BENDU

*For*

**FRESH CHICKENS DAILY EGGS AND RABBITS**



Ta' Bendu, 'Famhouse', Mgarr Road,Victoria, Gozo

**Trade Enq. Tel. 27551043**
**Mob: 9946 9499**




**Ice Cubes & Flakes**

# Electra

**Guest House & Pizzeria**
**Bar & Restaurant**



*Moder-ate prices*

Marsalforn Bay,
Tel: 21 556 196
21 555 666
Mob: 9984 5528

www.electraguesthouse.com

# Donald Pace

***tal-Kuman***

Għal kull xogħol ta' kisi, tikħil,żebgħa, twaħħil ta' madum ta' l-art u tal-ħajt, membrane. eċċ



**"Għajnun", St. Mary Str., Xewkija**
**Mob: 99859683 Tel: 21565592**
**Email: donaldp@go.net.mt**

kien martri fil-veru sens tal-kelma, kien ukoll "martri aħdar" minħabba li ċaħad lid-dinja u l-ġibda tagħha.

Tajjeb ngħid li kull dettall li nsibu f'ikona mhux qiegħed hemm biex iżejjen, kif, diżgrazzjatament insibu f'ħafna mill-pitturi tagħna tal-Punent. Kull dettall qiegħed hemm biex iwassal messaġġ jew biex ifakkarna f'dettalji li nsibu fil-ġrajja tal-qaddis/a. Semmejna l-ġwienaħ, il-mannara, siġra, ras fi platt. Dawn kollha għandhom x'jaqsmu mal-ħajja ta' Ġwanni. B'hekk l-ikona ssir "Vanġelu" għal dawk li ma jafux jaqraw.

Niltaqgħu wkoll ma' diversi ikoni marbuta ma' Ġwanni li s-suġġett tagħhom ma jkunux daqstant komuni. F'ikona partikulari naraw lil Ġwanni qed jipponta lejn kalċi li qed iżomm f'idu u li fih tidher tarbija. Hija referenza għall-Ewkaristija. It-tarbija mhi ħadd għajr Ġesu', il-*"Ħaruf t'Alla"*.

***Il-Festi marbuta ma' Ġwanni l-Battista***

Fil-Knisja tal-Punent niċċelebraw żewġ festi marbuta ma' Ġwanni:

- Fl-24 ta' Ġunju: it-twelid tiegħu.
- Fid-29 t'Awwissu: qtugħ ir-ras tiegħu.

Fil-Knisja Ortodossa jew tal-Lvant jiġu ċċelebrati mhux anqas minn sitt festi, naturalment fi ġranet differenti! Dawn huma l-festi fl-ordni li jiġu ċċelebrati. Tajjeb inżommu f'rasna li s-Sena Liturġika tal-Ortodossi tibda fl-1 ta' Settembru.

- It-23 ta' Settembru: il-konċepiment ta' Ġwanni f'ġuf Eliżabetta.
- Is-7 ta' Jannar: Il-wirja ta' San Ġwann il-Battista. Din hija l-festa prinċipali marbuta ma' Ġwanni l-Battista meta fis-sena 956 wK, idu l-leminija ttieħdet għal Kostantinopli minn Antijokja.
- L-24 ta' Frar: l-ewwel u t-tieni sejba ta' ras San Ġwann il-Battista.
- Il-25 ta' Mejju: it-tielet sejba ta' ras San Ġwann il-Battista.
- Fl-24 ta' Ġunju: it-twelid tiegħu.
- Fid-29 t'Awwissu: qtugħ ir-ras tiegħu.

Il-festa tal-ġenituri ta' Ġwanni, San Żakkarija u Santa Eliżabetta, hija fil-5 ta' Settembru. Interessanti festa oħra osservata biss mill-Knisja Ortodossa Russa. Fit-12 t'Ottubru jfakkru ġrajja marbuta ma' ġżiritna meta l-id il-leminija ta' Ġwanni l-Battista ġiet meħuda minn Malta fl-1799 għal Gatchina fir-Russja, meta l-imperatur Russu Pawlu I sar Granmastru tal-Ordni ta' San Ġwann. Ir-raġuni prinċipali kienet it-theddida tal-gwerra minn Napuljun. L-id kienet ingħatat rigal mis-Sultan tat-Turkija lill-Kavallieri ta' Malta. Illum, l-id tinsab fil-Monasteru ta' Cetinje fil-Montenegro.

---

1 Mil-Latin *Legenda aurea* jew *Legenda sanctorum*

2 Kotba Apokrafi huma kotba miktuba fl-istil tal-kotba li nsibu fil-Bibbja imma li l-Knisja żżomm li mhumiex ispirati, ħafna drabi minħabba stejjer u esaġerazzjonijiet li nsibu fihom.

3 Ngħidu li ikonografu jikteb ikona għaliex hu qed jirrappreżenta persuna jew ġrajja permezz tal-kulur bħalma jagħmel kittieb permezz tal-linka. Fil-fatt il-kelma ikonografu ġejja minn żewġ kelmiet bil-Grieg: **ikon**, li tfisser *xbieha*, u **graphis**, li tfisser *tikteb*.

4 *The Icon – Window on the Kingdon*, ta' Michel Quenot

5 *The Icon – Image of the Invisible: Elements of Theology, Aesthetics and Technique*, ta' Egon Sendler S.J.

6 *The Resurrection and the Icon*, ta' Michel Quenot

7 Ittra ta' San Girgor lil Serenus, isqof ta' Marseilli, PL 1027

8 Mill-Vanġelu ta' San Ġwann, kap 1, vers 29.

9 Mill-Vanġelu ta' San Mattew, kap 2, vers 2.

10 Mill-Ktieb tal-Profeta Malakija, kap 3, vers 1.

11 Mill-Vanġelu ta' San Mark, kap 6, versi 14-49.

12 Mill-Vanġelu ta' San Mattew, kap 3, versi 9-11.

13 Ara nota nru 7.

MADONNA
TAL-ĦNIENA
STORE

2, Mgarr Road, Xewkija VCT 111

Tel: 21555314 Mob: 79923661



# IL-MAGĦMUDIJA TA' SIDNA ĠESÙ KRISTU MINN ĠWANNI L-GĦAMMIEDI

*"xmara – ħamiema – leħen"*

MINN BENNIE MERCIECA, MEMBRU TAS-SOĊJETÀ TAL-M.U.S.E.U.M.

Għal Sidna Ġesù Kristu l-Magħmudija kellha tifsira sinjifikanti! Il-Magħmudija tiegħu stess tat ħajja lill-ministeru Tiegħu bis-setgħa u bl-awtorità u kkonfermat l-impenn Tiegħu li jaqdi lill-Missier Tiegħu anke sal-mewt tas-salib. Però, għalkemm il-Magħmudija tiegħu kienet daqshekk importanti, fiha ntużaw tliet elementi mill-aktar komuni, li huma: **XMARA, ĦAMIEMA** u **LEĦEN**!

**It-tħabbir tal-Battista**:

Qabel ma' Sidna Ġesù Kristu mar jitgħammed, Ġwanni l-Battista kien diġà ħabbar li kienet waslet is-Saltna t'Alla. In-nies marru bi ħġarhom biex jisimgħuh u jitgħammdu għax il-messaġġ tiegħu qanqalhom għall-konverżjoni – messaġġ sempliċi, bla kantunieri, iżda kuraġġuż. Il-messaġġ ta' Ġwanni kien jikkontrasta ferm mal-ħafna taħwid u tagħsid ta' kliem fil-vojt tal-Fariżej. Ġwanni l-Għammiedi qal lill-folol, ċar u tond, li setgħu jidħlu fis-Saltna t'Alla biss jekk ikollhom indiema sinċiera, konverżjoni tal-qalb, u mhux reliġjożità minn barra biss, jew għax kienu ġejjin min-nisel Lhudi. Għalhekk, kif ra bosta mill-Fariżej u mis-Saduċej ġejjin għall-Magħmudija tiegħu, qalilhom: *"Ja nisel il-lifgħat, min uriekom kif għandkom taħarbu mill-korla li ġejja? Agħmlu mela frott xieraq tal-indiema. U taħsbux li tistgħu tgħidu fikom infuskom, 'Għandna b'missier lil Abraham,' għax ngħidilkom li Alla, minn dan l-istess ġebel jista' jqajjem ulied lil Abraham."* (Matt 3, 6-9)

Il-messaġġi ta' Ġwanni kienu jinkludi, ukoll, profeziji li jikkonċernaw il-Messija li kellu jiġi. Mis-silta li ġejja nistgħu nidentifikaw erba' profeziji ċari:

*"Jien ngħid għalija, ngħammidkom bl-ilma għall-indiema; imma min ġej warajja hu aqwa minni, u jien ma jistħoqqlix inġorr il-qorq tiegħu. Hu jgħammidkom bl-Ispirtu s-Santu u n-nar. Il-midra qiegħda f'idu, biex iderri l-qiegħa tiegħu u jiġbor il-qamħ fil-maħżen, imma t-tiben jaħarqu b'nar li ma jintefiex."* (Matt 3, 11-12)

Għalhekk, mela, dak Kristu li ħabbar dwaru Ġwanni kellu **jgħammed**, **inaddaf, jiġbor u jaħraq**. Dawn il-profeziji ta' Ġwanni jirreferu għal dak li kellu jagħmel Ġesù meta Hu kellu jikkastiga lill-ħżiena u jippremja t-tajbin. Dak il-proċess ta' ġudizzju beda minn meta deher għall-ewwl darba fuq l-art u kellu jilħaq il-quċċata tiegħu fit-tieni miġja tiegħu fl-aħħar tad-dinja. Il-ġudizzji tiegħu huma mfissra permezz tal-mod antik tad-dris tal-qamħ, meta l-bdiewa kienu jużaw il-furkettun biex jgħollu l-qamħ li jkunu ħasdu fir-riħ; il-karfa ħafifa tmur naħa biex imbagħad tinħaraq, filwaqt li l-qamħ li jaqa' fl-art jinġabar fil-maħżen.

Permezz ta' din it-tixbiha, Ġwanni kien qed iħabbar li r-reliġjon tradizzjonali magħmula mill-bnedmin kellha 'tinħaraq' bħal karfa li ma kellha ebda siwi. Iżda, l-messaġġ ġdid tal-Messija ta' fidwa ħelwa kellu jġib barka u ħelsien għal dawk kollha li kellhom **jindmu** u **jemmnu**! Dawn il-profeziji ta' Ġwanni kienu qed juru biċ-ċar lill-poplu li l-indiema biss setgħet issalvahom!

Bir-raġun, kliem Ġwanni mela bil-korla lill-Fariżej li kienu mimlija bihom infushom, għax hu kixef ir-reliġjożità falza tagħhom. Il-messaġġ tal-Battista kien kuraġġuż, ġdid u awtorevoli; għal dak iż-żmien kienu kliem rivoluzzjonarji u li ma setgħux ma jsibux reżistenza inevitabbli. Iżda Ġwanni, baqa' jżomm sod, kompla miexi 'l quddiem, ma ċediex. Tagħlima għalina, llum, biex quddiem l-ideat żbaljati tal-lum inżommu sod u ma naqtgħux qalbna! Nistħajlu lil Ġwanni l-Battista jgħidilna: "Żommu sod fit-twemmin tagħkom! Komplu mexjin 'l quddiem fuq it-tagħlim ta' Kristu! Taqtgħux qalbkom!"

**Il-Wasla tal-Messija**

Minkejja li Ġwanni kien profeta, però, hu ma kienx jaf iż-żmien eżatt meta Kristu kellu joħroġ fil-beraħ. B'danakollu, Ġwanni xorta waħda baqa' jwettaq id-dmirijiet tiegħu li jwissi, iħeġġeġ, jikkundanna u jgħammed! Bir-raġun, għalhekk, meta kellu jħalli d-dar ta' Nażaret, Ġesù kien jaf eżattament, fejn kellu jmur: direttament lejn Ġwanni, fil-Ġurdan, fejn dan kien jgħammed. Hekk jiddeskrivi San Mattew din ix-xena sempliċi imma sinjifikattiva**:** *"Imbagħad ġie Ġesù mill-Galilija lejn il-Ġurdan għand Ġwanni biex jitgħammed minnu."* (Mattew 3, 13)

**Ir-Reżistenza ta' Ġwanni**

Meta Ġesù neża' s-sandli u niżel fix-xmara biex ikun mgħammed, Ġwanni nħasad! Ġesù, l-Iben ta' Alla, ried li jkun mgħammed. Għalxejn Ġwanni pprova ma jħallix

lil Ġesù billi jgħidlu: *"Jiena hu li jeħtieġ li nitgħammed minnek u int tiġi Għandi?"* (Matt 3, 14). Żgur li l-folol ta' nies, quddiem il-fatt li Ġwanni ma riedx jgħammed lil Kristu, ssorprendiehom! Għax Ġwanni kien mimli bir-riverenza lejn Kristu, l-Messija!

**It-Tweġiba ta' Ġesù**

Minkejja li Ġwanni ma riedx jgħammdu, Ġesù kien jaf li l-Magħmudija tiegħu kienet kruċjali. Ġwanni nnifsu ma kienx fehem b'mod sħiħ is-sinjifikat ta' dak li kien ser jagħmel, iżda Ġesù assigurah: *"Int għalissa ħallik minn dan, għax hekk jixraq nagħmlu biex intemmu s-sewwa kollu."* (Matt 3, 15b) Ġwanni, allura, fehem dan il-kliem u rrealizza li mhux hu kellu jiddeċiedi u Ġesù jobdi; it-tnejn flimkien kellhom iwettqu dak li 'kien jixraq.' Ġwanni aċċetta li jgħammed lis-Salvatur. Id-dubji u t-tnikkir tiegħu għebu meta l-Imgħallem Tiegħu sejjaħlu biex jobdi!

**Il-Magħmudija nfisha**

Il-Magħmudija ta' Ġesù ħadet ftit sekondi, iżda dawn il-ftit sekondi kellhom intensità kbira! Fir-rakkonti tal-Evanġelisti Luqa u Marku nistgħu naraw is-sekwenza tal-azzjonijiet:

1. **L-immersjoni fix-xmara:** Kien tard fil-ġurnata u ħafna kienu diġà tgħammdu meta Ġesù daħal fl-ilma.*"Ġara li, wara li tgħammed il-poplu kollu, Ġesù tgħammed ukoll..."*(Luqa 3, 21a). Iżda l-Magħmudija ta' Ġesù ma kinitx bħal tal-oħrajn, kif juri San Mark: *"U minnufih hu u tiela' mill-ilma ra s-smewwiet jinfetħu, u l-Ispirtu bħal ħamiema nieżel fuqu."* (Mark 1, 10)

2. **Il-Ħamiema mis-Sema:** L-Evanġelista Luqa jiddeskrivi l-istess ġrajja fl-Evanġelju tiegħu, iżda jżid element li l-Evnġelista Marku ma jsemmix: Xħin Ġesù kien tiela' mill-ilma, Hu kien qed jitkellem ma' Missieru. Hu ra s-Sema jinfetaħ xħin għajnejh kienu jħarsu 'l fuq fit-talb: *"U waqt li kien jitlob, is-smewwiet infetħu, u niżel l-Ispirtu s-Santu u deher fuqu fis-sura ta' ħamiema."* (Luqa 3, 21b-22a). L-Evanġelista Luqa hu aktar speċifiku minn Marku meta jiddeskrivi l-ħamiema. Din il-ħamiema ma kinitx sempliċement simbolu tal-Ispirtu s-Santu, imma fil-fatt kien l-Ispirtu s-Santu nnifsu – teofanija. Wieħed jista' jimmaġina l-istagħġib ta' Ġwanni xħin ra s-smewwiet jinfetħu, l-Iben ta' Alla jitlob u l-Ispirtu s-Santu nieżel fuqu. Imma mhux biss!

3. **Il-Leħen tal-Missier Alla:** Biex titkompla l-preżenza tat-Trinità Qaddisa, l-Missier tkellem: *"U mis-Sema ġie leħen jgħid: Inti Ibni l-għażiż; fik sibt l-għaxqa tiegħi."* (Luqa 3, 22b) Dan il-ġest ma kienx sempliċiment taptipa fuq ir-ras minn missier. Dan il-kliem kien il-konferma u l-proklamazzjoni solenni ta' Ġesù bħala is-Sultan Suprem (ara Salm 2, 6-9) u l-Qaddej Fidil-Salvatur. (ara Isaija 42,1-4). Il-Magħmudija ta' Ġesù kienet saret, iżda l-missjoni kuraġġuża ta' Ġesù, bħala l-Ħaruf t'Alla, kienet għadha kif bdiet!

**Implikazzjonijiet prattiċi**

Mal-Magħmudija ta' Ġesù, minn dakinhar 'il quddiem sa mewtu, Ġwanni l-Battista jibda jnaqqas mill-influwenza tiegħu, filwaqt li Ġesù jibda jżidha. Tassew li l-Magħmudija ta' Ġesù ġiet fil-ħin opportun, bil-mod



adattat u għal skop preċiż, kif naraw mill-kliem ta' Ġesù nnifsu lil Ġwanni: *"Int għalissa ħallik minn dan, għax hekk jixraq nagħmlu biex intemmu s-sewwa kollu."* Imbagħad Ġwanni ħallih jitgħammed.

Nirriflettu ftit: dawn il-frażijiet: "**għalissa**", "**hekk jixraq**" u "**biex intemmu s-sewwa kollu**," li jindikaw tliet karatteristiċi tal-pjanijiet t'Alla li xi drabi jkunu mhux tas-soltu għalina. B'hekk, imbagħad, bħal Ġwanni, nistgħu naslu biex nissottomettu ruħna u nobdu l-pjanijiet ta' Alla.

1. "**għalissa**": xi drabi t-*timing* ta' Alla ma nifhmuhx, iżda jekk inħarsu lejn l-affarijiet mill-istess lenti t'Alla, żgur li nifhmu li jkun divinament propizju u preċiż! Hu veru li t-talba ta' Ġesù lil Ġwanni biex jgħammdu ħasdet lil Ġwanni. Iżda minkejja li tħawwad, Ġwanni fehem li ż-żmien kien tajjeb u Ġesù kellu jkun obdut! Hekk jista' jiġri lilna: xi drabi wieħed iħoss li l-Ispirtu jkun qed juri għall- bidla fil-pjanijiet; jista' wieħed jidhirlu li l-ħin mhux f'waqtu, imma min-naħa t'Alla, jkun opportun! Wieħed, għalhekk, bl-umiltà kollha għandu jikkalma u jippermetti dak li l-Ispritu jkun qed jispira; b'hekk wieħed ikun qed jagħti glorja lil Alla.

2. "**hekk jixraq**": xi drabi donnu li t-triqat t'Alla, kif jiġru l-affarijiet, ma jkunux jagħmlu sens għalina. Jista' mara ta' 90 sena jkollha tarbija? Kien hemm waħda, Sara, li iva kellha tarbija! Li Salvaturi jitolbu li jkunu mgħammda mhix ħaġa normali; iżda l-Iben ta' Alla hekk għamel. U dan kien l-aħjar mod biex jibda l-Ministeru tiegħu! Hekk jista' jiġri lilna: xi drabi l-Ispirtu jista' jitlob minna xi ħaġa li għalina tkun barra mill-ordinarju, iżda għal Alla le. Ejjew inwettqu r-rieda t' Alla, inwettquha bil-mod kif iridha Hu u nħallu r-riżultat f'idejH!

3. "**biex intemmu s-sewwa kollu**" Meta nwieġbu għar-rieda ta' Alla bl-ubbidjenza, aħna ningħaqdu intimament Miegħu biex isir is-sewwa kollu! Għandna l-assigurazzjoni tal-preżenza ta' Ġesù li tagħtina kuraġġ biex inkomplu nwettqu l-pjan t'Alla. U Alla jikkalma l-biża' tagħna, jaħseb għall-bżonnijiet li jonqsuna, u jurina t-triq. Dak li rridu nagħmlu aħna hu li nwieġbu bla tnikkir u li nbaxxu rasna fi spirtu ta' ubbidjenza lejH, biex hekk nimxu id f'id ma' Ġesù fit-triq 'dejqa' ta' Alla.

Ġwanni l-Battista seta' irraġuna li kienet sejħa 'stramba' li Ġesù jitolbu biex jgħammdu. Imma x'wieġbu Ġesù, xott xott? "Int għalissa ħallik minn dan!" Fi kliem ieħor: 'Agħmel kif qed ngħidlek jien!' Xi drabi, veru, li Alla l-Imbierek jitlobna affarijiet li ma tantx nifhmuhom. Stħajjel lil Alla jgħidlek: 'Agħmel dak li qed innebbħek tagħmel! Hekk jitlob il-mument!'

Ta' min ikompli jinnota li waqt li Ġesù jiltaqa' ma' Ġwanni ġol-ilma tal-Ġurdan, dan tal-aħħar jipprova ma jħallihx! *"Imbagħad ġie Ġesù mill-Galilija lejn il-Ġurdan għand Ġwanni biex jitgħammed minnu. Imma Ġwanni ma ħalliehx u qallu: 'Jien hu li jeħtieġ li nitgħammed minnek, u inti tiġi għandi?"* Ma kinitx din sitwazzjoni ironika? Sa dak il-ħin Ġwanni kien mistenni minnu li jipprepara t-triq għall-Mulej Ġesù. Issa, quddiem Ġesù donnu qed jirreżisti, qed jimblokka 't-triq' tal-Mulej! Eżattament, bħalma għamel Pietru quddiem Ġesù meta dan beda juri lid-dixxipli tiegħu li kien meħtieġ għalih li jmur Ġerusalemm, isofri ħafna mix-xjuħ u l-qassisin il-kbar u l-kittieba, joqtluh u fit-tielet jum iqum. Pietru ġibdu lejh u beda jlumu u jgħidlu: "Allaħares, Mulej! Ma jkun qatt li dan jgħaddi minn għalik!" Iżda, Ġesù dar lejh u qal lil Pietru: "Itlaq minn quddiemi, ja xitan! Int tfixkil għalija, għax m'intix tqis il-ħwejjeġ ta' Alla, imma qiegħed taħsibha ta' bniedem li int." (Matt 16, 21-23)

Meta wieħed jipparaguna dawn iż-żewġ okkażjonijiet li fihom imdaħħlin Pietru (Matt16, 21-23) u Ġwanni l-Battista (Matt 3,13-17), ninnotaw li ż-żewġ ġrajjiet li fihom Ġesù jiltaqa' ma' reżistenza huma l-Magħmudija Tiegħu u l-Kruċifissjoni Tiegħu. Imma la Ġwanni, la Pietru u lanqas saħansitra l-mewt ma setgħu iżommu lil Ġesù milli jwettaq l-għan ewlieni tiegħu – is-salvazzjoni tagħna l-bnedmin! Jista' jkun, li anke' aħna, f'ċerti ċirkustanzi, ġieli ma ħallejniex il-pjanijiet t' Alla jseħħu. Ejjew, bl-umiltà kollha, fit-talb tagħna, nammettu r-reżistenza tagħna għall-pjanijiet ta' Alla, inbaxxu rasna għar-rieda Tiegħu, u nagħmlu kull ma nistgħu biex iseħħu l-pjanijiet Tiegħu għal ħajjitna!



# MONITORAĠĠ TAL-ARJA FIL-MEDITERRAN KO-ORDINAT MIX-XEWKIJA

DR FRANCELLE AZZOPARDI

*Żgur li kull Xewki u kull Għawdxi huwa konxju taċ-ċentru li l-Università ta' Malta għandha fir-raħal tagħna sewwasew fi Triq l-Imġarr. Imma jista' jkun li mhux kulħadd jaf li f'dan l-istess ċentru nsibu l-bażi ta' grupp ta' riċerka responsabbli mill-monitoraġġ tal-arja fil-Mediterran.*
*Ir-rivisita Gourgion għamlet żjara f'dan iċ-ċentru fejn fost oħrajn iltqajna mal-Inġiniera Francelle Azzopardi li hi proprju mix-Xewkija u hija waħda mir-riċerkaturi involuti f'dan il-grupp ta' riċerka mmexxi mill-Professur Raymond Ellul. Skoprejna wkoll li għadha kemm temmet b'suċċess id-dottorat tagħha. Ħadna l-okkażjoni biex nitkellmu magħha u skoprejna diversi fatturi interessanti li joħorġu mir-riċerka li permezz ta' dan iċ-ċentru. F'isem il-qarrejja tagħna staqsejna numru ta' mistoqsijiet li f'din il-ħarġa qed qed nippublikaw it-tweġibiet tagħhom.*

**Dr Azzopardi tista' tgħidilna ftit kemm ilu mwaqqaf dan il-ċentru ta' riċerka propju hawnhekk?**
Dan iċ-ċentru beda fl-1996 bi ftit strumenti li jkejlu gassijiet li jniggsu l-arja kif ukoll parametri meterjoloġiċi. Fl-2010 imbagħad, permezz ta' fondi strutturali tal-Unjoni Ewropea, inxtraw ħafna iżjed strumenti sofistikati li tpoġġew kemm fix-Xewkija kif ukoll fil-Fanal ta' Ġordan. L-uffiċċji u l-laboratorju tagħna wkoll ġew immodernizzati permezz ta' dan il-proġett.

**X'inhu l-iskop ewlieni ta' dan iċ-ċentru?**
L-iskop prinċipali ta' dan iċ-ċentru hu li nkejlu l-livell ta' tniġġis tal-arja fiċ-ċentru tal-Mediterran, kemm bħala gassijiet u kif ukoll bħala partiċelli. Huwa proprju minħabba dan il-fatt li ċ-ċentru tagħna huwa bbażat ġewwa Għawdex, fejn il-maġġoranza tal-istrumenti tagħna jinsabu fil-Fanal ta' Ġordan, ġewwa l-Għasri. Dan biex ikunu f'ambjent rurali, kemm jista' jkun 'il bogħod minn sorsi lokali ta' tniġġis tal-arja, u b'hekk inkunu nistgħu nistudjaw is-sitwazzjoni fiċ-ċentru tal-Mediterran.

**Xi kemm -il persuna hemm nvoluta f'din ir-riċerka?**
Dan iċ-ċentru ġewwa Għawdex, li jifforma parti mill-Fakultà tax-Xjenza tal-Università ta' Malta, huwa magħmul minn grupp ta' ħamsa min-nies. Ovvjament, minħabba n-natura tar-riċerka li qed nagħmlu, minn żmien għal żmien nidħlu f'kollaborazzjoni ma' diversi universitajiet u entitajiet ta' riċerki oħra f'pajjiżi barranin, anke permezz ta' proġetti li nieħdu sehem fihom.

**Insibu xi ċentru ieħor bħalu fil-gżejjer tagħna jew huwa uniku fin-natura tiegħu?**
Iċ-ċentru tagħna huwa rikonoxxut bħala *Global Atmosphere Watch* (GAW) *background station* mill-World Meteorological Organization, allura f'dan ir-rigward nistgħu ngħidu li huwa uniku fil-gżejjer tagħna. Infatti f'laqgħat u konferenzi li jsiru regolarment f'din il-komunità tal-GAW, il-grupp tagħna jkun qiegħed jirrappreżenta lil Malta.

**Semmejtilna fil-qosor l-iskop taċ-ċentru, forsi tista' tagħtina ftit aktar dettalji tal-apparat li għandkom installat fil-fanal ta' Ġordan?**
L-apparat li għandna jkopri firxa wiesa' fil-qasam tat-tniġġis tal-arja. Huwa apparat sofistikat li jilħaq il-miri tal-GAW u li b'kollox jammonta għal aktar minn €750,000. Bħala strumenti li jkejlu dawk li jissejħu '*trace gases*' għandna '*analyzers*' għal '*ozone*', '*sulphur dioxide*', '*nitrogen oxides*', '*carbon monoxide*', '*carbon dioxide*', '*methane*', '*water vapour*', u '*Radon-222*'. Mill-banda l-oħra l-istrumenti li għandna li jkejlu l-partiċelli fl-arja (*aerosols*) jkopru medda ta' bejn 10 *microns* u 10 *nanometers*. Għandna wkoll diversi strumenti oħra li jkejlu parametri meterjoloġiċi bħad-direzzjoni u s-saħħa tar-riħ, temperatura u umdita fost l-oħrajn. Installajna wkoll AIS (*Automatic Identification System) receiver* biex inkunu nistgħu nintraċċaw l-ammont u t-tip ta' vapuri li jgħaddu madwar il-gżejjer Maltin.

**Xi jsir mill-informazzjoni li tinġabar minn dan iċ-ċentru? Tiġi maqsuma ma' xi ċentri oħra ta' riċerka oħra?**
Id-*data* kollha li tinġabar mill-istrumenti li għandna kemm fil-Fanal ta' Ġordan kif ukoll fix-Xewkija, tinġabar fis-'*server*' li għandna x-Xewkija stess, filwaqt li tiġi anke *backed up* ir-Renju Unit. Din id-*data* mbagħad, wara li tiġi proċessata u validata, tintbagħat lil World Meteorological Organization. Din id-data mbagħad tintuża biex jinħarġu rapporti, studji, *scientific papers* eċċ.
Apparti hekk, kif semmejt qabel, anke permezz ta' proġetti li nieħdu sehem fihom, din id-*data* naqsmuha ma' entitajiet differenti, kemm hawn Malta kif ukoll f'pajjiżi oħra. Biex nieħdu eżempju lokali, l-informazzjoni li niġbru fuq id-direzzjoni u l-qawwa tar-riħ tintbagħat lill-Uffiċċju Meterjoloġiku tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta. Fi proġetti bħalma huma l-VAMOS SEGURO u l-MED-SUV, naqsmu d-*data* li niġbru aħna ma' entitajiet

# JASON SALIBA

## THE BLACK SMITH









- GATES
- SPIRAL STAIRS
- BALCONIES
- STAIRCASES
- PREGNANT WINDOWS

'Mafred Hse' Grunju Street, Nadur

M: 7920 8915

E: jasonsalibametalworks@gmail.com

*Designed for your specifications!*







ta' riċerka barranin, bħal pereżempju l-Istituto Nazionale di Geofisica e Vulcanologia. Proġetti bħal dawn, apparti li jgħinuna nespandu l-għarfien tagħna rigward suġġetti partikolari, jgħinuna wkoll niksbu fondi biex nixtru aktar apparat filwaqt li nagħmlu *preventive* u *breakdown maintenance* fuq l-apparat eżistenti li jammonta għal ammont konsiderevoli ta' flus minħabba li l-apparat huwa speċjalizzat. Permezz ta' dawn it-tipi ta' proġetti kif ukoll kollaborazjonijiet, bħal per eżempju dik li għandna mal-Finnish Meterological Institute, nistgħu anke nħaddmu *'computer* model's rigward emissjonijiet, minn diversi setturi, kemm dawk naturali bħalma huma emissjonijiet mill-vulkan Etna fi Sqallija, kif ukoll dawk antropoġeniċi (magħmula mill-bniedem) bħalma huma l-emissjonijiet mill-*'exhaust'* tal-vapuri.

**X'taħseb li huma l-aktar fatturi li jwasslu għall-inkwinament tal-arja fil-Mediterran?**

Mir-riċerka li għamilna joħorġu diversi fatturi li jniġġsu l-arja fiċ-ċentru tal-Mediterran. Il-Mediterran nistgħu nqisuh bħala salib it-toroq, fejn emissjonijiet naturali jiltaqgħu ma' dawk antropoġeniċi. Settur antropoġeniku ferm importanti huwa dak marittimu. Kważi terz (30 %) tal-merkanzija kollha tad-dinja li tivjaġġa bil-baħar u kwart (25 %) taż-żejt kollu tad-dinja jgħaddu mill-Mediterran. Ir-rotta tal-vapuri ta' bejn Malta u Sqallija hija waħda popolari ħafna u l-maġġoranza assoluta (90%) ta' dan it-traffiku ta' vapuri fil-Mediterran jgħaddi minnha. Dan minħabba li din ir-rotta tgħaqqad l-Istrett ta' Ġibilta mal-Kanal ta' Swejż, flimkien mat-terminal u port ta' Sidi Kerir f'Alexandria, l-Eġittu. Apparti minn hekk, il-Malta Freeport wkoll jiġġenera ħafna traffiku f'dan is-settur. Il-Malta Freeport huwa infatti t-tielet l-akbar *'transhipment center'* fil-Mediterran u l-ikbar kumpaniji ta' *containers* fid-dinja bħal Maersk, Mediterranean Shipping Company and CMA CGM, u wħud mill-ikbar vapuri tad-dinja, jagħżlu dan il-port. Malta għandha wkoll l-ikbar reġistru ta' vapuri fl-Ewropa u s-sitt l-ikbar fid-dinja. Mill-kalkoli li għamilna jidher li jgħaddu aktar minn 40,000 vapur bejn Malta u Sqallija kull sena, bil-maġġoranza tagħhom ikunu vapuri




tal-merkanzija u tankers taż-żejt.

*'Screen shot' minn marinetraffic.com li turi l-ammont kbir ta' vapuri li jkun bejn Malta u Sqallija*



*Stima annuali ta' emissjonijiet SOx mill-vapuri bejn Malta u Sqallija permezz tal-'computer model' żviluppat mill-Finnish Meteorological Institute.*

Ta' min isemmi li l-Majjistral huwa l-aktar r-riħ predominanti fil-gżejjer tagħna u għalhekk il-pożizzjoni tal-istrumenti tagħna ġewwa l-Fanal ta' Ġordan hija waħda strateġika. Sfortunament dan ifisser ukoll li l-*'plumes'* ta' dawn il-vapuri li jgħaddu bejn Malta u Sqallija jaslu fuq il-gżejjer tagħna kontinwament. Hija ta' sfortuna wkoll li s-settur marittimu mhuwiex irregolat daqs kemm huma kkontrollati s-sorsi ta' emissjonijiet minn fuq l-art. Infatti, fl-Ewropa, filwaqt li l-emissjonijiet minn fuq l-art qegħdin jonqsu minħabba r-regolamenti u l-miżuri li qed jittieħdu, dawk mis-settur marittimu qed jiżdiedu minħabba li l-kummerċ bil-baħar qed jiżdied. Jaħsbu li sas-sena 2020 l-emissjonijiet marittimi se jożbqu lil dawk antropoġeniċi ta' fuq l-art. Ta' min iżomm f'moħħu li l-akbar 15 –il vapur tad-dinja jħammġu daqs il-karozzi kollha tad-dinja (760 miljun) f'termini ta' *'sulphur oxides'*. Dan minħabba t-tip ta' fuel li jużaw, għax ħafna minnhom jużaw ir-*'residual oil'* jew kif nafuh aħjar il-*'heavy fuel oil'*, li huwa l-aktar tip *'crude'* minn fost il-kategoriji ta' *fuel* u l-aktar wieħed irħis. Il-persentaġġ ta' *'sulphur'* li jkun fih huwa tliet elef darba iktar minn dak li nużaw fil-karozzi.

Emissjonijiet antropoġeniċi oħra minn bliet kemm fl-Ewropa kif ukoll mill-Amerka ta' Fuq u l-Asja, ukoll jaffetwaw il-kwalità ta' arja fiċ-ċentru tal-Mediterran. Dan minħabba dik li tissejjaħ *'long-range transboundary air pollution'*.

Min-naħa l-oħra, bhala sorsi naturali, il-vulkan Etna li jinsab mitejn kilometru 'il bogħod minn Malta, jħalli l-effetti tiegħu fuq il-gżejjer Maltin. Dan kemm bhala *'volcanic ash'* u kemm bhala *'sulphur dioxide'*. Naraw li meta r-riħ ikun mil-Grigal u jkun hemm eruzzjoni tal-vulkan, il-*'volcanic ash'*, anke jekk fi kwantitajiet żgħar tigi trasportata lejn il-gżejjer tagħna. Ta' min jinnota li l-vulkan Etna huwa l-ikbar wieħed fl-Ewropa u wieħed mill-aktar attivi fid-dinja. Biss biss bejn l-2011 u 2013 kellu 46 episodju ta' *'lava funtaining'*. Il-*'volcanic ash'* tagħmel ħsara kbira lill-ajruplani għax meta tidħol fil-magni





AndrewCassar
PHYSIOTHERAPIST

MSc Paediatric Physiotherapy (Lond.)
BSc (Hons) Physiotherapy (Melit.)
SRP (Malta) hpc (UK)

Great reputation for treating...
Sport, soft tissue & joint injuries
Back & neck pain,
Adult & paediatric physical concerns

**BOOK YOUR APPOINTMENT ON...**
M: 79282355
Andrew Cassar – Physiotherapist
E: cassarandrew@hotmail.com

*Charlie's*

HAIR SALON

***Opening Hours:***
Tues. to Sat.
8.00am - 5.00pm

67, Main Street,
Xewkija, Gozo.
**Tel: 2156 1115**

BAHRI RENTALS

RENT-A-CAR
RENT-A-MOTORBIKE
TAXI & MINIBUS SERVICE
FARMHOUSES FOR RENT

7B, Mġarr Road, Xewkija, Gozo
**21554396 • 99426127 • 99491001**
Email: bahrigarage@gmail.com
**www.gozocreations.com/carrentals**

tagħhom tinħall f'dawk it-temperaturi għoljin u timblokka l-'*fuel nozzles*' u l-'*cooling ducts*'. Taffetwa wkoll is-sistemi ta' navigazzjoni u ta' komunikazzjoni ta' fuq l-ajruplan.



*Ritratti mis-satellita li juru s-sħaba tal-vulkan Etna fuq il-gżejjer Maltin fis-27 u 28 ta' Ottubru, 2002.*

Il-*volcanic ash* hija magħmula minn ġebel u *silica* u allura tigref ħafna u ma tinħallx fl-ilma. Għalhekk, jekk tiġi f'kuntatt mal-ajruplani, din tigref il-'windshields' fost l-oħrajn filwaqt tiekol il-*blades* tal-kumpressuri u l-fannijiet. Allura żviluppajna *forecast model* li kuljum joħoroġ *hazard maps* fuq il-'website' tal-proġett ta' VAMOS SEGURO (www.vamosseguro.eu). Dan huwa speċjalment utli għall-Uffiċċju Meterjoloġiku tal-Ajruport Internazzjonali ta' Malta li f'kas li jkun hemm eruzzjoni mill-Etna jkun jistgħu jiċċekjaw dawn il-*forecasts* u jaraw jekk ikunx se jaffetwa t-titjiriet. Apparti *volcanic ash*, mill-Etna jasal ukoll is-*sulphur dioxide* hawn Malta u dan kemm waqt eruzzjonijiet ta' Etna u anke bejniethom, minħabba li Etna jemetti livelli għoljin ta' dan il-gass kemm meta jkun attiv u anke meta jkun passiv. Dan il-gas jaffetwa l-iktar lin-nies li jbatu bl-ażma jew bi problemi respiratorji oħra, b'mod partikolari lit-tfal u lill-anzjani.




*Eżempji ta' 'forecast maps' li juri l-ammont ta-'volcanic ash' fuq il-gżejjer Maltin*

**Jekk niġu għal-livell ta' inkwinament fl-arja ta' madwar il-gżejjer Maltin, hemm xi livell allarmanti li jista' jkun kawża ta' tħassib?**

Bħala livelli ta' gassijiet u partiċelli li jagħmlu ħsara lis-saħħa tal-bniedem, l-ebda minn dawk li nkejlu aħna ma qabżu r-regolamenti tal-Unjoni Ewropea, anke' minħabba li aħna qed nieħdu '*background measurements*'. Il-livelli tal-ozonu huma ftit għoljin, bħalma huma fil-bqija tal-Mediterran. Jekk nieħdu l-linji gwida tal-Għaqda Dinjija tas-Saħħa, li mhumiex obbligatorji li wieħed jimxi magħhom, naraw li l-ożonu f'Malta jaqbeż dawn il-limiti f'numru ta' ġranet, speċjalment fis-sajf. Dan minħabba l-klima tipika tal-Mediterran, fejn it-temperaturi għoljin tas-sajf aktar jgħollu l-livelli ta' dan il-gas. L-ożonu fil-parti ta' isfel tal-atmosfera (troposfera) iġib ruħu bħala gas serra u jagħmel ukoll ħsara lis-saħħa tal-bniedem kif ukoll lill-pjanti. Wieħed irid joqgħod attent li ma nibdluhx mal-ożonu fl-*ozone layer* li tinsab aktar 'il fuq fl-atmosfera (stratosfera). L-ożonu hemmhekk (20-30 kilmetru 'il fuq mill-art) huwa bżonnjuż għax jipproteġina mir-raġġi tax-xemx.

**Hemm xi ħaġa konkreta li nistgħu nagħmlu biex innaqsu dan l-inkwinament?**

Fuq bażi individwali kulħadd jista' jagħmel affarijiet żgħar biex kollettivament nibqgħu nnaqqsu l-emissjonijiet mill-*fossil fuel combustion* biex nibqgħu nilħqu l-miri tal-Unjoni Ewropea. Għalkemm l-istrumenti tagħna qegħdin f'ambjent rurali u kemm jista' jkun distakkati mill-varjazzjonijiet tal-emissjonijiet lokali, meta r-riħ ikun mix-Xlokk, naraw ħafna '*peaks*' f'dawn l-istrumenti. Dan minħabba li r-riħ ikun għadda minn fuq il-gżejjer Maltin u ġarr miegħu dan it-tniġġis tal-arja, speċjalment fil-ħinijiet tar-'*rush hours*', partikolarment dawk ta' filgħodu. Dan jindika li għad fadal xi jsir fis-settur tat-trasport.

**Grazzi ħafna Dr Azzopardi li lqajtna u tat-tagħrif ferm interessanti li għoġbok twasslilna. Nemmnu li permezz tiegħu ħafna Xewkin saru aktar konxji tar-riċerka siewja li qed twettqu miċ-ċentru tagħkom li għadu l-bażi tiegħu fir-raħal tagħna.**






25, MĠARR ROAD, GĦAJNSIELEM, GOZO
T: 21561036 • M: 9922 8212

WESTEND BAR
TERRACE
MGARR ROAD - XEWKIJA, GOZO
GOZO'S MOST WANTED WEEKEND DESTINATION
Follow us on WESTEND
T: 21550474 | 99430673 | 99442934



Miguel Attard
Domestic Appliances Repairs
as Washing machines, air conditioners, refrigerators, Ovens, Vacuum Cleaners and other electrical appliances.
Servicing Malta & Gozo





"Villa ta' Blankas"
Tal-Kanal Street,
Xewkija, Gozo.
Mob: 9982 3687
Tel: 2155 1377
2155 9824
E-mail: attard_75@hotmail.com

PRO STAGE
S O U N D
Heard in the right places!

Professional audio solutions for:
Conferences & Seminars, Concerts & Festivals, Corporate Functions
Product Launches, Theatrical Events, Parties
& any other special event

We also specialize in:
P.A. & Equipment Rentals, On-site Engineering
System Design & DJ Services

ALL AT COMPETITIVE PRICES AND EXCEPTIONAL SERVICE

Tel/Fax: 2155 3961 Mob: 9947 8802 info@prostagesound.com www.prostagesound.com



Il-bank tiegħek
fil-qalb tal-komunità

L-HSBC huwa impenjat li jinvesti fil-komunità Maltija u jġib benefiċċji dejjiema lis-soċjetà. Il-bank jagħti l-appoġġ tiegħu lill-programmi li jagħmlu differenza fil-ħajja ta' tfal żvantaġġjati, l-ambjent u l-patrimonju Malti. Ninsabu kburin bl-impjegati tal-HSBC li jagħtu l-kontribut tagħhom lejn dawn il-kawżi.

Dawn l-impjegati ta' kuljum issibuhom lesti biex jgħinukom fil-bosta fergħat li għandna mferrxin madwar Malta u Għawdex. Huma, flimkien ma' *branch manager* b'esperjenza kbira fil-qasam bankarju, jinsabu ħerqana li jkunu ta' servizz għalik. Għalhekk ejja żurna biex flimkien niddiskutu l-bżonnijiet bankarji tiegħek.

Ċempel **2380 2380**
Żur **hsbc.com.mt**
Mur **fl-eqreb fergħa**

HSBC

Approvat u maħruġ mill-HSBC Bank Malta p.l.c. 116, Triq l-Arċisqof, Valletta VLT1444.

GĦAQDIET RELIĠJUŻI FIX-XEWKIJA

# GĦAQDA ABBATINI XEWKIJA

MATTHEW ATTARD - PREFETT



## ŻIEDA T'ABBATI ĠDID




Fil-ġranet ta' qabel il-festa 2015 , l-abbatini kellhom tassew biex jifirħu. Dan għaliex nhar il-15 ta' Ġunju saret il-vestizzjoni ta' Benjamin Zammit bħala Abbati. Din kienet okkażjoni sabiħa fejn fiha fraħna b'membru ieħor li aċċetta li jkun ta' servizz fil-qadi tal-artal. B'hekk l-ammont t'abbatini attivi fil-parroċċa tela' għal 19 -il membru.

## LIVE IN F'MALTA



Wara diversi impenji li kellna matul il-jiem tal-festa fl-okkażjoni tal-170 sena tal-wasla tal-istatwa ta' San Ġwann fostna, aħna l-abbatini kellna attivita` ta' mistrieħ fejn fiha qattajna tlett ijiem ġewwa l-kumpless Rivotorto ġewwa Birkirkara, Malta. Matul dan il- live-in aħna kellna diversi laqgħat ta' tagħlim kif ukoll rikreazzjoni ġewwa Malta mas-seminaristi Carl Scerri u Gabriel Vella. Din l-attivita` tatna l-opportunita` li nifhmu iktar l-importanza tal-impenn li aħna bħala abbatini dħalna għalih.

## ARĊIPRIET ĠDID FIL-PARROĊĊA



Tmiem Awwissu wassal l-aħbar li l-Eċċ. Tiegħu Mons Isqof għoġbu jaħtar lil Mons Dun Daniel Xerri bħala l-arċipriet il-ġdid tal-parroċċa. B'hekk mal-bidu ta' Settembru aħna l-Abbatini kellna l-opportunita` biex fl-ewwel laqgħa tagħna tajna merħba lill-arċipriet il-ġdid kif ukoll irringrazzjajna lill-Mons Carmelo Mercieca għall- ġid kbir li għamel fil-parroċċa matul it-43 sena tal-parrokat tiegħu.

## TISLIMA U GRAZZI LIS-SEMINARISTA CARL SCERRI

Fi tmiem Settembru lqajna għall-aħħar darba lis-seminarista Carl Scerri fostna. Dan peress li ġie mibgħut biex jagħti servizz ġewwa parroċċa oħra f'Għawdex. Filwaqt li rringrazzjanieh ta' dak kollu li għamel magħna l-abbatini matul is-sena ta' qabel awgurajnielu fil-ħidma l-ġdida tiegħu fid-djoċesi. Fi tmiem din il-laqgħa Carl qasam kejk tal-okkażjoni u ngħata tifkira ċkejkna ta' ringrazzjament .



## PUSSESS

Novembru ġab miegħu l-bidu tal-parrokat tal-arċipriet il-ġdid. Il-festa tal-pussess impenjat lilna l-abbatini b'diversi modi. Waqt riċeviment li sar fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni tal-pussess, l-abbatini taw Ostensorju bħala rigal lill-arċipriet il-ġdid.

## AKKOLITAT TA' CARL SCERRI

Flimkien ma' Carl fraħna bil-ministeru l-ġdid li ġie mogħti nhar id-29 ta' Novembru 2015 flimkien mas-seminarista mill-parroċċa ta' San Lawrenz, Micheal Grima.



## MILIED 2015

Żmien l-Avvent kien ifisser impenn minna l-abbatini għal diversi funzjonijiet ta' tħejjija għall-festa tal-Milied. L-abbatini kienu impenjati waqt in-Novena li saret fil-parroċċa. Fi tmiem ta' dawn il-festi kienet organizzata laqgħa ta' talb għall-abbatini u l-familjari tagħhom ġewwa għar fix-Xagħra. Din l-attivita` sabet kliem ta' tifħir minn kull min attenda għaliha. Wara din l-attivita' sar festin fid-dar parrokjali fejn l-abbatini ngħataw rigal ċkejken tal-Milied.



## ATTIVITAJIET

Matul din is-sena l-abbatini kellhom diversi ħarġiet fejn fihom stajna niltaqgħu flimkien u nirrikrejaw ruħna b'mod san. Dawn il-ħarġiet kienu jikkonsistu f' *hike* ġewwa Mġarr ix-Xini, mixja mix-Xewkija għar-Ramla u mawra fl-Oratorju Don Bosco fejn assistejna għal dramm. Dan minbarra diversi laqgħat u mumenti flimkien ġewwa d-dar Parrokjali fi tmiem il-ġimgħa



## ĠIMGĦA MQADDSA 2016

Matul din il-ġimgħa l-abbatini kienu impenjati f'diversi attivitajiet relatati ma' dawn il-festi. Wieħed seta' jinnota l-ammont kbir ta' impenn li jkun meħtieġ mis-servizz tagħna l-abbatini. Barra s-servizzi li tajna waqt il-funzjoni tad-Duluri, Ħamis ix-Xirka, Ġimgħa l-Kbira, Sibt il-Għid u Ħadd il-Għid, aħna tajna s-servizz tagħna f'konċelebrazzjonijiet li saru kull nhar ta' Erbgħa matul is-sitt ġimgħat tar-Randan.

## RINGRAZZJAMENT

Ma nistax nagħlaq din il-paġna jekk ma nurix il-gratitudni lejn il-ġenituri tagħna li dejjem insibuhom lesti biex jikkoperaw magħna u jgħinuna fil-ħtiġijiet li jkollna minn żmien għal żmien. Grazzi wkoll għall-inkoraġġiment kontinwu u s-sostenn li nsibu minnhom. Dan jgħinna biex inwettqu l-ħidma tagħna b'risq il-parroċċa tax-Xewkija b'aktar impenn u serjeta`.

## FACEBOOK PAGE

Dawk kollha li jixtiequ jsegwu l-attivitajiet tagħna matul is-sena huma mistiedna biex jidħlu regolarment fuq il-*facebook page* ta' Abbatini Xewkija. Inħeġġukom biex barra li tagħmlu *like* lill-paġna tagħna tħallu xi kummenti biex tgħinuna ntejbu din il-paġna. Dawk kollha li għandhom uliedhom interessati biex jidħlu għall-impenn ta' servizz fil-parroċċa bħala Abbatini huma mitluba biex jikkuntattjaw lill-Arċipriet biex wara li jattendu xi laqgħat ta' preparazzjoni jkunu lesti biex jibdew jagħtu anke huma s-servizz tagħhom fil-parroċċa.

## GĦAQDIET RELIĠJUŻI FIX-XEWKIJA

# AZZJONI KATTOLIKA

DR MARSETTE XERRI

Il-wasla ta'  festa oħra indubbjament tindika t-trapass ta' sena oħra; sena li matulha l-Azzjoni Kattolika tar-raħal tagħna reġgħet għamlet l-almu tagħha sabiex tkun fidila lejn isimha, u tkun attiva bl-aħjar mod possibbli.

F'era fejn kull rokna ta' ħajjitna jkollha kontinwament tissielet kontra s-sekulariżmu u l-influwenzi xejn minimi tiegħu, din is-sena l-membri tal-Azzjoni Kattolika ħassew il-bżonn li l-ewwel u qabel kollox ifakkru lix-Xewkin x'kienu l-pedamenti ta' din l-istess għaqda. Inħasset il-ħtieġa li titqajjem kuxjenza dwar x'kienu l-motivi li kellhom l-antenati tagħna meta lura lejn l-1938 ħadmu bis-sħiħ sabiex din l-għaqda titwaqqaf u tiġbed lejha numru sabiħ ta' Xewkin. Għaldaqstant, flimkien mal-programm tal-ġimgħa tal-Azzjoni Kattolika, din is-sena ġie mqassam *leaflet* li inkluda fih tagħrif dettaljat ta' din l-għaqda.

Iktar minn kollox, l-enfasi tul din is-sena tqiegħdet l-iktar fuq il-ħtieġa li l-Azzjoni Kattolika, li fuq nota pożittiva ferm, ta' min jgħid illi fir-raħal tagħna hija komposta mill-ikbar numru ta' fergħat, tagħti lok għal ideat u attivitajiet li jkunu jinkwadraw fis-socjeta` kurrenti u l-ħtiġijiet implikati minnha. Għaldaqstant, fuq bażi staġjonali, ġew miżmuma laqgħat mad-diversi diriġenti rappreżentanti ta' kull fergħa illi għandna fir-raħal tagħna, biex b'hekk ingħatat vuċi lil kull rapprezentat u ntefa' dawl aħjar fuq l-ideali u l-aspettazzjonijiet tal-membri fi ħdan dawn l-istess fergħat. Tali laqgħat kienu produttivi ferm, b'mod partikolari meta wieħed iqis illi l-fatt li l-membri kollha huma ta' etajiet varji u ġejjin minn strati diversi tal-ħajja ifisser għadd ta' realtajiet li jeħtieġ illi jkunu indirizzati.

L-Azzjoni Kattolika ħasset il-bzonn ukoll illi ma tkunx preżenti biss b'mod dokumentat, iżda saħansitra billi twassal il-vuċi tagħha lill-komunità li tappartjeni fi ħdanha. Għal din il-fini, ġew imtellgħin żewġ programmi fuq ir-radju tal-komunità` tagħna, Radju Prekursur, bis-suġġett principali jkun dak ta' Marija Addolorata; programmi illi kienu speċifikament intiżi għall-perjodi tar-Randan u l-Ġimgħa Mqaddsa. Għal darb'oħra dawn ma kinux produttivi biss fis-sens illi ġie mqiegħed fihom is-sehem attiv tal-membri tagħna, però għenu sabiex l-għaqda tifrex iktar il-preżenza tagħha fir-raħal u tilħaq udjenza ikbar.

Bla dubju ta' xejn, ikun inutli li għaqda reliġjuża, bħalma hija l-Azzjoni Kattolika teżerċita biss sforzi in terminu ta' attivitajiet, jekk l-isforz prinċipali ma jkunx dak ta' tiġdid u riġenerazzjoni. Qiegħed jingħad dan għaliex, fuq nota mhux daqstant pożittiva, hemm drabi fejn l-għaqda tagħna jkollha taffaċċja r-realtà ta' sħubija b'età medja kemxejn lil hinn minn ġovanili. B'ton pożittiv, madanakollu, ta' min isemmi illi l-għaqda tagħna hija waħda li dejjem irnexxielha żżomm u trawwem fi ħdanha fergħa tal-adoloxxenti, u li fuq nota sodisfaċenti, il-maġġor parti tagħhom ilhom jattendu għal numru ta' snin. Sabiex jiġu indirizzati l-ideali ta' din l-iskaluna soċjali, l-adoloxxenti ma jiġux biss mogħtija l-formazzjoni spiritwali illi hi tant kruċjali fi żminijiet li matulhom ħafna drabi jsibu ruħhom f'salib it-toroq, iżda jiġu organizzati lilhom ukoll għadd ta' attivitajiet li jgħinu sabiex iżommu ingaġġat l-interess tagħhom fl-istess għaqda.

B'estensjoni għall-ħidma ġenwina li twettqet mill-membri tagħna din is-sena, nieħu l-opportunità u nħeġġeġ lil kull min jista' jkun qiegħed jaqra dan l-artiklu u li mhuwiex membru tal-Azzjoni Kattolika sabiex imidd il-pass u jissieħeb fil-fergħa addattata għalih, u ċertament li jkun qiegħed jinvesti f'esperjenza ta' formazzjoni nisranija, tiġdid spiritwali, u sħubija attiva f'komunità li essenzjalment jeħtiġilha taħdem favur l-istess ideoloġi. Nieħu l-opportunità` wkoll sabiex nirringrazzja lill-membri kollha li għal sena oħra għarrfu jwettqu l-missjoni attiva tagħhom.
Nawgura lil kulħadd il-festa t-tajba.




*Head Office:* The Brokerage, Level 0 "A", St Marta Street, Victoria, Gozo, VCT 2550, Malta.
Tel: 22587000, 21554492 Fax: 21559199
*Malta Office:* 95, Fleur de Lys Road, Birkirkara, BKR 9064, Malta. Tel: 2144 1003 Fax: 2144 1006
e-mail: michael@michaelgrechfinancial.com
www.michaelgrechfinancial.com

Licensed to conduct investment services by Malta Financial Services Authority

# Meylak Jewellery

24, Republic Street,
Victoria,
Gozo - Malta.

**Tel: 21566303**

Email: meylago@maltanet.net

# Al Capone Bar & Restaurant

Al Capone

ZaiKie's offers the perfect party for your child in an air condition playroom. We offer Bouncy castle, games, glitter tattoos, face painting and many more.... Special offers for Summer holidays.

Triq Cimcem, Nadur, Gozo
FOR RESERVATIONS CALL

Tel: 21566577 Mob:99248377, 77461609




PURIFIED DRINKING WATER

H2Only

water as nature intended

www.h2only.com

Tel: 21 420 420

Gozo: Mario Attard - 99461609

## GĦAQDIET RELIĠJUŻI FIX-XEWKIJA

# LEĠJUN TA' MARIJA

### MIKTUB MILL-PRAESIDIUM:
### MADONNA TAL-FIDUĊJA - XEWKIJA





**Il-Leġjun ta' Marija f'Għawdex**

Il-Leġjun ta' Marija ssibu mxerred ma' Għawdex kollu fejn f'kull raħal issib Praesidia, kemm għaż-żgħar u kif ukoll għall-kbar li jiltaqgħu darba fil-ġimgħa. Ta' kull xahar, l-uffiċjali (President, Viċi President, Segretarja u Teżoriera) ta' kull Praesidium jiltaqgħu fil-Curia biex b'hekk ikunu jistgħu jirrappurtaw ix-xogħol li jkun seħħ matul dik is-sena partikolari u kif ukoll jitgħallmu minn Praesidia oħra kemm dwar kuntatti li jkunu għamlu u kif ukoll eżempji ta' xogħlijiet differenti li wieħed jista' jagħmel. Ta' kull sena niltaqgħu flimkien bħala membri tal-Leġjun ta' Marija u suldati fl-armata ta' Marija fl-Aċies fejn inġeddu l-wegħda Leġjunarja u ntennu t-talba: "Jien kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi u kulma għandi huwa tiegħek." Din it-talba tqawwina biex inkomplu naħdmu għal Ommna Marija u nwettqu l-ġid kemm ma' qrabatna, ħbiebna, parruċċani, immigranti u nies barranin li forsi jkunu jridu jintegraw fis-soċjetà.

Apparti l-funzjoni tal-Aċies, ikun hemm diversi funzjonijiet fejn niltaqgħu fuq bażi ftit iżgħar l-aktar bħala Curia. Eżempju fil-Curia Madonna ta' Pinu li tieħu ħsieb il-Praesidia tal-*Juniors* u *Intermediates* fil-parroċċi ta' Għajnsielem, ix-Xewkija u Ta' Sannat, norganizzaw attivitajiet fejn mhux biss inħajru tfal ġodda biex jattendu l-Leġjun ħalli jiffurmaw ruħhom spiritwalment iżda wkoll permezz tal-Leġjun jistgħu jibnu ħbiberiji ġodda u jitgħallmu fuq persuni li kienu involuti fil-ftuħ tal-Leġjun ta' Marija madwar id-dinja. Is-sena l-oħra, propju f'Settembru, f'Jum il-Twelid tal-Fundatur, Frank Duff, sar kwiżż lill-istudenti li jattendu l-Leġjun ta' Marija f'dawn it-tliet irħula fejn ġew mistoqsija dwar tagħrif fuq tliet personalitajiet marbuta mal-Leġjun: Frank Duff, Edel Quinn u Alphie Lambe. Naturalment, l-istudenti kienu mħejjija minn qabel billi studjaw u għamlu riċerka dwarhom. Il-kwiżż kien ta' suċċess u kull grupp kien għatxan li jirbaħ. Fil-fatt, ftit li xejn kien hemm risposti ħżiena. Dan il-kwiżż għen lill-istudenti biex jitħalltu aktar bejniethom u jiksbu għarfien aktar dwar xi jfisser il-Leġjun ta' Marija.

**Il-Leġjun ta' Marija fil-parroċċa tagħna tax-Xewkija**

Fir-raħal tagħna nsibu diversi Praesidia kemm tal-kbar u kif ukoll taż-żgħar. Naturalment kif il-baqra tagħti l-ħalib liż-żgħar tagħha biex b'hekk ikunu jistgħu jikbru b'saħħithom, hekk ukoll kull min jieħu ħsieb lil uliedu, għandu jtellagħhom b'saħħithom, mhux biss fiżikament iżda wkoll spiritwalment. Għalhekk, importanti li wieħed jattendi għaqda minn età żgħira biex ikun jista' jifforma ruħu b'mod spiritwali. Fix-Xewkija, insibu Praesidium tal-*Juniors*, li jiltaqa' fl-inħawi tal-Barmil, u kif ukoll żewġ Praesidia tal-*Intermediates*, li wieħed minnhom jiltaqa' fl-inħawi tal-Barmil, filwaqt li l-ieħor jiltaqa' fiċ-Ċentru Parrokkjali, fil-pjazza tar-raħal. Il-laqgħa tkun ta' kull ġimgħa li ddum madwar siegħa u kemm studenti bniet u kif ukoll studenti subien huma mistiedna li jattendu. Il-membru, Maria Pia Saliba, li ilha membru attiva fil-Leġjun ta' Marija ġewwa x-Xewkija, għamlet unur għalija nnifisha, għal raħalha u anke għal pajjiżna meta rebħet tliet medalji, waħda tad-deheb, fidda u bronż fl-*Special Olympics* fid-dixxiplina tal-għawm. Nifirħulha u nawgurawlha aktar suċċessi!



**Il-Leġjun ta' Marija jagħti kontribut lill-Parroċċa**

Bħala Leġjunarji, aħna għandna dmir li fuq kollox nagħtu sehemna fil-parroċċa u ngħinu b'kull mod possibbli. Għaldaqstant, is-sena l-oħra organizzajna lezzjonijiet fis-sajf għall-istudenti li xtaqu jitgħallmu lingwa barranija. Fost il-lingwi offruti kien hemm: it-Taljan, il-Franċiż u l-Ispanjol. Għal dawn il-lezzjonijiet kien hemm konkorrenza qawwija, fejn huma tgħallmu kliem bażiku u frażijiet bil-lingwi rispettivi. F'dawn il-lezzjonijiet, apparti li ngħataw karti tat-taħriġ, intuża wkoll l-aspett teknoloġiku fejn l-istudenti setgħu jkantaw, jisimgħu u jaraw vidjow bil-lingwa li kienu qegħdin jitgħallmu. L-istudenti attendew bi ħġarhom peress li kienu ħerqana li mhux biss iqattgħu s-sajf ħdejn il-baħar iżda wkoll użaw il-ħin b'mod tajjeb u utli. Barra minn hekk, matul ix-xhur tax-xitwa, aħna tajna sehem fil-parroċċa billi għenna lill-Arċipriet kemm fit-tħejjija għan-novena tal-Milied u kif ukoll waqt l-eżerċizzji tar-Randan.

Minn din l-informazzjoni qasira dwar il-Leġjun ta' Marija, nistgħu naraw kif bħala persuna, il-Leġjun ta' Marija jista' jibnik mhux biss spiritwalment, iżda jimlik b'valuri sbieħ li fil-ħajja diffiċli takkwista waħdek. Jekk verament tixtieq, inti wkoll tista' ssib iċ-ċans biex timla lilek innifsek b'dawn il-valuri u siegħa fil-ġimgħa tagħtiha lill-Madonna.









GĦAQDIET RELIĠJUŻI FIX-XEWKIJA

# M.U.S.E.U.M. - SEZZJONI BNIET

*San Ġwann Battista għalliem tal-Ħniena u tal-Fidi.*

**SUP. MARIJA VELLA**





F'din is-sena tal-Ġublew tal-Ħniena, xtaqt naqsam magħkom ftit ħsibijiet fuq il-Ħniena u l-Fidi ta' San Ġwann. Jixraq li nimitaw lill-Patrun tagħna f'dawn iż-żewġ virtujiet. Fil-Vanġelu ta' Luqa nsibu lil San Ġwann jipprietka u jgħid "Min għandu żewġ ilbiesi jagħti waħda lil min m'għandux u min għandu x'jiekol jaqsam ma' min m'għandux." U lill-pubblikani li marru għand Ġwanni biex jitgħammdu qalilhom: "La tiħdux ħlas aktar milli għandkom tieħdu." Lil xi suldati qalilhom: "La taħqru lil ħadd u la tigbdu fuq ħadd biżżejjed għalikom dak li taqilgħu."

Il-Fundatur tagħna San Ġorġ Preca jgħidilna: "L-imħabba u l-ħniena lejn il-proxxmu hija meħtieġa biex insalvaw ruħna għax Kristu wkoll qalilna biex inħobbu 'l Alla b'qalbna kollha u lill-proxxmu bħalna nfusna." Jekk jiena ma nħobbx lill-proxxmu ma nistax nuri ħniena miegħu. Jien se nsib ħniena minn Alla daqskemm jien inkun urejt ħniena u mħabba mal-proxxmu kollu. Biex nasal għal dan irid ikolli l-fidi, għax jekk ma jkolliex fidi kif se nemmen fil-ħniena t'Alla? U kif se nħenn u nħobb lill-proxxmu? San Ġwann pprietka u qal "Min jemmen fl-Iben għandu l-ħajja ta' dejjem, iżda min ma jemminx fl-Iben ma jarax il-ħajja, imma tibqa' l-korla ta' Alla fuqu." San Ġwann Battista kien jipprietka ukoll, "Agħmlu frott ta' għemejjel tajba."

Issa se naqsam magħkom xi attivitajiet li għamilna ma' uliedkom. Bħalma tafu f'Novembru l-M.U.S.E.U.M. għalaq 100 sena mit-twaqqif tiegħu. Għal din l-okkażjoni organizzajna ġimgħa ta' laqgħat li kienu għal kulħadd u għalaqna b'konċelebrazzjoni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri li miegħu kkonċelebraw is-saċerdoti kollha Xewkin ankè dawk li qed jaħdmu barra r-raħal. Grazzi lil Alla ta' din il-barka li tefa' fuq ix-Xewkija u ta' tant tagħlim li ħareġ u għadu joħroġ minn din id-dar. Fil-Milied kellna s-soltu kunċert tat-tfal u festin għat-tfal u l-ġenituri. F'Jannar kellna quddiesa ta' ringrazzjament 'l Alla fl-okkażjoni ta' numru ta' soċi Għawdxin fosthom sitta mix-Xewkija li ċċelebraw il-50 sena mill-inkorporazzjoni mas-Soċjetà Mużewmina. Fi Frar inżamm seminar għal kulħadd bl-isem "It-Tbatija fid-Dawl ta' Kristu" li bħalu se jerġa' jsir ieħor f'Ottubru li ġej. Saru wkoll tliet laqgħat għall-ġenituri tat-tfal tal-preċett u tal-griżma. Fl-okkażjoni tal-100 sena mill-ftuħ tal-M.U.S.E.U.M. xtaqna nagħmlu xi ħaġa li tibqa' tifkira u għalhekk



bdejna nlaqqgħu koppji darba fix-xahar preċiżament f' kull l-ewwel Sibt tax-xahar. Qed jattendu koppji żgħar u qed jieħdu ħafna interess. Jalla nkomplu u jekk hawn xi koppji li jixtiequ jingħaqdu magħna nitolbuhom jikkuntattjawna. Bejn it-13 u l-15 t' April ġie fix-Xewkija l-monument ta' San Ġorġ Preca li qed idur l-parroċċi t'Għawdex qabel ma jitpoġġa fi pjazza Indipendenza fir-Rabat. Il-Ħamis ilqajnieh fil-bitħa tal-qasam tagħna u laqqajna lit-tfal bniet u l-ġenituri kollha u għamilna laqgħa ta' talb u kant quddiemu.

Ta' dawn l-attivitajiet kollha nirringrazzjaw 'l Alla, lil San Ġwann u lil San Ġorġ Preca. Grazzi ukoll lilkom benefatturi u ġenituri tal-għajnuna li tagħtuna. Grazzi talli tafdawlna lil uliedkom biex inkunu nistgħu nkomplu l-missjoni tagħna. Il-Bambin jitfa' l-barka Tiegħu fuq il-familji tagħkom kollha.






# St John Foodstore

Soil Street
Xewkija
Tel: 2155 7001

'Qajru' Butcher inside

Pjazza
San Ġwann
Battista
Xewkija
Tel: 2155 0496

# M.U.S.E.U.M. - SEZZJONI SUBIEN

**Sena Speċjali għas-Soċjetà tal-Museum fix-Xewkija**

***Il-Ġublew tal-Ħniena, San Ġwann Battista u l-Fundatur San Ġorġ Preca***

SUP. TONI GRIMA

Nistgħu ngħidu li ninsabu kważi f'nofs is-Sena Speċjali tal-Ġublew tal-Ħniena mniedi minn Papa Franġisku. Żgur li smajna ħafna fuq il-Ġublew tal-Ħniena, imma forsi ssib min jistaqsi x'rabta hemm bejn dawn it-tlieta? L-iskop ewlieni li għalih Papa Franġisku sejjaħ din is-sena speċjali, kien biex naħsbu u nifhmu aktar il-ħniena kbira ta' Alla għalina l-bnedmin. Jekk inħarsu biss lejn it-tifisira tal-isem tal-patrun tagħna Ġwanni – '*Johanan*' diġà huwa messaġġ fih innifsu – rigal tal-ħniena ta' Alla. Fit-tagħlim u fil-kotba li ħallielna l-fundatur tagħna San Ġorġ Preca, għandna minjiera ta' tagħlim dwar kemm hi kbira l-ħniena ta' Alla għalina l-bnedmin. Ħa nsemmu biss xi ħsibijiet li nsibu fil-ktieb 'Is-Sena tas-Sinjur'. Dun Ġorġ Preca jpoġġi dan il-kliem fuq fomm Ġesù:

> "*...Alla huwa dejjem pront biex juża ħniena magħha (mar-ruħ tal-bniedem), u l-ikbar pjaċir li tista' tħoss il-qalb tiegħi huwa dak li twassal quddiem il-Missier Etern numru kbir mill-iżjed li jista' jkun ta' midinbin.*" Huwa jistħajjel lil Ġesù jgħidilna: "*Ara qatt tiddubita li midneb sejjer ikun imkeċċi minni jekk jersaq lejja għall-maħfra; anzi jisraqli qalbi xħin narah jagħti xi pass lejja*".

Dawn il-kelmiet żgur li huma biżżejjed biex nifhmu kemm Dun Ġorġ għaraf kemm Alla huwa ħanin magħna l-bnedmin.

Papa Franġisku matul din is-sena tal-Ġublew mhux biss iridna nifhmu aktar il-ħniena ta' Alla, iżda qed jistedinna biex aħna wkoll inkunu strument ta' ħniena mal-proxxmu tagħna. Fil-ħajja ta' kuljum, aħna rridu ngħixu dak li għallimna Sidna Ġesù. Kif insibu fil-Vanġelu, Ġwanni l-Battista kien iħeġġeġ biex il-poplu jagħmel karità ma' min hu fil-bżonn. Anke Dun Ġorġ Preca, jaqsam magħna l-istess ħsieb u biex juri kemm għandha tkun kbira l-ħniena tagħna lejn l-oħrajn, jpoġġi f'fomm Kristu dawn il-kelmiet:

> "*...ma jissejħux ulied Alla dawk li ma jħennux u li ma jaħfrux. Jiena espressament ikkmandajt li tkunu ta' qalb ħanina, bħalma huwa ta' qalb ħanina l-Missier tagħkom, u wkoll li taħfru. Alla huwa mħabba, immela ma jissejħux ulied Alla dawk li ma jissaportux 'il proxxmu fid-difetti tiegħu, tant tal-ġisem, kemm tar-ruħ.*"

Ejjew għalhekk nilqgħu s-sejħa ta' Papa Franġisku u naħtfu l-opportunità ta' din is-sena tal-Ġublew biex nagħmlu parti mill-ħajja tagħna ta' kuljum it-tagħlim ta' Ġwanni l-Battista u tal-Fundatur tagħna San Ġorġ Preca, u hekk filwaqt li nduqu mill-ħniena kbira li għandu Alla għalina, ndewqu lil dawk ta' madwarna din il-ħniena, permezz tal-għemil tagħna.

## *Attivitajiet Speċjali fl-okkażjoni tal-100 sena mill-Bidu tal-Museum fix-Xewkija*

Is-sena li għaddiet (2015) kienet sena speċjali għalina x-Xewkin għaliex fakkarna l-100 sena minn meta s-Soċjetà tal-Museum bdiet fix-Xewkija permezz tas-Sezzjoni Femminili.

Matul din is-sena, flimkien mal-Museum tas-Sezzjoni Femminili ġew organizzati diversi attivitajiet speċjali biex ifakkru dan l-anniversarju. Fost dawn l-attivitajiet, insemmu l-Ġimgħa Mużewmina li normalment issir f'Settembru. Din is-sena ma saritx fil-Museum tagħna imma ġiet organizzata f'Ottubru fil-Museum tal-Bniet fl-okkażjoni tal-mitt sena mill-bidu tal-Museum. F'Novembru ħadna wkoll sehem flimkien mal-membri tas-Sezzjoni tan-Nisa f'quddiesa ta' Radd il-Ħajr li saret f'Novembru.

Anke l-purċissjoni ta' lejlet il-Milied, li bħas-soltu kienet akkumpanjata wkoll mill-Banda Prekursur, din is-sena għaddiet minn quddiem il-Museum tal-Bniet. Meta wasalna quddiem il-Museum, il-purċissjoni waqfet għal ftit mument sakemm l-Arċipriet Mons. Daniel Xerri għamel ukoll ħsieb qasir u wassal il-messaġġ tiegħu marbut mat-twelid ta' Sidna Ġesu Kristu – il-misteru tal-Inkarnazzjoni – li Dun Ġorġ tant kien devot tiegħu.

### *Attivitajiet għat-tfal, l-istudenti u l-ġenituri*

Matul is-sena ma naqsux l-attivitajiet li jiġu organizzati għat-tfal u l-istudenti li jattendu fil-Qasam tagħna. Minbarra l-lezzjonijiet li jkollna fil-klassijiet matul is-sena kollha, u tħejjija għas-sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u l-Griżma tal-Isqof, it-tfal u l-istudenti kollna flimkien laqgħat ta' talb f'okkażjonijiet speċjali bħall-festi tal-Madonna u ta' qaddisin. Saru wkoll diversi lezzjonijiet speċjali fejn anke bl-użu ta' *features* u *video clips* t-tfal u l-istudenti tagħna ġew megħjuna biex jifhmu aħjar xi tfisser is-sena tal-Ġublew tal-Ħniena u kif għandna ngħixuha. L-istudenti l-kbar, flimkien ma' sħabhom li jattendu fl-Oqsma tal-Museum f'Għawdex attendew għal-laqgħat li jsiru apposta għalihom darba fix-xahar.

Ġew organizzati diversi attivitajiet rikreattivi, speċjalment matul ix-xhur tas-sajf. Kellna BBQ's, Pizza parties, logħob tas-sajf u ħarġiet fejn il-baħar. Ipparteċipajna wkoll f'*tournaments* tal-futbol flimkien ma' studenti li jattendu l-Oqsma tal-Museum ta' Għawdex.

Il-ħidma tal-oqsma tal-Museum mhijiex biss mat-tfal u l-istudenti. Matul is-sena, flimkien mal-Museum tal-Bniet ġew organizzati wkoll laqgħat ta' formazzjoni għall-ġenituri. Bħala tħejjija għas-Sagramenti tal-Ewwel Tqarbina u tal-Griżma tal-Isqof, ġew organizzati tliet laqgħat ta' tħejjija għall-ġenituri li tmexxew mill-Arċipriet tal-parroċċa tagħna. Il-ġenituri u l-istudenti li din is-sena ser jirċievu l-Griżma tal-Isqof, flimkien ma' ġenituri u tfal minn oqsma oħra tal-Museum f'Għawdex attendew għall-attività li ġiet organizzata mis-Soċjetà tal-Museum f'Għawdex bħala tħejjija għal dan is-Sagrament.

Filwaqt li nieħdu din l-okkażjoni biex nawguraw festa sabiħa u qaddisa tal-Patrun tagħna San Ġwann Battista, nagħmlu appell b'mod speċjali lill-ġenituri biex ikomplu jibagħtu lil uliedhom għat-tagħlim b'mod regolari. Il-formazzjoni ta' ruħhom tiswielhom għal ħajjithom kollha. Kif kien iħobb jgħid San Ġorġ Preca, 'it-tagħlim hu l-għajn ta' kull ġid'.

Dingli Accounting
Book Keeping & Accountancy Services
Audit Preperation - Payroll Administration
Taxation / VAT - Consultancy Services
"Bernbank" St. Elizabeth Street, Xewkija, Gozo P: +356 21 561145 M: 99823682
info@dingliaccounting.com

Tal-Lajku
We specialise in baking traditional Maltese biscuits according to traditional recipes.
Our products can be found in most supermarkets and grocery shops around Malta & Gozo
38, Giant Street, Xagħra, XRA 2470, Gozo, Malta.
T: 21553150 / 21563629 M: 99422415 / 99826335

# ESPERJENZA *fil-Vatikan*

MICHAEL XERRI



Wara l-Funzjoni
tal-Għoti tal-Faxxa.

*L-abbati Xewki Michael Xerri matul is-sajf li għadda kellu esperjenza li kif jistqarr hu stess "kienet waħda memorabbli u li ma tistax tiddeskriviha bil-kitba Tkellimna ma' Michael fejn tlabnieh jaqsam mal-qarrejja tal-Gourgion dak li ġara qabel, waqt u l-impatt tal-esperjenza tiegħu fil-Vatikan.*

**Preparazzjoni** Kollox beda nhar it-13 ta' Settembru 2014 meta mort ma' ommi l-Kurja napplika biex nattendi għall-kors tal-Abbatini għal dawk li jkunu jixtiequ jmorru jagħmlu servizzi l-Vatikan. Kien ikollna lezzjoni kull nhar ta' Sibt is-Seminarju. Wara ħafna studju, għamilna l-eżami fid-29 ta' Novembru 2014. Konna għoxrin abbati minn Għawdex kollu. Riedu jintgħażlu biss erbgħa. Dawk l-erbgħa li jġibu l-aktar marki fl-eżami, jiġu magħżula biex imorru jaqdu servizz ta' abbati l-Vatikan.



Bl-akkolta waqt
Konċelebrazzjoni.

Kien l-4 ta' Diċembru meta rċivejt ittra indirizzata lili personali. Mhux soltu nirċievi ittri f'ismi. Ftaħt l-envelop u fih kien hemm karta mibgħuta mill-Għaqda Abbatini, iffirmata minn Dun Brian, id-direttur tal-abbatini.

Kien ir-riżultat tal-eżami li kont għadni kemm għamilt. Qabadni eċitament kbir u ma kontx naf x'qed naqra. Naf li fuq it-tieni paġna kien hemm miktub l-erba' ismijiet, u fosthom kien hemm ismi. Ikkwalifikajt mal-ewwel erba' studenti biex f'Awwissu 2015 nitilgħu nagħtu s-servizz tagħna ta' abbatini fil-Bażilika ta' San Pietru, l-Vatikan.

Ma ridtx nemmen li kont intgħażilt! Kien mument ta' emozzjoni kbira, kemm għalija personali, kif ukoll għall-ġenituri tiegħi. Malajr ċempilt lin-nanniet bl-aħbar. Dawn ma felħux jkellmuni fuq it-telefon daqs kemm ferħu!

F'Jannar komplejt bil-laqgħat f'Malta fejn tgħallimna ħafna affarijiet li għandu x'jaqsam mal-knisja, fosthom l-quddiesa bit-Taljan u bl-Ingliż, x'isejħulhom id-diversi abiti li jilbes is-saċerdot kif ukoll studjajna fuq il-Bażilika ta' San Pietru, bħal fejn huma u x'jgħidulhom l-artali. Konna mmorru Malta aħna l-erba' abbatini li ntgħażilna, abbati ieħor li kien diġà mar il-Vatikan u reġa' ġie bħala *helper* u d-Djaknu Mario Curmi, li wkoll ġie magħna l-Vatikan. B'kollox konna għoxrin bejn Maltin u Għawdxin.



Fis-Sagristija tal-Bażilika ta' San Pietru
mal-Arċipriet Kardinal Comastri.

**Wasla l-Vatikan**

Nhar is-7 t' Awwissu, grupp tal-għoxrin abbati, żewġ saċerdoti u d-Djaknu Mario tirna lejn Ruma. Domna ġimagħtejn Ruma, sal-20 ta' Awwissu. Konna noqogħdu wara l-Bażilika ta' San Pietru, fil-binja ta' ħdejn l-appartament tal-Papa Franġisku.

Kif wasalna Fiumicino, sibna l-*minibus* tas-Santa Sede tistenniena. L-eċitament kien jidher fuq wiċċ kulħadd. Id-direttur qassam l-*passes* bir-ritratt tagħna biex inkunu nistgħu nidħlu fil-Vatikan. Dawn konna nuruhom lill-i*Swiss Guards* kull darba li nidħlu l-Vatikan.

**Is-Servizz**

Konna nqumu fil-ħamsa ta' filgħodu kuljum. L-ewwel


L-għoti tal-faxxa mill-Kardinal Angelo Comastri.

konna ngħidu t-talb ta' filgħodu, imbagħad nitilqu lejn il-Bażilika ta' San Pietru biex nibdew nippreparaw l-artali li hemm għall-quddies. Il-quddies kien ikun fis-sebgħa ta' filgħodu. F'San Pietru, ikun hemm għaddejjin mal-għaxar quddisiet jew aktar f'daqqa. Quddies isir ukoll fil-Kripta ta' taħt il-Bażilika, fejn hemm l-oqbra tal-Papiet. Kull saċerdot kien ikollu żewġ abbatini jgħinuh. Xi abbatini oħrajn, kienu jkunu jagħtu servizz fis-sagristija, jgħinu fl-ilbies u jlestu l-kalċijiet. Wara l-quddies, konna mmorru nieħdu l-kolazzjon. Għal xi l-għaxra, konna nirritornaw il-Bażilika biex nagħmlu dak li jkun hemm bżonn.

Aħna nzertajna konna hemm fil-festa ta' Santa Marija. Din il-festa tkun iċċelebrata bil-kbir fil-Vatikan. Kellna l-Vespri lejliet kif ukoll l-għada tal-festa. F'nhar il-festa kellna konċelebrazzjoni mmexxija mill-Kardinal Angelo Comastri.
Dan l-istess Kardinal kien ippreżentalna l-faxxa l-ħamra waqt konċelebrazzjoni solenni privata fil-*Cappella Del Coro*. Preżenti għall-konċelebrazzjoni kien hemm ukoll il-ġenituri tagħna. Kull abbati li jagħmel servizz fil-Vatikan jingħata din il-faxxa ħamra, bl-arma tal-Bażilika ta' San Pietru. Din il-faxxa ħamra tibqa' tintlibes mill-abbati anke waqt is-servizzi hawn Malta.


Mal-Papa Franġisku waqt Udjenza Privata


Qed noffri l-karlotta lill-Papa Franġisku waqt l-Udjenza.

**Laqgħa mal-Papa Franġisku**
Ġurnata li żgur kulħadd kien jistennieha kienet l-laqgħa mal-Papa Franġisku. Kien il-Ħadd, wara l-Angelus ta' nofsinhar. Il-Papa kien ġej lura fl-appartament tiegħu wara l-udjenza u ltaqa' magħna wieħed wieħed. Bl-umiltà kollha, irringrazzjana tas-servizz li konna qegħdin nagħtu. Wara li berikna, qalilna biex nitolbu għalih. Laqgħa oħra mal-Papa kienet l-Erbgħa waqt l-Udjenza. Kellna post riservat għalina fl-Aula Paolo VI. Jien inzertajt fuq quddiem tas-sala, fil-passaġġ minn fejn jidħol il-Papa. Missieri u ommi kienu xtrawli karlotta mill-Vatikan bħala rikordju tal-mawra tiegħi. Kif rajt il-Papa ġej, ħriġt il-karlotta u newwilthielu. Il-Papa kien miexi, iżda kif rani, waqaf ħdejja, qabad il-karlotta f'idu u beda jħares lejha. Imbagħad neħħa l-karlotta li kellu f'rasu u libes li kont tajtu jien. Wara ftit tal-ħin, reġa' neħħa l-karlotta tiegħi minn rasu u tahieli lura. Ma ridtx nemmen lill-għajnejja dak il-ħin. Ħsibtni qiegħed f'xi ħolma. Ma jistax ikolli *souvenir* isbaħ tal-mawra tiegħi fil-Vatikan, milli karlotta milbusa mill-Papa Franġisku nnifsu.

**Ħarġiet Kulturali**
Meta ma kienx ikollna servizz fil-Vatikan, id-direttur Dun Frans Bonnici kien joħroġna biex naraw xi postijiet ta' interess f'Ruma u fil-madwar. Fosthom morna ġurnata Assisi, r-raħal ta' San Franġisk. Żorna l-Bażilika kif ukoll inżilna ħdejn il-qabar fejn hu midfun dan il-qaddis. Żorna wkoll *i Musei Vaticani*. Dan huwa mużew kbir enormi, li trid ġurnata sħiħa biex idduru sewwa, tant hemm affarijiet esebiti. Fosthom insibu statwi antiki ħafna, minn żmien l-Eġizzjani. Laqtuni ħafna s-swali ta' Raffaello, kollha tpinġija bil-ħitan u s-saqaf b'kollox. U xi ngħidu għal Cappella Sistina! Hemm differenza kbira bejn taraha fuq xi stampa u tesperjenzaha ta' vera.

**Lura Malta**
Iż-żmien jgħaddi u ma jistenna lil ħadd. Kumbinazzjoni kien hemm wieħed turist Ingliż li ltqajt miegħu fil-Bażilika ta' San Pietru li qalli: "*Time flies when you're having fun*". U hekk ġralna, l-għoxrin abbati li konna l-Vatikan. Ġimagħtejn għaddew qishom ħolma. Iżda baqa' żgur il-memorji, t-tifkiriet u r-ritratti.
Irnexxieli nagħmel ħafna ħbieb ġodda kemm Maltin kif ukoll Taljani kemm domt il-Vatikan. Nista' ngħid li x-xewqa tiegħi seħħet għax minn meta sirt abbati, il-ħolma tiegħi minn dejjem kienet li mmur nagħti s-servizz tiegħi fil-Vatikan u fuq kollox, li niltaqa' mas-suċċessur ta' San Pietru. Din kienet tassew esperjenza li ser nibqa' nġorrha miegħi tul ħajti kollha.

Nixtieq nieħu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lill kull min għinni u nkuraġġieni biex nagħmel dan il-pass, speċjalment lil Dun Frans Bonniċi, Fr Mark Ellul u d-Djaknu Mario Curmi, illum saċerdot, li ħadu ħsiebna waqt il-mawra tagħna fil-Vatikan, l-Isqof tagħna Mons Mario Grech tal-appoġġ li dejjem sibt min għandu, l-Arċipriet Emeritus Mons Karm Mercieca li kien hu li avviċinani u ħajjarni sitt snin ilu biex nidħol abbati, is-saċerdoti tax-Xewkija fejn ħadt l-ewwel tagħlim ta' kif naqdi fid-dar ta' Alla, l-Abbatini tal-Paroċċa li tawni kull xorta ta' kuraġġ, Sr Antoinette Pace, is-soċji tal-MUSEUM li għallmuni, lill-ġenituri u familjari tiegħi u bosta ħbieb.


Il-Laqgħa tagħna mal-Papa Franġisku.

# Ganni Azzopardi
## TA' MAJSI WOODWORKS

Plot 86 'Shalom', 27th November 1678, Xewkija - Għawdex

T. 21555772 | M. 79617514 | E. roseazzopardi@hotmail.com















GHAL KULL XORTA TA' GHAMARA RUSTIKA, KLASSIKA U MODERNA.

# Italian Sofas - FDesigns Italy



25% DISCOUNT on Italian Sofas



For more models visit our website



**S.G. Woodworks**

**The way of making good quality furniture...**

For further information contact us on 21558450 or 79619650

info@sgwoodworks.com

# THE BLACKSMITH

**'FRANKIE TA' FANTIN'**







## WE CATER FOR ALL YOUR DOMESTIC NEEDS

• stairs structures • stairs bannisters • railings • balconies • gates

## AND NOW ALSO CUSTOM CUT SIGNS

(using CNC Technology) SIGNAGE, HOUSE NAMES...



**XEWKIJA INDUSTRIAL ESTATE** *(behind Telephone Exchange)*

**Tel: 21562785 Mob: 99426944**




Ta' Nisju
ladies latest fashion wear



St George Square, Victoria, Gozo
Tel: 21564166










AGIUS BAKERY

Mġarr Road, Għajnsielem
Tel: 2156 1036
Mob: 9922 8212





## Programm tal-Festi f'ġieħ

# San Ġwann Battista

## fil-Knisja Arċipretali Rotunda tax-Xewkija, Santwarju Djoċesan u Sede Spiritwali tal-Ordni Sovran tal-Kavallieri ta' Malta, fis-sena tal-Ġublew tal-Ħniena

## 16 - 26 ta' Ġunju 2016

**Il-Ħamis 16 ta' Ġunju, id-disa' Ħamis ta' San Ġwann u l-ewwel jum tan-Novena: Jum iż-żgħażagħ**

7.30am: L-Arċipriet imexxi Quddiesa għand is-Sorijiet Klarissi, ir-Rabat, b'talb speċjali għall-parroċċa tagħna. Kulħadd mistieden.

5.30pm Quddiesa tal-aħħar Ħamis ta' San Ġwann bis-sehem tat-tfal u l-ġenituri, immexxija minn Dun Anthony Bajada.
Matul il-jiem tan-Novena jinġabru offerti bħala għajnuna fil-Proġett Merħba organizzat mid-djoċesi ta' Għawdex biex nilqgħu fostna grupp ta' adoloxxenti u żgħażagħ mill-Iraq.

8.30pm Velja ta' Talb immexxija miż-żgħażagħ. Waqt il-Velja jsir il-ħruġ tal-istatwa artistika ta' San Ġwann Battista min-niċċa. Id-diversi kumitati marbuta mal-festa joffru bukkett fjuri lil San Ġwann bħala att ta' qima. Fi tmiem il-Velja tingħata l-Barka Sagramentali.

9.30pm Ikla tal-festa quddiem il-ħanut taċ-Ċali fi Triq il-Knisja, organizzata mill-Għaqda tan-Nar. Ikun hemm *live music* mill-Grupp Cash & Band

**Il-Ġimgħa 17 ta' Ġunju, it-tieni jum tan-Novena u Jum il-Konsagrazzjoni tar-Rotunda: Jum il-benefatturi**

7.15am Tibda ġurnata adorazzjoni quddiem Ġesù Ewkaristija għall-bżonnijiet tal-parroċċa biex joħroġ ġid spiritwali mill-festa.

5.30pm Konċelebrazzjoni solenni tal-anniversarju tal-Konsagrazzjoni tal-Knisja Rotunda, immexxija minn Dun George Mercieca. Isir talb speċjali għall-benefatturi ħajjin u mejtin tal-parroċċa.

9.00pm Ikla tal-festa fil-pjazzetta ta' Triq il-Kbira.

**Is-Sibt 18 ta' Ġunju, it-tielet jum tan-Novena: Jum it-tfal u l-adoloxxenti**

9.00am: Quddiesa għat-tfal u wara ssir attività għalihom fil-Mużew tal-Iskultura bis-sehem ta' Ġożi l-Buffu (Dun Brian Gialanze) u *Glen the Magician*. Fi tmiem l-attività jkollhom *refreshments*.

6.30pm Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex, li fiha jamministra s-sagrament tal-Konfirmazzjoni lil grupp ta' adoloxxenti mill-parroċċa tagħna.

**Il-Ħadd 19 ta' Ġunju, ir-raba' jum tan-Novena: Jum il-familja**

8.30am Quddiesa solenni bis-sehem tal-familji tal-parroċċa, immexxija minn Dun John Meilak. Fi tmiem il-Quddiesa ssir il-preżentazzjoni tat-trabi u t-tfal żgħar lil San Ġwann Battista.

Fin-nofs ta' nhar ta' filgħodu aħna mistednin immorru nagħtu d-demm fl-Isptar Ġenerali ta' Għawdex bħala att ta' karità f'din is-Sena tal-Ħniena.

**It-Tnejn 20 ta' Ġunju, il-ħames jum tan-Novena: Jum l-Għaqdiet tal-parroċċa**

5.30pm Quddiesa solenni mmexxija minn Dun Mikiel Xuereb, bis-sehem tal-Għaqdiet reliġjużi u ċivili tal-parroċċa.

7.00pm: Inawgurazzjoni tal-Pjazzetta u Exhibition Hall fi Triq Santa Katerina, mill-Onor. Dr. Anton Refalo, Ministru għal Għawdex. Wara jsir ukoll il-ftuħ tal-Wirja "Ħidmietna" fil-Każin tal-Banda Prekursur, imtella' mill-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin f'għeluq l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-istess Kumitat.

9.30pm Marċ mill-*Banda Viżitazzjoni* tal-Għarb, bl-istatwa ta' San Ġwann Battista (2004). Il-marċ jibda minn Pjazza San Ġwann Battista u jgħaddi minn Triq l-Indipendenza, Triq il-Mitħna, Triq il-Ħamrija, Triq Santa Katerina, sa ħdejn il-pjazzetta ta' Triq il-Kbira. Wara l-istatwa tittella' fuq il-pedestall.

**It-Tlieta 21 ta' Ġunju, is-sitt jum tan-Novena: Jum il-voluntiera tal-parroċċa**

5.30pm Quddiesa solenni mmexxija minn Dun Ġwann Mizzi b'talb speċjali għall-voluntiera kollha tal-parroċċa.

9.00pm Programm Vokali u Mużikali mill-*Banda Prekursur* taħt id-direzzjoni ta' Mro. Anthony Borg, fejn jindaqq l-Innu l-Kbir ***"La Natività di San Giovanni Battista"*** bis-sehem tal-Baritonu, tat-Tenur u tas-Sopran u l-Kor tal-Banda. Il-Programm ser isir fi Triq Santa Katerina, ħdejn il-Każin tal-Banda. Fi tmiem il-Programm jiġi inawgurat proġett ġdid mill-Kumitat taż-Żgħażagħ Brijużi Xewkin f'għeluq l-għoxrin sena mit-twaqqif tiegħu. Wara jsir riċeviment għall-mistednin distinti u l-bandisti fil-Każin tal-Banda.

**L-Erbgħa 22 ta' Ġunju, l-ewwel jum tat-Tridu: Jum il-vokazzjonijiet**

7.30pm Konċelebrazzjoni solenni tal-ewwel jum tat-Tridu mmexxija minn Dun Joseph Grima. Jipprietka Dun Simon Cachia. Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali mill-Kan. Eddie Zammit. Ikun hemm servizz ta' qrar.

9.30pm Marċ mill-*Banda Prekursur* li jibda minn Triq il-Ħamrija, Triq Widnet il-Baħar, Vjal il-Labour, Triq Babisku għal Triq il-Ħamrija. L-istatwa ta' San Ġwann Battista (1912) tittella' fuq il-pedestall ħdejn l-Iskola Primarja Roża Magro. Il-*Banda Prekursur* qed tagħti s-sehem tagħha f'dan il-marċ fl-okkażjoni tal-ħmistax-il anniversarju mill-bidu tal-istess marċ. Wara jkun hemm wirja ta' ħruq tan-nar tal-art.

**Il-Ħamis 23 ta' Ġunju, it-tieni jum tat-Tridu: Jum il-morda**

9.00am Quddiesa għall-anzjani mmexxija minn Dun Ġwann Attard, li fiha jingħata s-sagrament tad-Dilka tal-Morda. Wara jkollhom *refreshments* mill-membri tal-Azzjoni Kattolika.

7.30pm Konċelebrazzjoni solenni tat-tieni jum tat-Tridu mmexxija minn Dun Ġużepp Camilleri. Jipprietka Dun Simon Cachia. Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali minn Dun Franklin Vella. Ikun hemm servizz ta' qrar.

9.30pm Marċ grandjuż u uniku mill-*Banda Prekursur* tax-Xewkija u l-*Banda San Girgor* ta' Kerċem li jibda minn ħdejn il-Kappella tal-Ħniena fi Triq San Bert, għall-Pjazza San Ġwann Battista. Fil-pjazza jintwera *feature* dokumentarju dwar il-parrokat tal-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca u mbagħad il-marċ jispiċċa fi Triq San Żakkarija fejn l-istatwa ta' San Ġwann iż-Żgħir (1945) tittella' fuq il-pedestall.

**Il-Ġimgħa 24 ta' Ġunju, it-tielet jum tat-Tridu: Solennità tat-Twelid tal-Battista**

7.30pm Konċelebrazzjoni solenni tas-solennità liturġika ta' San Ġwann Battista, immexxija minn Mons. Alfred Grima. Jipprietka Dun Simon Cachia. Wara Kurunella, Antifona u Barka Sagramentali minn Dun Trevor Sultana. Ikun hemm servizz ta' qrar.

9.30pm Marċ tad-Dimostrazzjoni mill-*Banda Prekursur* tax-Xewkija flimkien mal-*Banda Mnarja* tan-Nadur bl-istatwa ta' San Ġwann jgħammed lil Kristu (1930). Il-marċ jibda minn Pjazza San Ġwann Battista u jkompli fi Triq San Żakkarija, Ein Karem, il-Ħelsien, il-Kbira, Santa Katerina, il-Ħamrija, Indipendenza. Il-marċ jintemm fi Pjazza San Ġwann Battista fejn l-istatwa tittella' fuq il-pedestall.

**Is-Sibt 25 ta' Ġunju, lejlet il-festa: Jum l-emigranti**

9.30am Quddiesa li fiha jsir il-kant tat-*Te Deum* b'radd il-ħajr lil Alla.

12.30pm Kollegament mal-emigranti Xewkin f'Melbourne, l-Awstralja, permezz ta' *Radju Prekursur, 99.3 FM Stereo.*

3.30pm Tiġrija Tradizzjonali organizzata mill-Kumitat tat-Tiġrija fi Triq l-Imġarr, bis-sehem ta' bhejjem minn Malta u Għawdex.

7.00pm Marċ mill-*Banda Prekursur* minn ħdejn il-

Każin tal-Banda għall-pjazza. Jieħdu sehem l-emigranti Xewkin bl-istandard tal-pajjiż tagħhom.

7.30pm Translazzjoni solenni bir-Relikwija ta' San Ġwann Battista mmexxija minn Mons. Carmelo Mercieca ex-Arċipriet tal-parroċċa. Jakkumpanjaw il-Kavallieri tal-Ordni Sovran ta' San Ġwann.

7.45pm Konċelebrazzjoni solenni ta' lejlet il-festa mmexxija minn Mons. Carmelo Mercieca ex-Arċipriet tal-parroċċa. Jipprietka Mons. Edward Xuereb, Vigarju Ġudizjali u Kappillan tal-parroċċa tal-Għasri. Jieħdu sehem attiv l-Emigranti Xewkin.

9.30pm Marċ mill-*Banda Victory* tax-Xagħra, minn Triq Indipendenza sa Pjazza San Ġwann Battista fejn tagħmel Programm Mużikali fuq il-planċier taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Galea.

9.30pm Marċ mill-*Banda San Ġużepp* ta' Għajnsielem, li jibda minn Triq il-Mitħna, għal Triq il-Ħamrija.

10.00pm Il-*Banda Prekursur* tiltaqa' mal-*Banda San Ġużepp* fi Triq il-Ħamrija, li flimkien jgħaddu għal Triq Santa Katerina u Triq il-Knisja, sa Pjazza San Ġwann Battista.

12.00am Ħruq tal-logħob tan-nar tal-art.

## Il-Ħadd 26 ta' Ġunju: Jum il-Festa

Filgħodu l-Quddies ikun fil-5.30am, 6.30am, 7.30am, 10.30am u 11.15am. Ikun hemm servizz tal-qrar qabel kull Quddiesa.

8.45am Konċelebrazzjoni Pontifikali solenni mmexxija mill-E.T. Mons. Isqof Mario Grech. Jinseġ il-paniġierku Mons. Joseph Sultana, Arċipriet tal-parroċċa tal-Viżitazzjoni fl-Għarb. Jingħata servizz ta' *meals on wheels* lill-irġiel li jgħixu waħidhom.

11.30am Marċ brijuż mill-Banda *Duke of Connaught's Own* ta' Birkirkara, li jibda minn Triq Santa Katerina għal Triq il-Knisja, u jispiċċa fi Pjazza San Ġwann Battista fis-2.30pm.

4.00pm Quddiesa fil-Museum tas-Subien fi Triq Ħamsin.

6.15pm Konċelebrazzjoni solenni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri li għaliha huma mistiedna b'mod speċjali x-Xewkin li joqogħdu barra mir-raħal. Jipprietka Mons. Lawrenz Sciberras.

6.45pm Marċ mill-*Banda Prekursur* li jibda minn ħdejn il-Każin tal-Banda sal-Pjazza.

7.45pm Tibda ħierġa l-Purċissjoni mmexxija mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri, waqt li l-*Banda Prekursur* tilqa' l-Istatwa Artisitka ta' San Ġwann Battista (1845), xogħol fl-injam u kapulavur ta' Mastru Pietru Pawl Azzopardi, bl-Innu Reliġjuż ***"Fit-Twelid ta' San Ġwann Battista"***. Wara, il-*Banda Prekursur* issellem lill-Patrun tagħna San Ġwann bl-esekuzzjoni tal-Innu l-Kbir ***"La Natività di San Giovanni Battista"*** (1950), kompożizzjoni ta' Mro. Indrì Borg, versi ta' Ġużeppi Serafin Cutajar bis-sehem tat-Tenur, tal-Baritonu, tal-Mezzo Sopran u l-Kor. Jidderieġi l-Banda Mro. Anthony Borg. Issir ġabra għall-*Arka Foundation* ħdejn il-Bieb il-Kbir tal-Knisja.

8.15pm Marċ mill-*Banda Cittadina La Stella* tal-Belt Vittorja, minn Triq Indipendenza sa Pjazza San Ġwann Battista fejn tesegwixxi programm mużikali taħt id-direzzjoni ta' Mro. Joseph Vella.

8.30pm Tibda miexja l-purċissjoni akkumpanjata mill-*Banda Prekursur* bid-daqq ta' innijiet u marċi reliġjużi.

10.15pm Wasla tal-istatwa ta' San Ġwann Battista fil-Pjazza.

10.45pm Dħul tal-istatwa ta' San Ġwann Battista fil-Knisja Rotunda. Isir il-kant tal-Antifona bis-sehem tal-kor u l-orkestra, Barka Sagramentali u bews tar-Relikwija. Issir ġabra speċjali għall-festa tal-Martirju ta' San Ġwann Battista.

## Il-Ħamis 30 ta' Ġunju: Jum ta' radd il-ħajr

7.30pm Konċelebrazzjoni solenni ta' radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji li sawwab fuqna fil-jiem tal-festa. Fi tmiem il-Quddiesa nassistu għad-dħul fin-niċċa tal-istatwa artistika ta' San Ġwann Battista. Mistiedna b'mod speċjali ż-żgħażagħ u l-kumitati b'rabta mal-festa.

In-nar tal-festa huwa maħdum minn dawn il-Kmamar tan-Nar:

- *Jason*, ta' Kerċem
- *Visitazzjoni*, tal-Għarb
- *San Ġużepp*, Ħal Kirkop
- *St Mary*, tal-Mqabba
- *San Mikiel*, ta' Ħal Lija

L-Orkestra tkun taħt id-direzzjoni ta' Mro. Colin Attard bis-sehem tal-Kor tal-Parroċċa *Vox Clamantis*.

Il-funzjonijiet u l-attivitajiet kollha tal-festa ser jixxandru *live* fuq *Radju Prekursur 99.3FM Stereo* u ser ikunu *streamed* fuq il-*website* www.radjuprekursur.com

# Majmuna's
## Garden Centre

*Statwi tas-siment kbar u żgħar, funtani u pots, xtieli ta' barra u fjuri artifiċjali, affarijiet taż-żwiemel u oġġetti oħra.*

100, Soil Street, Xewkija, Gozo.

**Tel: 2156 1409**

# J & R Auto Parts

Mġarr Road, Victoria, Gozo

**Tel: 21564389**

**Mob: 99457179**




# Lepeirks Travel




**Gozo's Largest Fleet**

*A Fleet of 14 Coaches, Mini-Buses, Taxis & Open Top Buses*

***We cater for all occasions you need!***
***Day Excursions & Direct Airport Transfers***

*Contact:* **Ennio Farrugia**

t: +356 21552725
f: +356 21552725
m: +356 79093696 / +356 79603153

e: lepeirks@maltanet.net
enniof@maltanet.net

# NU-ALUMINIUM

**Triq il-Qlugħ (Industrial Estate Xewkija) • T: 21557205 • M:99469316 • E: nu-aluminium@outlook.com**







**Repairs & Maintenance on all aluminium works also available!!!**

**We manufacture all types of:**
**Door, Windows, Double Glaze Glass • Balcony & Hand Railings**
**Sliding & Roller Insect Screens • Pet Insect Screens also available**
**Aluminium Roller Shutters**


econetique®
harvest your own energy™
cool down guilt-free this summer
sinclair
5 years full warranty
A++ efficiency
WiFi technology
Inverterter type model
starting from €595
sinclair
fdb
ISO
www.econetique.com
2156 9006
2133 4901

# Bosta Jifirħu fi Twelidu

(Poeżija fl-okkażjoni tal-ħruġ tal-istatwa ta' San Ġwann min-niċċa)

*Mario Borg*



Kull sena f'dal-jum sewwa, intenni mistoqsija.
X'inhu dal-ferħ ġewwieni, li nħossu fix-Xewkija?

X'inhu dak li jqanqalna, inħallu d-djar tagħna,
ninġabru f'dir-Rotunda, ilkoll daqshekk ħerqana?

X'inhuwa dan is-seħer, li lkoll ninħakmu bih,
f'dal-Maqdes singulari, f'dal-lejl sajfi, sabiħ?

Għaliex huma leqqiena, bid-dmugħ, illum l-għajnejn,
u jfawwar, mix-xfar jaqbeż, ixarrab lill-ħaddejn?

X'iġagħalna bħala poplu, f'ċapċip ninfexxu lkoll,
u f'kant, tifħir u għana, kull Xewki lsienu jħoll?

Jien nemmen b'qalbi kollha, ta' dan il-veru għan,
mhuwiex biss għax min-niċċa, illum joħroġ San Ġwann.

Imħabbar kien żmien ilu, fit-tempju 'l Żakkarija,
li talbu kien instema', 'Żabbetta 'ttih tarbija,

U kellu t-twelid tiegħu, inissel hena kbir,
kull qalb ġewwa Ein Karem bil-ferħ riedet ittir.

U reġa' nħass ferħ bħalu, kif Alla Bniedem sar,
sew sewwa sitt xhur wara, kif twieled Kristu f'għar.

U baqa' l-ferħ jintiret, fiż-żewġ Milidijiet,
sew f'Ġunju u f'Diċembru matul iż-żminijiet.

Għalhekk bil-ferħ nitqanqlu, kull sena f'jum bħal dan;
Għaliex kif twieled Ġwanni, kien mibdi t'Alla l-pjan.

Imnebbħa kienu niesna, mis-Sema, ilu żmien,
hekk kif lil Ġwanni għażlu, ikun tagħhom ħarsien.

Għax ħadd ma qam daqs Ġwanni, dan Kristu stqarr bil-fomm,
ma twieled ħadd kbir daqsu minn ġewwa ħdan ta' omm.

U din l-imħabba ssarrfet sabiex tissawwar xbieha,
ta' Ġwanni il-Battista, għar-raħal tax-Xewkija.

Il-ġmiel ta' dil-figura, seddqitna f'għaqda kbira,
u ssaħħar Għawdex kollu, kif rifset fuq il-gżira.

Is-snin tgerbu u tqallbu, inbiddlu d-drawwiet,
w'għal Ġwanni imħabbitna, maż-żmien baqgħet tiżdied.

Għax int kont għadek, tibqa', il-ġawhra tax-Xewkin,
kbir maqdes tellajnielek, frott l-għaqda ta' tant snin.

X'ma tkunx il-qalb mimlija, bil-ferħ, ma' kullimkien,
x'ma jmurx kulħadd ifaħħrek u jħoll tiegħu l-ilsien

X'ma niġux hawn bi ħġarna sabiex nagħtuk tifħir;
**Twelidek ta' kull sena, fi qlubna jġib ferħ kbir**.

# RAJTEK TINBIDEL

## INTERVISTA MA' JOHN ATTARD

Ir-rivista Gourgion wara li semgħet bil-pjanijiet għall-musical 'Rajtek Tinbidel - Ġrajja ta' Nofs Seklu' iltaqgħet mat-tim responsabbli minn dan il-proġett ambizzjuż u tkellmet miegħu dwar il-pjanijiet li qed isiru. Staqsejna dwar x'wassal biex tinbet din l-idea u x'għandu jistenna l-poplu Xewki f'Mejju li ġej.



Editur *"Rajtek Tinbidel" - Ġrajja ta' Nofs Seklu. It-titlu biss ukoll huwa biżżejjed biex iqajjem kurżità kbira u jqanqal interess kbir. X'tgħidulna fuqu?*

John "Rajtek Tinbidel" tnissel f'moħħi f'mument turbolenti ħafna. L-2015 kienet sena li ġabitli ħafna maltemp. Fi Frar tlift lill-missier bioloġiku tiegħi u f'Awwissu ħsibt li se nitlef lil dak putattiv. Kollox beda fit-30 ta' Awwissu mat-tħabbira tal-bidla tal-Arċipriet Mercieca. Rajt ħajti kollha tgħaddi minn quddiemi bħal sajjetta f'dawn iż-żewġ avvenimenti. Ħarist madwari u mort lura fiż-żmien kemm tatni l-memorja u ma stajt nara xejn li ma kellux il-marka tal-Arċipriet Mercieca. Smajt l-għajta ttarrax biex nagħmlu xi ħaġa kbira biex nirringrazzjaw lil dak, li l-ħabib tal-qalb tiegħi, Mario Borg iddeskriva bl-aktar mod perfett bħala "Missier ix-Xewkija Moderna".

Mario Iva, niftakar dik it-telefonata ta' John nhar it-30 ta' Awwissu 2015, ftit minuti biss wara li ħarġet l-aħbar tal-bidla tal-Arċipriet, fejn qalli biex nagħmlu *musical*. Diskursata ta' ftit sekondi imma kienet il-bidu ta' dan ix-xogħol.

Editur *Għala musical meta għal dawn l-aħħar numru ta' snin l-Għaqda Drammatika Xewkija tista' tgħid li tellgħet biss drammi, l-aħħar wieħed kien "Ix-Xhud li ma Deherx"?*

John Dan l-aħħar ġejna mitluba bosta drabi biex nerġgħu nagħmlu operetta. Kulħadd jaf kemm kienu popolari u mfittxija l-operetti li konna nagħmlu bejn l-1980 u l-1990. Donnu dan l-aħħar żmien reġgħet tqanqlet in-nostalġija. Fl-istess ħin, il-ħolma tiegħi kienet ferm wiesgħa aktar minn hekk. Jien xtaqt bla dubju ta' xejn nikkuntenta lil dawk kollha li talbuna biex nerġgħu nagħmlu operetta. Ħlomt ukoll li fl-istess ħin nagħmlu xi ħaġa biex nirrikonoxxu u nfakkru lil bosta Xewkin li, bid-dehen ta' moħħhom, bl-għaraq ta' ġbinhom, bis-saħħa ta' dirgħajhom, b'ġenerożità li ma tafx b'limitu u fuq kollox b'imħabba ġenwina lejn Alla l-Imbierek u lejn il-patrun maħbub tagħna San Ġwann Battista, sawru ġrajjiet li jien inħobb insejħilhom inkredibbli. Xtaqt ukoll li dan ikun xogħol kompletament oriġinali u tkun xi ħaġa differenti, xi ħaġa kbira.

Editur *F'kelma oħra kienet viżjoni ambizzjuża ħafna.*

John Kienet u għadha. Biss id-*drive* wara dawn il-ġrajjiet (il-bini tar-Rotunda, biex nagħti eżempju wieħed) kienet ambizzjuża ferm aktar minn kull ħaġa li jien nista' noħlom li nwettaq. Nistieden lil kull min jixtieq, imur il-knisja tagħna u joqgħod fil-kwiet iħares madwaru, jifliha bir-reqqa u jaħseb fuq li jkun qed jara. Ma jara xejn anqas minn kapulavur. Kapulavur li sar bl-idejn ta' missirijietna. Missirijietna wrewna kif la hemm bżonn kompjuters, la *lasers*, la krejns, la *bulldozers* u lanqas xejn minn dan l-apparat sofistikat tallum biex tagħmel xi ħaġa anke jekk hi tant kbira. Urewna kif kullma għandna bżonn hi

rieda u determinazzjoni tal-azzar. Biex ikomplu jsaħħruna, huma mhux biss waqqfu din il-knisja u għamluha b'perfezzjoni totali imma għamluha wkoll taħt kundizzjonijiet li komplew jagħmlu l-proġett ferm u ferm aktar diffiċli. Tinsewx li l-knisja l-qadima ħallewha hemm sal-aħħar u daru magħha bil-binja l-ġdida. Meta mbagħad ħelsu, ma qabdux u waqqgħuha u ramew kollox, imma ħattewha ġebla ġebla u reġgħu bnewha fejn qiegħda llum ħalli ngawduha aħna u ta' warajna. Jekk dan m'għandux ikun ta' ispirazzjoni għalina lkoll, mela jien ma nafx x'ikun.

Editur *Tassew hu minnu dan li qed tgħid. Kultant, aħna li ninsabu mdawrin b'dan il-wirt imprezzabbli u mogħnija bi storja tant sinjura, ma nagħtux kas u ninsew dan kollu. Lura għal musical. Bi musical tista' tgħid li tassew ilqattu ħafna jekk mhux ix-xewqat kollha fil-viżjoni oriġinali. U min ħażżeż l-ewwel versi?*

Mario Biex xi ħaġa bħal din issir tajba l-awturi kkonċernati jrid bilfors ikollhom l-istess passjoni; xi ħaġa li jien u John żgur li għandna. Flimkien identifikajna l-ġrajjiet ewlenin li seħħew f'dan l-aħħar nofs seklu u mbagħad John ħalla f'idejja biex nirrima kollox.

Editur *Jiġifieri, l-ewwel bdejtu mil-lirika.*

John Ma tistax tagħmel mod ieħor jekk trid li x-xogħol jiġi tajjeb. Jien ħallejt lil Mario f'libertà totali biex jikteb kif irid, dak li jħoss u kif jifhmu hu. Kelli l-vantaġġ kbir li jien nidentifika ruħi bl-aktar mod naturali mal-pinna ta' Mario u ma kelli l-ebda dubju li dak li kien se jipproduċi kien se jħallini mibluh .... u hekk kien.

Editur *Prosit Mario.*

Mario Grazzi ħafna, però b'daqshekk ix-xogħol kien għadu mhux konkluż. Wara li ġiet miktuba l-lirika jien kien għad m'għandi l-ebda ħjiel dwar kif se nippreżentawh lill-pubbliku, jekk hux se nagħmlu oratorju, operetta, eċċ. U hawnhekk daħal John. Wara bosta ġimgħat jekk mhux xhur ta' ħsibijiet, esperimenti u ma nafx xiex aktar, John medd għonqu għax-xogħol u ħoloq djalogi mexxejja bejn il-passaġġi liriċi u hekk ġie meħjut u minsuġ kollox flimkien fi skript komplut li jkopri l-ġrajjiet ewlenin mill-1970 sal-lum.

Editur *U dak hu d-dramm mużikali li tassew jiġbor fih l-istorja tagħna, tista' tgħid hu operetta u hu xogħol oriġinali. Biss nixtieq nistaqsi kif inhu possibbli li tgħaqqad storja li ttul nofs seklu.*

John L-istorja ntisġet bl-istess determinazzjoni li missirijietna sawru l-istorja tagħna. U propju għalhekk dan il-*musical* mhux se jsir fit-teatru imma se jsir fil-knisja tagħna – dak il-post li madwaru ddur l-istess istorja tagħna, dak il-post li jien nemmen li l-ebda xenarju u l-ebda palk ma jista' joħloq is-*setting* li joħloq hu.

Editur U dan jagħmel ukoll ix-xogħol kif għidt int, tassew kbir.

Mario Ta' min isemmi wkoll li dan il-*musical* se jinkludi bosta effetti speċjali bid-dawl. Se jkollna *projections* ta' xeni u filmati tal-passat ta' meta kienu qed iseħħu l-ġrajjiet tagħna. Dan se jkompli jsebbaħ u jgħolli l-prestiġju ta' dan id-dramm mużikali u jsawru f'avveniment maġiku li għandu jsaħħar lil kull min jattendi biex jarah.

Editur *Ix-Xewkija żgur li mhix nieqsa mill-atturi imma din id-darba se jkun hemm bżonn bosta kantanti u mużiċisti wkoll. Ċert li intom konxji ta' dan u qed taħdmu fuqu. X'se tagħmlu f'dan ir-rigward? Nimmaġina li s-soluzzjoni hi li jsir 'recording' ta' kollox imbagħad isir 'playback' dakinhar.*

John Le, le u le. Biex nagħmlu *playback*, nagħmlu DVD ta' kollox u npoġġuh online u nkunu essenzjalment għamilna film bħal kwalunkwe film ieħor. F'dan il-każ ikun dokumentarju aktar minn film. F'"Rajtek Tinbidel" kollox se jkun *live*, kemm il-kant kif ukoll il-mużika. Naf li mhux faċli, imma nerġa' ngħid li hemm l-istess rieda u determinazzjoni li kellhom missirijietna meta bnew l-istorja tagħna.

Editur *Jiġifieri, se nistennew orkestra ddoqq 'live' fil-knisja u l-kantanti jkantaw 'live' magħha?*

Mario Hekk hu. Fil-fatt bħalissa qed insejħu lil dawk kollha li jħossu li kapaċi jkantaw biex ikellmuna. Se nagħmlu l-*auditions* biex nidentifikaw il-kantanti għal bosta partijiet li għandna.

Editur *Min se jieħu ħsieb l-aspett mużikali ta' dan il-musical?*

John Il-mużika qiegħda tinkiteb minn Geoffrey u Julie Thomas bis-sapport tas-Surmast Maestro Anthony Borg li żgur m'għandu bżonn l-ebda introduzzjoni. Geoffrey u Julie Thomas huma mużiċisti Ingliżi fi ħdan is-Soċjetà Mużikali Imperial tal-Mellieħa li tagħha Maestro Borg hu wkoll s-surmast direttur. L-orkestra se tkun ovvjament taħt id-direzzjoni tas-Surmast Borg.

Editur *L-aħħar domanda – għaliex Mejju tal-2017?*

Mario Mejju 2017 hu l-Ħamsa u Sittin anniversarju tat-tqegħid tal-ewwel ġebla tar-Rotunda, l-Għoxrin sena anniversarju ta' Radju Prekursur u l-Għaxar Snin anniversarju mill-famuż musical "Ġrajjietna". X'hemm aħjar milli niftħu l-istaġun tal-festa tal-2017 b'dan il-mod?

Editur *Prosit tassew John u Mario għal din il-biċċa xogħol kbira li dħaltu għaliha. Nawguralkom kull suċċess u nappellaw lill-qarrejja kollha tagħna biex min għandu ritratti, filmati jew xi materjal ieħor relatat mal-istorja tar-raħal tagħna u li jixtieq li jintuża f'dan il-musical għandu jagħmel kuntatt magħna fuq wieħed minn dawn in-numri:*

| | |
|---|---|
| **John Attard:** | **9945 1021** |
| **Mario Borg:** | **7925 2112** |
| **Leeann Cini:** | **7930 1954** |
| **Posta elettronika:** | **ghaqdadramaxewkija@yahoo.com** |



B'RINGRAZZJAMENT LILL-

# Arċipriet Emeritus Mons. Carmelo Mercieca

(1972-2015)



Il-qniepen il-ġodda li nġiebu
f'Ġunju 2006



Il-pittura tar-rotunda
tal-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi



Il-kampnar il-ġdid



Il-pavimentar tar-Rotunda
li ġie nawgurat fit-22 ta' Ġunju 1982



Relikwa ta' San Ġorġ Preca
fir-Rotunda, f'Ġunju 2007



Inawgurazzjoni tal-kopla ta' quddiem
nhar id-9 ta' Ġunju 2007



Il-wasla tar-relikwa ta' San Ġwann Battista
minn Ragusa s-Sibt 20 ta' Ġunju 2015



Mons. Mercieca meta
ħhatar Arċipriet fl-1972

B'ringrazzjament u b'apprezzament:

# L-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca

## *"Missier ix-Xewkija Moderna"*

**(1972-2015)**

Mario Borg

Dun Karm Mercieca twieled fil-25 ta' Settembru 1941, fix-Xewkija Għawdex minn Marċell Mercieca u Tereżina mwielda Xuereb. Għammdu zijuh, Mons Carmelo Xuereb, fil-knisja Arċipretali tax-Xewkija u kien mogħti l-ismijiet ta' Karmenu, Ġużeppi u Anton.

Wara li ħa l-edukazzjoni primarja fl-iskola tax-Xewkija, hu ssokta bl-istudji tiegħu fis-Seminarju t'Għawdex minn fejn għamel b'suċċess l-eżamijiet tal-*General Certificate of Education*. Hu kompla l-istudji għas-saċerdozju u ġie ordnat saċerdot mill-isqof Mons. Ġużeppi Pace fil-5 ta' April 1964, fil-Katidral t'Għawdex. Huwa għamel l-ewwel quddiesa solenni tiegħu fis-7 ta' Ġunju 1964 fil-Bażilika ta' San Ġorġ tal-belt Victoria u fl-14 ta' Ġunju tal-istess sena, huwa għamel l-ewwel Quddiesa Solenni tiegħu fil-Knisja Parrokkjali tax-Xewkija.

Dun Karm inxteħet b'ruħu u b'ġismu għall-apostolat fost it-tfal u ż-żgħażagħ fl-Oratorju Don Bosco fir-Rabat u għamel ukoll żmien responsabbli mill-istess Ċentru. Kien maħbub ħafna miż-żgħażagħ, li fih kienu jsibu saċerdot imħeġġeġ, intelliġenti u li jifhem il-problemi tagħhom. Kien ukoll għal xi żmien viċi-parroku tal-bażilika ta' San Ġorġ.

Mal-ħatra ta' Mons Isqof Nikol Cauchi bħala Amministratur Apostoliku għal Għawdex, Dun Karm ġie maħtur biex jaħdem f'bosta kummissjonijiet tal-Kurja, fosthom bħala Segretarju tal-Kummissjoni Kateketika, bix-xogħol ta' ippjanar u organizzazzjoni tat-Tagħlim Nisrani fid-Djoċesi Għawdxija. Kemm –il darba hu ġie mibgħut mill-Awtoritajiet tal-Knisja f'Għawdex għal diversi laqgħat u kungressi f'Malta kif ukoll barra minn Malta.

Mal-mewt traġika tal-W.R. Arċipriet Dun Ġużepp Grech fit-18 ta' Ottubru 1971, il-parroċċa tax-Xewkija ġiet afdata f'idejn Mons Carmelo Xuereb, sakemm jintgħażel l-Arċipriet il-ġdid. Ix-xewqa tal-poplu Xewki kienet li l-Arċipriet il-ġdid ikun mir-raħal tagħhom, imżejjen bil-kwalitajiet kollha meħtieġa li d-dinja moderna titlob. Wara konsultazzjoni mal-kleru u l-poplu, l-Eċċ tiegħu Mons Nikol Cauchi għoġbu jaħtar lil Dun Karm Mercieca bħala l-Arċipriet il-ġdid tax-Xewkija. Din l-għażla ġiet milqugħa b'entużjażmu u b'sodisfazzjon kbir mill-poplu tax-Xewkija, għax f'Dun Karm raw ragħaj żagħżugħ, billi kien għad għandu 31 sena, u saċerdot spiritwali, enerġetiku u aġġornat. "Ser nibgħatilkom wieħed mill-aħjar qassisin li għandi fid-djoċesi u għad taraw il-frott tal-ħidma kbira li ser iwettaq fil-parroċċa tagħkom tax-Xewkija," – kliem tassew profetiku tal-Isqof Nikol G. Cauchi lid-delegazzjoni mix-Xewkija li marret tkellmu!

L-Arċipriet il-ġdid ħa l-pussess fis-6 ta' Frar 1972, fost il-kant, ferħ u ċapċip tax-Xewkin kollha. Hu ġie mwassal minn ħdejn il-mitħna sal-misraħ ewlieni f'karozza miġbuda min-nies tar-raħal, akkumpanjat mill-Banda Prekursur. Iċ-ċerimonja tal-pussess saret f'parti mill-knisja l-ġdida (għax il-Knisja l-qadima kienet għadha ma twaqqgħetx) u tmexxiet mid-delegat tal-Isqof Mons Carmelo Xuereb, iz-ziju tal-istess Arċipriet. Wara ċ-ċerimonja tal-pussess saret konċelebrazzjoni mill-Arċipriet il-ġdid flimkien mal-kleru kollu tal-parroċċa u mal-patrijiet Xewkin.

Fl-ewwel diskors tiegħu bħala Arċipriet, Dun Karm Mercieca ħabbar il-programm tiegħu li kien jinqasam fi tnejn; l-ewwel, it-twaqqigħ tal-knisja l-qadima u l-preservazzjoni tal-iskultura tagħha, flimkien mat-tkomplija u d-dekorazzjoni tal-Knisja l-ġdida; it-tieni, l-organizzazzjoni pastorali fil-parroċċa. Il-motto li għażel kien dak ta' San Gwann Battista, il-patrun tar-raħal, li nsibu fl-Evanġelju ta' San Ġwann, Kap 3, vers 30: "Jeħtieġ jikber Hu (Kristu) u niċkien jien".

**L-Ewwel Ħidma Importanti**

L-ewwel biċċa xogħol kbira li kellu jħabbat wiċċu magħha dan l-Arċipriet żagħżugħ kien il-ħatt tal-maqdes il-qadim minn ġewwa r-Rotunda, li kif nafu dam jaqdi l-ħtiġijiet spiritwali sat-2 t'April 1972. Il-ħsieb ewlieni tiegħu kien li dan isir fl-iqsar żmien sabiex il-poplu jkollu l-kumdità kollha u jibda jgawdi l-knisja Rotunda. Il-poplu Xewki laqa' dan l-appell, xammar idejh u mimli entużjażmu u determinazzjoni, offra xogħol volontarju biex jitwettaq dan il-programm fl-iqsar żmien possibbli. L-iskultura prezzjuża u unika ġiet maqlugħa bl-akbar attenzjoni u ġiet ippreservata bl-akbar sengħa u għaqal fil-mużew tal-iskultura li l-ewwel ġebla tiegħu tqiegħdet fid-29 ta' Awwissu 1972 mill-Isqof ta' Għawdex Mons Nikol Ġużeppi Cauchi. L-istess Isqof, fit-18 ta' Ġunju 1974 bierek u fetaħ uffiċjalment dan it-teżor fl-iskultura tal-ġebla Maltija.

Matul dan iż-żmien, kien għaddej ukoll xogħol ieħor kbir u ta' sogru; it-tikħil u l-invjar tal-knisja minn ġewwa. Numru kbir ta' ħaddiema u voluntiera Xewkin, taħt it-tmexxija tas-Sur Żakkarija Ċilia meddew għonqhom għax-xogħol biex b'hekk il-knisja setgħet tibda taqdi l-funzjonijiet li għalihom ġiet mibnija. Kif ġiet imneħħiha l-aħħar ġebla

tal-knisja l-qadima, inbeda minnufih ix-xogħol tal-invellar u l-għoti tal-konkos tal-art kollha tar-Rotunda. B'dan ix-xogħol komplut, il-knisja, għalkemm 'il bogħod mis-sbuħija u l-glorja ta' kif nafuha llum, ġiet uffiċjalment iddikjarata miftuħa u ġiet imbierka fil-15 ta' Ġunju 1973 mill-Isqof Cauchi.

Minn l-ewwel jiem wara l-pussess tiegħu, Mercieca kien ġa seraq il-qlub ta' bosta żgħażagħ li ngħaqdu warajh għal dak kollu mitlub minnhom biex flimkien jaħdmu sabiex iġibu 'l quddiem l-isem tar-raħal tax-Xewkija. Dan il-moviment wassal biex fl-1972 jiġi ffurmat, dak li maż-żmien kellu jkun magħruf bħala l-"Grupp Żgħażagħ taċ-Ċentru". Sa Ġunju tal-istess sena kien ġie ffurmat ukoll il-"Kor Vox Clamantis", taħt id-direzjoni ta' Dun Ġorġ Mercieca, magħmul minn għadd ta' xebbiet u ġuvintur. F'dak iż-żmien ukoll, nibtet l-"Għaqda Drammatika Xewkija" li sallum għadha mpenjata f'xogħlijiet teatrali fir-raħal tax-Xewkija. Fi Frar 1973, dehret l-ewwel ħarġa tal-pubblikazzjoni "Gourgion", rivista b'informazzjoni ġenerali, tagħrif interessanti, aħbarijiet, attwalità u kronaka tal-parroċċa, li wkoll għada sallum tiġi ppubblikata. F'Marzu tas-sena 1973, il-purċissjoni tad-Duluri saret għall-ewwel darba forma ta' *pageant* fejn ħadu sehem madwar tliet mitt attur, tfal, żgħażagħ u adulti, lebsin kostumi Bibliċi. Din il-purċissjoni *pageant*, baqgħet kull sena dejjem tikber u żżid fil-popolarità tagħha u dan grazzi għat-tħabrik ma jaqta' xejn tal-Arċipriet Mercieca, li tagħha huwa l-fundatur.

L-Arċipriet Mercieca, żamm mal-wegħda tal-programm tal-pussess tiegħu u ta prijorità u importanza xierqa lit-tagħlim u t-tixrid tiegħu fil-parroċċa. Prinċipju fundamentali li ħaddan l-Arċipriet hu, li biex tattira u torganizza aħjar it-tagħlim, huwa meħtieġ li jkollok l-infrastruttura adattata, moderna u li tilqgħek. Dan wassal għall-bidu ta' żewġ proġetti kbar li l-poplu tax-Xewkija, mehdi kif kien bil-bini u d-dekorazzjoni tar-Rotunda, mhux biss ma kienx ħolom bihom, iżda lanqas biss kien jemmen li huma possibbli; Qasam ġdid tal-MUSEUM għas-Subien u l-bini ta' Ċentru Parrokjali ġdid fil-pjazza ewlenija tar-raħal. L-ewwel ġebla tal-MUSEUM tas-subien ġiet imqiegħda fil-5 ta' Mejju 1974 mill-Isqof Nikol Cauchi, filwaqt li fis-16 ta' Lulju 1975 tqiegħdet l-ewwel ġebla tal-kappella tal-istess Qasam minn Dun Ġużepp Camilleri. Fis-26 ta' Mejju tal-1977 inbeda x-xogħol fuq l-ippjantar taċ-Ċentru Parrokjali minn għadd ta' voluntiera Xewkin, fuq pjanta tal-perit Joe Dimech li esegwixxa dan ix-xogħol, biex il-faċċata taċ-Ċentru tikkumplimenta arkitettonikament lill-knisja Rotunda.

**Ħidma bejn is-snin 1974 u 1978**

Taħt it-tmexxija għaqlija tal-Arċipriet Mercieca, u bi spirtu qawwi ta' volontarjat, bejn is-snin 1974-1978, il-poplu Xewki ta bidu għal aktar proġetti kbar u ambizzjużi, peress li f'Ġunju tal-1978, ir-raħal kien se jiċċelebra it-300 sena minn meta l-Isqof Ġirolamo Molina waqqaf lix-Xewkija bħala l-ewwel parroċċa 'l barra mir-Rabat fl-1678. Il-proġetti li nbdew u li kienu konklużi kienu; il-bini ta' sala kbira fuq is-sagristija, il-bieb il-kbir tar-Rotunda, ix-xiri ta' bankijiet ġodda għall-knisja, l-altar mejda, il-kisi bl-irħam tal-presbiterju, il-bini tal-prospettiva tal-kor, sitt prospettivi għall-ġnub, portiku msaqqaf b'gallerija u żewġ prospettivi, kull waħda b'żewġ niċeċ fuq xulxin, għal ħdejn il-bieb il-kbir tal-knisja. Ix-xogħol kollu tal-bini tal-prospettivi sar mill-bennej Leli Saliba mill-Għarb Għawdex filwaqt li l-iskultura kollha tal-gallerija tal-orgni u tal-prospettiva tal-kor huma xogħol l-iskulturi Xewkin Toni u ibnu Kristinu Camilleri. Fit-18 ta' Ġunju 1974, ġie inawgurat il-bieb il-kbir maħdum fl-injam *teak* mis-Sur Salvu Tabone mix-Xewkija, fuq disinn tas-Sur Toni Saliba, mir-Rabat Għawdex.

L-altar mejda, li wasal fit-2 t'Awwissu 1975, inħadem mid-ditta Romeo Ceccotti u ġie mbierek mill-Isqof Nikol Ġużeppi Cauchi fid-29 t'Awwissu 1975. It-tqegħid tal-irħam tal-presbiterju kien afdat lid-ditta rinomata lokali A.F. Ellis tar-Rabat Għawdex, xogħol li nbeda fit-2 ta' Mejju 1976. F'dan iż-żmien ukoll saret l-istallazzjoni kollha tal-elettriku fuq pjanta tal-magħruf inġinier Albert Camilleri, xogħol li kien esegwit mill-kumpanija ta' Joseph Hili mix-Xewkija.

Xogħol ieħor li kien għaddej f'dan iż-żmien kien il-bini taz-zuntier ta' quddiem il-knisja u t-tqegħid tal-madum tiegħu, liema xogħol ukoll meddew idejhom għalih għadd ta' voluntiera Xewkin. Min jista' jfisser il-ferħ tal-poplu Xewki, magħqud wara r-ragħaj spiritwali tiegħu Dun Karm Mercieca, hekk kif raw il-knisja Rotunda, tiġi kkonsagrata fis-17 ta' Ġunju 1978 mill-Isqof Nikol Cauchi!

Ta' min isemmi li bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet treċentinarji tal-Parroċċa tax-Xewkija, ġie mbierek u miftuħ uffiċjalment il-Qasam ġdid tal-MUSEUM tas-Subien, fit-18 ta' Ġunju, 1978, mill-Isqof Nikol G. Cauchi fil-preżenza tal-Arċipriet u l-Kleru, is-Superjur Bennie Mercieca u s-soċji sħabu flimkien mal-poplu tax-Xewkija.

F'din iċ-ċirkostanza, b'digriet tal-istess Isqof, il-Knisja Rotunda ġiet mgħollija għad-dinjità ta' Santwarju Djoċesan u sede Spiritwali tal-Ordni Sovran tal-Kavallieri ta' San Ġwann, kif ukoll, fost il-ferħ tax-Xewkin kollha, l-Arċipriet Carmelo Mercieca ġie maħtur Monsinjur Onorarju tal-Katidral b'effett mis-16 ta' Ġunju 1978. Biex imexxi dawn il-festi solenni, fl-24 ta' Ġunju tas-sena 1978, Mons Carmelo Mercieca flimkien mal-kleru laqgħu lill-Kardinal Silvio Oddi fost il-ferħ tal-poplu kollu tax-Xewkija.

Konsagrazzjoni ta' Knisja titlob tnax-il salib, u l-kleru kien qabel mad-deċiżjoni tal-Arċipriet li jintużaw l-istess slaleb tal-knisja l-qadima, li kienu maħduma tondi fl-alabastru. Biex jiġu jixirqu aktar mal-istil tal-knisja Rotunda kien tqabbad is-Sur Ġużè Galea biex joħloq disinn li jelabora aktar dawn is-slaleb. Is-Sur Galea għamel disinn ta' salib bi tmien ponot, liema xogħol ġie esegwit fil-bronż mid-ditta Stefan Sibillo.

**Ħidma fis-snin 1978-1980**

Wara l-festi treċentinarji, l-Arċipriet Mercieca tefa' ħarstu fuq proġetti oħra kbar u li kienu jirrikjedu l-ġenerożità tal-poplu Xewki fil-massimu tagħha: sitt pitturi ta' daqs kbir fl-ispazji tal-prospettivi u l-pavimentar tal-knisja.

Fl-1978 il-Kav. Pawlu Camilleri Cauchi lesta għall-knisja Rotunda tax-Xewkija l-ewwel żewġ inkwatri li juru lil Ġwanni jistqarr lil Kristu bħala l-Ħaruf t'Alla, u l-oħra li turi l-Magħmudija ta' Kristu minn Ġwanni. Fis-sena ta' wara tlestew l-inkwatri tat-Twelid tal-Battista u Ġwanni qed iċanfar lil Erodi u żżanżan ukoll id-damask għal mal-kolonni u l-friżijiet tal-prospettivi. Fis-sena 1980 Camilleri Cauchi lesta l-aħħar żewġ inkwatri, dak tat-tħabbira tal-Arkanġlu Gabriel lil Żakkarija u dak tal-Martirju tal-Battista.

Il-proġett l-ieħor, li kien it-tqegħid tal-pavimentar tal-art, inbeda fis-17 ta' Novembru 1980. Id-disinn ta' dan ix-xogħol kien afdat mill-ġdid f'idejn ir-Rabti s-Sur Ġużè Galea u d-ditta A.F. Ellis tar-Rabat Għawdex reġgħet ġiet inkarigata bit-tqegħid tiegħu.

**Ħidma fis-snin Tmenin**

L-ewwel proġett kbir li ġie inawgurat fis-snin tmenin, kien il-ftuħ uffiċjali u t-tberik taċ-Ċentru Parrokjali fit-2 ta' Mejju 1980, proġett li skont l-Arċipriet Mercieca mhux biss kien bżonnjuż iżda kellu jkun il-*power station* tar-raħal tax-Xewkija.

Fost aktar inizjattivi li ttieħdu f'dan id-deċennju nsibu:

- L-ewwel operetta, *Fior di Loto* (1980) taħt it-tmexxija tas-Surmast Ġużeppi Farruġia, xi ħaġa ġdida għar-raħal tagħna u li tant ħadem għas-suċċess tagħha l-Arċipriet Mercieca. Ta' min jgħid li dawn l-operetti baqgħu jittellgħu kull sena sal-1989, għaxar operetti b'kollox biex imbagħad fis-sena 1990 reġgħet ittellgħet l-ewwel operetta, Fior Di Loto, li ġabet fit-tmiem din l-era teatrali li ġibdet eluf kbar ta' Għawdxin kif ukoll Maltin lejn ir-raħal tagħna tax-Xewkija.
- Fil-bidu tas-Sena 1980 twaqqfet uffiċjalment l-"Australian Xewkija Association" ta' Melbourne.
- Fit-22 ta' Ġunju 1982 ġie inawgurat il-pavimentar tal-art tar-Rotunda, mill-Isqof Mons. Nikol Ġużeppi Cauchi, biex b'hekk ġiet kompluta waħda mill-akbar opri li saru fir-Rotunda.
- Fl-1983 inħadmet antiporta tal-aluminjum għall-bieb tan-naħa tal-Punent tal-Knisja.
- Fl-1983 ukoll iżżanżnu l-bradelli ġodda tal-parana u kawba għall-vari tal-Ġimgħa l-kbira u ġie irrestawrat il-bieb il-kbir minn għadd ta' voluntiera Xewkin.
- Fit-18 ta' Marzu 1984 ġiet imbierka statwa ġdida ta' San Ġwann Battista, xogħol Michael Camilleri Cauch, biex tintbagħat lil emigranti Xewkin ta' Melbourne.
- Fl-1984 twaqqfet is-"Sydney Australian Association".
- Fl-1984 ukoll sar xogħol kbir ta' manutenzjoni fiċ-ċimiterju tax-Xewkija u tlestiet l-antiporta l-oħra tan-naħa tal-Lvant. F'din is-sena wkoll iżżanżnu erba' brazzi għal fuq kull bankun tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira, fans ġodda għall-knisja Rotunda u sett trieħi b'gallun ġdid għal fuq l-altar maġġur għal waqt il-festi prinċipali.
- 1985: Saret vara ġdida tar-Redentur, xogħol Alfred Camilleri Cauchi, biex tieħu post dik tar-Redentur li kien ħadem missieru, Agostino Camilleri, fis-sena 1922.
- Bejn is-snin 1985 u 1986 inħadmu fl-injam il-konfessjonarji ta' taħt il-prospettivi tan-nofs mill-mastrudaxxa Karmnu Portelli mill-Qala Għawdex.
- Fl-1986, fuq disinn ta' Ġużè Galea, inħadem fl-irħam, ambone għal fuq il-presbiterju. Tlestew ukoll il-pedestalli tal-irħam ta' ħdejn in-niċċa ta' San Ġwann, li fuqhom qed jistrieħu żewġ monumenti, *mezzo busti*, tal-Arċipriet Dun Ġużepp Grech u tal-Perit Ġużè D'Amato. Il-monumenti nħadmu mill-istatwarju Alfred Camilleri Cauchi fl-istess sena.
- Fil-bidu tal-1987, l-Arċipriet Mercieca għamel sejħa oħra għall-ġenerożità tal-poplu Xewki biex fl-iqsar żmien possibli jagħtu bidu u jtemmu l-bini ta' kampnar fuq in-naħa tal-Lvant tal-Knisja. L-ewwel ġebla tbierket u tqiegħdet mill-Isqof Cauchi fil-15 ta' Ġunju 1987. Il-bini tal-kampnar kien afdat f'idejn il-bennej is-Sur Toni Axiaq taħt is-superviżjoni tal-perit Alex Torpiano. Il-pjanta tal-kampnar hija tal-arkitett Ġużè D'Amato.
- Fl-1988 saru sett ta' bandalori ġodda b'messaġġ bibbliku u kateketiku għal mal-kolonni tal-knisja.
- F'Ġunju 1989 ġie mżanżan l-ewwel sett ta' pavaljuni tad-dawl, għal Triq il-Knisja. Fis-snin ta' wara, it-toroq kollha prinċipali tar-raħal tax-Xewkija ġew imżejna kollha b'pavaljuni simili.

**Ħidma fis-snin Disgħin:**

Fis-snin disgħin l-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca, kompla għaddej bil-ħidma tiegħu favur it-tisbiħ tal-knisja Rotunda tax-Xewkija u b'attivitajiet u inizjattivi oħra immirati għall-ġid u t-tisbiħ ta' dan ir-raħal.

- Fis-sena 1990, ġew inawgurati Sedja għaċ-ċelebrant u żewġ banketti għall-ministri, liema xogħol ġie maħdum mill-marmista Ronald Pisani.
- Inxtara "electric organ" ġdid għall-knisja Rotunda.
- Fl-1991 ġie inawgurat il-kampnar, li l-għoli tiegħu, ilaħħaq il-180 pied (55 metru) u li ġie mbierek mill-istess isqof li rah jinbeda, Mons Isqof Cauchi, fil-preżenza tal-Arċipriet Mercieca, kleru u poplu.
- Nhar id-19 ta' Jannar 1992 sar it-tberik tal-ewwel ġebla tal-Qasam tal-Museum tal-Bniet.
- Fid-27 ta' Awwissu 1992 inbeda x-xogħol fuq it-tieni sular tal-Qasam tal-Museum tas-subien bit-tħabrik tas-Superjur Bennie Mercieca u s-Soċji sħabu. Il-ftuħ u t-tberik tat-tieni sular tal-Museum tas-Subien sar is-Sibt, 25 ta' Settembru, 1993, mill-Isqof Mons Nikol G. Cauchi.
- Fl-1993 il-Banda Prekursur żanżnet sett qniepen (chimes) biex jindaqqu fl-Innu l-Kbir waqt il-ħruġ ta' San Ġwann mill-knisja.
- Fl-10 ta' Ġunju 1994 sar it-tberik tal-parti l-ġdida taċ-Ċimiterju.
- Fit-22 ta' Ġunju żżanżnet l-ewwel fażi tal-planċier il-ġdid li kienet tikkonsisti f'qafas tal-ħadid forma ta' nagħla, disinn tas-Sur Joe Sagona u xogħol tas-Sur Toni Grima.
- Bejn l-1994-1995 saru erba' niċeċ tal-kawba, mill-mastrudaxxa Xewki Ġanni Zammit, għall-istatwi ta' Sant Antnin, Sant Elija, il-Madonna tal-Karmnu u Sant Indrija. Fl-istess snin, l-istess mastrudaxxa rrestawra l-gwarniċi tal-Via Sagra, filwaqt li l-pittura ġiet irrestawrata mis-Sur Manuel Zammit. Il-gwarniċi ġew indurati wkoll bid-deheb xogħol imwettaq mill-

induratur John Pace. Ġew indurati bid-deheb ukoll, il-gwarniċi tas-sitt inkwatri tal-prospettivi.

- Fl-1995 bdiet tiġi żviluppata propjetà tal-knisja f'"Ta' Ġokk" biex isservi ta' ċentru ta' tagħlim u duttrina għat-tfal u għall-parruċċani ta' dik ix-xaqliba.
- Fis-sena 1995, bit-tħabrik tal-Arċipriet Mercieca, megħjun mill-Kumitat festi esterni, saru festi speċjali biex ifakkru l-150 sena mill-miġja tal-istatwa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija. Għal din l-okkażjoni, l-Arċipriet Mercieca, ħeġġeġ lix-Xewkin, biex bħala rigal lil San Ġwann issir induratura fid-deheb lill-pedestall tiegħu. Ix-xogħol tal-induratura sar mill-espert magħruf Publiju Magro għall-spiża ta' Lm3,500, somma li nġabret fi ftit jiem fi żmien l-istess festi.
- Bejn it-13 u l-15 ta' Ġunju 1995 ittellgħet b'suċċess "L-Għanja tal-Battista" spettaklu ta' dawl, żfin u drama, kitba ta' Lawrence Camilleri u produzzjoni ta' George Mizzi.
- Fid-13 ta' April 1996 ġie inawgurat il-Qasam tal-Museum tal-Bniet.
- Fl-1996 ġiet organizzata aħjar l-"Għaqda Armar Xewkija" u dan wassal biex minn ħdanha jinbet il-"Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin" - KŻX1996. L-għan ewlieni ta' dawn l-għaqdiet hu li jkomplu jsebbħu l-festa ta' San Ġwann Battista, kemm f'xogħol ta' restawr fuq armar eżistenti, kemm f'ħidma ta' armar ġdid u fl-aħħar u mhux l-inqas, fl-organizzazzjoni tal-briju waqt il-marċijiet. F'dan l-elenku ta' proġetti mwettqa fi żmien l-Arċipriet Mercieca mhux possibbli li nsemmu l-inawgurazzjoni tal-proġetti kollha mwettqa minn dawn il-kumitati ħabrieka però żgur ma nistgħux inħallu barra xi xogħlijiet li saru matul iż-żmien fosthom, is-sett ta' trofej għall-misraħ ewlieni, Triq il-Knisja u Triq il-Kbira u l-bandalori fid-drapp li jsebbħu l-pjazza u diversi toroq ewlenin fosthom, Triq il-Kbira, Triq Santa Katarina, Triq San Bert, Triq Indipendenza u Triq il-Ħamrija.
- Bejn 1997 u 1998 il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi mela l-ispazji tal-prospettiva tal-kor bi tliet xogħlijiet tassew artistiċi. Fin-nofs pitter lil Kristu mislub, fuq il-lemin tal-Kurċifiss niltaqgħu mall-Madonna u ma' San Ġwann l-Evanġelista filwaqt li n-naħa l-oħra pitter lil Ġwanni l-Battista fid-deżert, inkwatru ispirat mit-titular l-antik ta' Gioacchina Loretta.
- Nhar it-13 ta' Ġunju 1997 saret l-ewwel xandira ta' Radju Prekursur, mis-sala ta' fuq is-sagristija.
- F'din is-sena wkoll, 1997, sar xogħol estensiv ta' manutenzjoni fuq l-ewwel maħżen tal-armar, fi Triq Indipendenza.
- Fl-1998 inbeda x-xogħol tal-bini fuq it-tieni maħżen tal-armar biswit dak eżistenti, fi Triq Indipendenza mill-bennej Xewki Ġanni Vella.
- Fl-1999 tlesta r-restawr mibdi fl-1990 fuq l-istatwi tal-profeti, li jintramaw fil-pjazza tax-Xewkija fi żmien il-festa kif ukoll ġie irrestawrat il-pedestall tad-dimostrazzjoni.
- Fl-1999 ukoll ġie inawgurat it-tieni *studio* ta' Radju Prekursur, fiċ-Ċentru Parrokjali, biswit l-ewwel *studio* li kien ġie inawgurat fis-sena ta' qabel.
- Ta' min isemmi wkoll, li fl-1999 tqiegħdu l-pedamenti tad-Dar tal-Arċipriet tal-Parroċċa, imsejħa 'kanonika,' fi Triq Indipendenza.

**Ħidma fis-snin Elfejn:**

Bis-sena elfejn fuq l-għatba, ħafna kienu tal-fehma li l-Arċipriet Mercieca, wara kważi 30 sena bħala ragħaj spiritwali tal-parroċċa kien se jibda jnaqqas fil-ħidma tiegħu. Dan mhux talli ma seħħx, iżda nistgħu ngħidu, li fis-snin elfejn l-Arċipriet Mercieca wettaq fost l-akbar u l-aktar proġetti ambizzjużi ta' kull żmien u kif ukoll kien strumentali fl-organizzazzjoni ta' attivitajiet importanti li sa dak iż-żmien ix-Xewkija kienet għadha ma ratx bħalhom.

- Fis-sena 2000 ġew imżanżna 21 pjaneta magħmulin minn *tessuto piglietti* ta' kulur isfar, bi stoluni ħomor irrakkmati b'ħajt tad-deheb bi stil barokk. Intużaw l-ewwel darba minn Mons Isqof Nikol Cauchi, il-ministri u ċ-ċelebranti li assistewh fil-pontifikal ta' dik is-sena.
- Għall-festa tas-sena 2000 ġew arġentati erba' forċini tal-bronż u s-sett tal-gandlieri tal-artal mejda.
- Fis-sena 2000 ukoll sar vestwarju ġdid għall-korp sant ta' Santa Teodora u ġie maħsul bid-deheb is-salib li għandu f'idejh San Ġwann tal-istatwa titulari. Iżżanżan ukoll tapit ġdid aħmar għall-korsija li jwassal mill-bieb ta' barra sal-presbiterju biex jintuża fil-festi prinċipali ta' matul is-sena fil-Knisja Rotunda.
- Ta' min isemmi wkoll, li fit-12 ta' Ġunju tas-sena 2000, beda l-bini tad-dar tal-Arċipriet fi Triq Indipendenza bil-bennej ikun Ġanni Vella. Hawn ta' min jinnota li l-Arċipriet Mercieca ħaseb mhux għalih, imma għal dawk li kellhom jiġu warajh peress li hu kien joqgħod mal-familja tiegħu.
- Fl-20 ta' Ġunju 2001 ġie inawgurat il-planċier il-ġdid tal-Banda Prekursur għall-misraħ ewlieni. Grazzi kbira tmur għal numru kbir ta' voluntiera li ħadmu fuq dan il-proġett u lill-artist Paul Falzon għax-xogħol ta' rħamar.
- F'Ottubru 2001 saret l-istallazzjoni tal-lift, mill-Mużew tal-Iskultura għall-bejt tal-Knisja Rotunda. B'hekk, seta' jiġi merfugħ ħafna mill-armar ta' ġewwa tal-Knisja fis-sala ta' fuq il-Mużew tal-Iskultura, kif ukoll, mezz biex jitilgħu n-nies ħalli jgawdu l-veduta meraviljuża tal-gżira Għawdxija.
- Fis-sena 2002 tqiegħdu f'posthom l-ewwel żewġ statwi tal-ġebel ta' 13 –il pied –il waħda fil-faċċata tal-knisja, fin-niċeċ t'isfel, xogħol l-iskultur Malti Anġlu Agius, li juru lill-Madonna biċ-ċkejken Ġesù u l-oħra turi lil Eliżabbetta ma' binha Ġwanni.
- Fl-istess sena wkoll, saru girlandi u fjuretti tal-ganutell għal quddiem l-istazzjonijiet tal-Via Sagra u mal-pedestall tal-istatwa tad-Duluri.
- Fl-14 ta' Ġunju 2003 ġew imqiegħda f'posthom iż-żewġ statwi l-oħra fin-niċeċ ta' fuq tal-faċċata tal-knisja, statwi li jirrappreżentaw lil Żakkarija u lill-Arkanġlu Gabriel.
- Fis-sena 2003 ukoll saret arġentatura ġdida tal-Ostensorju tal-festa.
- Fil-15 ta' Lulju 2003 sar it-tberik tal-paviment u zokklatura ġdida tal-irħam għall-kappella tal-Madonna tal-Ħniena, xogħol mid-ditta Sare' fuq disinn tal-perit J. Dimech.



Pusses Arċipriet Mercieca, Jannar 1972



Mons. Carmelo Xuereb f'isem l-isqof
jagħti l-pusses lin-nepputi tiegħu



It-twaqqiegħ tal-knisja l-qadima
wara t-tlestija tar-Rounda



Il-bini tal-mużew tal-iskultura



L-Arċipriet Mercieca jilqa' lill-Kardinal Silvio Oddi
fl-okkażjoni tal-konsagrazzjoni tar-Rotunda 1978



Akkademja fl-okkażjoni tat-300 sena
mit-twaqqif tal-Parroċċa 1978

- Fid-19 ta' Diċembru tas-sena 2003 inbeda l-aħħar proġett f'dak li għandu x'jaqsam mal-kostruzzjoni tar-Rotunda, il-koppla ta' quddiem. It-tanbur ta' din il-koppla kien inbeda mill-bennej Ġużepp Vella meta kienet qiegħda tinbena il-knisja però kellu jkun ibnu, is-sur Raymond Vella li jwassal dan ix-xogħol sat-tmiem.
- Fis-sena 2004, l-Arċipriet Mercieca bierek u inawgura statwa ġdida ta' San Ġwann, maħduma minn Michael Camilleri Cauchi għall-inħawi tal-Ġibjun.
- Għall-festa tas-sena 2004 ġie mżanżan l-ewwel trofew minn sett ta' sitta għall-pjazza. Twaħħlu wkoll mal-faċċata tal-knisja Rotunda żewġ plakek tal-irħam waħda bil-Magnificat u l-oħra bil-Benedictus.
- Fis-sena 2004 ukoll saret l-installazjoni ta' sistema ġdida tas-*sound* għall-knisja Rotunda bl-aħħar teknoloġija minn Mr Albert Van der Houf ta' Haccusto International, sistema li swiet LM 9,800.
- Fit-22 ta' Ottubru 2004 sar il-Kungress Universali tas-Saċerdoti fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija.
- Fis-27 ta' Novembru 2004, l-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca ġie mogħti "Ġieħ ix-Xewkija", mis-Sindku l-Av. Monica Vella, l-ogħla unur li wieħed jista' jkun mogħti minn komunità, bħala rikonoxximent għall-ħidma ma taqta' xejn tiegħu.
- Fis-sena 2005 l-Arċipriet Mercieca bierek u inawgura statwa oħra ġdida ta' San Ġwann Battista maħduma mill-artist Xewki, Hubert Saliba għal ħutna emigranti f'Sydney.
- Fis-6 ta' Awwissu 2005 (Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej) sar il-kuntratt għal tliet qniepen ġodda mid-ditta Ingliża Taylor and Bellfounders u r-restawr tal-erba' qniepen eżistenti fil-preżenza tal-Arċipriet Mercieca, Dun Ġorġ Mercieca u l-Avukat Dott. Kevin Mompalao. Minnufih beda l-ġbir għal dan il-proġett.
- Fis-26 ta' Diċembru 2005 l-erba' qniepen tniżżlu minn fuq il-kampnar mis-Sur Paul Attard u George Vella, taħt is-superviżjoni tas-Sur Toni Grima biex jittieħdu għar-restawr f'Raħal Ġdid. Ix-xogħol fuqhom u fuq l-ilsna ġodda għalihom sar mis-Sur Peter Boulter taħt is-superviżjoni tal-inġinier Frans Psaila.
- Fil-21 ta' Jannar 2006 lejliet il-konsagrazzjoni ta' Mons Isqof Mario Grech saret velja ta' talb fil-knisja Rotunda fejn l-istess Isqof, imdawwar b'Għawdex kollu, ġie mogħti l-insinji Episkopali li jikkonsistu fiċ-Ċurkett, il-Mitra u l-Baklu.
- Ġurnata oħra storika għall-knisja Rotunda tax-Xewkija kienet il-lejla tas-7 ta' Ġunju 2006 meta x-Xewkin laqgħu b'ferħ kbir is-sett ta' tliet qniepen ġodda maħduma mid-ditta Ingliża Taylor and Bellfounders. Tlett ijiem wara, f'ċerimonja mill-isbaħ fil-pjazza ewlenija, sar it-tberik tal-qniepen il-ġodda u ta' erba' qniepen oħra li ġew restawrati, liema ċerimonja kienet immexxija mill-Eċċ. tiegħu Mons Mario Grech, Isqof ta' Għawdex. F'din l-istess ċerimonja ġiet imbierka wkoll statwa ġdida ta' San Ġwann Battista maħduma fil-ġebla Maltija, mis-Sur Anġlu Agius, għal fuq il-frontispizju tal-faċċata tal-knisja.
- Fl-20 ta' Ġunju 2006, fl-okkażjoni tal-10 anniversarju mit-twaqqif tal-Kumitat Żgħażagħ Xewkin, l-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca bierek u inawgura statwa ġdida ta' San Ġwann, maħduma fil-ġebla Maltija mid-ditta Agius ta' Malta għall-pjazzetta fl-inħawi tal-Ħamrija.
- Fl-2006 wkoll iżżanżnu erba' bukketti tal-ganutell għal mal-pedestall tal-istatwa titulari ta' San Ġwann Battista.
- F'Lulju 2006, bl-għajnuna ta' għadd ta' voluntiera Xewkin, taħt is-superviżjoni tas-Sur Toni Grima u s-Sur Raymond Vella, is-seba' qniepen ġew imtella' fil-kampnar. Ta' min hawnhekk iżid li l-inġinier Frans Psaila b'kollaborazzjoni mal-periti Alex Torpiano u Karl Farrugia ddisinjaw struttura kbira ta' travi tal-ħadid li kellha żżomm fiha s-seba' qniepen mingħajr ma titfa' xi ċaqliq orizzontali fuq l-istruttura tal-kampnar waqt id-daqq.
- Fis-16 ta' Jannar 2007 ġiet imqiegħda l-aħħar ġebla li kellha ttemm ix-xogħol tal-bini fuq il-koppla ta' quddiem.

- Fid-9 ta' Ġunju 2007 ġiet inawgurata il-koppla ta' quddiem mill-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech. L-għoli ta' din il-koppla huwa ta' 88 pied (27 metru), filwaqt li d-dijametru tagħha huwa ta' 33 pied (10 metri) minn ġewwa u 36 pied (11 –il metru) minn barra. Il-koppla ġiet imkaħħla minn diversi voluntiera Xewkin taħt is-superviżjoni tas-Sur Ġużepp Pace, wieħed mill-kaħħala ewlenin tal-knisja Rotunda. Wara li l-Isqof bierek is-Salib għal fuq l-istess koppla, hu qagħad jassisti għat-tlugħ tiegħu sa fuq il-lanterna tagħha. Is-salib ta' din il-koppla nħadem mill-mastrudaxxa Xewki s-Sur Ġanni Zammit, il-qisien tiegħu huma ta' 6 piedi (1.8 metri) tul u 4.5 piedi (1.4 metri) wiesa' u jiżen 62 kilogrammi. Fatt interessanti li jirrigwarda dan is-salib huwa, li l-mastrudaxxa ħadem dan ix-xogħol minn travu tal-injam, li kien merfugħ fuq il-bejt tal-knisja u li fis-snin sittin u sebgħin kien intuża fl-armar waqt il-bini tar-Rotunda.
- Fl-2007 wkoll saret raġġiera ġdida bl-Ispirtu s-Santu għall-istatwa tad-dimostrazzjoni liema statwa kienet irrestawrata fis-sena 2003.
- Fit-12 u 13 ta' Ġunju 2007 ittella' l-*musical* "Ġrajjietna" fuq inizjattiva tas-Sur Frans Galea, direttur ta' Radju Prekursur, fl-okkażjoni tal-10 snin anniversarju mit-twaqqif ta' l-istess stazzjoni. Dan il-musical, kitba ta' Mario Borg u mużika ta' Ivan Farruġia, b'direzzjoni ta' Monica Farrugia u Maria Mercieca (Stage Managament Teddy Mizzi u Tony Zerafa) kien ta' sorpriża kbira għall-Mons Carmelo Mercieca li ddeskrivih bħala l-aktar biċċa xogħol drammatika kbira li qatt ittellgħet fix-Xewkija.
- F'Gunju 2008 ġie inawgurat il-loġġ tal-*istained glass* għal fuq il-gallerija tal-orgni, li juri il-Glorja tal-Battista, disinn ta' Pawlu Camilleri Cauchi u xogħol tad-ditta Taljana Domus Dei ta' Ruma.
- Fl-2009 ġiet imwaqqfa uffiċjalment l-"Għaqda Dilettanti tan-Nar San Ġwann Battista" biex jiġi organizzat aħjar ix-xogħol pirotekniku ta' matul il-festa.
- Fis-sena 2009 ilqajna fix-Xewkija l-istatwa ġdida ta'

Kristu Rxoxt, xogħol ta' Alfred Camilleri Cauchi. Din l-istatwa ħarġet proċessjonalment għall-ewwel darba fl-Għid il-Kbir filgħodu, 12 ta' April 2009 akkumpanjata mill-Banda Prekursur. Il-mastrudaxxa Żebbuġi, Bertu Mallia, irrestawra l-antiporta l-antika tal-knisja l-qadima tax-Xewkija u adattaha bħala niċċa għall-istatwa tal-Irxoxt. Din in-niċċa tinsab fis-sagristija tal-istess knisja.

- F'Ġunju 2009 ġew inawgurati ż-żewġ loġġijiet l-oħra li nsibu fuq il-prospettivi tal-ġnub li juru l-Viżitazzjoni tal-Madonna lil Santa Eliżabetta u lil Ġwanni ma' Kristu u l-Profeti.
- Bejn is-17 ta' Awwissu 2009 u l-10 ta' Mejju 2010 inbidlu t-52 saljaturi tal-ġebel li konna nsibu mal-faċċata tal-knisja, xogħol li sar minn għadd ta' voluntiera Xewkin taħt is-superviżjoni tas-Sur Toni Grima. Saret ukoll skrizzjoni mnaqqxa mal-friż tal-faċċata, mill-iskultur, iben ix-Xewkija, Chris Camilleri, li taqra 'TEMPLUM SANCTO JOANNI BATTISTAE DICATUM' li tfisser "Tempju ddedikat lil San Ġwann Battista".
- Fit-22 ta' Awwissu 2009 l-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca bierek u fetaħ uffiċċjalment il-klabb il-ġdid tax-Xewkija Tigers fi pjazza San Ġwann Battista.
- Nhar it-23 ta' April 2010, l-Arċipriet flimkien mal-kleru u l-poplu Xewki offra bukkett ward lill-inkwatru tal-Madonna ta' Pinu fi triqtu lura lejn is-santwarju tiegħu wara l-Pellegrinaġġ Djoċesan li ġie organizzat wara li l-Papa Benedittu XVI, irregala warda tad-deheb lill-istess inkwatru.
- Fis-sena 2010 ukoll sar *switch board* ġdid tad-dawl tal-knisja Rotunda, sar l-ippavimentar fl-irħam għal din il-kamra u nfetaħ bieb għal ġewwa l-kor. Saru wkoll żewġ sopraporti fl-injam indurati bid-deheb, mill-artist Xewki Hubert Saliba biex jitwaħħlu waħda fuq il-bieb tal-kor u l-oħra faċċata tagħha. Dawn is-sopraporti saru fuq l-istess disinn taż-żewġ sopraporti li nħadmu snin qabel u li nsibu waħda fuq il-bieb tas-sagristija u l-oħra fuq il-bieb li jagħti għall-Mużew tal-Iskultura.

**Ħidma bejn is-snin 2011 u 2015:**

Fl-aħħar ħames snin tal-Arċipriet Mercieca komplejna naraw u nassistu għal aktar proġetti ta' tisbiħ fil-knisja Rotunda. Mons Carmelo Mercieca, li issa kien qiegħed joqrob is-sebgħin sena, mhux talli ma naqqasx mill-ħidma tiegħu iżda rnexxielu jżomm l-istess karatteristiċi, l-istess enerġija u entużjażmu li konna nafuh bihom fi snin aktar bikrija. Fost il-proġetti u l-inizjattivi meħuda fl-aħħar ħames snin insibu:

- Fis-sena 2011 iżżanżnu żewġ gredenzini tal-irħam xogħol il-marmista Ronald Pisani.
- Fis-sena 2011 ukoll, il-Kavallier Pawlu Camilleri Cauchi temm ix-xogħol kollu ta' pittura għall-knisja Rotunda bl-eżekuzzjoni tal-erba' Evanġelisti, li jinsabu, tnejn fuq il-bieb li jagħti għall-Mużew tal-Iskultura u t-tnejn l-oħra fuq il-bieb tas-Sagristija.
- Fl-istess sena sar ir-restawr ta' żewġ inkwatri, tat-Titular u tal-Kunċizzjoni, li nsibu fil-Mużew tal-Iskultura, mill-Istudio Art Centers International ta' Firenze.
- Fl-2012 saru l-ġinokjaturi għal quddiem il-bankijiet tal-knisja u tlesta l-*basement* taħt il-kappella fl-inħawi ta' Ġokk.
- Fid-19 ta'April 2012 reġa' tħaddem mill-ġdid l-arloġġ antik li kien jinsab fil-knisja l-qadima. Dan l-arloġġ kien sar fis-sena 1872 mill-magħruf arluġġar Malti Mikielanġ Sapiano. Għal din il-biċċa xogħol offra ruħu s-sur Pullu Xerri mix-Xewkija, li għalkemm mhux arluġġar, iżda bit-talenti mhux komuni fl-inġinerija u fil-mekkanika rnexxielu mhux biss jirrestawra u jħaddem mill-ġdid l-arloġġ iżda wkoll jimmodifikah u jġibu jħaddem erba' uċuh. Ta' min jgħid ukoll, li s-Sur Xerri rnexxielu wkoll jinkorpora mal-arloġġ żewġ qniepen milli kienu ġew restawrati fis-sena 2006, biex b'hekk l-arloġġ, mhux biss jimmarka l-ħin iżda wkoll isemma' leħnu kull kwarta erbgħa u għoxrin siegħa kuljum is-sena kollha.
- Fl-2013 sar restawr tal-istatwa ta' San Ġwann Battista li nħadmet minn Wistin Camilleri fis-sena 1912 minn Hubert Saliba u Keith Hili, kif ukoll saret induratura tad-deheb minn Donald Camilleri. Hubert Saliba ħadem ukoll fl-istess żmien pedistall ġdid għall-istatwa ta' San Ġwann iż-żgħir li tintuża fil-marċ tal-Ħamis ta' qabel il-festa.
- Fis-17 ta' Ġunju 2013, l-Arċipriet bierek u inawgura ir-restawr li sar fuq l-Ark Trijonfali tal-pjazza, f'għeluq il-mitt sena anniversarju minn meta nħadem għall-24 Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li sar f'Malta fl-1913.
- Il-Ħadd 22 ta' Ġunju 2014, jum il-festa ta' San Ġwann, għall-ħabta tas-sitta ta' filgħodu, l-Arċipriet sab tistennieh sorpriża kbira li tant ferrħitu. Il-membri tal-Kumitat Żgħażagħ Xewkin, wara lejl ta' ħidma bla heda, irnexxielhom iwaqqfu fil-pjazza tax-Xewkija, l-akbar umbrellun li qatt sar għal xi festa titulari fil-gżejjer Maltin. Mons Carmelo Mercieca, ħa l-inizjattiva li jinżel ikellem liż-żgħażagħ u offra minn qalbu li jberkilhom dan il-proġett uniku li saħansitra ġibed l-attenzjoni tal-midja lokali u li sebbaħ mhux ftit il-festa ta' dik is-sena u l-festi li segwew.
- Fit-12 ta' Gunju 2015 l-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca bierek u inawgura sistema ġdida tad-dawl fuq barra, għall-knisja Rotunda tax-Xewkija, biex hekk mhux biss tidher is-sbuħija tal-knisja matul il-jum iżda anke wara nżul ix-xemx.
- Fil-festa tas-sena 2015 ukoll, l-Arċipriet Mons Mercieca, kleru u poplu tax-Xewkija, laqgħu b'ferħ kbir ir-Relikwa ta' Id San Ġwann Battista meqjuma b'devozzjoni kbira fil-Katidral ta' Ragusa fi Sqallija.

**L-Aħħar Opra Grandjuża:**

Fis-sena 2014 l-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca kien qiegħed jiċċelebra l-50 Sena mill-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu, u fejn sacerdoti oħra jkunu naqqsu ħafna mill-attività tagħhom, Mons Arċipriet Mercieca jmur iħabbar proġett ieħor grandjuż – "Pipe Organ" ġdid għar-Rotunda. Kien is-Sibt 16 t'Awwissu 2014, meta l-Arċipriet Mercieca u r-rappreżentant ta' Michael Farley Organ Builders, is-Sur Noel Gallo, fil-preżenza ta' Dun Ġorġ Mercieca u l-Avukat Dott. Kevin Mompalao, iffirmaw il-kuntratt għax-xiri tal-

"Pipe Organ", proġett li kien ser jiswa mitejn u sebgħa u sittin elf ewro (€267,000) plus Vat. Il-ġenerożità tal-poplu Xewki, li kif kienet minn dejjem, ma tafx b'limitu, reġgħet issorprendiet lil kulħadd u sa sena wara, fit-13 ta' Settembru, 2015, l-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca rnexxielu jiġbor is-somma kollha ta' mitejn u sebgħa u sittin elf ewro (€267,200), xhieda u prova qawwija tal-imħabba kbira li x-Xewkin għandhom lejn San Ġwann Battista u tal-fiduċja kbira li l-poplu Xewki kellu u għandu fil-persuna tal-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca.

**Il-Ħidma pastorali tal-Arċipriet Mons. Carmelo Mercieca**
L-opri li twettqu fi żmien l-Arċipriet Carmelo Mercieca huma kbar u bla għadd. It-tisbiħ kollu li nsibu fil-knisja Rotunda huma xhieda ta' dan u jfakkru ismu lill-ġenerazzjonijiet li għad jiġu matul is-snin.

Però, l-akbar xogħol li wettaq Dun Karm Mercieca m'humiex l-opri li naraw b'għajnejna. Dawn l-opri għalkemm kbar kollha jistgħu jitkejlu u l-ispiża tagħhom tista' tiġi ikkalkulata. Verament, l-akbar opri, l-Arċipriet Mercieca wettaqhom fil-ħidma pastorali tiegħu, ħafna drabi, fil-moħbi u mingħajr daqq ta' trombi.

Min jista' jkejjel il-ġid li għamel dan l-Arċipriet fost it-tfal u ż-żgħażagħ matul is-snin tat-tmexxija tiegħu. L-Arċipriet Mercieca mexa magħhom, ifforma fihom karattru sod, ċiviku u kristjan; tahom spirtu qawwi ta' patrijottizmu u sawwarhom fi rġiel li għamlu unur u isem għalihom u għal raħalhom; rahom jieħdu l-istat tagħhom u jiffurmaw il-familji tagħhom. Min jista' jiżen il-ġid spiritwali u psikoloġiku mwettaq mal-familji, kemm dawk f'relazzjoni stabbli u kemm ma' dawk li kienu u għadhom għaddejjin minn mumenti diffiċli? Min jista' jagħti prezz tal-kliem kollu mħabba u kompassjoni li l-Arċipriet Mercieca qasam mal-morda u l-imġarrbin, mal-anzjani u dawk emarġinati, u ma' dawk kollha li matul tant snin fittxew il-pariri għaqlin tiegħu?

Xi ngħidu mbagħad għall-prietki tiegħu, il-ħsibijiet profondi u attwali li jixhdu l-intelliġenza ta' dan il-bniedem kbir, imwassla fi kliem sempliċi li jiftiehem. Dan il-ġid flimkien ma' ġid ieħor, li l-moħħ tagħna lanqas biss jikkonċepixxi, jafu biss Alla l-imbierek u li tiegħu mhux biss għad jippremjah fil-ħajja li ġejja, iżda, ġa minn din il-ħajja stess, Alla ppremjah billi sawwab fuqu barkiet bla għadd, li għenuh imexxi lir-raħal tax-Xewkija għal 43 sena u sitt xhur. L-Arċipriet Mercieca spikka fl-organizzazzjoni pastorali sa mill-ewwel ġimgħat li beda jaħdem fir-raħal tagħna. Twaqqfu l-Presbyterium u l-Kunsill Parrokkjali , skont in-normi tal-Konċilju Vatikan II, kif ukoll, il-Kumitati kollha fosthom: għat-Tagħlim Nisrani, għall-Promozzjoni Umana, għal-Liturġija, għall-familja u għall-għarajjes. Hu kien jemmen ħafna fil-korresponsabilita' ma' ħutu s-Sacerdoti u l-lajci kollha. Kien bniedem ta' inizjattivi pastorali skont kif jitolbu ż-żminijiet. Kellu sens kbir li jaqra s-sinjali taż-żminijiet u jipproġetta pastorali rilevanti, organizzata u effettiva. Il-Ħidma pastorali tiegħu kienet immirata lejn il-kategoriji kollha, ta' kull stat u grad. Kulħadd kien inkluż. Kien kapaci jispira għall-azzjoni lil dawk kollha li jiġu f'kuntatt miegħu, saċerdoti u lajċi, u jimlihom bl-entużjażmu u b'sens kbir ta' inizjattiva, parteċipazzjoni, sens kbir ta' sagrifiċċju u perseveranza. Kellu sens kbir ta' umilta' u ottimiżmu, frott tal-ispiritwalità profonda li jgħix. Il-flus, l-unuri, il-ftaħir u l-pompożità, qatt m'għamlu bih, anzi kien jaħrabhom!

L-Arċipriet Mercieca kien iħobb ħafna l-Liturgija u għamel dak kollu possibbli biex iċ-ċelebrazzjonijiet reliġjuzi jkunu skont in-normi tal-Konċilju Vatikan II, jiġifieri, devoti, mifhuma, attraenti u parteċipanti. Il-Kor 'Vox Clamantis', li huwa xettel fl-ewwel ġimgħat tat-tmexxija tiegħu, bil-għajnuna ta' ħuh Dun Ġorġ, jixhed dan. Lill-Kor 'Vox Clamantis' l-Arċipriet baqa' dejjem isostnih u dejjem ra li t-talenti fi ħdanu ma jiġu qatt nieqsa. Illum, 43 sena wara, dan il-Kor għadu attiv u integrat ħaġa waħda mal-funzjonijiet prinċipali ta' matul is-sena.

**L-Għaqdiet reliġjuzi tar-raħal** raw mill-Arċipriet Mercieca sostenn u appoġġ kontinwu. L-Oqsma tal-MUSEUM tas-Subien u tal-Bniet, l-Azzjoni Kattolika, il-Leġjun ta' Marija u l-Grupp taċ-Ċentru, kienu l-mimmi t'għajnejh. Kien dejjem ħerqan biex jassigura li dawn joffru l-aħjar formazzjoni nisranija soda, f'ambjenti moderni, li jilqgħuk u fornuti bl-aħjar mezzi awdjo-viżivi għat-Tagħlim u l-Formazzjoni Nisranija u Karatterjali. Kien dejjem isus wara t-tfal, l-adolexxenti u ż-żgħażagħ biex ma jittraskurawx fl-attendenza tagħhom f'dawn iċ-ċentri ta' formazzjoni u edukazzjoni nisranija. Ta' min isemmi li hu għen ħafna biex jinbnew żewg ċentri ġodda tal-M.U.S.E.U.M., kemm għas-subien kif ukoll għall-bniet.

**Anke l-Għaqdiet socjo-kulturali kienu ħafna għal qalbu. Dak kollu li kien jolqot lill-Parroċċa kien jinteressah mill-qrib!**
**Il-Banda Prekursur** kienet għal qalb ħafna tal-Arċipriet Mercieca. Meta l-ħin ippermettielu kont tarah, l-aktar kif tkun riesqa l-festa ta' San Ġwann, jattendi għall-kunċerti, jinteressa ruħu fit-tagħlim tal-aljievi u jwassal kelma ta' kuraġġ meta l-affarijiet ma jkunux sejrin kif ippjanati. Kien japprezza ħafna s-sehem kbir tal-Banda fil-Parroċċa u jfaħħar is-sagrifiċċji tal-Kumitat, tas-Surmast u tal-Bandisti. U għalhekk, kien iħeġġeġ lill-Parruċċani biex jgħinu moralment u anke finanzjarjament lill-Banda tar-Raħal.

**It-tim tal-futbol tar-raħal, Xewkija Tigers,** kien ukoll ħafna għal qalb l-Arċipriet Mercieca, jifraħ bir-riżultati pożittivi, jitnikket fid-diżappunti, imma, dejjem bi tbissima fuq wiċċu, b'xi ċajta addattata biex inaqqas mit-tensjoni u jwassal messaġġ pożittiv.
**Fir-Radju Prekursur** kien jara l-leħen ta' Ġwanni, il-pulptu l-modern li jwassal il-messaġġ reliġjuż 'il bogħod, fost dawk emarġinati, il-morda u min idur bihom u l-emigranti mxerrda mad-dinja kollha.

**Il-Kumitati kollha tal-Festa, tal-Armar, tan-Nar, u tal-Marċi Brijużi**, kien jagħtihom l-attenzjoni u l-importanza li tixirqilhom, u jinkoraġġihom filwaqt li qatt ma jonqos li

jagħtihom l-għajnuna u l-apprezzament li jistħoqqilhom. **L-Għaqda Drammatika** kienet, ukoll, ferm għall-qalb l-Arċipriet Mercieca. L-imħabba li kellu għall-palk kienet tidher fuq wiċċu meta jżur lill-atturi waqt li jkunu qed jippreparaw għal xi rappreżentazzjoni. L-Għaqda Drammatika, li huwa stess waqqaf fl-1972, baqa' u għadu jsegwiha sal-lum u ma tilef qatt opportunità li jiltaqa' mal-atturi waqt il-provi.

**Għall-Għaqda tal-Armar** l-Arċipriet Mercieca kellu apprezzament kbir u kien jara din l-attività bħala l-post fejn iż-żgħażagħ, barra li jitħarrġu u jesprimu t-talenti tagħhom, ikunu f'ambjent san, 'il bogħod mit-tentazzjonijiet u l-vizzji li l-ħajja taf tiġbdek lejhom.

Ta' min jirrikonoxxi wkoll u japprezza l-fatt li fit-43 sena ta' tmexxija tal-Arċipriet Mercieca, ħdax minn ulied dan ir-raħal kienu ordnati saċerdoti. Dan ma kienx riżultat ta' kumbinazzjonijiet iżda, għaliex il-qalba tal-pastorali tal-Arċipriet Mercieca kienet tikkonsisti fil-kura tal-erwieħ, f'ħidma kontinwa ta' evanġelizzazzjoni, inizjattivi pastorali aġġornati, ċelebrazzjonijiet sagramentali u liturġiċi ħajjin, valutazzjoni attiva fis-sehem tal-lajċi u fl-irwol determinanti tal-Għaqdiet.

Fi ftit kliem, l-Arċipriet Mercieca kien jaf japprezza, kien jagħti l- appoġġ tiegħu u jgħolli l-moral fejn meħtieg. U dan wasslu biex irnexxielu jidħol fil-fond tal-qlub tax-Xewkin kollha, għax hu kien l-Arċipriet tan-nies, ta' man-nies u għan-nies!

**Konklużjoni**

Kien il-Ħadd, 30 ta' Awwissu, 2015, l-għada tal-festa tal-Martirju ta' San Ġwann Battista, meta l-poplu Xewki rċieva l-aktar aħbar li niktitu minn wara l-mewt traġika tal-W.R. Arċipriet Dun Ġużepp Grech. It-tmexxija tal-parroċċa tax-Xewkija kienet se tgħaddi mingħand l-Arċipriet Mercieca għal għand is-suċċessur tiegħu.

Ma nkunu qed ngħidu xejn ġdid meta nsejħu lill-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca bħala bniedem kbir u l-aktar influwenti mill-Kappillani u l-Arċiprieti kollha ta' qablu. Huwa kiser kull rekord tal-aktar Arċipriet li dam iservi lill-Parroċċa tax-Xewkija – 43 sena u 6 xhur. Iż-żmien wera li Mons. Carmelo Mercieca kien l-aktar bniedem addattat u mibgħut fostna b'mod providenzjali biex imexxi lir-raħal tax-Xewkija, f'era sensittiva u delikata. Dawn is-sinjali taż-żmien, l-Arċipriet Mercieca rahom minn kmieni u mogħni kif kien bil-kwalitajiet spiritwali, intellettwali, psikoloġiċi, organizzattivi u karatterjali, irnexxielu jispira, iqanqal u jsawwar il-parroċċa tax-Xewkija f'komunità tassew nisranija, fejn kulħadd iħossu utli u maħbub, fejn is-sehem ta' kulħadd huwa importanti u apprezzat, u fejn l-interess prinċipali ta' kulħadd hu l-ġid komuni tar-raħal, materjali u spiritwali. Bir-raġun, nistgħu nsejħu lill-Arċipriet Mons Carmelo Mercieca bħala "IL-MISSIER TAX-XEWKIJA MODERNA."

Lill-Arċipriet Emeritu Mons. Carmelo Mercieca, nixtieqlu aktar ħidma fejjieda fil-kariga mogħtija lilu ta' Monsinjur effettiv, bl-uffiċċju ta' Teologu, tal-Kapitlu tal-Katidral t'Għawdex. U b'sens kbir ta' gratitudni u bid-dmugħ f'għajnejna, intennulu:

M'għandux ilsien ir-raħal biex jgħid grazzi,
għal dak illi mort tagħmel int għalih.
U iżjed m'għandux kliem il-poplu Xewki,
għas-snin li ddedikajt sabiex tmexxih.

Wettaqt proġetti kbar li jsejħu ismek,
kif tħares mar-Rotunda kif iddur.
'Mma l-akbar ġid li ġie minnek imwettaq,
m'għandux la kejl u la tal-flus valur.

Saħħart popli warajk bil-prietki tiegħek,
li jixhdu d-dehen tal-ħsieb u ta' għerf kbir.
Ħeġġiġt lil min għajjien, farraġt l-imnikket,
min fittxek waqt il-għawġ tajtu parir.

Ħadt ħsieb lit-tfal, liż-żgħażagħ indokrajthom.
Għalihom ħloqt elf żvog biex jibqgħu bogħod
minn dak li jista' jniġġes lir-ruħ tagħhom.
Sawwart nisa w' irġiel b'karattru sod.

Emmint li s-suċċess tar-raħal kollu,
jinsab fix-xogħol imwettaq mill-għaqdiet.
Tajt int valur lill-ħidma tal-persuna,
mill-kbir saż-żgħir, skont tagħha l-ħiliet.

Imxejt ma' tant familji li qed jogħtru.
Li sabu ruħhom f'wied, messew il-qiegħ.
Int magħhom bkejt u qsamt minn dit-tbatija.
Urejthom lura t-triq minn ġewwa fih.

U tul daż-żmien ta' ħidma qalb dal-poplu,
għaraft int ħdax minn Alla magħżulin.
U ħarstek żammejt fuqhom u bqajt magħhom,
sakemm fuq l-altar rajthom qassisin.

M'għandux ilsien ir-raħal biex jgħid grazzi,
għal dak illi mort tagħmel int għalih,
u iżjed m'għandux kliem il-poplu Xewki,
għas-snin li ddedikajt sabiex tmexxih.

*ad multos annos!*

Riferenzi
Borg, S. (1978) Ix-Xewkija Fi Ġrajjiet il-Kappillani u L-Arċiprieti Tagħha: Progress Press Malta.
Borg S. Mercieca B. Calleja N. Zammit Haber F. Xuereb J. (1973) Ix-Xewkija Tul iż-Żminijiet: Orphans Press Għajnsielem Gozo.
Rivista "Gourgion" (Frar 1973 – Ġunju 2015)

# VELJA TA' RADD IL-ĦAJR LIL ALLA GĦALL-GRAZZJI MSAWBA MINNU PERMEZZ TAL-ARĊIPRIET EMERITUS MONS. CARMELO MERCIECA

Nhar is-Sibt, 3 ta' Ottubru, 2015, saret siegħa Adorazzjoni Sagramentali fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija bħala radd il-ħajr lil Alla għall-grazzji kollha li Hu għoġbu jxerred fuq il-parrocca tax-Xewkija, u mhux biss, permezz tal-Arcipriet Emeritu Mons. Carmelo Mercieca, matul it-tlieta u erbgħin sena u sitt xhur li dam bħala ragħaj tal-parroċċa tax-Xewkija. Għal din il-laqgħa ta' talb kienu preżenti, barra l-Arcipriet Emeritu, l-Arcipriet il-ġdid Dun Daniel Xerri, s-saċerdoti tal-parroċċa u l-poplu. Il-velja kienet tikkonsisti f'kant bil-mużika, qari mill-Kotba Mqaddsa, talbiet ta' radd il-ħajr minn persuni ġejjin minn kategoriji differenti fil-parroċċa u messaġġ qasir mill-Arċipriet Emeritu "biex Kristu Ewkaristija jkun iċ-ċentru tal-ħajja personali ta' kull nisrani u ta' kull ħidma fil-parroċċa." Wara l-kant tat-Te Deum, Mons. Mercieca ta l-Barka Sagramentali.

Dritt wara, l-arċipriet il-ġdid Dun Daniel Xerri għamel kelmtejn fejn irringrazzja lil Mons. Arċipriet Emeritu Carmelo Mercieca għall-ħidma pastorali tiegħu kollha żelu u entużjażmu qaddis fil-parroċċa tax-Xewkija. "Alla biss jaf x'ġid kbir spiritwali ħareġ mill-ħidma pastorali vasta tiegħek tul il-parrokat twil tiegħek! Fil-ftit żmien li ilni hawn, xahar u gimgħa, rajt b'għajnejja u smajt b'widnejja kemm int, għażiż Arcipriet Emeritu, kont irrispettat u maħbub, kemm dħalt fil-qlub tax-Xewkin kollha, u kif kienu jqisuk bħala 'missier' u persuna ta' riferenza." Fl-aħħar, imbagħad, l-Arċipriet Xerri offra żewġ rigali lil Mons. Mercieca. Waqt li offrielu sett ta' kotba għall-omeliji, l-Arċipriet il-ġdid għamel dan il-kumment: "Int tibqa' magħruf għall-prietki u l-omeliji ppreparati tiegħek, imżewqa b'episodji u kummenti attwali, li jolqtu l-attenzjoni tas-semmiegħa. U biex tkunu tafu, dawn l-omeliji kien jaqsamhom mas-saċerdoti kollha tad-djocesi tagħna biex jagħmlu użu minnhom!" Imbagħad, l-Arċipriet il-ġdid offrielu wkoll, kalċi, waqt li kkummenta: "Kif għadek kif għidtilna, Ġesù Ewkaristija għandu jkun iċ-ċentru tal-ħajja tan-Nisrani. Dan il-kalċi tużah għas-sagrifiċċju tal-Quddiesa. Il-kelma ta' Alla u l-Ewkaristija kienu għalik il-pedament tal-ħajja pastorali attiva tiegħek, u inti tibqa' tkun mudell għalina lkoll!"

Fl-aħħarnett, l-Arċipriet il-ġdid, wara li feraħ lill-Arċipriet Emeritu għall-ħatra ġdida tiegħu mill-Isqof t'Għawdex Mons Mario Grech, bħala Monsinjur effettiv tal-Katidral t'Għawdex fl-uffiċċju ta' Teologu, assigura lill-kongregazzjoni numeruża miġbura fir-Rotunda: "Mons. Mercieca ser jibqa' jagħti s-servizzi tiegħu fil-parroċċa tagħna. U lilek, Arċipriet Emeritu, ngħidlek, għad għandna ħafna bżonnok! Ibqa' magħna u fostna!" Għal dan il-kliem il-folla preżenti infexxet f'ċapċipa twila ta' approvazzjoni.

Wara l-preżentazzjoni tar-rigali lil Mons. Mercieca, intwera għall-ewwel darba dokumentarju dwar il-Knisja Rotunda, mill-bidu tagħha bl-opri numerużi kollha li twettqu fiha tul il-parrokat twil tal-Arcipriet Mercieca.

F'għeluq din iċ-ċerimonja sinifikattiva ħafna, l-Arċipriet il-ġdid stieden lill-folla numeruża preżenti biex joħorġu fuq iz-zuntier tal-knisja biex flimkien ma' Mons. Mercieca u l-kleru jieħdu sehem f'festin tal-okkażjoni, fejn Mons. Arcipriet Emeritu qasam kejk tal-okkażjoni u tqassmu xi *refreshments*. Il-festin intemm bil-logħob tan-nar tal-kulur.







MERĦBA FOSTNA LILL-
# Arċipriet Mons. Daniel Xerri

# MESSAĠĠ TA' MERĦBA MIS-SINDKU PAUL AZZOPARDI

## F' ISEM IL-KOMUNITÀ ĊIVILI



Għażiż Dun Daniel,
Huwa ta' unur għalija, li jien illum, fil-kariga ta' Sindku tar-raħal tax-Xewkija qiegħed nagħtik merħba u nilqgħek fostna bħala r-ragħaj spiritwali tagħha. F'dan il-jum qed tkompli tinkiteb l-istorja ta' dan ir-raħal sabiħ, l-ewwel raħal f'Għawdex li sar parroċċa b'digriet tal-Isqof Mikiel Ġilormu Molina, sewwa sew nhar is-27 ta' Novembru 1678. Aħna llum qed nilqgħuk biex issir parti minn din il-komunità u mil-lum 'l quddiem tibda tqis lilek innifsek bħala Xewki bħalna. B'dan il-mod tkun tista' tħoss il-polz ta' dan il-poplu u b'hekk tkun tista' tifhmu aħjar.

L-ewwel kelma li nixtieq ngħidlek hija grazzi. Grazzi talli b'sens ta' ubbidjenza u lealtà lejn l-isqof ta' din id-Djoċesi aċċettajt li tilqa' s-sejħa u tkompli bil-ħidma tal-ministeru saċerdotali tiegħek bħala s-sitt Arċipriet ta' din il-parroċċa. Ninsab konvint li l-esperjenza vasta li int ksibt matul is-snin f'diversi karigi kemm fid-Djoċesi ta' Għawdex kif ukoll f'diversi parroċċi barra minn pajjiżna ser ikunu ta' benefiċċju fit-twettiq ta' din il-ħidma ġdida tiegħek. Naf li fil-ftit ġranet li ilek hawn fostna, irnexxielek tikseb l-ammirazzjoni ta' ħafna tfal, adolexxenti, żgħażagħ, adulti u anzjani. Dan hu awgurju tajjeb! Konvint li matul iż-żmien li ġej, permezz ta' ħidmietek u d-direzzjoni ġenwina tiegħek, aktar persuni ser jagħrfu l-ħilet tiegħek u jersqu aktar lejk.

Min-naħa tiegħi u ta' sħabi l-kunsilliera hawn preżenti, inwiegħdek impenn ta' kooperazzjoni u ħidma fejjieda. Kun af li l-bieb tal-kunsill hu dejjem miftuħ. Il-kunsill hu dejjem lest li jkun ta' għajnuna fejn jidħol il-ġid tar-raħal tagħna.

L-aħħar kelma tiegħi f'dan il-jum hu ta' awgurju sinċier. Minn qalbi, għażiż Arċipriet, nawguralek li bħal predeċessuri tiegħek, issib f'dan ir-raħal, art fertili u disponibbli, dejjem lesta li tilqa' u taċċetta l-gwida tiegħek kif ukoll tinkoraġġik fit-twettiq tal-ministeru tiegħek. B'hekk il-ħidma tiegħek tħalli l-frott mixtieq.
Jalla l-maħbub patrun tagħna San Ġwann Battista, ikun għalik gwida. Ikun hu li jiddireġik u jħarsek fit-twettiq ta' din il-ħidma tiegħek b'risq dawn l-ulied wisq għeżież għalih.

Għalhekk minn qiegħ qalbi nawguralek il-ħidma t-tajba!

# MESSAĠĠ TA' MERĦBA MINN IVAN FARRUGIA

## F' ISEM IL-KOMUNITÀ PARROKJALI

B'ferħ ġenwin, ninsabu miġburin hawnhekk llum biex nagħtu merħba lill-Arċipriet il-ġdid tal-parroċċa tagħna, Monsinjur Daniel Xerri waqt li, flimkien miegħu, irroddu ħajr lill-Mulej għal dak kollu li għamel magħna.

Matul storja twila ta' tliet mija u sebgħa u tletin sena, din mhijiex ħlief il-ħmistax-il darba li l-parroċċa tagħna qed tiċċelebra okkażjoni bħal din. Din hija wkoll l-ewwel ċerimonja ta' pussess ta' Arċipriet ġdid li qed isseħħ fil-Knisja Rotunda sa mill-konsagrazzjoni tagħha fl-elf disa' mija tmienja u sebgħin. Aktar minn hekk, għalija personali u għal ħafna minna miġburin hawnhekk illum, din hija l-ewwel ċerimonja tax-xorta tagħha li qed nassistu għaliha f'din il-parroċċa.



Għalhekk, għażiż Arċipriet Dun Daniel, huwa ta' unur u ta' pjaċir kbir għalija li, f'isem din il-komunità parrokkjali li fiha jien twelidt u kbirt fil-fidi, li fi ħdanha għarfet il-vokazzjoni mużewmina tiegħi, u li minnha nifforma parti, nagħmillek dawn il-kelmtejn ta' merħba f'din l-okkażjoni storika u unika ta' llum.
Nixtieq niġbor il-ħsibijiet tiegħi fi tliet kelmiet sempliċi. U għax huma sempliċi nemmen li jesprimu s-sentimenti ta' kull membru ta' din il-komunità parrokkjali. Tliet kelmiet li nħoss li miegħi llum qed itennuhom it-tfal, iż-żgħażagħ u l-adulti, l-anżjani u l-morda, is-saċerdoti, il-membri tal-għaqdiet u l-familji ta' din il-parroċċa. Tliet kelmiet li jiena ċert li jiġbru fihom dak li qed iħossu wkoll dawk li, għalkemm jinsabu bogħod mill-għajn, iżda żgur mhux bogħod mill-qalb!

**1. MERĦBA**
Għażiż Arċipriet, l-ewwel nett minn qalbi llum nixtieq nagħtik merħba:

- Merħba f'din l-eqdem komunità ta' fidi f'Għawdex li emmnet u baqgħet tgħożż sal-lum il-Bxara t-tajba li, skont it-tradizzjoni, semgħet direttament mingħand l-appostlu Missierna Pawlu.
- Merħba f'din l-ewwel parroċċa fost l-irħula Għawdxin.
- Merħba bħala s-sitt Arċipriet minn ħmistax-il ragħaj tal-Parroċċa tagħna.
- Merħba fid-dar tal-komunità tagħna: dan it-tempju uniku ddedikat lil San Ġwann Battista.
- Merħba fostna.
- Merħba fix-Xewkija.

Jien ċert li din il-komunità parrokkjali tilqgħek, anzi diġà laqgħetek, kif laqgħet lill-predeċessuri kollha tiegħek.

**2. GRAZZI**
Għażiż Arċipriet, it-tieni kelma li nixtieq ngħidlek illum hija grazzi:

- Grazzi li aċċettajt li tiġi fostna.
- Grazzi li se tkun ir-ragħaj spiritwali tagħna.
- Grazzi tal-ubbidjenza tiegħek lejn ir-rieda ta' Alla, kif murija lilek mill-Isqof tagħna Monsinjur Mario Grech.
- Grazzi tal-kuraġġ tiegħek li tkun arċipriet ta' din il-parroċċa.
- Grazzi tal-attitudni tiegħek ta' smigħ u tad-disponibilità tiegħek li stajna napprezzaw fil-ftit ġimgħat li ilek magħna.
- Grazzi bil-quddiem tal-ħidma tiegħek magħna u għalina.

**3. AWGURI**
It-tielet sentiment li nixtieq nesprimi llum huwa dak ta' awguri:

- Nawguralek għal din il-ħidma ġdida tiegħek.
- Nawguralek li, bħar-Ragħaj it-Tajjeb, tagħraf in-ngħaġ tiegħek u li, fi kliem il-Papa Franġisku, tkun verament ragħaj li taf x'jiġifieri 'r-riħa' tal-merħla. Jiena ċert li f'dawn il-21 sena ta' saċerdozju, il-ħidma tiegħek f'diversi parroċċi, fl-Italja u f'Għawdex, se jkunu għalik esperjenza utli.
- Nawguralek li, fuq l-eżempju tal-Patrun tagħna San Ġwann Battista, turina l-Ħaruf ta' Alla u tressaqna dejjem aktar lejh.
- Nawguralek li Ġwanni l-Battista, li fil-festa tat-twelid tiegħu kellek il-grazzja li tkun ordnat saċerdot, ikun mudell għalik fis-saċerdozju tiegħek u li minn issa 'l quddiem ikun ukoll il-patrun maħbub tiegħek, kif inhu l-patrun maħbub tagħna.
- Nawguralek li, fuq l-eżempju tal-predeċessuri tiegħek, partikularment tal-Arċipriet Emeritus Monsinjur Carmelo Mercieca, tħobb u taħdem għal din il-parroċċa.
- Nawguralek li l-esperjenza tiegħek bħala rettur fis-Seminarju ta' Għawdex tkun ta' għajnuna siewja għalik fil-ħidma tiegħek għall-vokazzjonijiet saċerdotali u reliġjużi kif ukoll ta' lajċi mpenjati fil-parroċċa tagħna.
- Nawguralek li ssir tafna u li tgħinna nsiru nafuk, li tismagħna u tgħinna nisimgħuk, li ssir tħobbna u tgħinna nħobbuk.
- Fuq kollox nawguralek li titqaddes int u li tgħinna nsiru qaddisin. - Għalhekk, nawguralek ħafna snin ta' ħidma fil-parroċċa tagħna.

U biex dawn it-tliet kelmiet ta' MERĦBA, GRAZZI u AWGURI ma jkunux biss kliem sabiħ tal-okkażjoni li jintesa ma' tmiem din iċ-ċerimonja, jixraq illum li bħala komunità parrokkjali nwiegħdu l-lealtà tagħna lejk. Jalla l-imħabba, ir-rispett, l-impenn, l-għajnuna li lkoll offrejnielek mit-tletin ta' Awwissu li għadda sa llum ma jonqsu qatt biex hekk, flimkien, inkunu nistgħu naħdmu id f'id fis-snin li matulhom il-Mulej jogħġbu jafdalek it-tmexxija tal-parroċċa tagħna.

Għalhekk, mill-qalb, għażiż Arċipriet:
AD MULTOS ANNOS!

# F'JUM IL-PUSSESS TAL-ARĊIPRIET TAX-XEWKIJA

## Mons. Daniel Xerri

Mario Borg
8 ta' Novembru 2015

Il-bronż ikkonsagrat minn qabel żernaq,
ġa b'leħnu qiegħed juri kemm hu hieni.
It-tokki mill-kampnar niżlu fit-toroq,
u żaru tagħna d-djar minn ħafna kmieni.

Iż-żiffa ħelwa 'l-bnadar qiegħda tmelles,
li telgħu fuq il-bjut iħabbru ġrajja,
li bosta mill-ulied ta' dan ir-raħal,
kien għadhom m'għexu qatt bħalha f'dil-ħajja.

U telgħet fietla x-xemx l-inħawi ssaħħan,
hekk kif tal-ħlejjaq l-ewwel ħoss instema'.
Siket ir-riħ, ma jmurx il-festa jxekkel,
u għeb is-sħab li kien mal-lejl inġema'.

L-uċuh tan-nies qed jixhdu ferħ ġewwieni,
li mqar il-fomm ma jafx jagħtih tifsira.
Bħal merħla li tistenna lir-ragħaj tagħha,
sabiex tmur lilu tagħti merħba kbira.

Stennietu wkoll dal-waqt tagħna r-Rotunda,
għaliex minn meta hija ġiet mibnija,
'il ġewwa mill-ħitan illi jdawruha,
ta' Arċipriet pussess qatt ma seħħ fiha.

Li kieku kellu fomm il-ġebel tagħha,
illum kien jinseġ għanja wisq ferrieħa.
Il-koppla jien nistħajjel illum xtaqet,
tinfatam mill-kolonni u ttir sħiħa.

U tbattlu d-djar u n-nies bi ħġarha nġabret,
imlew tal-misraħ sewwa l-erba' rkejjen,
it-triq fuq żewġ naħat sat-tarf tar-raħal.
Fejn tħares kullimkien għall-festa mżejjen.

Il-ħsejjes tal-murtali dwew fil-għoli.
Il-banda nisġet l-isbaħ melodija.
U miegħek dar il-poplu jagħtik merħba,
b'ħaddejh it-tnejn bi dmugħ ta' ferħ miksija.

Saħħritna t-tbissima ħelwa tiegħek,
li Alla mar lil wiċċek żejjen biha.
Ħassejna ddub f'sidirna l-qalb tagħna,
u kixef iċ-ċapċip x'hemm mistur fiha.

U feraħ magħna Ġwanni il-Battista,
kif rak tixref mill-bieb u 'l Kristu ssellem.
***"Dan hu dak li lejn Kristu jressaqkom,"***
nistħajjel kien jgħidilna kieku tkellem.

Ħa jibqa' dan il-kliem minqux ġo qalbna,
ħa jibqa' dan il-kliem jidwi f'widnejna.
Int minna tkun maħbub għalkemm snin jgħaddu,
kif lil min qablek ġie dejjem ħabbejna.

# OMELIJA FIL-PUSSESS TA' MONS. DANIEL XERRI BĦALA ARĊIPRIET TAL-PARROĊĊA TA' SAN ĠWANN BATTISTA

**ROTUNDA PARROKKJALI TA' SAN ĠWANN BATTISTA, IX-XEWKIJA**
**IL-ĦADD 8 TA' NOVEMBRU 2015**

L-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof ta' Għawdex

## il-Kappillan li jisqi l-imħabba ta' Alla



X'inhi l-ħidma tal-kappillan, jiġifieri tar-ragħaj spiritwali? Din mhix domanda retorika, imma naħseb li għandna bżonn nagħmluha. Għandu bżonn jirrifletti fuqha Dun Daniel, aħna l-presbiteri, kif ukoll il-poplu ta' Alla. Għax xi drabi nistennew mingħand ir-rgħajja spiritwali tagħna li jagħmlu jew jagħtuna dak li mhux speċifiku tagħhom.

Ftit tas-snin ilu kien hemm kappillan u kien qed jagħmel kappella tal-adorazzjoni fil-komunità tiegħu. X'ma qalulux dawk ta' madwaru! Kienu warajh biex jagħmel opra bla bżonn, imbagħad ma fehmux li kellu jagħmel Kappella tal-Ewkaristija.

Il-Vanġelu tal-lum (Ġw 21:15-17) jgħin lilna r-rgħajja niffukaw aħjar fuq il-missjoni tagħna. Imma biex insibu r-risposta, irridu naqraw il-kuntest tal-ġrajja tal-kapitlu 21.

Id-dixxipli kienu ħdejn il-Baħar ta' Tiberija u hemmhekk għat-tielet darba Kristu Rxuxtat jagħmel lilu nnifsu preżenti fosthom. Huma ma jagħrfuhx! Imma kien hemm id-dixxiplu l-maħbub li jgħid lil Pietru u lil sħabu: "Dan il-Mulej!". Jien din nixtieqha tkun il-missjoni tiegħek u tagħna.

Jien nemmen illi Kristu llum, fl-2015, għadu jagħmel lilu nnifsu preżenti fil-ħajja ta' dawn in-nies. Mhux fit-tempju, mhux fil-bażiliċi u fil-katidrali tagħna. Kristu m' għamilx lilu nnifsu preżenti fit-Tempju ta' Ġerusalemm, imma fejn dak il-grupp tal-irġiel kienu qegħdin jaħdmu, kienu qegħdin jagħġnu l-ħajja ordinarja ta' kuljum. Illum ukoll Kristu Rxuxtat huwa preżenti fil-ħajja ordinarja tagħna, fejn l-inqas illi nimmaġinaw li se jkun preżenti. Għalhekk nistaqsi għaliex il-bniedem illum għandu jgħid li Alla huwa assenti mill-ħajja tagħna, illi Kristu mhux preżenti fil-ħajja tagħna. Kristu hu preżenti! Imma hemm bżonn ta' rgħajja spiritwali kapaċi u lesti li jgħinu lin-nies jaraw lil Kristu l-Mulej.

Forsi xi ħadd jista' jgħid li llum id-dinja ħżienet tant li Alla tbiegħed minnha. Żomm daqsxejn. Din il-komunità tal-bidu li jsemmi l-Vanġelu ma tantx kienet mill-aħjar. Fiha nsibu Appostli li għamlu fallimenti kbar, tant illi meta Kristu miet u difnuh, dawn ħallew kollox u reġgħu marru jistadu. Din il-komunità li Ġesù jżur hija komposta minn nies li kienu qatgħu qalbhom minnu – nies li abbandunawh. Huma nies li mhux biss għamlu falliment spiritwali, imma anki uman, tant li kienu għaddew il-lejl jistadu u ma qabdu xejn. Fi kliem ieħor, lanqas kienu rnexxew fix-xogħol jew fil-professjoni tagħhom. Imma minkejja kollox, Ġesù jagħżel lilhom u jerġa' jagħmel lilu nnifsu preżenti fosthom. Ġesù jagħżilhom lilhom bħala ħbiebu. Hu jagħmel lilu nnifsu preżenti fil-qalba ta' dawn in-nies. Kemm għandu kriterji differenti minn tagħna!

Ġesù jieħu l-inizjattiva biex jibda d-djalogu magħhom. Interessanti li l-ewwel interess tiegħu fihom ma kienx jekk kinux jafu jgħidu t-talba tal-Missierna, lanqas jistaqsihom jekk kinux jiftakru xi parti minn parabbola li kien għallimhom; imma jistaqsihom jekk kellhomx x'jieklu! Ġesù jagħmel lilu nnifsu preżenti fosthom u jinteressa ruħu mill-ħajja ta' kuljum. U meta sab li ma kellhomx il-meħtieġ għall-ħajja, talabhom jitilgħu mill-ġdid fuq id-dgħajsa u jagħtihom direzzjoni kif jaqbdu l-ħut. Ġesù jmur quddiemhom u ma jgħidilhomx biex jinżlu għarkupptejhom quddiemu, imma Hu stess jinżel għarkupptejh fil-preżenza tagħhom u jonfoħ fuq in-nar, mhux biss biex isajjar l-ikel imma biex isaħħanhom.

Dan hu Kristu tagħna. Hu preżenti fostna, minkejja li aħna tlaqnieh, minkejja li nibagħtuh jixxejjer, minkejja li niġu naqgħu u nqumu mill-kelma tiegħu. Imma Hu ma jibgħatniex nixxejru. Hu jibqa' jiġri warajna u jagħmel

lilu nnifsu preżenti fostna. U r-ragħaj spiritwali jrid jgħin lil dawk ta' madwaru jemmnu dak li ma jitwemminx.

Ħbieb tiegħi, f'din l-istorja hemm l-istorja tal-komunità ekkleżjali. Hija l-komunità li llum m' għadhiex tagħraf lil Kristu Rxuxtat; tant hu hekk li naqtgħu qalbna minn kollox. Din il-komunità Nisranija mhux biex tilfet il-kapaċità li tagħraf lil Kristu preżenti, imma lanqas tista' taqbad ħut. Kemm sar diffiċli li naqbdu l-ħut, anzi l-ħut li hemm maqbud joħorġilna mix-xibka. Din hi l-Knisja tal-lum: Knisja illi temmen li hi kapaċi ssalva bil-ħiliet tagħha biss. Imma mhux hekk. Hemm bżonn niskopru l-preżenza dejjem ġdida ta' Kristu fostna fejn hemm l-iktar tkissir, taħsir u diżordni. Tkunx sorpriż li Kristu jagħmel lilu nnifsu preżenti fil-ħajja tiegħek minkejja dan kollu. Hawnhekk nisimgħuh jagħmel id-domanda li hu għamel lil Pietru: Issa tħobbni? Aħna nħobbuH jekk nagħrfu li minkejja kollox, Hu jħobbna u jiġi jżurna. Aħna nħobbuh jekk nintebħu kemm hija kbira mħabbtu lejna, għax mhux aħna ħabbejna l-ewwel lil Alla imma kien Alla li ħabbna l-ewwel, u għax ħabbna hu, nistgħu nħobbuh.

Għalhekk, għażiż Dun Daniel, inti ma tistax iddur fuq il-poplu tax-Xewkija u tistaqsih jekk iħobbx lil Ġesù! L-ewwel dan il-poplu jrid ikun konvint mill-imħabba li għandu Ġesù lejh, imbagħad ir-risposta tiġi waħidha; imbagħad qalbhom tingħafas xħin int għal darba, tnejn, tlieta terġa' tistaqsihom jekk iħobbux lil Ġesù. In-nies tħobb lil Ġesù jekk ikollha togħma tajba tiegħU. Imbagħad tagħmel sens id-domanda li għamel Ġesù lil Pietru: Pietru, inti tħobbni iktar minn dawn? Meta jgħidlu "iktar minn dawn" Ġesù ma riedx idaħħal lil Pietru f'kompetizzjoni ma' sħabu u jara jekk iħobbux iktar minnhom. Ġesù kien qed jistaqsih jekk kienx iħobbu aktar mid-dgħajsa, mix-xbieki, mill-proġetti tiegħu, minn dak kollu li hu kien jgħożż.
Għalhekk il-kappillan huwa dak li jrid idaħħalna fil-qalba tal-misteru tal-imħabba ta' Alla li dehret fi Kristu; imbagħad joktor in-numru ta' dawk li bħal Pietru jistqarru mħabbithom lejH. Din hija l-missjoni tagħna s-saċerdoti: li qabel ma nitolbu lil xi ħadd jekk iħobbx lil Alla, ngħinuh jiskopri l-immensità tal-imħabba u tal-ħniena ta' Alla l-Imbierek.

B'dawn il-ftit riflessjonijiet, għażiż Dun Daniel, nafdalek il-missjoni bħala ragħaj spiritwali ta' din il-komunità li qed tiret mingħand il-predeċessur tiegħek, Monsinjur Carmelo Mercieca, li rrid għal darb'oħra ngħidlu grazzi għal dak kollu li għamel matul parrokat twil f'din il-komunità.


















FOR SALE




Merħba





STOP


































RITRATTI: CVC, GORDON BARBARA, MARIO XERRI, XEWKIJA.NET

# IL-ĦATRA TA' ARĊIPRIET ĠDID FIL-PARROĊĊA TAGĦNA

MARIO ATTARD

Is-sena 2015 żgur li ser tibqa' mniżżla fid-djarju tal-parroċċa tagħna bħala sena speċjali. Dan mhux biss għaliex fiha ġew iċċelebrati l-170 sena mill-wasla tal-istatwa artistika u devota ta' San Ġwann il-Battista, kapulavur fl-injam tal-iskultur Belti Pietru Pawl Azzopardi, iżda ukoll għaliex matul din is-sena l-parroċċa tagħna ngħatat il-ħmistax-il ragħaj spiritwali tagħha u s-sitt Arċipriet tal-parroċċa. Kien proppju l-għada ta' nhar il-festa ta' Qtugħ ir-ras ta' San Ġwann, jiġifieri l-Ħadd 30 t' Awwissu 2015, li l-Isqof tad-Djoċesi, waqt żjara li għamel fil-parroċċa tagħna, ħabbar li kien qiegħed jinnomina lil Dun Daniel Xerri, saċerdot mix-Xagħra, bħala l-Arċipriet il-ġdid tal-Parroċċa Arċipretali tax-Xewkija.

Dan il-jum wassal sabiex jinbeda l-proċess ta' tħejjija għall-jum tal-pussess. Ingħażel il-motto li bih l-Arċipriet il-ġdid ried li jagħti sinifikat lil dan il-parrokat tiegħu fostna. Ma setax jagħżel motto isbaħ mill-kliem li lissen il-patrun tagħna San Ġwann il-Battista meta qal " Hekk hu l-Ħaruf t'Alla. Jeħtieġ li jikber Hu u niċkien jien." Dan il-motto hu sinifikattiv, għaliex permezz tiegħu, qed juri li l-ħidma tiegħu fost il-poplu Xewki ser tiffoka dwar kif ser jgħinu jagħraf aktar lil Kristu u b'hekk jgħinu jifhem aktar l-imħabba u l-ħniena t'Alla l-Missier lejna l-bnedmin. Sabiex jiġi ċċelebrat dan l-avveniment mill-aktar xieraq saru diversi attivitajiet ta' tħejjija biex il-poplu jingħata l-għarfien kollu dwar is-sinifikat ta' din il-ġrajja u b'hekk il-poplu jkun jista' jikseb l-aħjar frott minn din il-ġrajja importanti fil-ħajja tal-parroċċa.

Il-qofol ta' dan kollu wassal sabiex fil-bidu tal-ġimgħa tal-pussess tiegħu bħala l-Arċipriet il-ġdid tax-Xewkija, numru sabiħ ta' Xewkin, marru flimkien mal-Arċipriet l-Isptar Ġenerali t' Għawdex biex jagħtu d-demm. Dan il-ġest ġie apprezzat ħafna mill-istaff tal-isptar li ħeġġew biex iżjed parroċċi jifhmu l-kobor ta' dan il-ġest ta' solidarjeta` mal-marid u l-batut u jikkonkorru bi ħġarhom kull meta jiġu mitluba biex jagħmlu dan l-att ta' karita f'okkażjonijiet speċjali fir-raħal tagħhom.

Imbagħad l-għada, it-Tnejn 2 ta' Novembru fil-jum li fih il-Knisja Kattolika tagħmel it-tifkira ta' ħutna l-erwieħ mejtin, l-Arċipriet Dun Daniel Xerri mexxa Konċelebrazzjoni flimkien ma' diversi saċerdoti Xewkin fiċ-ċimiterju ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija.
Fil-jiem ta' wara l-Arċipriet għamel żjarat fl-isptar Ġenerali t'Għawdex fejn hemmhekk iltaqa' mal-pazjenti u residenti anzjani fl-isptar li huma Xewkin. Permezz ta' dawn iż-żjarat Monsinjur Dun Daniel xtaq juri li l-parroċċa għandha għal qalbha lil dawn il-persuni ukoll, u li magħhom ukoll l-parroċċa tixtieq taqsam dan il-ferħ li qed tgħaddi minnu f'dawn il-ġranet sbieħ. Sadanittant matul dawn il-ġranet wieħed seta' faċilment jinnota t-tħejjijiet kbar li kienu għaddejjin fl-aqwa tagħhom ġewwa l-knisja minn diversi persuni li kienu inkarigati biex jaraw li ċ-ċerimonja tal-jum tal-Ħadd tirnexxi, u kollox imur kif suppost.

L-aħħar attivita` ta' tħejjija qabel il-jum tal-ħatra tiegħu, kienet il-Ġimgħa 6 ta' Novembru. F'dan il-jum ġewwa l-Knisja Rotunda saret Velja ta' Talb bi tħejjija għall-pussess tiegħu. Matulha saret spjegazzjoni tas-simboli li kienu ser jintużaw waqt iċ-ċerimonja tal-pussess, kif ukoll talb speċjali li kien immexxi minn Fr Richard Farrugia.

Il-ġurnata tal-Ħadd 8 ta' Novembru 2015 tibqa' mfakkra fl-istorja rikka u sabiħa tar-raħal tagħna. Dan għaliex f'dan il-jum il-parroċċa tax-Xewkija, laqgħet fostha l-ħmistax-il ragħaj spiritwali tagħha minn meta dan ir-raħal ingħata l-unur li jsir l-ewwel parroċċa tal-gżira Għawdxija, imwaqqfa 'l barra mill-Matriċi tar-Rabat. Ix-Xewkija saret parroċċa aktar minn 338 sena ilu jiġifieri nhar is-27 ta' Novembru, 1678.

F'dan il-jum, Monsinjur Daniel Xerri, ingħata l-pussess bħala s-sitt arċipriet tal-parroċċa tax-Xewkija. Qabel il-wasla tiegħu ġewwa r-raħal tagħna, Monsinjur Xerri għamel żjara fil-Knisja Bażilika ta' Marija Bambina fejn wara li bies il-fonti li fih irċieva s-sagrament tal-Magħmudija, talab fis-skiet quddiem Ġesu` Ewkaristija u offra bukkett fjuri lil Marija Bambina. Hekk kif ħareġ mill-knisja Bażilika ta' Marija Bambina sab jistennewh ammont sabiħ ta' sewwieqa tal-muturi li akkumpanjawh waqt il-vjaġġ tiegħu lejn ir-raħal tagħna. Id-daqq kontinwu tal-ħornijiet li beda jinstema' hekk kif l-Arċipriet il-ġdid qorob lejn ir-raħal tagħna kien indikazzjoni tal-ferħ u l-apprezzament tal-poplu Xewki li kien qiegħed jilqa' b'tant imħabba u rispett lir-ragħaj spiritwali ġdid tiegħu. Mal-wasla tiegħu fix-Xewkija huwa ġie milqugħ fi Triq il-Mitħna fejn ingħata merħba sabiħa mill-poplu li ħareġ bi ħġaru biex ikun xhud ta' din il-ġrajja.

Hekk kif wasal fix-Xewkija, beda korteo minn tarf Triq l-Indipendenza lejn il-Knisja Rotunda akkumpanjat mill-Banda Prekursur tax-Xewkija u mill-Banda Victory tax-Xagħra. Wieħed seta' jinnota kemm il-poplu tax-Xewkija kkonkorra bi ħġaru, fejn ippredominat l-attendenza żagħżugħa. Ta' min jgħid illi din l-okkażjoni kienet għal ħafna l-ewwel waħda tan-natura tagħha, u dan minħabba l-fatt li l-predeċessur ta' Monsinjur Xerri, Monsinjur Carmelo Mercieca, kellu t-tmun f'idejh għal xejn inqas minn tlieta u erbgħin sena. Tajjeb li wieħed iżid ukoll illi l-pussess mogħti f'dan il-jum kien l-ewwel pussess illi ngħata lil ragħaj spiritwali fir-Rotunda kif nafuha llum, u dan peress illi għalkemm il-bini tal-knisja l-ġdida kien diġa` nbeda, din kienet għadha mhix kompluta fl-okkażjoni tal-pussess tal-Arċipriet Mercieca.

Hekk kif l-Arċipriet wasal quddiem ir-residenza ġdida tiegħu fi Triq l-Indipendenza wieħed seta' jinnota ġest sabiħ ħafna li ġie mħejji mill-Għaqda tal-Armar, f'din l-okkażjoni. Il-membri tal-imsemmija għaqda għaddew lill-Monsinjur Xerri bandiera bis-simboli tal-Battista, u ċioe` il-ħarufa u s-salib, bil-kliem fuqha *Ecce Agnus Dei*. Bħala apprezzament min-naħa tiegħu għal dan il-ġest xejn mistenni, l-Arċipriet ħa l-bandiera f'idejh u permezz ta' ħabel twil, tella' l-bandiera fuq il-bejt tad-dar tiegħu fost id-daqq tal-Innu Marċ ddedikat lill-Battista u ċ-ċapcip tal-poplu li assista għal dan il-waqt tant sabiħ u sinifikattiv.

Imbagħad għall-ħabta tat-3.30pm, l-Eċċellenza Tiegħu Monsinjur Mario Grech laqa' lill-Arċipriet il-ġdid fuq iz-zuntier tal-knisja tagħna. Hemmhekk, huwa tah ibus il-Kurċifiss u libbsu l-istola, bħala simbolu tar-responsabilita` pastorali li ġiet afdata f'idejh. Dan ġie segwit minn diskors qasir ta' merħba mis-Sur Ivan Farrugia, bħala r-rappreżentant tal-komunita` parrokkjali, filwaqt li s-Sur Paul Azzopardi, sindku attwali tar-raħal għamel diskors ieħor bħala r-rappreżentant ċivili tar-raħal tax-Xewkija.

Wara kien imiss li l-Isqof u l-Arċipriet il-ġdid jiftħu flimkien il-bieb prinċipali tal-Knisja Rotunda u jidħlu fil-maqdes akkumpanjati mill-ġemgħa li attendiet bi ħġara għal dan l-avveniment mhux tas-soltu. Wieħed seta' jinnota li din il-ġrajja attirat folla kbira tant li l-knisja kollha kienet mimlija daqs bajda u tista' tgħid li ma kienx hemm fejn taqa' labra. Preżenti ukoll għal din iċ-ċelebrazzjoni tal-pussess attendew diversi persuni distinti fosthom il-Ministru għal Għawdex, s-Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilita` u Anzjanita` Attiva Membri Parlamentari Għawdxin, membri tal-Kunsill tax-Xewkija, rappreżentanza tal-Ordni Sovrana u Militari ta' Malta kif ukoll rappreżentanti tal-għaqdiet kollha tar-raħal kemm soċjali kif ukoll reliġjużi. Hekk kif daħal fil-knisja, l-Arċipriet il-ġdid resaq lejn is-Sagrament u waqaf għal ftit mumenti jitlob fis-skiet quddiem Ġesu` Ewkaristija, fejn fil-kenn tal-qalb ta' Kristu huwa poġġa l-fiduċja tal-missjoni ġdida tiegħu. Flimkien mal-Isqof u s-saċerdoti l-oħra preżenti għal din l-okkażjoni huwa daħal fis-Sagristija sabiex jitħejjew għaċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija. Sakemm ingħata bidu għaċ-ċelebrazzjoni solenni, il-poplu preżenti nqrawlu siltiet mid-diskorsi ta' Santu Wistin li spjega b'mod dettaljat id-dmir tar-ragħaj lejn il-merħla fdata lilu.

Wara li ngħata bidu għall-quddiesa li kienet animata mill-Kor tar-raħal *Vox Clamantis* flimkien mal-Orkestra li kienet taħt it-tmexxija tas-Surmast Jean Noel Attard, ingħatat it-tislima tal-bidu. Kif inhi l-prassi f'okkażjonijiet bħal dawn il-Kanċillier tal-Kurja qara d-digriet tal-ħatra ta' Dun Daniel Xerri bħala Arċipriet tal-parroċċa tax-Xewkija. Wara dan, l-Arċipriet il-ġdid niżel għarkupptejh quddiem l-artal, u filwaqt li poġġa jdejh il-leminija fuq l-Iskrittura Mqaddsa, ħa l-ġurament ta' fedelta` u lealta` lejn il-missjoni l-ġdida li kien qed jibda. Wara, saret l-Istqarrija tal-Fidi quddiem l-Isqof u l-ġemgħa miġbura fil-knisja. Imbagħad, flimkien ma' Fr Anthony Bajada u Fr Trevor Sultana bħala xhieda, ġew iffirmati d-dokumenti tal-ħatra.

Bħala att simboliku, l-Arċipriet ġie mgħoddi mill-Isqof l-imfietaħ tal-Knisja Parrokkjali; turija tal-għotja tal-ministeru l-ġdid fdat lilu. L-Isqof imbagħad akkumpanja lill-Arċipriet sa ħdejn il-fonti tal-magħmudija u filwaqt li nċensah, ħa l-ilma mill-fonti u raxx l-ilma tal-magħmudija fuq dawk preżenti. Kif ġie spjegat, das-sinjal ried ifakkar lill-ġemgħa fil-Magħmudija ta' kull wieħed u waħda preżenti, li permezz tagħha twettaq twelid ġdid u b'hekk sirna lkoll nagħmlu parti minn din il-knisja universali.

Imbagħad kien imiss il-Liturġija tal-Kelma. L-ewwel qari ppreżentalna lil Salamun jitlob lil Alla jagħtih l-għerf biex ikun jista' jmexxi l-poplu li ġie afdat lilu, filwaqt li t-tieni qari ppreżenta lil San Pietru jħeġġeġ lir-rgħajja biex jirgħu lill-merħla ta' Alla bil-qalb, filwaqt li jkunu lesti li jagħtu ħajjithom għall-istess merħla. Fis-silta tal-Evanġelju rajna lil Ġesu` jafda l-merħla tiegħu f'idejn San Pietru, filwaqt li jitolbu jagħmel stqarrija tal-imħabba tiegħu. Il-qari tal-Evanġelju kien segwit minn Omelija mirquma minn Monsinjur Isqof, li fiha enfasizza dwar id-doni, il-ħiliet u l-isforzi li jeħtieġ li kull ragħaj spiritwali fil-missjoni fdata lilu.

Fi tmiem l-Omelija l-Arċipriet il-ġdid, niżel għarkupptejh quddiem l-Isqof u ġedded il-wegħdiet tal-Ordinazzjoni Saċerdotali tiegħu. Minn hemm, l-Arċipriet ġie akkumpanjat mill-Isqof tad-Djoċesi fil-postijiet l-iktar importanti fil-knisja, u li huma relatati mal-ministeru pastorali tiegħu. L-ewwel minn dawn il-postijiet kien it-Tabernaklu, fejn l-Arċipriet fetaħ it-tabernaklu u nċensa s-Sagrament, filwaqt li niżel għarkupptejh u għal ftit mumenti adura lil Ġesu` fis-skiet. L-Isqof imbagħad ħa lill-Arċipriet fuq is-Sedja, il-post li minnu jippresiedi

u jmexxi lill-ġemgħa miġbura għat-talb. Dritt wara s-Sedja, l-Arċipriet twassal lejn il-Konfessjonarju, il-post li fih jiġi ċċelebrat is-Sagrament tal-Maħfra u l-Ħniena. Minn hemmhekk l-Arċipriet il-ġdid flimkien mal-Isqof imxew lejn il-ħabel tal-qanpiena f'nofs il-korsija fejn flimkien daqqew il-qanpiena l-kbira tal-knisja; simbolu tad-dmir tiegħu li jsejjaħ u jiġbor il-komunita` għat-talb. Dan kien mument li l-ġemgħa li attendiet għal din l-ġrajja kienet tant ħerqana tistenna. Hekk kif bdew jinstema' d-daqq tal-qanpiena l-kbira, il-folla miġbura nfexxet f'ċapċip li dewa mal-knisja kollha.

Il-ħin tal-Offertorju kien sinifikattiv tassew. Hawnhekk stajna nassistu għal ġest sabiħ li fih diversi persuni mill-istrati kollha fi ħdan il-komunita` tar-raħal tagħna tellgħu l-offerti tagħhom. Din kienet turija ta' kemm il-komunita` spiritwali tiġbor fi ħdanha l-persuni mis-saffi soċjali kollha. Wara l-mument għażiż tat-tqarbin, l-Arċipriet il-ġdid għamel il-kelmtejn tiegħu tal-okkażjoni, fejn ma naqasx li jesprimi r-radd ta' ħajr tiegħu lejn il-komunita` li laqgħetu b'tant ħeġġa, għożża u mħabba. Wara dan, l-Arċipriet poġġa bukkett ward quddiem ix-xbieha ta' San Ġwann Battista, patrun tal-parroċċa fdata lilu. Fi tmiem iċ-ċelebrazzjoni ġew ppreżentati rigali ta' tifkira mill-Arċipriet tal-Parroċċa ta' Marija Bambina fix-Xagħra, Monsinjur Carmelo Refalo, mis-Sindku tar-raħal tax-Xewkija f'isem il-komunita` kollha, mir-rappreżentanti tal-Għaqda Ħbieb tas-Seminarju, li fih Mons. Xerri għadda numru ta' snin jaħdem qabel ma ġie fostna, kif ukoll mir-rappreżentanti tal-Fondazzjoni Santa Ċeċilja.

Wara kulħadd kien mistieden biex jattendi għal riċeviment li sar fil-pjazza tar-raħal fejn l-Arċipriet il-ġdid sellem u laqa' l-awguri mill-ġemgħa li nġabret biex tifraħ bil-ħatra tar-ragħaj spiritwali ġdid tagħha, tagħmillu kuraġġ, tirringrazzjah u twiegħdu t-talb u l-appoġġ tagħha fil-ħidma ġdida tiegħu.

Imbagħad matul it-tlett ijiem ta' wara, l-Arċipriet Daniel Xerri laqa' lill-parruċċani fid-Dar Parrokkjali. Numru sabiħ ta' Xewkin marru jiltaqgħu miegħu biex filwaqt li jiltaqgħu b'mod aktar informali jifirħulu ta' din il-ħatra ġdida tiegħu u jiżżuh ħajr għall-ħidma futura tiegħu b'risq il-parroċċa tagħna.

# Tħobbni int?

***Lil Dun Daniel Xerri fil-ħatra tiegħu bħala Arċipriet tax-Xewkija***

Mifqugħa x-xibka b'ħut kull lewn u razza,
kotrana l-qabda għax l-amar obdejtu:
fil-fond qdift b'ħiltek u x-xlief kalajtu,
smajt mill-Imgħallem, tajt widen lil Kelmtu.

Reġa', bħal darba, għadda u sejjaħlek,
fdak b'ħidma ġdida, riedek Ragħaj fuq niesu:
int pront tlaqt kollox, qbiżt għax-xatt mid-dgħajsa,
għax qaddej tajjeb qatt ma jaqta' jiesu.

Ftaħt tar-Rotunda l-bieb, u Kristu daħal;
bħal Ġwanni wrejthom lill-Ħaruf bla tebgħa
u miegħek tgeddsu kif max-xehda n-naħal.

Agħmel il-ħila: mur f'riġlejh, Dun Daniel,
u wieġeb: "Iva, nħobbok!", xejn tinħeba,
għax taf… kien Huwa illi ħabbek l-ewwel.

Francesco Pio Attard
11 ta' Novembru 2015



# LIL SAN ĠWANN *l-Għammiedi*

Sliem għalik ħlejju Ġiovanni
li f'riġlejn il-Verġni Mbierka
ma' Ġesù fl-arti, il-pittura,
nilmħu t-tlieta lkoll imxierka!

Int fl-għajnejn tal-Aktar Għoli
kont misjub qaddis u mbierek
għalkemm nieqes minn kull emmna
sab l-anġlu lil missierek!

Tifraħ f'dan il-jum solenni
il-miġemgħa Nisranija
għax fik tilmaħ tassew xempju
tal-virtù minn taċ-ċkunija!

Ma fittixt illi 'l fuq togħla
imma t-triq ħejjejtha sewwa
biex xħin jasal il-Messija
tal-Missier ireġġa' l-ħlewwa.

Ġejt bħal berqa tleħħ fis-sema
vuċi tgħajjat fid-deżert
ħejju t-triq għall-Iben t'Alla
qablu sewwa inti dhert!

Dhert biex twitti kull mogħdija
timla b'kelmtek il-widien
u l-għoljiet jiftħu quddiemek
triq li twassal 'l hinn miż-żmien!

Erġa' ejja kbir Giovanni
żur lil ġensna, dan-nazzjon
li bħal tilef għaqlu, ġwejjef,
t'Alla warrab dawl u don!

Dar missieru jħalli r-raġel
u ma' martu ġewwa ż-żwieġ
ħaġa waħda t-tnejn jingħaqdu
nhar il-jum qaddis tat-tieġ!

Imma llum missier il-gideb
daħħal denbu, wera s-snien
u lil artna darba mbierka
bil-qerq mela l-eħrex flien!

Ejja Ġwanni u lill-familja
ta' pajjiżna żommha sħiħ,
għax l-għedewwa t'Alla kotru
u ta' ġensna qerdu l-ġieħ!

Ejja u bierek dik il-ġabra
li bniet darna tul is-snin
biex jisseddqu f'għaqda u tjieba
il-familji tal-Maltin.

U kif darba wqaft bil-qawwa
lis-sultan li ħa mart ħuh
hekk eqfilna biex inrażżnu
r-ras iebsa, iż-żewġ uċuh!

Ġwanni Ġwanni tkun imbierek
għax ma bżajt minn ħadd u xejn
hekk jeħtieġ l-Insara jkunu
kliemhom ċar, mhux bejn ħaltejn!

Sliem Giovanni, ġieħ u glorja
lilek nagħtu tul is-snin
quddiem Alla w'Ommu mbierka
idħol dejjem għax-Xewkin.

Dun Geoffrey G Attard
Victoria
17.IV.2016

# Il-Kappillani u l-Arċiprieti tax-Xewkija

## TAGĦRIF IMSEJJES FUQ IL-KTIEB TA' PATRI SERAFIN BORG OSA, IX-XEWKIJA FI ĠRAJJIET IL-KAPPILLANI U L-ARĊIPRIETI TAGĦHA, MALTA 1978

FRANCESCO PIO ATTARD

Ix-Xewkija hi l-ewwel parroċċa Għawdxija mwaqqfa barra mir-Rabat ta' Għawdex, l-ewwel parroċċa tal-kampanja Għawdxija. Fl-aħħar jum tal-Viżta Pastorali tiegħu fil-gżira, Monsinjur Mikiel Ġlormu Molina, Isqof ta' Malta u Għawdex, waqqafha parroċċa b'digriet tas-27 ta' Novembru 1678. Matul dawn it-tliet sekli u iżjed ta' storja, hi kellha ħmistax-il ragħaj spiritwali – disa' kappillani u sitt arċiprieti – li mexxewha b'żelu u bi mħabba.

Dan hu xi tagħrif mislut mill-ktieb tal-istoriku Xewki Patri Serafin Borg OSA, *Ix-Xewkija fi ġrajjiet il-Kappillani u l-Arċiprieti tagħha*, dwar il-ħidma ta' dawn il-kappillani u arċiprieti fix-Xewkija. Id-dati maġenb kull isem jindikaw il-perjodu tal-parrokat.

**1. Il-Kappillan Dun Grezzju Farrugia (1678-1683)**

*Mill-Parroċċa ta' San Pawl Nawfragu, il-Belt Valletta.* Fis-27 ta' Novembru 1678, Mons. Mikiel Ġlormu Molina, Isqof ta' Malta u Għawdex, ħatru l-ewwel Kappillan tax-Xewkija. Ħa ħsieb il-bini ta' knisja skont il-ħtiġijiet ta' dak iż-żmien, li fl-1680 tqiegħed fiha għall-ewwel darba s-Santissmu Sagrament. Il-kwadru titulari tal-Battista, attribwit lil Giocchino Loretta, sar fi żmienu. Fl-10 ta' Ġunju 1682, twaqqfet il-Fratellanza tar-Rużarju.

**2. Il-Kappillan Dun Girgor Camilleri (1683-1694)**

*Mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat ta' Għawdex.* Fl-1688 bena minn flusu l-kanonika, jew Dar tal-Kappillan, u ħalla legat għaż-żamma tagħha; flokha llum fil-Pjazza nsibu ċ-Ċentru Parrokkjali. Fis-16 ta' Ottubru 1694, ġie maħtur Kappillan tal-Ubbidjenza tal-Ordni ta' San Ġwann. Kellu sehem importanti fil-bini tal-Isptar il-qadim ta' Għawdex.

**3. Il-Kappillan Dun Dumink Abela (1694-1734)**

*Mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat ta' Għawdex.* "Maħbub u dħuli", kien hu li wettaq il-proġett tal-bini ta' knisja ġdida, ikbar u aktar komda għan-nies tax-Xewkija, fuq pjanta tal-Perit Ġużeppi Azzopardi u taħt it-tmexxija tal-bennej Ferdinand Valletta. Din kienet "f'għamla ta' salib, mibnija fuq pilastri ta' ordni Doriku u mgħottija b'saqaf tond fuq bosta kustilji u b'koppla fuq is-salib", u tbierket fis-17 ta' Marzu 1728 mill-Kan. Nikol Natal Cassia Magria, Arċipriet tal-Matriċi. Fuq talba tiegħu, l-Agostinjani tar-Rabat taw skannell għall-altar tal-knisja parrokkjali l-ġdida. Fit-13 ta' Frar 1714 kien ta l-kunsens biex twaqqfet ix-Xirka tat-Trinitarji.

**4. Il-Kappillan Dun Pietru Aquilina (1735-1774)**

*Mill-Parroċċa ta' Marija Assunta, iż-Żebbuġ.* Fil-pussess tiegħu kellu bħala parrinu lill-Gran Mastru António



Manoel De Vilhena, li offrielu b'rigal kalċi u pjaneta li għadhom sal-lum miżmuma fil-Mużew tal-Iskultura. Il-parrokat tiegħu jiftaħar b'diversi opri: il-kwadru tal-Madonna u San Bartilmew fil-Kappella tal-Ħniena, impitter minn Gio Nicola Buhagiar (1735); il-pulptu (1735); il-kampnar tal-knisja l-qadima (1738); il-fonti tal-Magħmudija (1740); l-orgni l-qadim li llum m'għadux jeżisti; ħames lampieri, salib tal-kleru u ċensier, kollha fil-fidda. Fl-1739, l-istoriku Għawdxi l-Kan. Ġann Piet Franġisk Agius de Soldanis irregala wkoll Veru Linju li tqiegħed fuq l-Altar devot tal-Kurċifiss. Fit-12 ta' Ottubru 1755, Mons. Pawlu Alpheran de Bussan, Isqof ta' Malta u Għawdex, iddedika l-knisja parrokkjali tax-Xewkija u l-altar maġġur tagħha. Bit-tħabrik tal-Kappillan Aquilina, fid-19 ta' Ġunju 1756 bdew it-tiġrijiet taż-żwiemel fil-Festa ta' San Ġwann.

**5. Il-Kappillan Dun Franġisk Mizzi (1774-1803)**

*Mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, ir-Rabat ta' Għawdex.* Bejn l-1765 u l-1774 kien Kuġitur tal-Kappillan Aquilina. Fl-1783 u l-1788 għamel żewġ qniepen, it-tieni waħda



l-kbira. Fl-1788 saru ż-żewġ kwadri tal-Kor tal-knisja, xogħol Rokku Buhagiar, li juru t-Twelid u l-Martirju tal-Battista; kif ukoll il-kwadri tal-Madonna tar-Rużarju u tal-Erwieħ, xogħol Francesco V. Zahra. Il-qagħda spiritwali tax-Xewkija kompliet titjieb, minkejja li kien ukoll żmien il-qawmien kontra l-Franċiżi.

**6. Il-Kappillan Dun Nikol Vella (1803-1850)**

*Mill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni, l-Għarb.* F'parrokat ta' sebgħa u erbgħin sena għamel ħafna ġid, u mhux lix-Xewkija biss. Ħa interess kbir meta Għawdex intlaqat mill-flaġell tal-pesta fl-1813, u wissa lill-awtoritajiet ċivili biex jagħmlu għassa aħjar max-xtajtiet. Fl-1830 bena l-koppla tal-knisja, u fl-1837 il-Kappella ta' Santa Teodora, jew tad-Duluri, mill-flus tal-wegħdiet fi żmien l-imxija tal-kolera ta' dik is-sena. F'Lulju 1838 telaq proċessjonalment mill-knisja parrokkjali tax-Xewkija bil-kwadru titulari tal-Madonna tal-Karmnu għall-Kappella "Ta' Ħamet". Fl-1844 ġab minn San Bert



għall-knisja parrokkjali l-korp sant ta' Santa Teodora. L-ikbar opra ta' żmienu żgur tibqa' l-istatwa titulari ta' San Ġwann Battista, kapulavur li nħadem fl-injam minn Pietru Pawl Azzopardi u wasal ix-Xewkija fit-22 ta' Ġunju 1845, bi translazzjoni solenni mill-knisja "tal-Ħniena". Fl-1849 ikkummissjona l-qanpiena ż-żgħira.

**7. Il-Kappillan Dun Pawl Grech (1850-1854)**

*Mill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni, l-Għarb.* Matul il-ftit snin ta' parrokat tiegħu sar id-damask minsuġ; il-leġiju tal-Kor; il-kwadru tal-Madonna tal-Karmnu, xogħol Rafel



Caruana (1851); u l-kwadru żgħir tal-Battista taħt dak titulari. Ġie milqut minn marda kiefra u miet erba' snin biss wara li laħaq.

**8. Il-Kappillan Dun Demetriju Galea (1854-1859)**

*Mill-Parroċċa tal-Viżitazzjoni, l-Għarb.* Għadda snin barra minn Malta missjunarju fl-Alġerija, fejn kellu oħtu soru. Fi żmienu saret l-istatwa l-qadima tal-Madonna tar-Rużarju mid-ditta Franċiża *Galard et Fils* fl-1857. Sena wara bena s-sagristija l-kbira u dik żgħira. Kien



magħruf bħala ragħaj twajjeb, ħabrieki, għaref, iżda ta' kmand, rigoruż u ta' dixxiplina.

**9. Il-Kappillan Dun Pietru Bartolo (1859-1864)**

*Mill-Parroċċa ta' San Bartilmew, il-Għargħur.* Fl-1860 ikkummissjona l-istatwa tad-Duluri għand id-ditta *Galard et Fils* ta' Marsilja, li sal-lum għadha tiġbed



ħafna devozzjoni u kull sena ssir purċissjoni kbira biha ġimgħa qabel il-Ġimgħa l-Kbira. Fi żmienu wkoll infetħet l-Iskola tal-Gvern għas-subien fix-Xewkija, fit-2 ta' Diċembru 1861. Baqa' magħruf bħala ragħaj twajjeb u ta' qdusija, "ħabib tal-foqra".

**10. L-Arċipriet Dun Pietru Pawl Ciantar (1865-1908)**

*Mill-Parroċċa ta' San Ġwann Battista, ix-Xewkija.* Bniedem għaref u istruwit, kien l-ewwel ragħaj spiritwali magħżul mill-Parroċċa tax-Xewkija stess. Wara li kien ilu ħames xhur biss fit-treġija tagħha, faqqgħet il-marda tal-kolera li bdiet ix-Xewkija u minn hemm xterdet mal-gżira kollha. Matul it-tnejn u erbgħin sena ta' parrokat ħabrieki tiegħu twettqu l-ifjen opri: l-arloġġ pubbliku (1875); il-presbiterju bl-irħam (1879); it-tużell ta' Pawlu Bugeja (1880); iż-żewġ fontijiet



tal-ilma mbierek; il-pittura tal-koppla, l-erba' Evanġelisti u ż-żewġ kwadri tal-korsija, xogħol Giovanni Gallucci (1882); l-istatwi ta' Sant'Antnin u Sant'Andrija (1906); il-Via Crucis, xogħol Pawlu Bugeja; u bosta ritratti fis-sagristija. Fl-1890, billi l-Awtorità Ekkleżjastika ma tatx il-permess li titkabbar il-knisja, tawwal il-korsija u bena faċċata ġdida, fuq pjanta ta' Dun Ġużepp Diacono. Għamel ukoll il-gallarija tal-orgni. Ġieħ kbir għax-Xewkija, bit-tħabrik ta' Ciantar, kien dak li ta l-Papa Ljun XIII b'Bulla tal-10 ta' Frar 1893, meta għolla l-parroċċa għad-dinjità ta' Arċipretali. Għalhekk Dun Pietru Pawl kien l-aħħar ragħaj spiritwali li ssejjaħ Kappillan u l-ewwel wieħed bit-titlu ta' Arċipriet. F'Ġunju 1893 ġab ukoll il-qanpiena l-kbira li tbierket minn Mons. Giovanni Maria Camilleri OSA, Isqof ta' Għawdex. Għall-Festa tal-1902 illumina għall-ewwel darba l-knisja bl-aċitelena. L-Arċipriet Ciantar ħadem ukoll għall-ġid soċjali tar-raħal billi stinka biex ix-Xewkija u rħula oħra qrib ikollhom tabib distrettwali, kif beda jseħħ mill-

1892. Kellu interess fl-istorja tal-poplu Xewki, hekk li fl-1904 ġab lill-istudjuż tal-arkeoloġija Patri Manwel Magri jagħmel skavi tat-tempju pagan li kien hemm flok il-knisja l-qadima. Minkejja ċerta oppożizzjoni mill-poplu, fl-1905 bena l-Oratorju ta' Ġesù Nazzarenu u mezzanin bħala maħżen ħdejn il-knisja, waqt li ħallas għad-dekorazzjoni tal-istess Oratorju u l-kwadru tiegħu minn Giuseppe Calì. L-Arċipriet Ciantar ta wkoll qawmien ġdid lill-Fratellanzi tas-Sagrament, tar-Ružarju u ta' San Ġwann Battista. Imma mhux kollox kien ward u żahar. Minħabba li fi żmienu l-Knisja neħħiet lil San Ġwann minn festa tal-obbligu, kellu jkun Ciantar li jressaq quddiem l-Awtoritajiet id-dispjaċir tal-poplu tax-Xewkija.

### 11. L-Arċipriet Dun Anton Aquilina (1908-1920)

*Mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria.* Ħadem bla heda biex jissokta jġib 'il quddiem il-Parroċċa tax-



Xewkija. Fl-1908 daħħal il-Purċissjoni ta' San Ġwann filgħaxija, waqqaf il-festi tal-Kwaranturi Mqaddsa fil-Milied, ħallas minn butu l-paviment tal-irħam fis-sagristija ż-żgħira maħdum minn Costantino di Paolo, u għamel ukoll il-paviment tal-kbira flimkien mal-Altar tal-Kurċifiss. Fl-1913 laqa' fix-Xewkija lill-Kardinal Domenico Ferreta meta żar Għawdex waqt il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali. Fl-1915 waqqaf il-Kongregazzjoni tal-Istilel tal-Qalb Imqaddsa ta' Ġesù affiljata mal-Bażilika tal-Qalb ta' Ġesù ta' Pariġi. Fl-istess sena laqa' bil-ferħ il-ftuħ tal-Museum tal-Bniet fix-Xewkija, it-tielet Qasam tas-Soċjetà tad-Duttrina Nisranija miftuħ f'Għawdex. Fl-1917 il-Festa ta' San Ġwann reġgħet saret bl-ikbar solennità wara li l-Papa Beneditту XV reġa' għamilha Festa Kmandata. L-Arċipriet Aquilina kien saċerdot li għex ħajja fqira u għamel ħafna karità. Ħabb il-Liturġija u lix-Xewkija ħallielha wkoll kalċi prezzjuż, pjaneta u ħwejjeġ sagri oħra, waqt li lill-knisja ħallieha mgħammra b'kull bżonn.

### 12. L-Arċipriet Dun Anton Grima (1920-1947)

*Mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria.* Is-sitta u għoxrin sena ta' parrokat tiegħu kienu importanti għat-tiġdid tal-ħajja pastorali u ċivika tal-parroċċa. Dlonk



sab ma' wiċċu l-isfida tat-tkabbir tal-knisja l-qadima. Ried ikabbar in-navi, u fl-1923 ġab l-approvazzjoni tal-Isqof. Fil-verità, ix-xogħol fuqhom ma kellux jibda qabel l-1936, imma bit-tħabrik tiegħu tlesta f'sentejn. Bejn l-1922 u l-1924 sar is-sett artistiku tal-vari tal-Ġimgħa l-Kbira u fl-1924 l-istatwa ta' Santa Rita, kollha ta' Wistin Camilleri. Kien fi żmienu li twaqqfet il-Banda *Prekursur*; hu fetaħ u bierek il-Każin fit-23 ta' Mejju 1929. Fit-28 ta' Ottubru 1934 ikkonsagra l-parroċċa lill-Qalb ta' Ġesù. Ta merħba kbira fix-Xewkija lill-Kardinal Alessio Lepicier meta ġie biex jinkuruna l-Madonna Ta' Pinu fl-1935. Bejn l-1934 u l-1935 kabbar iċ-ċimiterju l-qadim u bena kappella ġdida fuq pjanta ta' Lorenzo Zammit Haber. Bit-tħabrik tal-Arċipriet Grima twaqqfu fir-raħal il-fergħa tax-Xirka tal-Isem Imqaddes ta' Alla (1935); l-Għaqda tal-Ommijiet Insara (1935); l-Azzjoni Kattolika (1938); u l-Qasam tas-Subien tal-Museum (1943). Fi żmienu wkoll twaqqaf it-tim tal-futbol *Xewkija Tigers* fl-1938. Fl-1939 qiegħed l-istatwa titulari f'niċċa ġdida fin-navi, u fl-1940 irrestawra l-kwadru titulari għand il-Prof. V. Bonello. Is-sistema tad-dawl elettriku fil-knisja ġiet stallata fl-1940. Ħabrek ukoll biex fix-Xewkija ġew is-Sorijiet Dumnikani, b'dar maġenb il-knisja ta' San Bartilmew, f'April 1944. L-Arċipriet Grima kien ir-ragħaj spiritwali tax-Xewkija fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija: hu għaraf imexxi l-poplu b'għożża u tjieba f'dawn iż-żminijiet imqallba. F'Jannar 1945 żamm il-Missjoni l-Kbira, u f'Ġunju kkummissjona l-qanpiena ż-żgħira

għall-kampnar. Dan sar ukoll b'tifkira tal-ewwel ċentinarju tal-wasla tal-istatwa titulari li ġie ċċelebrat bil-kbir, fejn inħadmet ukoll statwa ta' San Ġwann bil-ħarufa minn Wistin Camilleri. Fi żmien l-Arċipriet Grima reġgħet qamet il-kwistjoni tal-festa kmandata, billi fl-1946 il-Knisja neħħiet mill-24 ta' Ġunju l-obbligu tal-Quddiesa, u għalhekk il-Festa ta' San Ġwann ġiet ittrasferita għall-eqreb Ħadd lejn dik il-ġurnata. Għalkemm mhux mir-raħal, l-Arċipriet Grima poġġa l-interessi spiritwali u pastorali tax-Xewkija qabel kull imħabba oħra, hekk li ħallielha wirt li ma jistax jintesa.

**13. L-Arċipriet Dun Ġużepp Grech (1947-1971)**

*Mill-Parroċċa ta' San Ġorġ, il-Belt Victoria.* Għadda xi xhur Kuġitur tal-Arċipriet Grima, qabel ħa l-pussess mingħajr solennità minħabba l-mewt tal-predeċessur maħbub tiegħu. Mill-bidu ntefa' b'ruħu u ġismu fil-



qasam pastorali, bl-għan ewlieni tiegħu jkun it-tfassil ta' knisja ġdida għall-poplu tax-Xewkija. Hekk medd għonqu għax-xogħol u biex iġib il-permessi kollha meħtieġa. Ġie deċiż li tinbena Rotunda kbira fuq il-pjanti tal-Perit Malti Ġużè d'Amato. Sadattant f'Ottubru 1949 beda x-xogħol taċ-ċimiterju l-ġdid, fuq pjanta ta' Lorenzo Zammit Haber u bl-istinkar tal-bennej Ġużeppi Spiteri, u dan tbierek fl-1951. L-ewwel ġebla tar-Rotunda l-ġdida tqiegħdet minn Mons. Ġużeppi Pace, Isqof ta' Għawdex, fl-4 ta' Mejju 1952. Ix-xogħol baqa' miexi bla ma waqaf, bit-tliet bennejja ewlenin ikunu Ġużeppi Cauchi u l-aħwa Toni u Ġużepp Vella. Grech ma kellux jara l-ħolma tal-parrokat tiegħu titlesta – il-proġett dam sejjer sa sena wara mewtu. Fl-1951 żaret ix-Xewkija l-Prinċipessa Eliżabetta tal-Ingilterra flimkien ma' żewġha Filippu; hi reġgħet ġiet bħala Reġina fl-1954 u fl-1968. Fl-1953 beda fix-Xewkija l-Leġjun ta' Marija, u fi żmien wkoll, fl-1956, reġgħet ingħatat il-ħajja l-Banda *Prekursur*. Fit-23 ta' Diċembru nfetaħ uffiċjalment il-Każin il-ġdid. Minn dakinhar il-Banda ma ħarsitx lura u llum hi waħda mill-aktar soċjetajiet mużikali attivi f'pajjiżna. Fl-1961 twaqqfet fix-Xewkija l-fergħa tal-Moviment Ħaddiema Nsara. Għalkemm, kif ingħad, l-Arċipriet Grech miet qabel ra l-proġett tar-Rotunda jitwassal fi tmiemu, irnexxielu jara l-koppla magħluqa, u fil-31 ta' Mejju 1970 sar it-tberik tas-salib tagħha minn Mons. Giuseppe Majoli, Nunzju Appostoliku għal Malta. Min jaf kemm għawġ ħabbat wiċċu miegħu l-Arċipriet Grech, imma solvieh bil-karattru dħuli, umli u daqstant ieħor sod tiegħu! Kien sejjer lejn Malta biex jordna l-ħġieġ tal-koppla meta safa milqut minn ċilindru tal-gass li tar minn fuq trakk fl-Imġarr, inċident ikrah li ħasadlu ħajtu ħesrem fit-18 ta' Ottubru 1971, b'raħal sħiħ jibki dan ir-ragħaj li għal ħamsa u għoxrin sena "mexxa dejjem il-parruċċani tiegħu lejn Alla bil-ħlewwa, biż-żelu u bi prudenza kbira". Kull ġebla tar-Rotunda monumentali, li ġiet iddedikata fis-17 ta' Ġunju 1978, tgħajjat isem dan l-Arċipriet, għaref, għaqli u twajjeb.

RITRATTI: ANTHONY GRECH

arkadia

# J & J Zammit & Supplies Ltd.

*Wholesaler for Fresh Fruits & Vegetables*

*By the Bastion Road, Victoria, Gozo*
**Tel: 21 560795, Fax: 21 565287**
**Mobile: 9949 4670**



# ta' RAPA

- MARBLE & GRANITE
- BUILDING MATERIAL & PAINTS
- LIGHT FIXTURES
- POWER & HAND TOOLS
- STAINLESS STEEL & NYLON RODS



Total solutions for your home and business.



133, Dr. Anton Tabone Str,
Victoria, Gozo.

Tel: 21 551 258 - 21 551 388
Tel/Fax: 21 554 024
Email: tarapa@maltanet.net

A new branch in Għ'sielem OPENING SOON

# GELLUXA Supplies Ltd.

**General Merchant**
N.B. Grunju Str.
Qala Gozo
Tel: 21551555
Fax: 21554273
Mob: 9982 4300

# The Liqueur Shop



THE LEADING WINES, SPIRITS & TOBACCO MERCHANTS IN GOZO

14, ST, GEORGE'S SQR.,
VICTORIA, GOZO.
TEL: 2155-6531
FAX: 2155-5809

ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# ST JOHN THE BAPTIST ASSOCIATION IN AUSTRALIA

JESMOND ATTARD - VICE PRESIDENT

Dear Friends and Fellow Xewkin,

It is our Feast Day once again: with pride we voice **VIVA SAN ĠWANN**. With almost every Feast Day there is something special to celebrate and rejoice about, besides the celebration of the birth of our patron saint. If you recall last year the statue in Xewkija celebrated 170 years since its creation. This year the Parish of Xewkija has a new spiritual leader, Mons. Daniel Xerri. In Melbourne the Parish of Holy Eucharist too has a new spiritual leader, Father Tuan. I am sure that they both will guide us on our journey to God, as our patron Saint, St John the Baptist showed his followers the journey to God.

As we welcome the two new parish priests it is with heavy hearts that we must farewell the two parish priests: Mons. Carmel Mercieca and Father Minh Tran. For 43 years Mons. Carmel Mercieca was a permanent fixture in the church of Xewkija. Personally I have grown up with Mons. Mercieca and I want to thank him for all the great work and the passion of his devotion to the parish of Xewkija. On behalf of the St John the Baptist Association in Australia, we would like to thank him for all his help during the last 33 years. Father Minh Tran, parish priest at the place where we celebrate the feast of our patron saint, has for several years supported and encouraged our association to grow and prosper. He has done much for our church and local community and we wish him well on his future endeavours. I am sure he will succeed in all the challenges he may encounter. It was a great honour and privilege to work with and know Father Minh Tran.

It is important to note the milestone our community will be celebrating in the coming year 2017: the 35th anniversary of the celebration of the Feast of St John the Baptist in Melbourne. As I stated earlier our feast coincides with a significant milestone or event. I am filled with excitement at the change that comes with the introduction of new priests to the parish, about our feast this year and the momentous milestone we will be celebrating next year. This is the moment to be involved with us, with our community.

We want you. Our vision in this era of new beginnings is to encourage young people to contribute to our association: new people, young people with new ideas. Ideas and changes that will see this feast evolve yet carry on its' traditional significance of the heritage of people from Xewkija. I believe that as a people from Xewkija, we all love Saint John the Baptist and as such we need to do all that we can to continue this iconic tradition in a land so far away from the one we grew up in.

In looking to the future we must look also at the present, to the present committee members and their families, for the hard work they undertake each year. Some that have been involved for countless number of years and some less than that, but all have made the feast what it is today and have maintained and built a celebration for us to enjoy in a land so far away from the one we or our parents grew up in. This feast cannot occur without the support of our sponsors and volunteers who support us year after year. Thank you for supporting us and enabling us to carry out this much beloved tradition.









## ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# MILL-GĦAQDA ARMAR *Xewkija*




CHARLON BUTTIĠIEĠ - SEGRETARJU

Għeżież Xewkin, għaddiet sena oħra u reġgħet magħna l-festa tal-patrun tagħna San Ġwann Battista. Wara xhur ta' ħidma kontinwa b'mod speċjali fil-maħżen, f'dan iż-żmien, l-Għaqda tal-Armar tilħaq l-għan tagħha, dik li żżejjen lir-raħal tagħna b'armar mill-isbaħ.

Fis-snin li għaddew bdejna manutenzjoni fuq il-pavaljuni tad-dawl. Din is-sena kien imiss lill-pavaljuni ta' Triq l-Kbira kif ukoll Triq Ħelsien. Ix-xogħol ta' manutenzjoni kien jikkonsisti kemm fuq is-sistema tal-elettriku kif ukoll fuq il-qafas tal-injam u l-ħadid. Wara kull pavaljun ġie wkoll miżbugħ. Ma rridux ninsew li dan is-sett ta' pavaljuni kien iddendel għall-ewwel darba fil-festa tal-1992 u minn dakinhar qatt ma saret manutenzjoni fuqhom daqshekk estensiva.

Restawr ieħor li sar matul din is-sena kien fuq is-sett ta' antarjoli li jinsabu fi Triq Ein Karem peress li kienu jinsabu fi stat ħazin ħafna biex issa ser jerġgħu għall-istat oriġinali tagħhom. Sar ukoll xogħol ieħor ġewwa l-maħżen biex l-armar ikun jista' jinġabar aħjar u jkun hemm aktar spazju fejn isir ix-xogħol.

Tlett snin ilu ġew mibdija sett bandalori għal Triq il-Ħamrija. Din is-sena ser joħorġu tnejn oħra biex b'hekk sas-sena d-dieħla s-sett ikun komplut. Ta' min isemmi li fis-sena 2014 iddendlu l-ewwel bandalori minn dan is-sett li jirrappreżentaw l-Emblemi ta' bliet li għandhom lil San Ġwann Battista bhala l-patrun tagħhom. Dawn ġew maħduma kemm mill-ħjata kif ukoll mill-pittura minn Giovann u Pawlu Cassar, filwaqt li xogħol ieħor addizzjonali bħalma huma sopraporti u ġmiemel sar b'mod volontarju mill-membri tal-kumitat.

Matul din is-sena tkompla x-xogħol fuq il-pedestall tal-Ħamrija. Dan l-aħħar snin l-pedestall kien lest mix-xogħol il-kbir, imma kien għad fadallu t-tiżjin addizzjonali tal-iskultur biex jagħmlu pedestall li tassew jixraq lil San Ġwann Battista. Sar xogħol kbir fil-fiber mill-membri tal-kumitat sabiex tlestew id-disinni il-ġodda u oħrajn ġew indurati. Il-kummissjoni tal-armar tal-Ħamrija bdiet proġett ambizzjuż dak ta'sett ta' bandalori ġodda li ser ikunu jżejnu l-pjazzetta tal-Ħamrija. Il-bandalori l-ġodda se jirrappreżentaw episodji mill-ħajja ta' San Ġwann. Ix-xogħol tal-ħjata ser jinħadem kollu mill-Kumitat Żgħażagħ Brijuzi Xewkijn u ser jiġu mpittra mill-artist żagħżugħ Xewki Keith Hili. Għal din il-festa ser jiżżanżnu tnejn minn dan is-sett, it-Tħabbira ta' Żakkarija u l-Glorja ta' San Ġwann.



Bħas-snin l-oħra l-kumitat għamel numru ta' attivitajiet li bosta minnhom kienu bi skop ta' *fund raising*. Fost l-attivitajiet rridu nsemmu t-tliet ikliet kbar li saru; l-ikla fil-festa tal-martirju ta' San Ġwann Battista, l-ikla ta' San Martin u l-ikla tal-Għid il-kbir. Hawnhekk inrodd ħajr lill-poplu Xewki tal-attendenza sabiħa li kelna f'dawn attivitajiet.

Is-sena li għaddiet barra l-festa tat-Twelid ta' San Ġwann u l-festa tal-Martirju kellna ukoll il-festa fl-okkażjoni tal-pussess tal-Arċipriet il-ġdid Mons Daniel Xerri. Għal din l- okkażjoni l-kumitat ħa hsieb li jarma t-toroq minn fejn kien ser jgħaddi l-Arċipriet jiġifieri, Triq l-Indipendenza kif ukoll il-Pjazza. Ta' min jgħid li għal din l-okkażjoni l-kumitat tagħna rregala lill-Arċipriet antarjola kif ukoll bandiera li perpret għall-ewwel darba fuq id-dar tal-Arċipriet fl-okkażjoni tal-pussess tiegħu.

F'isem il-kumitat tal-Għaqda Armar Xewkija nixtieq nawgura l-festa t-tajba lix-Xewkin kollha u nirringrazzjawkom tal-għajnuna li dejjem sibna mill-poplu tax-Xewkija ħalli nkomplu dejjem nagħmlu festi kbar kif jixraq ad unur il-patrun tagħna San Ġwann il-Battista.







VO / 1021

KUNSILL LOKALI XEWKIJA
flimkien mal-
GĦAQDA ARMAR XEWKIJA
ser torganizza

# IKLA TRADIZZJONALI

fl-okkażżjoni tal-Festa tal-Martirju ta'

## San Ġwann Battista

**IT-TLIETA, 23 T' AWISSU 2016**
Quddiem il-maħżen tal-Armar | **Triq l-Indipendenza**



Mistiedna speċjali:

## Marisa D' Amato

**3-COURSE MEAL**

**PREZZ:**
Kbar: €15
Żgħar: €8

## ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# MILL-KUMMISSJONI ARMAR *tal-Ħamrija*

**KEITH HILI**



Disinn tal-bandalori il-ġodda

Għal din is-sena l-għaqda organizattiva tal-Ħamrija ħadet l-inizjattiva biex tibda proġett ta' sitt bandalori kbar. Dawn ser jintramaw ħdejn ir-*roundabout* prinċipali ta' ħdejn l-iskola primarja. Dawn il-bandalori saru fuq disinn, sfumar u pittura ta' Keith Hili bl-għajnuna tal-Kumitat Żgħażagħ Xewkin fejn jidħol xogħol ta' ħjata. Il-bandalori jirrapreżentaw sitt episodji mill-ħajja ta' San Ġwann. L- ewwel tnejn tħallsu minn Joe u Marlene Xuereb u mill-familja Pace. Minn hawn nirringrazzjawhom mill-qalb.

Qed jitkompla wkoll xogħol fuq id-dekor tal-pedestall b'disinn ta' Manwel Grech u xogħol ta' Keith Hili bl-għajnuna tal-Għaqda Armar Xewkija. Nirringrazzjaw lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor jagħtu l-għajnuna tagħhom. Minn hawn nawguraw il-festa t-tajba lix-Xewkin kollha.








# THE ROTUNDA

A TESTAMENT TO FAITH, COURAGE, AND LOVE

'The Rotunda – A Testament To Faith, Courage, And Love' huwa l-isem ta' ktieb ġdid ta' Ted M. Mizzi. Dan il-ktieb fih riċerka interessanti dwar il-bini tal-knisja tax-Xewkija, magħrufa aħjar bħala r-Rotunda. Mhux biss għax 'The Rotunda' jagħti ukoll tagħrif dwar il-ħajja fir-raħal fi żmien li kien qed jinbena dan it-tempju maestuż. Dan il-ktieb jikkonsisti f'176 paġna maqsuma f'disa' kapitli u mżejjen b'iżjed minn mitt ritratt li ħafna minnhom jidhru għall-ewwel darba.

KTIEB LI M'GĦANDEKX TITLEF



ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# SENA MPENJATTIVA GĦAL RADJU PREKURSUR

STEFAN BUGEJA

Għaddiet sena oħra u għal darb'oħra qed nerġgħu nwasslu leħinna permezz ta' din ir-rivista annwali. Il-qofol tal-ħidma ta' Radju Prekursur matul is-sena, jkun dejjem iż-żmien tal-festa ta' San Ġwann. Il-festa 2015 kienet festa speċjali li matulha ċċelebrajna l-170 mill-wasla tal-istatwa tal-Battista. Radju Prekursur fil-jiem tal-festa xandar bi skeda speċjali u bħas-snin l-imgħoddija wassal dak kollu li kien għaddej fir-raħal tagħna lil dawk kollha li minħabba diversi raġunijiet ma setgħux jkunu preżenti f'dak kollu li kien qed għaddej fir-raħal tagħna. F'Awwissu, Radju Prekursur wassal lilkom is-semmiegħa skeda speċjali fl-okkażjoni tal-festa tal-Martirju ta' San Ġwann Battista. Ma nistgħux ma nsemmux l-kollegamenti li għamilna mal-emigranti tagħna li kienu qed jiċċelebraw il-festa ta' San Ġwann fl-Awstralja – f'Ġunju mal-emigranti ta' Melbourne u f'Awwissu mal-emigranti ta' Sydney.

Iżda l-impenji ta' Radju Prekursur wara Awwissu ma waqfux hemm. Meta fit-30 ta' Awwissu 2015 l-Isqof ta' Għawdex, waqt żjara li għamel fir-Rotunda, ħabbar li l-Parroċċa tagħna kien ser ikollha Arċipriet ġdid, aħna ta' Radju Prekursur bdejna nipprepara għall-programmi speċjali marbuta ma' dan l-avveniment fir-raħal tagħna. Kien biss ftit minuti wara li Mons. Mario Grech wasslilna din l-aħbar, li Radju Prekursur xandar mhux biss it-tħabbira tal-Isqof, iżda wkoll il-messaġġ li għamel Mons. Carmelo Mercieca, kif ukoll l-ewwel messaġġ li għamel l-Arċipriet il-ġdid, Mons. Daniel Xerri.

Fl-10 ta' Settembru, l-Arċipriet il-ġdid kellu l-ewwel laqgħa uffiċjali mad-diriġenti ta' Radju Prekursur, fejn minbarra li ingħata tagħrif dwar il-ħidma tal-istazzjon tagħna, tkellimna wkoll dwar il-pjanijiet għal futur ta' Radju Prekursur, kif ukoll dwar is-sehem ta' Radju Prekursur fl-attivitajiet tal-parroċċa tagħna. L-Arċipriet wiegħed l-għajnuna tiegħu biex is-servizz li joffri Radju Prekursur ikompli jissaħħaħ.

Radju Prekursur xandar bi skeda speċjali fit-3 ta' Ottubru fl-okkażjoni tal-Adorazzjoni li saret b'radd il-ħajr tal-ħidma li wettaq Mons. Carmelo Mercieca bħala Arċipriet tal-Parroċċa tax-Xewkija. Matul din l-iskeda, minbarra li twasslu programmi speċjali b'tagħrif dwar il-kappillani u l-arċiprieti tal-parroċċa, ġew mxandra wkoll programmi speċjali dwar il-ħidma li wettaq Mons. Mercieca. Radju Prekursur xandar ukoll bi skeda speċjali fil-jum tal-Pussess tal-Arċipriet il-ġdid Mons Daniel Xerri – it-8 ta' Novembru 2015. Nistgħu ngħidu li f'xandira twila '*live*' minn kmieni wara nofsinhar, Radju Prekursur segwa lill-Arċipriet sa minn qabel telaq mid-dar tiegħu fix-Xagħra u permezz ta' diversi kollegamenti wassal fi djarkom dak kollu li kien qed isir kemm fix-Xagħra, kif ukoll mal-wasla tiegħu fix-Xewkija u kif ukoll iċ-ċerimonja kollha tal-Pussess.

Minbarra dan is-servizz fl-attivitajiet speċjali li kellna, Radju Prekursur ta' kuljum kompla jagħti servizz lis-semmiegħa – kemm lil dawk li ma jistgħux joħorġu minn djarhom minħabba raġunijiet ta' saħħa, kif ukoll lil dawk li jinsabu jgħixu 'l bogħod mill-gżira tagħna li setgħu jsegwu Radju Prekursur permezz tax-xandiriet fuq l-internet. Minbarra l-Quddiesa ta' kuljum u l-funzjonijiet fil-festi, wassalna wkoll xandiriet diretti mill-knisja Rotunda bħall-Adorazzjoni tal-Ewwel Ġimgħa tax-xahar u l-Katekeżi li qiegħda ssir f'din is-Sena tal-Ġublew tal-Ħniena.

Fl-aħħarnett nixtiequ nieħdu din l-okkażjoni biex nirringrazzjaw li dawk kollha li matul dawn id-dsatax-il sena taw u għadhom jagħtu servizz volontarju b'risq Radju Prekursur, nixtiequ nappellaw lil dawk li jixtiequ joffru ftit mill-ħin tagħhom biex jgħinu fl-operat ta' Radju Prekursur kemm bħala preżentaturi, kif ukoll min-naħa teknika biex jikkuntatjaw lil xi membru ta' Radju Prekursur. Nixtiequ wkoll nirringrazzjaw lil dawk il-benefatturi li jgħinu lil Radju Prekursur għax permezz tad-donazzjonijiet tagħhom Radju Prekursur ikun jista' jibqa' għaddej. Fl-aħħarnett nixtiequ nirringrazzjaw lil dawk kollha li jsegwu Radju Prekursur u jwasslulna l-kummenti tagħhom u jinkuraġġuna biex inkomplu nwasslu dan is-servizz.

Filwaqt li nawgurawlkom il-festa t-tajba, nistednukom biex għal sena oħra terġgħu tingħaqdu magħna u jekk ma tistgħux tkunu preżenti waqt l-attivitajiet tal-festa, nistednukom biex tibqgħu ssegwu Radju Prekursur biex hekk tkunu tistgħu tgawdu minn dak kollu li jkun qed isir fir-raħal.










## ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# SOĊJETÀ FILARMONIKA PREKURSUR

CHARLES BORG - SEGRETARJU

L-2016, sena oħra ta' ħidma kontinwa mis-Soċjetà Filarmonika Prekursur, dejjem għall-ġid tal-komunità tagħna. Din is-sena hija ferm importanti għas-Soċjetà u ser tkun sena li ser tibqa' mnaqqxa fl-istorja tal-Banda Prekursur. Kif ħabbarna f'Diċembru 2015, waqt l-ikla tal-Milied għall-membri u l-bandisti, bi pjaċir u sodisfazzjon, il-Banda Prekursur ser ikollha l-opportunità ttella' kunċert fit-Teatru Manoel, kunċert taħt il-patroċinju tal-President ta' Malta. Dan il-kunċert ser jittella' propju l-Ħadd 11 ta' Diċembru 2016. X'inhu l-iskop ta' dan il-kunċert u x'wassal lill-Banda Prekursur tidħol għal din l-isfida? Dan il-kunċert prestiġjuż jittella' bil-kollaborazzjoni tal-Għaqda Każini tal-Banda, ad unur il-Patruna tal-muzika, Santa Ċeċilja. Dan il-kunċert hu appuntament annwali li kull sena jiġi mtella' minn banda partikolari u din is-sena mess lill-Banda tagħna tidħol għal din l-isfida. Qed insejħilha sfida, għax kif wieħed jista' jimmaġina, dan it-tip ta' kunċert, jirrikjedi preparamenti kbar, kemm minn naħa tal-kumitat, mis-surmastrijiet u b'mod speċjali mill-bandisti.

Dan l-avveniment ser ikun ta' unur mhux biss għall-banda tagħna, iżda għal Għawdex. Il-Banda Prekursur ser tkun l-ewwel banda Għawdxija li ser ittella' dan il-kunċert fil-Manoel ad unur Santa Ċeċilja. Wara dan l-appuntament tal-Banda Prekursur, banda Għawdxija oħra jkun imissha tagħmel dan il-kunċert, fis-sena 2043. Allura naħseb taqblu miegħi meta' ngħid li dan il-kunċert ser iservi ta' vetrina mhux biss għat-talent Xewki, iżda wkoll għat-talent Għawdxi. Għalhekk għandna nagħmlu dak kollu possibbli biex, kemm il-Banda Prekursur kif ukoll Għawdex, joħorġu bl-unuri. Inħeġġiġkom biex tagħtu s-sapport tagħkom lill-Banda tagħna f'dan l-avveniment tant importanti.

**Ċentru ta' Anzjanità Attiva**

Matul is-sena 2015 is-Soċjetà Filarmonika Prekursur daħlet fi ftehim mas-Segretarjat għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, li permezz tiegħu l-każin tal-Banda ser jiftaħ il-bibien tiegħu sabiex matul il-ġurnata, l-anzjani tagħna jkunu jistgħu jqattgħu l-ħin liberu tagħhom f'numru ta' attivitajiet organizzati mill-istess Segretarjat. Dan il-ftehim wassal biex is-Soċjetà tagħmel investiment sostanzjali fil-bini tagħha, permezz fost l-oħrajn ta' installazzjoni ta' *lift* tal-ogħla kwalità.

Huwa ta' sodizzfazzjon kbir għalina, naraw attendenza sabiħa għal din l-inizjattivà, u nagħmlu iktar kuraġġ nesploraw niċeċ bħal dawn fi ħdan il-kazin tagħna. Mill-ġdid, nixtieq nieħu l-opportunità sabiex nirringrazzja lil dawk kollha, li b'mod volontarju ħadmu biex dan il-proġett ambizzjuż ikun wieħed ta' suċċess.

**Rothwell Temperance Band**

Għat-tielet sena konsekuttiva s-Soċjetà Filarmonika Prekursur kellha l-unur li tospita banda Ingliża fil-gżira Għawdxija, preċiżament ir-Rothwell Temperance Band. Din il-banda tellgħet kunċert nhar il-Ħadd 3 t'April 2016 fiċ-Citadel Cultural Centre. Nieħdu din l-okkażjoni biex nirringrazzja lil dawk kollha li attendew għal dan il-kunċert.

**L-Akbar Ġrajja**

Din is-sena ġiet imtella' l-ewwel edizzjoni tal-kunċert 'L-Akbar Ġrajja', kunċert ta' mużika sagra. Dan ġie mtella' nhar t-12 ta' Marzu fil-Knisja Rotunda tax-Xewkija. Nista' ngħid li dan il-kunċert ħalla timbru sabiħ għaliex il-kummenti sbieħ u ta' nkoraġġiment li waslulna, juruna kemm huwa importanti li jiġu organizzati attivitajiet bħal dawn. Żgur li dan il-kunċert ser jidħol fil-kalendarju annwali tas-soċjetà tagħna. Nieħu din l-opportunità sabiex nirringrazzja lill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri, illi flimkien mal-Banda Prekursur għen sabiex jiġi organizzat dan il-kunċert.

Nagħlaq billi nirringrazzja wkoll lil dawk kollha li b'xi mod jew ieħor juru l-appoġġ tagħhom lis-Soċjetà tagħna, lill-membri tal-kumitat għall-ħidma kontinwa tagħhom, lis-surmast Anthony Borg tal-impenn kbir li joffri, lis-surmastrijiet tal-aljevi, lill-Kunsill Lokali li dejjem insibu l-għajnuna tiegħu, lill-bandisti kollha tas-sagrifiċċji u dedikazzjoni tagħhom u fl-aħħar iżda mhux l-inqas lilkom, talli tagħmlulna kuraġġ nibqgħu għaddejjin bil-ħidma tagħna biex inħallu l-banda aħjar milli sibnieha.







ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# KUMIṬAT ŻGĦAŻAGĦ BRIJUŻI XEWKIN A.D. 1996

JASON ATTARD - P.R.O.

Din is-sena hi waħda speċjali għalina. Dan għaliex qed niċċelebraw l-għoxrin sena mit-twaqqif tal-kumitat li ra l-bidu tiegħu sewwasew fl-1996.

Żgur li kliem Mahatma Gandhi li "il-futur jiddependi fuq dak li nagħmlu fil-preżent" jgħodd ħafna għalina ż-żgħażagħ. Grazzi għall-ħidma li dejjem saret miż-żgħażagħ ħabrieka, li ma qatgħet xejn biex dan il-kumitat seta' jkompli jikber u jsir aktar b'saħħtu matul is-snin.

Biex ikollok festa sabiħa, teħtieġ preparamenti kbar. U aktar ma jgħaddu is-snin, il-preparament min-naħa tagħna dejjem ikomplu jikbru, dan għaliex dejjem inżidu f'dak li hu briju u armar ta' sorpriżi li joħorġu sena wara oħra.

Wieħed jista' jinnota li bħala Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin inkunu impenjati kważi il-ġimgħa kollha tal-festa. Nibdew meta jkollna l-ħruġ tal-istatwa ta' San Ġwann Battista min-niċċa. Ikollna l-marċ brijuż li jibda minn ħdejn il-każin għal Triq il-Kbira fejn l-istatwa ta' San Ġwann Battista tittella' fuq il-pedestall fil-pjazzetta tal-Ġibjun. Il-Ħamis ikollna l-marċ grandjuż tal-Ħniena li jkun mistenni minn kulħadd, fejn għalih jattendu nies minn barra r-raħal u wkoll turisti. Il-Ġimgħa nieħdu sehem ukoll fil-marċ tad-Dimostrazzjoni billi ż-żgħażagħ jerfgħu l-istatwa ta' San Ġwann l-Għammiedi. Nhar il-festa, il-Ħadd ikollna l-marċ ta' filgħodu fejn jieħdu sehem fih bosta żgħażagħ Xewkin li dan jibda ħdejn is-sede tas-Soċjetà Filarmonika Prekursur u jispiċċa l-pjazza

Hekk kif semmejna l-marċ ta' filgħodu, is-sena l-oħra wieħed seta' jinnota tibdil fit-triq li minnha jgħaddi l-marċ. Wieħed seta' jinnota li l-briju kien aktar b'saħħtu u bħala attendenza ta' żgħażagħ kienet akbar ukoll. Però kif jiġri f'kull ħaġa li ssir, ikollok it-tifħir kif ukoll kritika u din kienet waħda kostruttiva. Il-kumitat flimkien mas-Soċjetà Filarmonika Prekursur fejn l-istess kumitat jagħmel parti minnha, bħala sotto kumitat għarbilna sew l-ideat ta' kull wieħed u waħda minnkom u ddeċidejna li dan ser jibqa' jsir bl-istess mod.

Żgur li bla għajnuna u sapport morali kif ukoll dak finanzjarju il-kumitat żgur ma jistax jimxi 'l quddiem. Però żgur li l-Patrun tagħna San Gwann Battista, dejjem żammna magħqudin u b'saħħitna biex b'hekk dejjem irnexxielna ngħollu 'l fuq isem il-kumitat u tax-Xewkija. Minn xahar għal xahar dejjem norganizzaw ikliet u BBQs u li pubblikament nixtieq nirringrazzja lil dawk kollha li dejjem ikunu preżenti għall-ikliet li norganizzaw.

Bħalma rajtu fil-festa ta' sentejn ilu, il-kumitat ħareġ arti kbira li kienet il-ġmiel tagħha u li kulħadd għadu jsemmiha. Żgur indunajtu li qed nirreferi għall-umbrellun. Aħna bħala kumitat ma waqafniex hemm iżda komplejna naħdmu biex inżidu fil-pittura li hemm fuq l-istess umbrellun. Apparti dan, il-kumitat għaddej fuq biċċa xogħol oħra kbira però għalissa ħa nieqaf hawn għax jekk inkomplu niżvelaw żgur li tibqax aktar sorpriża.

Fl-aħħar iżda mhux l-inqas, nixtieq nirringrazzja tliet ex-membri tal-kumitat li dawn għamlu ħidma kbira għall-istess kumitat. Qed nirreferi għal Gerald Zammit, Carmel Azzopardi u Patrick Zammit Haber. Bħal ħafna ex-membri dawn qed jagħtu sehemhom u kull għajnuna li nitolbu minn għandhom. Ma' dawn nixtieq nirringrazzja wkoll lil bosta voluntiera li mhumiex parti mill-kumitat imma żgur li mingħajrhom ċertu affarijiet ikunu aktar diffiċli jew impossibbli li jsiru.

Bħal kważi kull sena il-kumitat laqa' fih membri godda u nkompli nħeġġeġ biex bosta aktar żgħażagħ jersqu lejn il-każin biex flimkien inkomplu naħdmu għal għan wieħed. Għal aktar informazzjoni dwar il-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin, inħeġġiġkom iżżuru l-paġna tal-Facebook www.facebook.com/kzx1996 fejn hemmhekk issibu bosta ritratti u aħbarijiet riċenti dwar il-kumitat.

Filwaqt li f'isem il-Kumitat Żgħażagħ Brijużi Xewkin nawguralkom festa mill-aqwa ad unur San Gwann Battista.





ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# XEWKIJA TIGERS F.C.

JOSEPH ATTARD - SEGRETARJU

Ftit jiem wara għeluq eċitanti ta' staġun 2015/16, ser inwassal il-messaġġ għar-rivista Gourgion bħala preparament għall-festa tal-Patrun tar-raħal tagħna San Ġwann Battista. Staġun li wara bidu daqsxejn kumplikat irnexxilna nagħmlu sensiela ta' rebħiet fil-kampjonat li wasluna anke nisfurzaw *decider* kontra l-isfidanti ewlenin u finalment *champions* Għajnselem. B'hekk ikkonfermajna r-regolarità u l-kompetittività tat-tim f'dawn l-aħħar snin.



Barra minn hekk ksirna rekord iehor fejn issa aħna l-iktar klabb Għawdxi li rebaħ it-tieni l-aqwa unur fil-futbol Għawdxi bir-rebħ tal-GFA Cup għall-għaxar darba fl-istorja. Fil-bidu tal-istaġun ġie kkonfermat il-*coach* Aleksandar Simoncic mgħejjun minn Noel Cardona. Wara li kkonfermajna ċertu elementi importanti tat-tim flimkien mal-bażi tal-plejers tar-raħal, f'Jannar rajna r-ritorn tal-plejer Skoċċiż Dene Shields li kompla jżid is-saħħa tat-tim. Komplejna nieħdu ħsieb il-plejers żgħażagħ tan-Nuersery tal-klabb fejn seta' kien possibbli ngħataw ċans ukoll mat-tim tal-kbar.

In-Nursery kompliet tiżviluppa u tissaħħah b'*coaching staff* iktar professjonali u l-ħsieb hu li b'kollaborazzjoni sħiħa fl-elementi kollha fi ħdan il-klabb inkomplu din il-ħidma u naġġornaw għal żminijiet ta' llum li dejjem qed jinbidlu biex ikollna u nipproduċu l-aħjar elementi f'termini ta' plejers.

l-istruttura tal-klabb baqgħet soda fuq dak li nbena fl-aħħar snin u beħsiebna nkomplu nagħmlu investimenti kapitali anke bil-għajnuna tal-Gvern Ċentrali u possibilment bl-għajnuna tal-Kunsill Lokali Xewkija hekk kif dejjem sa issa sar. Li ma jkunx għall-ħidma kontinwa tal-voluntiera f'oqsma varji tal-klabb, żgur li dawn is-suċċessi u l-organizzazzjoni ma tkunx possibbli. Żgur li minħabba *decider* ta' kampjonat mitlufa fil-ħin barrani, fejn spiċċajna bl-istess punti mal-eventwali *champions* mhix ser twaqqaf il-ħidma tagħna, anzi tkompli tħeġġiġna u timmotivana għall-futur qarib. Il-ħsieb tal-Kumitat dejjem kien fuq bażi *long term* u dan jixhduh l-investimenti kapitali kbar li llum u fil-ġejjieni ser ikomplu jsarfu fi dħul garantit għall-klabb. Ser inkomplu niffukaw fuq is-*Supermembers* tal-klabb ma' dawk li diġa' hemm u ta' dan minn qalbi nirringrazzjahom tal-fiduċja kbira li turu fil-klabb li aħna flimkien immexxu. Fuq l-istess livell apprezzament kbir lis-sapport organizzat tat-12th Tiger li minkejja ċertu diffikultajiet matul l-istaġun baqa' dejjem wara t-tim u kien ta' sapport u motivazzjoni kontinwa għall-plejers.



Kull deċiżjoni futura tal-GFA u tal-klabbs Għawdxin li ta' kull staġun jippruvaw ibiddlu s-sistemi bħan-numru ta' plejers barranin, mhix ser issibna mhux ippreparati, anzi lesti li nadattaw ruħna għal kull eventwalità. Biss mill-banda l-oħra ninnutaw in-nuqqas kbir ta' ppjanar fit-tul u dan huwa ta' għajb għall-futbol Għawdxi u għall-istess Assoċjazzjoni. Nemmnu li deċiżjonijiet bħal dawn għandhom jittieħdu fl-interess tal-futbol Għawdxi in ġenerali u fuq perjodu itwal u iktar stabbli.

ĦIDMET L-GĦAQDIET XEWKIN

# XEWKIJA TIGERS F.C. FOOTBALL NURSERY

JOSMAR VELLA

Reġa' wasal Ġunju u miegħu jġib avveniment li jgħaqqad ir-raħal kollu, il-festa. Għal dawk midħla tal-futbol lokali, Ġunju jfisser brejk fejn wieħed jista' jagħti rendikont ta' kif marru l-affarijiet matul l-istaġun li jkun għadu kif għadda. L-istaġun 2015/2016 kellu l-bidu tiegħu f'Lulju (2015) fejn in-*nursery* organizzat il-'Gozo Summer Camp' fil-grawnd tagħna stess. F'dan is-*summer camp* ipparteċipaw madwar 70 tifel ta' bejn il-5 u l-14-il sena minn Għawdex kollu. Dawn is-sessjonijiet kienu mmexxija minn plejers tat-tim Nazzjonali Malti preżenti u anki dawk passati. Fost dawn kellna fostna lil: Roderick Briffa, Gilbert Agius, Ryan Camenzuli, Raymond Vella, Shaun Bajada u Daniel Bogdanovic. Fl-aħħar sessjoni t-tfal kollha ngħataw ċertifikat ta' parteċipazzjoni. In-*nursery* diġà bdiet il-preparamenti għat-tieni edizzjoni tal-'Gozo Summer Camp' u tittama li jkun ta' suċċess bħalma kien dak tal-2015.



*It- tim ta' taħt il-ħmistax -il sena*

F'Settembru ingħata bidu għat-taħriġ tat-tfal kollha tan-*nursery* li kienu jammontaw għal madwar mija. Dawn it-tfal kienu mqassma f'sezzjonijiet skont l-età. Is-sezzjonijiet kienu hekk: *Under 5* u *7* immexxija minn John Vella u Hayley Sciberras; *Under 9* immexxija minn Josmar Vella u Christian Bugeja; *Under 11* immexxija minn Ivan Vella u Christopher Fava; *Under 13* immexxija minn Daniel Bogdanovic u Andrew Engwall; *Under 15* immexxija minn Daniel Bogdanovic, Andrew Engwall u Noel Cardona u l-*Under 18* tmexxew minn John Vella. Matul din is-sena saru wkoll sessjonijiet għal *goalkeepers* kollha tan-*nursery* immexxija minn Joseph Grima. It-tfal fi ħdan l-*Under 5, 7, 9, 11* u *13* ħadu sehem f'partiti amikevoli, *festivals* u anki *tournaments*. Partikolarment, din is-sena ħadna sehem fit-*Tony Bajada Memorial Tournament* fil-Ħamrun bi tfal ta' taħt l-10 snin u l-14-il sena. Bil-għajnuna tal-Kunsill Lokali, aħna rnexxielna norganizzaw it-*tournament* annwali ta' Jum ix-Xewkija. Dis-sena ftaħnieh għal *Under 9, 11* u *13* u ħadu sehem fih timijiet Għawdxin u anki Maltin. L-*Under 15* u l-*Under 18* ħadu sehem fil-kampjonati organizzati mill-GYFA. L-*Under 15* kellhom staġun tajjeb fejn minkejja l-età żgħira ta' ħafna mill-plejers tagħna (fejn iddebutaw numru sabiħ ta' plejers li għandhom inqas minn 13-il sena) it-tim irnexxielu jispiċċa fit-tielet post wara Oratory Youths u r-rebbieħa Xagħra/Sannat. Fin-*knockout* ġew eliminati fis-semifinali minn Oratory Youths. Min-naħa l-oħra l-*Under 18* spiċċaw fis-sitt post u ġew eliminati minn *knockout* fil-kwarti finali wara l-ħin barrani kontra Nadur Youngsters.

Għalina r-riżultati mhumiex kollox. Il-gost tagħna huwa meta naraw lit-tfal jieħdu gost jipprattikaw l-isport favorit tagħhom f'ambjent ħolistiku, filwaqt li jiltaqgħu ma' sħabhom. Min-naħa tagħna nirringrazzjaw lill-isponsers tagħna li bis-sostenn finanzjarju tagħhom jgħinuna nagħtu l-aqwa edukazzjoni lit-tfal. Nirringrazzjaw ukoll lit-tfal stess u lill-ġenituri tagħhom li juru l-fiduċja tagħhom fina billi jibagħtuhom fin-*nursery* tagħna. Aħna nwegħdukom li se nibqgħu naħdmu għall-ġid tar-raħal u t-tfal tagħna. Nawguraw il-festa t-tajba lix-Xewkin kollha!



*It- tim ta' taħt it-tmintax -il sena*

# L-ISKOLA TA' RAĦALNA

**FRANKLINE ZAMMIT GALEA**
**KAP SKOLA PRIMARJA XEWKIJA KULLEĠĠ T'GĦAWDEX**

*"Coming together is a beginning, keeping together is progress, working together is success."*
(Henry Ford)

Dan kien l-ewwel ħsieb li għaddejt lill-istaff fil-bidu tas-sena skolastika f'Settembru 2015 meta bdejt bħala kap ġdida tal-iskola, l-istess iskola fejn fis-sebgħinijiet u t-tmeninijiet rajt il-bidu tal-formazzjoni tiegħi. Grazzi għad-dedikazzjoni ta' dawk l-għalliema jien dak li jien illum. Din hi l-istess skola li minnha ħarġu ħafna professjonisti u wħud anke b'PhD, nies li għamlu unur lill-iskola.

Nemmen li l-għan prinċipali tagħna hu l-formazzjoni ħolistika tal-istudenti tagħna, *stakeholders* importanti (għax mingħajrhom l-iskola tista' tagħlaq), barra minn hekk l-istudenti huma wkoll il-ġenerazzjoni futura tagħna. Biex dan iseħħ irid ikun hemm l-impenn sħiħ u dedikat ta' ħafna persuni. Apparti d-dedikazzjoni u l-ħidma tal-għalliema u l-assistenza tal-istaff kumplimentari jeħtieġ ukoll l-għajnuna tal-ġenituri u ta' kull għaqda li b'xi mod tista' tinfluwenza lit-tfal speċjalment fl-ambjent li fih jgħixu.

Kienet sena mimlija sfidi, attivitajiet u mumenti fejn iċċelebrajna flimkien. Tajna l-opportunità lill-ġenituri u kustodji biex jidħlu fil-klassi mal-istudenti waqt il-lezzjonijiet u jiskopru metodi innovattivi kif jistgħu ikomplu bit-tagħlim ma' wliedhom id-dar. Tajna wkoll lok biex l-klabb tal-futbol u l-Banda għaddew it-talenti sportivi u mużikali tagħhom lit-tfal tagħna.

Fis-17 ta' Diċembru, Jum iċ-Ċelebrazzjoni, kien ta' unur għalina li lqajna kemm lill-ġenituri u lill-komunità fl-iskola Primarja tax-Xewkija fi ħdan il-Kulleġġ t'Għawdex biex niċċelebraw il-ħiliet diversi tal-istudenti tagħna. Preżenti fostna kien hemm l-Onor Ministru għall-Edukazzjoni u Xogħol Evarist Bartolo, is-Segretarja Parlamentari għad-drittijiet ta' persuna b'diżabiltà u anzjanità attiva l-Onor Dr. Justyne Caruana, diversi diretturi mid-dipartiment u l-Principal tal-Kulleġġ. F'dan il-jum irrikonoxxejna l-ħidma tal-istudenti tagħna fid-diversi ħiliet u talenti tagħhom. Nemmnu li kull tifel u tifla hu speċjali u uniku. Għalhekk m'hemmx kwalitajiet superjuri sakemm l-istudent jagħmel il-parti tiegħu .*It does not matter how slowly you go, as long as you do not stop.*(Confutius)

Erġajna ħadna wkoll l-okkażjoni biex ftaħna l-bibien għall-komunità tal-lokalità fil-21 t'April fl-okkażjoni ta' '*Bringing learning to life*' il-motto il-ġdid tal-iskola. Użajna talenti ta'snajja u arti ta' nies mil-lokalità, mill-iskola stess u minn ta' xi għalliema mill-VPA. Barra minn hekk dawn taw l-opportunità lit-tfal jipparteċipaw waqt id-demostrazzjoni tagħhom. Kienet preparazzjoni biex ħdimna affarijiet u tellajnihom għall-Esebizzjoni Annwali tal-Ortikultura li saret f'Mejju f'San Anton. Fil-fatt kien ta' unur għall-iskola tagħna li kisbet riżultati eċċellenti u ħadna ħafna premijiet.

Inħossuna grati tal-għajnuna siewja u konsistenti mingħand il-Ministeru tal-Edukazzjoni u Xogħol, mill-Ministru t'Għawdex, mid-Direttorati tal-Edukazzjoni, mill-Prinċipal tal-Kulleġġ, mis-Sindku tar-raħal, mill-Arċipriet u mid-diversi għaqdiet tal-lokalità. Ma ninsewx ukoll il-kontribut tal-FTS li bħalissa qed jieħdu ħsieb ix-xogħol ta' manutenzjoni fl-iskola biex jekk Alla jrid f'Settembru li ġej nibdew bi skola isbaħ u aktar moderna għaż-żminijiet tal-lum.






Ta' Saminu
BAKERY
OUR BAKERY YOUR KITCHEN
Ta' Saminu Bakery
WE ALSO CATER FOR PARTIES
On Your Christening Day Bernice
SOIL STREET, XEWKIJA, GOZO • T: 2156 0864 / M: 7956 0864 • LIKE US ON FACEBOOK: WWW.FACEBOOK.COM/TASAMINUBAKERY


Formosa Engineering
Nejdri
• sheet Metal and Welding Work
• Truck Body Fabrication
• Chassis Alterations
• Alloy Wheel Straightening and Repairs
Gozitano Buildings,
Mgarr Road, Xewkija Gozo
Tel: 21551314/79551314/99869401
E-mail: nejdri@ymail.com


amanda's
HAIR • NAILS • BEAUTY
Amanda Bonnici
Habia Qualified Educator
City & Guilds Qualified Educator
Judith Cremona
VTCT Beautician
XEWKIJA ROTUNDA
BOMBOS PIZZA BAR
GIRL'S MUSEUM
'TAX-XIBER' BAKERY
BOY'S MUSEUM
amanda's
Indri Borg Street, Xewkija, Gozo
Tel: 2155 0503 Mob: 7955 0503 (Amanda) / 7906 1170 (Judith)


PEBBLES RESTAURANT
Hot starters, fresh salads, pasta, meats, fish pizza.
PEBBLES CAFFE
Open sandwiches, platters & tortillas!
For a Better You
VILLA Panorama
Enjoy the holiday of a lifetime.
PEBBLES RESTAURANT & CAFFE / Marsalforn, Gozo, Malta / t: +356 2155 6151
VILLA PANORAMA / Xaghra, Gozo, Malta / m: +356 9942 6151 / www.panoramagozo.com

# JCR IMPORTS LIMITED




Sika®

## BUILDING TRUST

**Importers and Distributors of Materials for the Building Industry**

Triq In-Negozju, Mrieħel Industrial Zone, Mrieħel BKR 3000 - Malta

Tel: (+356) 21 442 466/7 • Fax: (+356) 21 443 303

Website: www.jcrimports.com.mt • E-mail: info@jcrimports.com.mt


Brinc's Biscuits
Fingers
...melts in your mouth
www.brincsbiscuits.com
BRINC'S BISCUITS CO.LTD. 6B INDUSTRIAL ESTATE, Mriehel QRM 09 MALTA.
info@brincsbiscuits.com TEL: (356) 21 440 580 FAX: (356) 21 440 967
Brinc's biscuits co. ltd.


Grech's Bakery Bishop Buttigieg Street, Nadur
Tel: 2155 1123
Grech's Bakery
DAILY FRESH BREAD

# EMANUEL BENJAMIN (E.B.) VELLA: *Mosti ta' nisel Għawdxi*



**Dr. Keith CILIA DEBONO**
**D.B.A.(Maastricht), M.Phil (Maastricht), M.B.A(Henley), B.Sc. (Maths & Computing)**

**Introduzzjoni**

Maltin u Għawdxin li sas-snin sittin kienu għadhom l-iskola, probabilment jiftakru s-sensiela ta' kotba ta' qari bil-Malti bl-isem 'Ġabra ta' Ward'. Apparti storja ta' Malta, dawn il-kotba kellhom element umoristiku, l-iktar permezz tal-praspar ta' Ġaħan – karattru li anke tfal li laħqu s-sensiela ta' kotba 'Id-Denfil' fis-snin sebgħin. Fil-fatt 'Id-Denfil' kienu aġġornament tas-sensiela Ġabra ta' Ward'. Forsi min jiftakar is-sensiela Ġabra ta' Ward jiftakar ukoll lil min kellu sehem qawwi fil-kitba tagħhom – lil Emanuel Benjamin (E.B.) Vella.



Emanuel Benjamin jiġi ħu n-nannu tiegħi, Benjamin – missier ommi. Emanuel, jew iz-zjiu Leli kif nafuh fil-familja, miet 34 sena qabel ma twelidt jien. Għalhekk ma nafux direttament. In-nannu miet meta kelli biss sena. Però tagħrif dwaru, megħjuna anke minn ftit riċerka u dwar il-familja Vella naturalment għandi – kemm permezz ta' ommi u ħutha kif ukoll minn ħutu ż-żgħar, Eva u Abraham, li sa l-aħħar tas-snin disgħin tas-seklu l-ieħor kienu għadhom mimlijin bl-għomor meta tfarfart sew.

**E.B. Vella – Iben missier ta' nisel Għawdxi**

Emanuel Benjamin (E.B.) Vella twieled il-Mosta, fl-20 ta' Ġunju 1898; iben Klement u Karmela, xebba Azzopardi. Huwa kien il-kbir minn seba' wlied, Noe, Benjamin, Adam, Iżakk, Eva u Abraham, li llum huma lkoll mejtin. E.B. Vella kien l-ewwel li ħalliena, qabel ommu u missieru stess, fid-dar tiegħu biswit ir-Rotunda tal-Mosta[1], fit-2 ta' Mejju 1946. Għalhekk din is-sena jagħlaq sebgħin sena mill-mewt tiegħu.

Ta' min jgħid illi missier Emanuel - Klement - minkejja li twieled il-Mosta, kien wild Għawdxin, li tefgħu l-ankri f'Malta u propjament fil-Mosta. Skont ir-reġistri tal-Knisja, il-ġenituri ta' Klement kienu Michele Vella[2] u martu Catarina, xebba Farrugia, li żżewġu x-Xagħra Għawdex fid-19 ta Lulju 1851. Iktar tiftix wera lill-familja Vella preżenti Għawdex sa tal-inqas l-ewwel nofs tas-seklu sbatax, u ġeneralment insibuha fir-Rabat, Għawdex u x-Xagħra.
Ma nistgħaġibx li Emanuel kien jieħu gost jistqarr l-għeruq Għawdxin tiegħu, kif kienu jħobbu jagħmlu ħutu ż-żgħar li niftakar.

**E.B. Vella: għalliem u surmast ta' età żgħira**

Klement, bħal ħafna missirijiet ta' żmienu kien ta' spiss jitla' l-Amerika f'San Francisco, sabiex jaqla' l-ħobża ta' kuljum[3]. Martu Carmela, li kienet magħrufa għad-dixxiplina tagħha, baqgħet Malta trabbi lis-seba' wliedha. Fil-bidu tas-seklu l-ieħor, spiss kien jiġri wkoll li l-ulied, ladarba jibdew jitfarfru, jakkumpanjaw lil missierhom f'xogħol barra minn xtutna. Hekk ġara b'Noe, it-tieni wild wara Emanuel Benjamin. Snin wara, mar jakkumpanja lil Noe, ħuh iż-żgħir, Abraham fejn għexu u rabbew il-familji rispettivi tagħhom il-bqija ta' ħajjithom.

Emanuel qatt ma mar l-Amerika, probabilment minħabba illi kien diġà stabilixxa ruħu f'xogħlu fl-edukazzjoni.



**E.B. Vella (bilwieqfa maġenb ommu fuq il-lemin) possibilment fl-aħħar tal-1911**

Minn età zgħira Emanuel intefa' fil-qasam tat-tagħlim, wara illi ħa t-tagħlim tiegħu fl-Iskola Elementari tal-Gvern tal-Mosta. Fl-1916, kien diġà għalliem jew assistent tal-iskola, kif kienu jissejħu dak iż-zmien. Flimkien ma' zijuh Dun Ġammari' Azzopardi – ħu ommu Karmela - kien, fl-istess żmien, imexxi l-ewwel ċentru tad-duttrina Nisranija li kien waqqaf fil-Mosta, San Ġorġ Preca. Difatti jissemma bħala Superjur, li dak iż-żmien kienu jissejħu 'papidi' fil-lista tas-superjuri għas-sena 1916.



**E.B. Vella bilwieqfa fuq il-lemin bejn ommu Karmela u missieru, Klement fl-1913.**

Huwa saħansitra kompla l-istudji tiegħu fil-Kulleġġ St Mary, fl-Ingilterra fejn temm b'suċċess kors għall-surmast tal-iskejjel. Kien l-ewwel Malti li kiseb il-*Board of Education Certificate* li biha seta' jgħallem fl-iskejjel elementari mal-Imperu Ingliż kollu.


Creative Nails and Beauty
by Ann marie farrugia
44 St Bert Street, Xewkija, Gozo
21560423 - 79932273


FANTIN
METAL WORKS
Find us on Facebook
FANTIN METAL WORKS


GOZO CHEMISTS
Open All Day 8am - 8pm
Medicines, vitamins & herbals,
medical supports, baby products,
beauty products, perfumes & gifts
Tel: 21 55 72 78
Mgarr Road, Xewkija
gozo.chemists@gmail.com
Clinics, professional consultations.
Permanent hair removal
by ELLIPSE

## L-interess fil-lingwi orjentali

Emanuel Benjamin kien interessat ħafna fil-lingwi. L-imħabba b'mod speċjali lejn l-ilsna orjentali setgħet tnisslet fih middar stess. Ommu Karmela, meta kienet żagħżugħa kienet ta' sikwit takkumpanja lil missierha fix-xogħol merkantili tad-drappijiet ġewwa t-Tuneżija. M'għandniex xi ngħidu, ix-xogħol tal-familja Azzopardi ġewwa Tuneż għen sabiex il-bużnanna titħarreġ sew fit-tħaddit tal-lingwa Franċiża u anke dik orjentali, kif jixhdu sew membri tal-familja tiegħi li jiftakruha. Din l-influwenza setgħet possibliment, kellha impatt ukoll fuq binha l-kbir. Barra li studja sewwa l-Ingliż, it-Taljan u l-Malti, Emanuel Benjamin għamel studji fil-lingwi orjentali fl-Università ta' Londra.



**E.B. Vella bilwieqfa fin-nofs (maġenb in-nannu Benjamin, fuq il-lemin), ħutu l-oħra u l-ġenituri. Ritratt meħud probabilment fil-bidu tas-snin tletin tas-seklu l-ieħor**

## Kittieb prolifiku u ħbieb kittieba Għawdxin

Madanakollu, wieħed ma jistax iħalli barra l-imħabba speċjali li kellu Emanuel għall-ilsien Malti u dak kollu li hu Malti. Emanuel kien membru tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti (li minnha tnisslet l-Akkademja tal-Malti). Ta' min jgħid illi fl-Għaqda fl-ewwel żmenijiet tagħha li fiha kien Emanuel, kien hemm ukoll bosta Għawdxin. Fosthom insemmu lil Ninu Cremona, Ġorġ Pisani, u Kelinu Vella Haber, ilkoll ħbieb kbar ta' Emanuel.



**E.B. Vella bilqiegħda fl-art fin-nofs flimkien ma' membri tal-Għaqda tal-Malti fosthom Dun Karm Psaila u l-Għawdxin Ġorġ Pisani (mal-istess ringiela, fuq ix-xellug), Ninu Cremona (bilwieqfa, is-sitt wieħed mix-xellug) u Kelinu Vella Haber (maġenb E.B. Vella, fuq il-lemin)**

Fis-snin tletin, bil-kollaborazzjoni ta' Ġorġ Pisani, huwa ippubblika s-sensiela ta' kotba ta' qari bil-Malti għal kull sena tal-iskejjel primarji tal-Gvern, bl-isem ta' 'Ġabra ta' Ward' (li semmejt qabel). Wara li miet Emanuel, il-kittieb u poeta Għawdxi Ninu Cremona, kitiblu eloġju li qaxxar il-karattru tiegħu sew, b'dawn il-kliem:

*"Kien bniedem dħuli li fil-wiċċ imfaqqa' tiegħu, b'għajnejh li minn taħt il-lenti tan-nuċċali, meta jkellmek, b'dik it-tbissima ta' fommu, kien donnu jaqralek moħħok, kien jurik li kien bniedem imsejjaħ biex jaħdem f'kull għalqa ġdida li biha l-moħħ tal-ġenerazzjoni l-ġdida jeħtieġlu jiżżejjen".*

## Il-familja Tomlin fil-ħajja tiegħu

Minbarra t-tagħlim tal-Malti, Emanuel kien jisħaq ukoll fuq it-tagħlim tal-ilsien Ingliż b'mod professjonali, tant li ippubblika ktieb *The Teaching of English in Our Primary Schools*. Ta' min jgħid illi għal Emanuel it-tħaddit bil-lingwa Ingliża kienet parti minn ħajtu ta' kuljum daqs kemm kien il-Malti. Fis-snin għoxrin, Emanuel Benjamin iżżewweġ lil Priscilla Tomlin, tfajla ta' nisel Ingliż, li kienet toqgħod il-Mosta.



**E.B.Vella flimkien ma' martu Priscilla Tomlin f'jum iż-żwieġ tagħhom fis-snin għoxrin tas-seklu l-ieħor**

Il-familja Tomlin tidher illi kienet familja illi tinteressa ħafna ruħha fit-tagħlim u fir-riċerka. Kienet familja li tat kontribut fil-kultura u fl-edukazzjoni kontemporanja ta' pajjiżna. Kuġin ta' Priscilla kien il-mibki Patri Stanley Tomlin MSSP li kien il-moħħ wara t-twaqqif tal-Kulleġġ Missjunarju ta' San Pawl, fir-Rabat, Malta fl-1964 u li għal xi żmien serva wkoll bħala r-Rettur tagħha. Patri Stanley ħa ħsieb il-bini tad-Dar ta' l-Irtiri tas-Soċjeta' Missjunarja ta' San Pawl, fiż-Żebbuġ, Għawdex. It–tifel ta' oħt Priscilla kien il-mibki Professur Godfrey Wettinger, li twieled il-Mosta fl-1929. Il-Professur Wettinger għamel riċerki siewja fil-qasam tal-istorja medjovali ta' pajjiżna kif ukoll f'oqsma relatati magħha fosthom l-antropoloġija, is-soċjoloġija u l-iżvilupp tal-ilsien Malti. Huwa jitqies bħala awtorità dwar in-nisel etimoloġiku ta' kliem marbut mat-topoloġija ta' diversi nħawi madwar Malta u Għawdex u dwar drawwiet ta' Maltin tal-imgħoddi. Jibqa'mfakkar b'mod speċjali għall-iskoperta, fis-snin sittin, flimkien mal-mibki Patri Mikiel Fsadni OP, tal-Kantilena ta' Pietro Caxaro, waħda mill-eqdem kitbiet bil-Malti u li tagħti ħarsa lejn il-lingwa mitkellma tul is-seklu ħmistax.

Jidher illi Priscilla kienet ta' appoġġ kontinwu fix-xogħol sfieq u fl-interessi arkeoloġiċi ta' żewġha.

Meta ġie lura Malta wara li temm l- istudji tiegħu f'Londra, Emanuel nħatar surmast u serva f'diversi skejjel Primarji, fosthom dawk ta' San Pawl il-Baħar, Ħaż-Żabbar, Il-Birgu u Ħal-Tarxien. Meta mbagħad ngħata l-kariga ta' Spettur tal-Iskejjel, huwa kien jissorvelja t-tagħlim ta' għadd ta' suġġetti li kienu mgħallma. Kien imexxi kors ta' taħriġ fl-Ilsien Malti għas-Surmastrijiet tal-iskejjel u kien jorganizza klassijiet filgħaxija għall-impjegati taċ-Ċivil. Kien jgħallem ukoll il-Malti fil-Liceo. Huwa kien ukoll jorganizza korsijiet filgħaxija fl-Ilsien Ingliż għal dawk il-Maltin li xtaqu jemigraw.

Fi żmien meta t-trasport ma kienx mifrux u ta' spiss daqs illum, Emanuel kellu jikri xi dar fil-post fejn kien ikun jaħdem u kien jieħu miegħu lil martu u lil uliedu. Ma kienx jonqos li kull fejn imur, kien jinteressa ruħu f'dak il-lokal li kien ikun fih u jikteb l-istorja tiegħu. Huwa kiteb għadd ta' kotba dwar irħula Maltin u fihom daħħal tagħrif li kiseb minn tiftix li għamel hu stess, jew waqt għajnuna li kien jagħti lill-arkejologu, il-Professur Sir Temi Zammit. Fosthom insibu: 'Ħaż-Żabbar u l-Grajja tiegħu' (1926), 'Żejtun u Marsaxlokk'(1927), 'L-istorja tal-Mosta bil-Knisja tagħha' (1930), 'Storja ta' Ħal-Tarxien u ta' Raħal Ġdid' (1932) u 'Storja ta' Birkirkara bil-Kolleġġjata tagħha' (1934). Huwa kien ta bidu għall-kitba dwar l-istorja tal-Imdina iżda ma laħaqx lestieha.

### Tkomplija ta' legat: Reginald Vella Tomlin

Emanuel Benjamin u martu Priscilla kellhom tlett itfal, Reginald, Eustace u Euphrosyne (Frizia). It-tlieta illum m'għadhomx magħna. Eustace, missier ta' tlieta, kien Perit filwaqt illi Frizia, miżżewġa Vincenti u omm ta' disat itfal kienet għamlet żmien għalliema wkoll. Il-kbir, Reginald, li kien missier ta' tliet ulied, kien l-iktar wieħed li segwa l-passi ta' missieru. Bħalu kien Surmast ta' skejjel governattivi, fosthom ta' Birżebbuġa li għaliha kien kiteb l-ewwel innu ta' l-iskola 'Innu għat-tfal ta' Birżebbuġa' fl-1958. Fost il-kitbiet li ħalla Reġinald insibu damma ta' proża bil-Malti li huwa ġabar u ippubblika bejn is-snin 1953 u 1957 bl-isem 'Ġabra ta' Proża għat-Tfal' u artiklu ta'riċerka storika fil-ġurnal "Melita Historica" fis-sena 1960. Huwa kien kiteb ktejjeb dwar ġrajjiet mill-Kotba Mqaddsa li kien ta' siewi kbir għat-tfal tal-iskejjel, l-aktar billi dak iż-żmien il-Professur Saydon kien għadu ma lestiex il-Bibbja tiegħu bil-Malti u billi dak iż-żmien – ta'qabel il-Konċilju Vatikan II, il-Bibbja ma kinitx tintuża fil-liturġija bħal-lum u ftit kienet tinqara regolarment (ħlief mill-qassisin). Reginald kien ukoll iħobb il-mużika. Għall-ħabta ta'nofs is-snin sittin, Reginald li kellu mara Ingliża, mar joqgħod l-Ingilterra mal-familja fejn miet qasir il-għomor, fis-sena 1968.



**E.B. Vella flimkien mal-mara, Priscilla u wliedu (mix-xellug) Reġinald, Fresia u Eustace fl-14 ta' Marzu 1942 Tifkira dejjiema**

Fuq kartolina lill-ġenituri tiegħu, b'ritratt tal-familja waqt *air-raid* nhar l-14 ta' Marzu 1942, mir-Rabat Malta fejn kien jaħdem matul il-gwerra, huwa niżżel il-motto tal-familja tiegħu *'Never say Die'* – kliem ta' kuraġġ fi żmien l-eqqel tal-gwerra li kienet għaddejja minnha Malta.




**Il-kartolina bil-kitba ta' E.B. Vella lill-ġenituri tiegħu li tinkludi wkoll ritratt tal-familja.**

Il-gwerra ħelisha veru, iżda erba' snin wara, Emanuel Benjamin Vella kellu verament jara l-mewt. Madankollu nistgħu ngħidu li huwa baqa' ħaj fil-memorja kollettiva tal-familja u fil-kontribut edukattiv, kulturali u storiku li ta lis-soċjetà Maltija. Tassew kellu raġun il-Poeta Nazzjonali, Dun Karm' f'Sunett dedikat għalih wara mewtu, jiddeskrivih bħala '*Malti tassew! Malti fil-qalb... Malti fil-ħsieb... u Malti wkoll f'għemilek...'*



**E.B. Vella fl-istudju tiegħu fil-Mosta fl-aħħar żmien ta' ħajtu .**

Il-Mosta wkoll, bħala wild tagħha, wkoll ħasset li għandha tibqa' tiftakar fih u għalhekk issemmiet triq għalih. F'tarf din l-istess triq, bl-inizjattiva tal-Kunsill Lokali tal-Mosta, twaqqaf ukoll monument għad-unur tiegħu fl-1997, xogħol tal-iskultur Ġanni Bonnici.




**Il-monument f'ġieħ E.B. Vella, f'tarf triq imsemmija għalih fil-Mosta.**

**Riferenzi**

1. Caruana, V.B., 'E.B Vella, Sittin Sena wara mewtu', Soċjeta' Piroteknika 15 t'Awwissu, Mosta (2006)
2. Cassar, G, 'History teaching in Malta' , University of Malta
3. Cilia Debono, E., 'L-Oratorju tas-Subien 1916-1917', Soċjetà Piroteknika 15 t'Awwissu, Mosta (2008)
4. Cilia Debono K., 'Dun Ġammari Azzopardi', Soċjeta' Filarmonika Nicolò Isouard, Mosta (2009)
5. Cremona, A., 'Il-Malti', Gunju 1946
6. Adami, G., 'Leħen il-Malti', Ġunju 1946
7. L-Akkademja tal-Malti, 'Bijografiji: *E.B. Vella*', K. Cilia Debono (2012) http://www.akkademjatalmalti.com/page.asp?p=21451&l=1
8. Pisani P.G., 'Ġorġ Pisani 1909-1999 Ex-novizz Franġiskan isir fost l-aqwa Poeti Għawdxin, Kultura Franġiskana – Letteratura (2005), http://www.sanfrangisk.com/15Kultura%20u%20Art/kul24-Gorg%20Pisani.htm

**Endnotes**

1 Dar maġenb id-Dar tal-Arċipriet, u illum stabbiliment kummerċjali.

2 Michele – in-nannu ta' Emanuel, twieled fl-24 ta' Mejju 1825, ix-Xagħra, Għawdex u kien is-seba' wild ta' ħdax.

3 Skont ir-rekords ta' Ellis Island New York, fejn kienu jiżbarkaw il-passiġieri lejn l-Amerka sa l-ewwel nofs tas-seklu l-ieħor, Clemente Vella wasal l-ewwel darba hemm fl-24 t' April 1911 wara li telaq minn Piraeus (Grecja) fuq il-vapur Grieg 'Patris' b'destinazzjoni għal għand ħabib tiegħu Carmelo Cuschieri f'San Francisco, Kalifornja ; http://www.libertyellisfoundation.org

4 Iż-żgħir, Abraham twieled f' Novembru 1910. Fir-ritratt ikalkulat li kellu xi sena. Apparti minn hekk, f' April 1911, il-missier Klement kien qiegħed l-Amerka. Probabilment dan ritratt li kien jieħdu l-omm bil-familji dak iż-żmien għal żwieġhom.

5 Ir- ritratt tal-missier Klement jidher superimpost fuq dak tal-familja. Anke x-xena differenti. Ir-ritratt mniżżel li ġie żviluppat fi San Francisco, California. Tindika l-preżenza tal-missier fl-Amerka f'dak il-perjodu.

6 [Misjuba f'Ottubru 2015, http://schoolnet.gov.mt/birzebbugia.a/school03.htm]

# AĠĠORNAMENT DWAR IL-*PIPE ORGAN* TAR-ROTUNDA

NOEL GALLO



Kif kulħadd jaf, bħalissa għaddej xogħol intensiv fuq il-bini tal-orgni l-ġdid għall-knisja parrokkjali tax-Xewkija, li fil-ġimgħat li ġejjin se jkun fostna biex jintrama fil-knisja u jsib postu wara l-artal maġġur.
Preżentament, numru sew ta' persuni minn diversi oqsma ta' snajja u inġinerija qed jaħdmu fuq il-partijiet varji li jiffurmaw l-orgni kollu, fejn ħafna minnhom huma lesti u oħrajn qegħdin fil-proċess għat-tlestija. Meta jkun kollox lest, l-orgni se jiġi magħqud u imtella f'sala biex jiġi finalment iċċekjat, ikkalibrat u jindaqq kollu għall-ewwel darba. Wara dan l-istadju, l-orgni jiġi żarmat kollu biċċa biċċa, u kull parti tiġi ppakjata f'kaxex apposta biex kollox ikun preparat għat-trasport fejn kollox jiġi mpoġġi f'kontejner u jiġi direttament mill-fabbrika għall-knisja. Kif il-kontejner jasal Għawdex, minnufih il-partijiet jiddaħlu fil-knisja u jibda x-xogħol tat-tpoġġija tal-orgni, fejn kull parti trid issib postha biex jiġi ffurmat l-orgni. Wara, jibda l-proċess tal-'voicing' fejn il-ħoss ta' kull kanna jiġi kkalibrat b'mod metikoluż, speċifikament għall-akustika tal-knisja. Finalment, wara dan il-proċess jibda l-intunar tal-kanen ukoll. Dan kollu jrid jieħu diversi ġimgħat biex jitlesta, u wara dan, l-orgni jista' jibda l-ħajja



tiegħu fil-knisja u biż-żmien il-ħoss jibqa' jimmatura. Wara ftit żmien ieħor, kif kollox ikun qagħad f'postu nkunu nistgħu nisimgħu l-glorja tiegħu.
Kif aċċennajt qabel, l-orgni huwa ffurmat minn diversi partijiet fejn insibu, ħamest imniefaħ u żewġ pompi biex jissuplixxu l-arja, il-bankuni li huma diversi kompartamenti tal-arja mgħammra b'valvi elettriċi u pnewmatiċi li jikkontrollaw l-arja għal mijiet ta' kanen. L-orgni, barra l-kanen li naraw fil-faċċata li huma funzjonanti wkoll, għandu ħafna kanen ġewwa li huma l-qofol ta' minn fejn joħroġ il-ħoss. Dawn huma magħmula minn diversi materjali bħaċ-ċomb, żingu, landa, bronż u injam li huma maqsuma f'settijiet (reġistri) fejn kull wieħed jipproduċi ħoss ta' strument differenti wieħed mill-ieħor b'tonalitajiet differenti wkoll. Hawn insibu wkoll ħsejjes ta' Flawt, Trumbetta, Oboe, Vjolin u oħrajn. Barra dawn il-partijiet insibu ukoll struttura interna biex il-partijiet joqogħdu fuqha,



il-kamra tal-espressjoni (Swell Box) fejn xi settijiet ta' kanen ikunu magħluqa ġo kamra mgħammra bi speċi ta' bibien persjani vertikali li jinfetħu u jingħalqu mill-organist, biex ikun hemm kontroll tal-volum tal-ħoss tal-kanen li joħroġ minn din il-parti tal-orgni. Insibu wkoll il-kondutturi tal-arja, is-sistema elettronika li tikkontrolla l-orgni kollu, set ta' 25 qanpiena tubulari (li se jkunu uniċi fil-gżejjer Maltin), żewġ 'consoles' minn fejn jindaqq l-orgni (l-'console' il-maġġura bi tlett tastieri bil-pedaliera u oħra iżgħar b'tastiera waħda għal użu ta' kuljum) u l-għamara, li tinkorpora l-orgni kollu. Tajjeb ngħid li oriġinarjament il-pjan kien li l-għamara kellha ssir mill-injam tal-'Oak', imma mal-proċess tax-xogħol rajna li l-injam 'Cherry' kien se jkun iżjed adattat bħala apparenza ġenerali u ħassejna li avolja dan l-injam jiswa ħafna iżjed għandna naħdmu bih, għax mhux biss ser jagħti dehra isbaħ iżda wkoll ħa jagħti iżjed preġġju u valur lill-orgni nnifsu.
L-orgni ġie speċifikament iddisinjat kollu għall-knisja

# Debrincat
## Wedding Carpets



**Carpets for any occasion.**

**Now you can also order floral decorations accompanying the carpets!**

**• 99853137 / 79020681**

# Electrical & Plumbing

***John Sciberras***

Liberty 45, Main Street
Xewkija - Gozo

Tel: 2155 7279
Mob: 9940 7902

# Revive
Beauty Salon

*Facials
*Body Treatments
*Waxing
*Manicures and Pedicures
*Gelish Nail Treatments
*Acrylic and Gel Nails
*Massages
*Eyelash Extensions
*Slimming Treatments

For More Info Contact
Rodlean Said
Guze D`Amato Str, Xewkija
7928 0565 / / 21560319

Cibtac and CIDESCO Qualified
Please like our Facebook Page:
Revive Beauty Salon.

# SPECIAL OFFER!



**FREE EYE TEST WITH PURCHASE OF FRAME & LENSES**

MARIO
DISPENSING OPTICIANS

Order Disposable Contact Lenses at Special Reduced Prices online:
www.mdogozo.com

GOZO OUTLET
57, Main Gate Street, Victoria VCT1340
Tel: 2155 6528, 2156 3331, 2754 3210
E-mail: info@mdogozo.com

B'KARA MALTA OUTLET
100, Naxxar Road, B'Kara BKR9046
Tel: 2149 4848, 2149 4849, 2749 4800
E-mail: birkirkara@mdogozo.com





parrokkjali tax-Xewkija, fejn l-iċken dettall ġie studjat fir-reqqa biex jinħareġ l-aħjar riżultat possibli minn kull aspett ta' ħoss u kif ukoll viżwali. Dan insibuh fid-disinn tal-għamara tal-orgni u tal-'Consoles' fejn wieħed jista' jinnota li l-partijiet tagħhom ġew ibbażati fuq l-arkitettura tal-knisja, kif ukoll l-ippjanar tal-parti fonika li jiġifieri l-ħsejjes u t-tip ta' kanen. L-ippjanar intern kien fih ħafna ħsieb ukoll peress li l-ispazju hu limitat biex jitpoġġa orgni ta' ċertu kobor, fejn anke kienu saru alterazzjonijiet strutturali fil-knisja biex jiġi akkomodat l-orgni b'mod integru.

L-orgni se jkun ġawhra fil-parroċċa li permezz tal-ħoss glorjuż tiegħu se jkompli jsebbaħ dan it-tempju daqshekk meqjum u jgħin lill-komunità tħossha iżjed qrib lejn id-Divin.

Nixtieq nieħu din l-opportunità biex nirringrazzja mill-qalb lil Arċipriet Mons. Daniel Xerri tal-għajnuna siewja tiegħu u wkoll nirringrazzja b'mod speċjali lil Mons. Carmelo Mercieca u lil Dun George Mercieca tal-fiduċja kbira li dejjem esprimew fija biex flimkien magħhom fassalt dan il-proġett daqshekk ambizzjuż u kbir.







TONY'S Marsalforn PHARMACY

Valley Road Marsalforn, Gozo.

Tel: 21563617

# SALVU ATTARD

*(Ta' Fantin)*

Sheet, Metal & Ferro Battuto

**"SamFrances", Mgarr Road,**
**Għajnsielem, Gozo**

**Tel/Fax: 2155 2516, Mob: 9986 8654**
**Email: tafantin@gmail.com**

Pastizzeria Agius

38, Manwala Str., Xewkija, Gozo.

Tel: 2155 9421

Mob: 7932 1176

GOZO VERTICALS & SHADES LTD.

DAVID COCCO PALMIERI STR.,
NADUR, GOZO, MALTA.

TEL: (+356) 21 553352
(+356) 21 562211
FAX: (+356) 21 562211
MOB: (+356) 7956 4861
(+356) 7755 0050

E-MAIL: INFO@GOZOVERTICALS.COM







Manufacturer of Vertical Blinds, Roller Blinds, Wooden and Aluminium Venetian blinds, Roman Blinds, Zebra Blinds, Insect and Solar Screens, Bamboo, Awnings, Canopies and Curtain rails.

# ... mid-Djarju TAL-PARROĊĊA ĠUNJU 2015 - MEJJU 2016

MATTHEW ATTARD

## ĠUNJU 2015

Il-Ħadd 7 ta' Ġunju - tlieta u għoxrin tifel u tifla rċivew lil Ġesu` f'qalbhom għall-ewwel darba.. L-Arċipriet, Mons. Carmelo Mercieca kkonċelebra l-Ewkaristija filwaqt li wara saret il-purċissjoni tal-Corpus mat-toroq tar-raħal tagħna.



Is-Sibt 13 ta' Ġunju - numru sabiħ ta' adoloxxenti ngħataw is-sagrament tal-Konfermazzjoni fil-Knisja Parrokjali tax-Xewkija minn idejn l-Isqof Mario Grech.

Is-Sibt 20 ta' Ġunju - tasal fil-parroċċa tagħna r-relikwa tad-driegħ ta' San Ġwann il-Battista akkumpanjata min- numru mdaqqas ta' persuni mill-komunita ta' Ragusa ġewwa Sqallija. Din ir-relikwa twasslet fil-pjazza tar-raħal eskortata min- numru sabiħ ta' muturi li telqu mill-Kappella tal-Ħniena u għaddew minn Triq San Bert.

Il-Ħadd 21 ta' Ġunju - Jum il-Festa 2015. Ċelebrazzjonijiet ta' tifkira f'għeluq il-170 sena mill-wasla ġewwa r-raħal tagħna tal-istatwa artistika u devota ta' San Ġwann il-Battista fl-1845, kapulavur fl-injam tal-iskultur Belti Pietru Pawl Azzopardi.

l-Erbgħa 24 ta' Ġunju - Is-Solennita` tat-twelid ta' San Ġwann il-Battista. Fil-knisja tagħna kor tat-tfajliet minn Seatle ġewwa l-Istati Uniti tal-Amerika anima bil-mużika sabiħa tiegħu l-Konċelebrazzjoni li waslet fi tmiemhom dawn il-jiem ta' festa għal din is-sena.

## AWWISSU 2015

Is-Sibt 29 t'Awwissu - Solennita` tal-Martirju ta' San Ġwann il-Battista. Ċelebrazzjoni immexxija minn Mons. Silvestro Magro Isqof ta' Benghazi ġewwa l-Libja. Niseġ il-paniġierku Patri Ronald Lofreda O. Carm.

Il-Ħadd 30 t' Awwissu. - L-ET Mons. Isqof Mario Grech iħabbar fi tmiem il-quddiesa tal-11.00am li kien qiegħed jaħtar lil Mons. Dun Daniel Xerri bħala l-ħmistax-il ragħaj spiritwali tal-parroċċa tagħna.

## SETTEMBRU 2015

Il-Ħadd 6 ta' Settembru - l-Arċipriet il-ġdid jagħmel l-ewwel omelija tiegħu fil-quddiesa tal-Ħadd li mexxa hu stess,

Il-Ħamis 10 ta' Settembru - Bdew il-laqgħat tal-Arċipriet il-ġdid ma' diversi għaqdiet tal-parroċċa.

Il- Ħamis 24 ta' Settembru - Iċċelebrata l-festa tal-Madonna tal-Ħniena b'konċelebrazzjoni immexxija mill-Isqof Mons. Mario Grech maġenb il-playinġ field fl-inħawi tal-Barmil. Qabel il-quddiesa saret purċissjoni bl-inkwatru tal-Madonna tal-Ħniena li telaq mill-Kappella tal-Madonna tal-Ħniena u ġie mdawwar mat-toroq tal-plots tal-Barmil.

## OTTUBRU 2015

Is-Sibt 3 t'Ottubru - Issir siegħa adorazzjoni immexxija minn Mons. Carmelo Mercieca b'radd il-ħajr lil Alla ta' dak kollu li għamel mal-parroċċa tagħna matul it-43 sena ta' parrokat tiegħu. Fi tmiem din l-adorazzjoni, l-Arċipriet Mons. Dun Daniel Xerri ta rigal ta' tifkira u ringrazzjament f'isem il-parroċċa lil Mons. Mercieca. Wara l-adorazzjoni fuq iz-zuntier sar festin ċkejken, fejn inqasam kejk u wara sar logħob tan-nar tal-ajru minn fuq il-każin.



Il-Ħadd 4 t'Ottubru - Mons. Carmelo Mercieca imexxi l-purċissjoni bl-istatwa tal-Madonna tar-Rużarju madwar it-toroq tal-parroċċa.

Is-Sibt 10 t'Ottubru - Mons. Carmelo Mercieca jingħata l-premju Anzjanita' Attiva` 2015. Mons. Carmelo Mercieca ingħażel minn fost numru

ST. JOHN'S
PHARMACY
Xewkija for all your daily
Medicinal, Surgical, Veterinary,
Costume jewellery & Cosmetic Requirements
Tel: 2156 3052



Only the best for you feet - Pulman

ST. JOHN'S
PHARMACY

Xewkija for all your daily
Medicinal, Surgical, Veterinary,
Costume jewellery & Cosmetic Requirements
Tel: 2156 3052



A SINGLE FLEA
CAN BITE YOUR
PET UP TO
400
TIMES A DAY

MID-DJARJU tal-parroċċa

mdaqqas ta' persuni nominati għal dan il-premju Nazzjonali. Dan il-premju ingħatalu bħala rikonoxximent għall-ħidma kontinwa u ta' siwi li hu ta għal diversi snin b'risq il-komunita` Għawdxija, speċjalment fost il-poplu Xewki.

Il-Ħadd 18 t'Ottubru - L-ewwel żjara ta' Mons. George Bugeja, Isqof Koadjatur ta'Tripli fil-parroċċa tagħna. Waqt din il-quddiesa li kienet iċċelebrata fil-jum iddedikat għall-missjoni, l-Isqof Bugeja ta l-mandat lill-katekisti tal-parroċċa tagħna.

Il-Ħadd 18 t'Ottubru - F'dan il-jum ukoll Mons.. Carmelo Mercieca jieħu l-pussess bħala Monsinjur Teologu fil-Kapitlu Katidrali. Din il-ħatra prestiġjuża saret ġewwa l-Katidral ta' Għawdex u għaliha attendew numru sabiħ ta' parruċċani Xewkin.

## NOVEMBRU 2015

Il-Ħadd 1 ta' Novembru - Fil-bidu tal-ġimgħa tal-pussess tiegħu bħala Arċipriet tax-Xewkija, Mons. Daniel Xerri, nhar il-Ħadd 1 ta' Novembru 2015 mar flimkien ma' ħafna Xewkin l-Isptar Ġenerali t' Għawdex biex jagħtu d-demm. Dan il-ġest ġie apprezzat ħafna mill-istaff tal-isptar li ħeġġu biex iżjed parroċċi jagħmlu dan l-att ta' karita` f'okkażjonijiet speċjali.

Il-Ġimgħa 8 ta' Novembru - saret Velja ta' talb bi tħejjija għall-pussess tal-Arċipriet il-ġdid. Din



tmexxiet minn Dun Richard Nazzareno Farrugia.
Il-Ħadd 8 ta' Novembru - Jum il-ħatra ta' Monsinjur Daniel Xerri bħala is-sitt Arċipriet tal-parroċċa tax-Xewkija. L-Arċipriet ingħata merħba mill-poplu, fejn ġie milqugħ fi Triq il-Mitħna, mal-wasla tiegħu fix-Xewkija. Wara beda korteo minn tarf Triq l-Indipendenza lejn il-Knisja Rotunda akkumpanjat mill-Banda Prekursur tax-Xewkija u mill-Banda Victory tax-Xagħra.

It-Tnejn, it-Tlieta u l-Erbgħa 9, 10 u 11 ta' Novembru - F'dawn it-tlett ijiem ta' wara l-Pussess, l-Arċipriet Daniel Xerri iltaqa` mal-parruċċani fid-Dar Parrokkjali fejn numru sabiħ ta' persuni marru jiltaqgħu miegħu biex jifirħulu u jawgurawlu.

Il-Ħadd 15 ta' Novembru - Inżammu l-Kwaranturi fil-parroċċa. Filgħaxija saret konċelebrazzjoni solenni immexxija mill-Isqof Mons. Mario Grech li wassal fi tmiemhom tlett ijiem ta' espożizzjoni Ewkaristika fil-knisja tagħna. Fi tmiem din il-Konċelebrazzjoni saret purċissjoni b' Ġesu` Sagramentat mat-toroq tas-soltu li tmexxiet mill-Arċipriet.

Il-Ġimgħa 27 ta' Novembru 2015 - fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija saret quddiesa fir-Rotunda b'sufraġju tal-parruċċani mejtin. Il-quddiesa saret fl-okkażjoni tat-337 sena mit-twaqqif tal-Parroċċa tax-Xewkija.

## DIĊEMBRU 2015

Il-Ġimgħa 11 ta' Diċembru 2015 - sar pellegrinaġġ mil-Kappella tal-Ħniena għall-Knisja Rotunda tax-Xewkija b'inkwatru ġdid tal-Ħniena Divina. Dan il-pellegrinaġġ sar bħala parti mill-bidu tal-Ġublew Qaddis u tmexxa mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri flimkien mas-saċerdoti Xewkin. Wara kien hemm



Konċelebrazzjoni fil-Knisja.
Mit-Tnejn 14 sa l-Erbgħa 23 ta' Diċembru - F'dawn il-jiem saret in-Novena tal-Milied li għal din is-sena ntgħażel is-suġġett dwar kif aħna l-insara nistgħu nerġgħu niskopru l-vera tifsira ta' Milied Nisrani.
Il-Ħamis 24 ta' Diċembru - wara l-purċissjoni bil-Bambin li tmexxiet mis-soċji tal-Mużew ittella' programm fil-knisja fejn saret play sabiħa mit-tfal u żgħażagħ li jattendu l-fergħa tal-Mużew tas-Subien. Wara, Gerald Bajada u Cornelia Mercieca animaw il-prietka tal-Milied ta' din is-sena li reġgħu irrepitewha ftit qabel ma bdiet il-quddiesa ta' nofsillejl.
Il-Ħadd 27 ta' Diċembru - Waqt il-quddiesa tat-8:30 Sr Magdalene mid-dar tas-Sorijiet tal-Ursolini irċeviet f' isem it-tfal li jgħixu ġewwa d-djar tagħhom, rigali li nġabru matul in-Novena mit-tfal tal-parroċċa tagħna.
It-Tnejn 28 ta' Diċembru - sar party tal-Milied għat-tfal u l-ġenituri ġewwa ċ-Ċentru Parrokjali. L-għajnuna ta' ħafna ġenituri fl-organiżazzjoni, kif ukoll fit-tqassim tal-ikel waqt il-festin għen biex din l-attivita` tkun suċċess. Kien hemm "face painting" u "balloon modelling" filwaqt li Father Christmas qassam il-ħelu u r-rigali lit-tfal. Sar ukoll xi logħob u l-adulti ħadu sehem fit-tombla.



## JANNAR 2016

Il-Ġimgħa 1 ta' Jannar - il-ġbir kollu li sar fil-quddies matul din l-ewwel ġurnata tas-sena mill-parroċċa tax-Xewkija b'risq id-dar tal-Providenza laħħaq is-somma ta' €2536.75. Dan l-ammont ġie ippreżentat flimkien ma' ammonti oħra miġbura minn parroċċi oħra Għawdxin mill-Isqof tagħna waqt programm televiżiv li kien imxandar fuq l-istazzjonijiet lokali.
Il-Ħadd 3 ta' Jannar - tħabbru r-rebbieħa tal-kompetizzjoni tal-isbaħ presepju Milied 2015. Il-parteċipanti kollha ngħataw tifkira tas-sehem u l-interess tagħhom fit-tħejjija tal-presepju matul dan il-Milied.

Il-Ġimgħa 15 ta' Jannar - ingħata bidu ta' Katekeżi fl-okkażjoni tas-Sena Ġubilari tal-Ħniena. Dawn il-laqgħat li bdew f'dan il-jum ser jibqgħu isiru matul din is-sena kollha f' kull tielet Ġimgħa tax-xahar.

## FRAR 2016

It-Tnejn 1 ta' Frar - fil-parroċċa tagħna saret iċ-ċelebrazzjoni tat-tberik tax-xema' tal-Gandlora. Peress li t-temp ma ppermettiex li din iċ-ċelebrazzjoni ssir fuq barra, il-funzjoni kellha ssir fuq wara tal-



knisja. Ingħatat xemgħa lil kull min attenda filwaqt li l-Arċipriet bierek dawn ix-xemgħat, l-abbatini, il-kleru u l-poplu daru mal-knisja bix-xemgħa tixgħel f'idejhom filwaqt li sar kant reliġjuż u qari tas-salmi.
Il-Ħamis 10 ta' Frar - f'dan il-jum ingħata bidu għar-Randan Imqaddes. Fil-5:15p.m saret konċelebrazzjoni fejn fiha l-Arċipriet għamel katekeżi qasira dwar dan iż-żmien qaddis. Dawn il-laqgħat ta' tagħlim li bdew f'dan il-jum komplew matul is-sitt ġimgħat tar-Randan b'katekeżi mill-Arċipriet għat-tfal u l-ġenituri.
Mit-Tnejn 22 sal-Ġimgħa 26 ta' Frar - Saru l-eżerċizzi għall-koppji miżżewġa. Dawn il-laqgħat tmexxew minn Fr Joseph Farrugia.

Mit-Tnejn 29 ta' Frar sal-Ġimgħa 3 ta' Marzu - Saru l-eżerċizzi għaż-żgħażagħ li mexxiehom Fr Joseph Curmi.

## MARZU 2016

Il-Ġimgħa 4 ta' Marzu - fl-okkażjoni tal- '24 siegħa għall-Mulej' li ried Papa Franġisku, il-parroċċa tagħna żammet lejl ta' adorazzjoni matul il-lejl ta' dan il-jum sas-sbieħ tal-għada is-Sibt 5 ta' Marzu.

Mit-Tnejn 7 sal-Ġimgħa 11 ta' Marzu - Saru l-eżerċizzi tar-Randan għan-nisa u l-irġiel. Mexxa dawn l-eżerċizzi patri Marcello Ghirlando.



Il-Ħamis 10 ta' Marzu – fil-parroċċa tagħna lqajna lis-seminaristi tad-Djoċesi tagħna li mexxew minuti ta' talb u adorazzjoni għall-vokazzjonijiet quddiem l-Ewkaristija.
Il-Ġimgħa 11 ta' Marzu - saret il-festa tar-Redentur ġewwa x-Xewkija. Il-Via Sagra u l-purċissjoni li kellhom isiru fi Triq San Bert tħassru minħabba l-maltemp u kellhom isiru fil-knisja. Għal din l-okkażjoni attenda Mons. Isqof Mario Grech fejn mexxa l-Via Sagra u wara kkonċelebra flimkien mas-saċerdoti tal-parroċċa.

Is-Sibt 12 ta' Marzu – sar programm ta' mużika sagra ġewwa l-knisja tagħna bl-isem "L-Akbar Ġrajja". Dan ittella' bis-sehem tal-Banda Prekursur taħt id-direzzjoni ta' Mro Anthony Borg filwaqt li Mario Borg qara xi poeżiji li kiteb huwa stess għal din is-serata.

Il-Ġimgħa 18 ta' Marzu - il-parroċċa tagħna fakkret is-Seba' Duluri ta' Ommna Marija Santissima. Fis-6.00p.m. saret Konċelebrazzjoni mmexxija minn Dun Noel Saliba flimkien ma' saċerdoti Xewkin fejn



wara bdiet ħierġa l-purċissjoni-peagent tad-Duluri. Fil-purċissjoni ħadu sehem mijiet ta' personaġġi flimkien mal-Banda Prekursur tax-Xewkija.

Il-Ħadd 20 ta' Marzu - il-parroċċa tagħna fetħet il-Ġimgħa Mqaddsa bil-funzjoni ta' Ħadd il-Palm. Sar it-tberik tal-palm u ż-żebbuġ quddiem id-dar parrokkjali, mill-Arċipriet Mons. Daniel Xerri. Wara telqet purċissjoni mid-dar tal-parroċċa sal-Knisja Rotunda akkumpanjata mit-tfal flimkien mal-poplu. Imbagħad fid-9.00am bdiet Konċelebrazzjoni li tmexxiet mill-Arċipriet flimkien ma' diversi saċerdoti Xewkin.

Il-Ħadd 27 ta' Marzu - Wara l-Konċelebrazzjoni Solenni mmexxija mill-Arċipriet saret purċissjoni bl-istatwa ta' Kristu Irxoxt mat-toroq tal-parroċċa.

F'din il-purċissjoni ħadet sehem il-Banda Prekursur flimkien mal-kleru, l-abbatini tal-parroċċa u numru ta' parruċċani.

## APRIL 2016

Il-Ħadd 3 t' April - Ġiet iċċelebrata l-festa tal-Ħniena Divina permezz ta' Siegħa Adorazzjoni Komunitarja. F'dan il-jum ukoll ir-Rothwell Temperence Band għamlet żjara lill-knisja tagħna bħala parti miż-żjara li kienet qed tagħmel f'pajjiżna..

L-Erbgħa, il-Ħamis u l-Ġimgħa 6, 7 u 8 t' April – il-parroċċa tagħna laqgħet l-istatwa ta' San Ġorġ



Preca li d-Djoċesi tagħna ikkomissjonat biex aktar 'l quddiem matul din is-sena ser titpoġġa quddiem il-knisja ta' San Ġakbu ġewwa r-Rabat.

Il-Ħamis 21 t' April - Bdew il-Ħamisijiet ta' San Ġwann. F'dan il-jum saret Konċelebrazzjoni fil-knisja par-rokkjali li għaliha attendew numru kbir ta' persuni fosthom ammont sabiħ ta' tfal flimkien mal-ġenituri tagħhom. Dawn il-Ħamisijiet ser jissoktaw fil-ġimgħat li ġejjin, biex permezz tagħhom, jgħinuna nħejju ruħna għall-festa ta' din is-sena.

## MEJJU 2016

Is-Sibt 7 ta'Mejju - Ingħata s-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni lit-tfal tal-parroċċa li għall-aħħar ta' dan ix-xahar ser jagħmlu l-Ewwel Tqarbina.

Il-Ħadd 8 ta'Mejju - Saret tifkira ta' Jum l-Omm fil-knisja. Diversi tfal ħadu sehem f'din il-funzjoni u ippreżentaw xi fjuri lill-Madonna.

Il-Ħadd 29 ta'Mejju - Tlieta u għoxrin tifel u tifla ingħataw is-Sagrament tal-Ewwel Tqarbina waqt konċelebrazzjoni li saret fil-knisja tagħna. Wara dawn it-tfal imxew proċessjonalment wara l-Ewkaristija Mqaddsa mat-toroq tal-Parroċċa li għaliha kienu akkumpanjati mill-ġenituri tagħhom, flimkien mal-kleru u diversi persuni oħra.






**JIKTBILNA MILL-GWATEMALA, DUN ĠUŻEPP CAMILLERI**





# TISLIMA *mill-Gwatemala*

### ĠIMGĦA TA'FESTA

Ninsabu f'ġimgħa ta' festa, nfakkru twelid il-Battista, ġrajja li seħħet iktar minn elfejn sena ilu, ġrajja li dejjem żammejnieha ħajja fostna u ta' kull sena nġeddu l-istess ferħ li ħassew il-qraba u l-ġirien fi twelid tal-Battista. X'nilmħu fit-toroq tagħna matul din il-ġimgħa ta' festa? Toroq imdawlin, bandalori mdendlin, ilsien il-qniepen jixxenglu ferħanin u l-banda Prekursur iddoq marċi brijużi fit-toroq tagħna mserpin. Ġimgħa ta' festa, ġimgħa li fiha nġeddu mħabbitna lejn il-qaddis li dejjem ħabbejna u li għad-dell tiegħu trabbejna.

### MIN HU L-BATTISTA?

Bniedem mibgħut minn Alla. Kulħadd feraħ fi twelidu, lkoll bdew jgħidu, mela x'għad ikun dan it-tifel, għax id il-Mulej kienet fuqu. Ċert, li dawn in-nies, ħasbu li meta jikber ser jieħu post missieru Żakkarija bħala saċerdot fit-tempju, iżda marru żmerċ, meta ndunaw li tefa' wara spallejh dak kollu li toffri d-dinja, l-Ispirtu tefgħu fid-deżert dan ġara qabel mad-dinja ġibditu lejjha biex hekk seta' jiġbed in-nies lejh.

### MA KIENX QASBA TIXXEJJER MA' KULL RIĦ

Ġwanni, kien bniedem xott fi kliemu, iva iva, le le. Qatt ma ħaseb li kien il-kelma, dejjem stqarr li kien il-ħabbar tal-kelma, qatt ma ħaseb li kien id-dawl, sempliċiment musbieħ. Stramb f'ilbiesu, kellu libsa tax-xahar tal-ġemel u ħżiem tal-ġild madwar ġenbejh. Kien żorr u qawwi fi kliemu, ma kienx qasba tixxejjer mar-riħ. Kulħadd kien jersaq lejh, minn Ġerusalem, mil-Lhudija kollha u mill-art kollha tal-Ġordan, ilkoll kienu jitgħaxqu bi kliemu fosthom Erodi. Dan kien jitpaxxa jisma' kliemu iżda dritt kien jinsa twissijietu.

### ĠIMGĦA TA' FESTA

Jirritornaw lejn ir-raħal tagħna, Xewkin mill-Awstralja, mill-Ingilterra, mill-Amerka u anke minn Gwatemala biex ilkoll inkunu għajta waħda. Viva il-Manjus Tagħna, għajta li dejjem għadha tidwi f'widnejja. Qatt ma ninsa l-ferħ f'uċuh il-fratelli bil-bnadar u x-xemgħat f'idejhom. Ejjew flimkien nagħmlu kuraġġ u nkunu vuċi waħda mingħajr tlaqliq bħalma kien Ġwanni tagħna li ma kienx jibża' jiddefendi 'l Alla. Kien bniedem ta' Kelma li l-Iva tiegħu kienet tibqa' Iva u l-Le tibqa' Le. Il-festa tiġi kull sena biex tressaqna mill-viċin ħafna lejn il-Ħajja ta' Ġwanni u biex aħna permezz ta' ħajtu ninbidlu biex bħalu bil-vuci tagħna, nistgħu nressqu nies lejn Alla kif kien jagħmel Ġwanni.

**VIVA L-MAGNUS**

**TAGĦNA.**





JIKTBILNA MILL-BRAŻIL, DUN SALV VELLA



# TISLIMA *mill-Brażil*



## Ġunju - Xahar ta' tliet festi fil-parroċċa tagħna

Dan ix-xahar iġib miegħu tliet festi fil-parroċċa. L-ewwel waħda hija dik tal-Qalb ta' Ġesù fl-ikbar komunità li għandna. Wara tigi l-festa ta' San Ġwann Battista, patrun tal-parroċċa u l-oħra ta' San Pietru li ssir f'komunità oħra.

Ħsibna li din is-sena ngħaqdu dawn il-festi mas-sena straordinarja tal-Ħniena. Għalhekk għamilna programm ibbażat fuq is-sagramenti bħala fonti tal-ħniena ta' Alla. Kull ġurnata jintgħażel sagrament, l-ewwel wieħed naturalment il-Magħmudija li hija konnessa ħafna ma' San Ġwann.

### Pentekoste

Din is-sena wkoll, l-isqof iddeċieda li din l-festa tiġi ċċelebrata b'mod aktar sollenni. Huwa stieden lill-krisimanti tad-djoċesi biex jiġu krezimati flimkien matul velja speċjali s-Sibt ta' Pentekoste. Huwa maħsub li jkun hemm aktar minn 500 persuna għall-Griżma tal-Isqof. Il-velja għandha tibda fit-tmienja ta' filgħaxija mbagħad tkompli sas-sitta ta' filgħodu. Ser jieħdu sehem gruppi mużikali li jakkumpanjaw il-kant u r-riflessjonijiet waqt il-velja.

Nagħlaq billi nawguralkom il-festa tajba, li din is-sena ser inkunu niċċelebrawha fl-istess ġurnata bħalma tkunu tagħmlu intom fix-Xewkija. Niftakru u nitolbu għal xulxin.



Ritratt: *Dun Salv flimkien mal-abbatini tal-parroċċa fl-okkażjoni tal-vestizzjoni ta' abbatini ġodda f'Mejju li għadda.*

## IR-ROTUNDA FIL-LISTA TAL-AQWA GĦAXAR POSTIJIET TA' PRESTIĠJU FIL-GŻEJJER MALTIN

TRAVELLERS' CHOICE™ tripadvisor®

Ir-Rotunda tagħna, ġawhra f'nofs ġżiritna hija l-unika attrazzjoni f'Għawdex, li sabet ruħha fil-lista tal-aqwa għaxar postijiet ta' prestiġju fil-gżejjer Maltin li wieħed għandu jżur. Dan joħroġ minn klassifika għas-sena 2016 li ħareġ is-sit tal-ivvjaġġar *Trip Advisor*. Fl-ewwel post insibu l-KonKatidral ta' San Ġwann, segwit mill-Forti Rinella, it-tempji ta' Ħaġar Qim u l-Katidral tal-Imdina.



# MONS. ALFRED GRIMA

## JTEMM IL-MISSJONI TIEGĦU FIL-PARROĊĊA TA' SAN ĠWANN FISHER ĠEWWA L-KANADA

Waqt żjara pastorali tiegħu ta' San Ġwann Fisher, f'Toronto fil-Kanada, l-Isqof ta' Għawdex Mons. Mario Grech il-Ġimgħa 13 ta' Mejju mexxa Quddiesa ta' Radd il-Ħajr fi tmiem il-mandat ta' Dun Alfred Grima bħala Kappillan ta' din l-istess parroċċa. Mons. Isqof sejjaħ lil Dun Alfred bħala "ragħaj bir-riħa tan-nagħaġ". Dun Alfred, li ilu saċerdot 48 sena, għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena serva bħala ragħaj spiritwali ta' din il-parroċċa Kanadiża.

L-Isqof ta' Għawdex qal li kif kien qrib ta' Dun Alfred meta fl-1994 ħalliet id-dinja l-għażiża ommu, hu ħass li kellu jkun qrib tiegħu f'dan il-mument emozzjonanti għalih meta wasal biex iħalli lill-familja parrokkjali tiegħu li hu ħabb bi mħabba ta' missier għal dawn is-snin kollha.

Monsinjur Alfred Grima twieled ix-Xewkija, Għawdex, fit-2 ta' Marzu 1941. Hu studja fis-Seminarju ta' Għawdex u ġie ordnat saċerdot mill-Isqof Nikol Ġ. Cauchi f'Mejju 1968. F'Settembru ta' dik is-sena ħalla Malta bħala saċerdot *fidei donum* lill-Arċidjoċesi ta' Toronto, il-Kanada, fejn intbagħat Viċi-Parroku fil-Parroċċa tat-Twelid ta' Sidna Ġesù Kristu (1968-1971). Serva wkoll fil-Parroċċi tal-Qaddisin Kollha, Etobicoke Ontario (1971-1976) u ta' San Girgor il-Kbir, Oshawa (1976-1981). Kien Kappillan tal-Parroċċa tal-Immakulata Kunċizzjoni f'Perry (1981-1991), fejn bena l-knisja preżenti, appartament għas-senior sitizens, u skola.

Mill-1991 sal-lum hu kien Kappillan tal-Parroċċa ta' San Ġwann Fisher fi Brampton, fejn irrestawra d-dar tal-parroċċa u l-istess knisja. B'għożża kbira tul dawn it-48 sena ħa ħsieb il-kura tal-erwieħ fl-Arċidjoċesi ta' Toronto, u rebaħ ir-rispett tal-komunitajiet kollha li hu qeda b'dedikazzjoni. Laqa' wkoll bosta familji ta' immigranti u għenhom jissetiljaw fil-belt ta' Toronto.

Hu offra wkoll il-possibbiltà lil għadd ta' saċerdoti minn Malta u Għawdex biex jesperjenzaw il-ħajja pastorali fil-Kanada, u ssapportja bosta istituzzjonijiet ta' karità fid-Djoċesi ta' Għawdex.



Swan
CARD GALLERY
CARDS | GIFTS | BOOKS | STATIONERY

**40A, Palm Street, Victoria, Gozo, VCT1307**
Tel: +356 2155 5811 Mob: +356 7955 5811
Email: swancard@go.net.mt

# Mir-Reġistri TAL-PARROĊĊA

## MINN ĠUNJU 2015 SA MEJJU 2016

### TFAL LI RĊIVEW L-EWWEL TQARBINA 2015

Subien: Jean Mikiel Attard, Charlon Azzopardi, Isaac Azzopardi, Carl Buttiġieġ, Jacob Engwall, Richard Formosa, Matthias Grima, Mark Vella, Jurgen Vella.

Bniet: Yanika Attard, Amy Bajada, Maronia Buttiġieġ, Martina Buttiġieġ, Yanika Cefai, Kiera Farrugia, Jade Muscat, Monique Pace, Miriana Rapa, Tatiana Sacco, Shaniya Spiteri, Michaela Saliba, Jasmine Spiteri, Roberta Xerri.

### TFAL LI RCIVEW IL-GRIŻMA TAL-ISQOF 2015

Subien: Christian Attard, Paul Axiak, Tristan Axiak, Troy Bugeja, Nathan Buttiġieġ, Bernard Camilleri, Alexander Manuel Cauchi, Francesco Farrugia, Rodian Grima, Jordan William Leadon, Gianni Mompalao, Marlon Pisani, Carlos Portelli, Andre' Refalo, Marjohn Saliba, Jacob Vella, Jeremy Vella, Jake Sultana.

Bniet: Antonella Agius, Hayley Attard, Ellie Axiaq, Bernardette Borg, Maria Pia Borg, Nicole Bugeja, Maria Giovanna Cordina, Christine Koloko Premiere, Martha Pace, Mariah Saliba, Shana Saliba, Lara Spiteri, Francesca Vella.

### INGĦAQDU FIS-SAGRAMENT TAŻ-ŻWIEĠ

| | |
|---|---|
| David Cini u Leeann Marie Grima | 23.05.15 |
| Dr Mark Abela u Pauline Agius | 06.06.15 |
| Joseph Farrugia u Marion Spiteri | 12.06.15 |
| Jason Attard u Chantelle Tabone | 27.06.15 |
| Johnny James Farrugia u Anne Marie Attard | 04.07.15 |
| Clayton Bellia u Lianne Azzopardi | 11.07.15 |
| Mario Cordina u Dorianne Cassar | 18.07.15 |
| Angelo Zerafa u Ritienne Debrincat | 14.08.15 |
| Warren Curmi u Nadine Grima | 08.08.15 |
| Adrian Mercieca u Adriana Azzopardi | 22.08.15 |
| Franco Joseph Scicluna u Amanda Vella | 12.09.15 |
| Brandon Formosa u Ramona Tabone | 19.09.15 |
| David Galea u Cheryl Cauchi | 12.12.15 |
| Mario Debrincat u Loretta Pace | 26.12.15 |

### MEMBRI ĠODDA FIL-KNISJA

| | |
|---|---|
| Nathan Sultana | 02.05.15 |
| Drew Pace | 09.05.15 |
| Ethan Gatt | 10.05.15 |
| Evan Zammit | 17.05.15 |
| Elisa Bugeja | 24.05.15 |
| Jake Sultana | 30.05.15 |
| Daniel Van Den Kallen | 27.06.15 |
| Stella Mercieca | 28.06.15 |
| Noah Formosa | 04.07.15 |
| Shaun Xuereb | 26.07.15 |
| Leeton Grech | 08.08.15 |
| Zac Pace | 22.08.15 |
| Eva Marie Scuccimarra | 29.08.15 |
| Amira Xuereb | 10.10.15 |
| Julia Vella | 25.10.15 |
| Andrea Marie Saliba | 10.01.16 |
| Emma Ann Gatt | 10.01.16 |
| Kayden Galea | 30.01.16 |
| Silvan Grech | 22.03.16 |
| Miguel Buttiġieġ | 27.03.16 |
| Lucas Spiteri | 03.04.16 |

### INGĦAQDU MAL-MULEJ FIS-SEMA

| | |
|---|---|
| Grazia Xerri | 09.07.15 |
| Pawla Azzopardi | 11.07.15 |
| Paul Portelli | 21.07.15 |
| Joseph Xuereb | 29.09.15 |
| Jake Sultana | 08.10.15 |
| John Vella | 24.10.15 |
| Maria Debono | 08.11.15 |
| Giorgia Vella | 13.12.15 |
| Jane Borg | 22.12.15 |
| Joseph Bonnici | 24.12.15 |
| Josephine Attard | 16.01.16 |
| Anna Sultana | 05.02.16 |
| Mary Jane Xerri | 19.02.16 |
| John Buttigieg | 22.02.16 |
| Wayne Michael Leadon | 19.03.16 |
| Pawla Vella | 02.04.16 |
| Maria Carmela Buttiġieġ | 29.04.16 |
| Karmnu Bugeja | 04.05.16 |
| Rita Saliba | 15.05.16 |
| M'Assunta Axiak | 19.05.16 |

## TFAL LI RĊIVEW L-EWWEL TQARBINA 2015



## ADOLOXXENTI LI RĊIVEW IL-GRIŻMA TAL-ISQOF 2015





RITRATTI: JOHN APAP

*Qed nippubblikaw it-tifkiriet ta' dawn ħutna li daħlu qabilna fl-eternità. Kienu l-għeżież qraba u ħbieb tagħhom li avviċinawna u wrew ix-xewqa tagħhom li jidhru f'din ir-rivista.*



**Grezzja Xerri**
9-7-2015 (82 sena)



**Pawla Azzopardi**
11-7-2015 (86 sena)



**Paul Portelli**
21-7-2015 (55 sena)



**Joe Xuereb**
29-9-2015 (46 sena)



**Jake Sultana**
8-10-2015 (7 xhur)



**John Vella**
24-10-2015 (69)



**Maria Debono**
8-11-2015 (91 sena)



**Ġorġa Vella**
13-12-2015 (75 sena)



**Jane Borg**
22-12-2015 (53 sena)



**Ġużepp Bonnici**
24-12-2015(82 sena)



**Ġuża Attard**
16-1-2016 (75 sena)



**Mariġwann Xerri**
19-2-2016 (79 sena)



**John Buttigieg**
22-2-2016 (93 sena)



**Wayne Michael Leadon**
4-4-2016



**Pawla Vella**
2-4-2016 (80 sena)



**Maria Carmela Buttigieg**
29-4-2016 (71 sena)



**Karmnu Bugeja**
4-5-2016 (76 sena)



**Rita Saliba**
15.05.16 (64sena)



**M'Assunta Axiak**
19.05.16 (78sena)

# Nifirħu lil...



**Miriam Rapa**
Doctor of Laws (Melit.)



**Mark Abela**
MRCP (UK) MRCP (London)
MSc Internal Medicine (Edin.)



**Dorianne Attard**
Master of Medical Science in Advanced Nursing Studies



**Pauline Abela**
Bachelor of Science (Hons.) in Health Science (Melit.)



**Marlon Vella**
Bachelor of Engineering (Hons.) in Electrical and Electronic Engineering (Melit.)



**Rodianne Grech**
Post Graduate Certificate (Teaching of Ethics in Schools)



## ARĊIPRIET EMERITUS MONS. CARMELO MERCIECA

**Maħtur Monsinjur Effettiv fil-Katidral ta' Għawdex**

Nhar il-Ħadd, 18 ta' Ottubru, 2015, l-Arċipriet Emeritu Mons. Carmelo Mercieca ġie mogħti l-pussess bħala Monsinjur Kanoniku Effettiv tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Għawdex, bl-uffiċċju ta' Teologu. Din in-nomina ġiet mogħtija b'digriet tal-E.T. Mons. Mario Grech, Isqof t'Għawdex, maħruġ mill-Kurja Veskovili fil-Belt Victoria, li jġib id-data tad-29 ta' Settembru 2015, festa tal-Arkanġli Mqaddsa. Fl-istess digriet jingħad li Mons. Carmelo Mercieca ġie mogħti din il-ħatra wara li l-E.T. Mons. Isqof Mario Grech qies id-dedikazzjoni tiegħu għall-Knisja matul it-tlieta u erbgħin sena ta' parrokat fil-Parroċċa ta' San Ġwann Battista fix-Xewkija. L-Isqof ordna wkoll lid-delegat tiegħu, r-Reverendu Arċidjaknu Mons. Giovanni B. Gauci sabiex, wara li l-imsemmi Mons. Carmelo Mercieca, fil-preżenza tiegħu, ikun ħa l-ġurament li josserva l-istatuti, d-drawwiet legittimi, kif ukoll, li jħares id-drittijiet tal-imsemmija Knisja Katidrali, jagħtih il-pussess tal-Kanonikat u tal-uffiċċju imsemmi.



## REBBIEĦ PREMJU ANZJANITÀ ATTIVA 2015

Waqt serata li saret apposta fil-11 ta' Ottubru 2015, l-Onor. Justyne Caruana, Segretarju Parlamentari għad-Drittijiet ta' Persuni b'Diżabilità u Anzjanità Attiva, ippreżentat il-premju Anzjanità Attiva 2015 lill-Monsinjur Carmelo Mercieca.

Il-premju Anzjanità Attiva huwa rikonoxximent annwali għal dawk li, għalkemm imżejna bis-snin, jirnexxilhom jimlew il-ħajja b'ħidma ta' siwi għalihom infushom u għal dawk ta' madwarhom. Kif qalet l-Onor. Caruana "dan mhux premju ta' xi tellieqa, imma għarfien lil min juri kuraġġ u determinazzjoni li ħajtu tibqa' tkun ta' fejda."

Fir-rigward tar-rebbieħ tal-premju tas-sena 2015, l-Onor Caruana stqarret "nistgħu ngħidu li Monsinjur Mercieca trabba u xjaħ fix-Xewkija, imma, minkejja l-età sabiħa tiegħu, ma

waqafx ikun ta' servizz fejjiedi lill-komunità kollha. Iktar u iktar li, minkejja li rtira minn Arċipriet, se jissokta jkun ta' servizz fejjiedi fil-Kapitlu tal-Katidral bħala Monsinjur Teologu. Barra dan, huwa se jaqdi wkoll id-dmirijiet ġodda tiegħu bħala Direttur Djoċesan għall-Missjonijiet. Ta' min jgħid li għall-ġenerazzjonijiet sħaħ Mons. Mercieca kien il-bniedem li dejjem jiftakru bħala Arċipriet tax-Xewkija fejn kien eżempju ħaj ta' fejda, żelu u enerġija kontinwa tul tlieta u erbgħin sena sħaħ."
Filwaqt li ferħet lill- Monsinjur Mercieca għal dan ir-rikonoxximent prestiġjuż, is-Segretarju Parlamentari Caruana kompliet tħeġġeġ lill-anzjani oħrajn biex jagħmlu kuraġġ u jsibu l-mezzi kif l-età mżejna bis-snin isservihom biex jibqgħu attivi u ta' fejda, għalihom infushom u għal dawk ta' madwarhom.
Wara li rċieva l-premju, f'kelmtejn qosra, Mons. Carmelo Mercieca rringrazzja lis-Segretarju Parlamentari u lill-Kumitat tal-fiduċja li wrew fih u stqarr li kien qed jilqa' dan il-premju f'isem il-Kappillani u l-Arċiprieti kollha li tant jaħdmu b'dedikazzjoni fil-komunitajiet tagħhom. Imbagħad, huwa qasam ftit ħsibijiet meħudin minn kwotazzjonijiet dwar l-ispirtu żagħżugħ fl-anzjanità attiva.
Min-naħa tagħna, f'isem ix-Xewkin kollha, aħna nifirħu lill-Arċipriet Emeritus Mons. Carmelo Mercieca għal dan l-unur prestiġjuż li kiseb. L-unur miksub ma kienx biss għalih innifsu, imma wkoll, għall-parroċċa tagħna, li huwa mexxa b'tant imħabba, għaqal, entużjażmu u dedikazzjoni għal 43 sena sħaħ!



## DUN ALFRED GRIMA
**Maħtur Monsinjur tal-Papa**

Waqt żjara li għamel lil Dun Alfred, fil-parroċċa tiegħu, dik ta' San Ġwann Fisher, f'Bramalea, Toronto fl-okkażjoni tal-irtirar tiegħu, l-Isqof Mons. Mario Grech, bħala sinjal ta' apprezzament u gratitudni għall-ħidma ministerjali tiegħu ħatru Monsinjur tal-Papa. Dun Alfred kien ilu jservi għal dawn l-aħħar ħamsa u għoxrin sena bħala ragħaj spiritwali ta' din l-istess parroċċa. Kif stqarr Mons. Isqof, wara li kkonsulta mal-Eminenza Tiegħu l-Kardinal Thomas Collins, Arċisqof ta' Toronto, hu qala' mingħand il-Papa Franġisku li Dun Alfred jingħata l-ġieħ ta' Kappillan tal-Qdusija Tiegħu bit-titlu ta' Monsinjur. Dan seħħ b'digriet tal-21 ta' April 2016. L-Isqof qal li Dun Alfred kien imżejjen bil-kwalitajiet sbieħ ta' qalb kbira li kapaċi tħobb lill-poplu u ta' saċerdot li jilqa' lil kulħadd bi ħlewwa, irrispettivament mill-isfond soċjali tiegħu. Għalhekk "il-Knisja hi midjuna lejh għas-servizz tad-deheb li ta".



## ĠOVANN BUTTIĠIEĠ
**Ġieħ ix-Xewkija 2015**

Din is-sena l-premju 'Ġieħ ix-Xewkija' mess lill-president tal-'Għaqda Armar Xewkija', is-Sur Ġovann Buttigieg. Huwa ġie magħżul b'votazzjoni bejn l-għaqdiet tax-Xewkija kif ukoll il-membri tal-Kunsill. Dan l-unur jingħata kull sena mill-Kunsill Lokali fl-okkażjoni ta' Jum ix-Xewkija.

Fl-istess serata ngħata għall-ewwel darba unur 'Ħidmet iż-Żgħażagħ' li ntrebaħ minn Charlon Buttigieg.



## MARIA PIA SALIBA
**Rebbieħa ta' tliet midalji fl-iSpecial Olympics**

Nifirħu lil Maria Pia Saliba, tfajla mix-Xewkija ta' sbatax –il sena li għamlet isem għaliha personali, għar-raħal tagħna u għal Għawdex meta f'April li għadda f'Ċipru, meta ħadet sehem fl-iSpecial Olympics rebħet tliet midalji fid-dixxiplina tal-għawm. L-għawwiema żagħżugħa rebħet il-bronż fil-50 metru backstroke, il-fidda fil-25 metru 'butterfly' u d-deheb fil-medley 4 x 50 metru. B'hekk Maria Pia hi l-unika atleta Għawdxija li qatt rebħet midalji fl-isfera internazzjonali.

Maria Pia ġiet rikonoxxuta wkoll bi premju speċjali waqt il-Gozo Sports Awards li nżammet is-Sibt 30 t'April 2016.

# MINN FUQ SPALLEJN MISSIERI

## (ANNIVERSARJU MILL-WASLA TAL-*Qniepen Ġodda* GĦALL-KNISJA ROTUNDA TAX-XEWKIJA)

Kont hemm, daqsxejn ta' tfajjel
niftakar, t'għaxar snin,
illum bix-xuxa bajda,
ngħodd ħamsa u tmenin.

Ilkoll b'uċuħ daħkana,
kulħadd bil-ferħ se jtir,
li ħolmu x-Xewkin kollha,
kien daqt sejjer isir.

Niftakar folla kbira,
tistenna l-vapur,
kulħadd bil-bnadar f'idu,
inkella b'xi maktur.

Kif tfaċċa s-sett tal-qniepen,
fuq trakk imgħobbijin,
trid tara x'festa għamilna,
fl-Imġarr aħna x-Xewkin.

Muturi u karozzi,
u żwiemel jimmarċjaw,
u x-xena ħdejn tal-'Ħniena',
għajnejja qatt ma raw.

W'għad-daqq tal-Innu Marċja,
mill-Banda Prekursur,
instema' ċapċip qawwi,
mill-poplu hemm miġbur.

U l-qniepen qabdu triqthom,
minn Triq San Bert għaddew,
lej' l-misraħ fejn għadd akbar,
ta' nies hemmhekk stennew.

U l-'Kbira' l-aħħar waħda,
miġbuda mix-Xewkin,
min jista' l-ferħ ifisser,
ta' qlubna dak il-ħin.

U ddendlu f'post imħejji
għalihom, ħdejn xulxin,
niftakar qisu l-bieraħ,
għalkemm għaddew tant snin.
Is-sen' elfejn u sitta,
ta' Ġunju s-seba' jum,
dil-ġrajja qatt ma ninsa,
sakemm din ħajti ddum.

U tlett ijiem sew wara,
mal-Isqof miġburin,
fil-misraħ is-sett qniepen ,
ġew minnu mberkin.

Niftakar lil missieri,
jerfagħni fuq spallejh,
biex nara kif jindaqqu,
b'idejja sew f'idejh.

Kemm smajthom sbieħ in-noti,
f'widnejja dakinhar,
qatt qabel ma smajt qniepen,
jindaqqu mhux f'kampnar.

U bqajt sal-lum imxennaq,
għalkemm għaddew tant snin,
kuljum kont nitla' l-misraħ,
sakemm saħħti bdiet tnin.

U llum mixħut fis-sodda ,
u dejjem maqful ġew,
'mma l' Alla nirringrazzja,
tas-smigħ li għadu sew,

biex nisma l-ħoss hekk ħlejju,
tal-qniepen mill-kampnar,
u nerġa' jien niftakar,
kif smajthom dakinhar,

minn fuq spallejn missieri,
miżmum jien minnu sew,
u xħin it-tokki nisma' ,
bid-dmugħ l-għajnejn jimtlew.

Għaddew minn din il-ġrajja,
sebgħin u ħames snin,
u ħafna milli konna ,
fil-pjazza dak il-ħin,

illum m'għadhomx magħn' aktar,
ħallew dal-wied tad-dmugħ,
u wieħed wara l-ieħor,
raddew lil Alla r-ruħ.

U l-qniepen l' huma ġabu,
fir-raħal li ħabbew,
sellmulhom wieħed wieħed,
kif lejn ħajj' oħra għaddew.

jien ukoll nistenna,
iż-żmien tat-tluq daqt sar,
qatt aktar ma nismagħhom,
kif smajthom dakinhar

Minn fuq spallejn missieri,
u li għal ħafna snin,
nitwennes kont nismagħhom,
ifakkru lili l-ħin,

ta' għodwa oħra ġdida,
jew daqt li l-jum intemm,
nissluli l-ferħ fil-festi,
u qasmu miegħi l-hemm,

ħeġġewni biex qrib nersaq,
lejn Kristu s-Salvatur,
kif ġewwa x-xagħri għamel,
San Ġwann il-Prekursur.

Mario Borg
10 ta' Ġunju 2016









F'din il-poeżija l-awtur qed jimmaġina li għaddew 75 sena mill-wasla tal-qniepen fix-Xewkija (u mhux 10 snin, kif għaddew tassew 2006-2016). L-awtur qed jirrakkonta din il-ġrajja minn eta' fittizzja ta' ħamsa u tmenin sena u qed jaqsam mal-qarrejja t-tifkiriet tiegħu ta' dak inhar (meta hu taparsi kellu 10 snin) u esperjenzi oħra li seħħew bejn Ġunju 2006 u Ġunju 2016, data ukoll fittizzja iżda li nkitbet hekk biex tkompli tagħmel din il-biċċa xogħol tidher aktar realistika.

# Vella Bros. Ready Mix Ltd.
# (Tal- Malla)

## Concrete Supplies - Construction - Property

Triq it- Torri Gorgun,
Ix-Xewkija, XWK 2252

21555340
99495157/99435099
vellabrothers@gmail.com
facebook.com/vellabros






# R.A. & SONS®
## MANUFACTURING LTD

## For all your home needs



# Problem?







# No Problem?




**Gozo:** RA and Sons, Gruwa Street, Xewkija, Gozo

**Malta:** Unit 24, Hardrocks Industrial Estate, Burmarrad

**Contact:** 21556722 | 21559369 | www.rasonsltd.com